

# Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880

# Festa 2017


Telstar
BUTCHER
Call us on
2189 7927 or 7920 2630
Fresh, Local
Pure Beef
Burgers
Large selection of BBQ items
150gr
of pure beef
200gr
of pure beef
250gr
of pure beef
like us on
facebook



*Il-Martirju ta' Sant'Andrija*
*Jean II Restout (1692 - 1768)*

# Innu
# Lill-Banda L-Unjoni

Fost il-ferħ int twelidt banda tagħna
Kollok hena, ferħ u ġieħ
Aħna lkoll flimkien insellmu ferħanin
B'dan l-innu wisq ferrieħ.

Inti magħna turi l-qima
Lill-Appostlu Sant'Andrija
Bħalna tifraħ bid-daqq ħelu
Tagħtih ġieħ b'qalb ferriħija.

Ilkoll ferħanin f'dal-jum kollu ferħ u sabiħ
Inxerrdu bil-qalb
B'leħinna dan l-innu ferrieħ
Ejjew Ħalluqin
Mal-banda ta' dan il-każin
Insellmu bil-ferħ u l-ġieħ
Lill-Qaddis tagħna ferħanin.

**Versi – Dun Frans Camilleri**
**Mużika – Joseph Abela Scolaro**

**SOĊJETÀ FILARMONIKA**
**L-UNJONI A.D. 1880**
'Palazz Sant'Andrija'
90, Triq Sant'Andrija,
Luqa
Tel: 21676583
**www.unionbandmalta.org**

**FESTA 2017**

**Bord Editorjali**

**Editur**
Neil Zammit

**Membri**
Joseph Piscopo
Clifford Micallef
Raoul Briffa

**Qari tal-Provi**
Neil Zammit

**Ġbir ta' Reklami**
Clifford Micallef
Malcolm Muscat
Andrew Aquilina
James Ciappara
Joe Aquilina
Lawrence Cassar
Sandro Farrugia
Gareth Galdes
Tano Spiteri

**Ritratti**
Emanuel Cauchi, Massimo Cassar,
Neil Zammit, Kevin Camilleri,
Andrè Farrugia, Salvu Sant,
Raoul Briffa, Patrick Muxi,
Joe Costa, Clayton Grech, Joseph Piscopo,
Henry Spiteri, Graziella Ciappara,
Kurt Law, Dominic Theuma
Sit Uffiċjali tal-Parroċċa
www.luqaparish.com
Paġni fuq Facebook
tal-Parroċċa u tal-Każin
Arkivji tal-Każin




**Ritratt tal-Qoxra**
*Il-Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu*
*Paolo Camilleri Cauchi (2016)*

# Werrej

Messaġġ mill-President ........ 11
Messaġġ tas-Segretarju ........ 19
Messaġġ tal-Kaxxier ........ 27
Messaġġ mis-Surmast Direttur ........ 35
Bandisti ġodda mal-Filarmonika *L'Unione* ........ 39
Messaġġ tal-Kapillan ........ 43
Messaġġ mis-Sindku ........ 47
Messaġġ mill-Assistent Surmast ........ 49
Ħidmet is-Sezzjoni Armar ........ 53
Messaġġ mil-Licensee ........ 57
Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa ........ 61
Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri ........ 63
Radju Sant'Andrija ........ 65
Messaġġ mill-Viċi Parroku ........ 69
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda ........ 71
Nifirħu lill- ........ 73
Il-Qawwa tal-Edukazzjoni Mużikali ........ 75
Inawgurazzjoni tas-Sala Prof. Charles E. Zammit ........ 77
Tristis Est Anima Mea ........ 81
Programm Festa 2017 ........ 97
Festa Liturġika f'ġieħ Sant'Andrija Appostlu ........ 113
L-Iżvilupp tal-Mużika Sagra Tul is-Sekli ........ 117
Master Classes għall-Bandisti u l-Istudenti tal-Filarmonika *L'Unione* ........ 121
Cordis Salutatio ........ 135
Sehem il-Filarmonika *L'Unione* fil-Purċissjoni Solenni tal-Ġimgħa l-Kbira ........ 139
Żewġ Kunċerti bis-sehem tal-Istudenti fi ħdan is-Soċjetà *L'Unione* ........ 143
Wirjiet ġewwa s-Sede tas-Soċjetà L-Unjoni ........ 149
Restawr fuq l-Ewwel Standard tal-Filarmonika *L'Unione* ........ 155
Żewġ Għotjiet Imprezzabbli lis-Soċjetà *L'Unione* ........ 157
Ix-Xogħol fuq l-Estensjoni tal-Kamra tan-Nar Sant'Andrija ........ 161
Iż-Żgħażagħ fil-Qalba ........ 163
Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri ........ 165
Radju Sant'Andrija ........ 171
Ħal Luqa fi Żmieni ........ 173
Il-Vara tal-Beata Verġni Marija ........ 189
Ħal Luqa u l-Gwerra: 75 sena wara ........ 195
Sant'Andrija fil-Bażilka ta' Birkirkara ........ 201
Il-Banda L-Unjoni ssellem lir-Reġina Eliżabetta II ........ 209
Il-Mawra tal-Banda L-Unjoni ġewwa Amalfi u l-Vatikan ........ 213
X'Qalu ta' Ħal Luqa ........ 219
Tessie Farrugia ........ 221
Għaxar Snin mir-Rebħ tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art ........ 233
L-Innu Marċ Sant'Andrea Apostolo jagħlaq 125 sena ........ 235
L-Orgni tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa jagħlaq Ħamsin Sena ........ 237
Id-Dfin f'Ħal Luqa ........ 240
Il-Verżjoni bil-Malti tal-*Acta Andreae* ........ 244
Mat-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija… ........ 249
Għeluq il-75 Sena mill-Mewt tas-Surmast Ferdinando Camilleri ........ 255
Tagħrif Storiku dwar Ħal Luqa ........ 256
Sant'Andrija u s-Salib ........ 258
L-Arti Sagra fil-Knisja Parrokkjali Tagħna ........ 260
Andrija l-Ewwel Appostlu ........ 263
Luqa Saint Andrew's FC ........ 265
Sptar San Vinċenz ........ 266
Sant'Andrija u L-Anġlu ........ 269
Tislima lil Tusè Mallia ........ 270
Obitwarju ........ 272


TESOR
JEWELLERY & GIFTS
Unique as you are...
Photo: cngfotography
We offer a large variety of Wedding Rings and Engagement Rings and Occasion Jewellery
Carmel Street, Luqa LQA 1131 (opp. LIDL). OPEN ALL DAY
Tel/Fax: +356 2125 7507
Email: info@tesor.com.mt
Web: tesor.com.mt





Kumitat 2017-2019

# Kumitat 2017-2019

**Presidenti Onorarji**
L-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., *Arċisqof Emeritu ta' Malta,* Dott. Manuel Mallia *L.L.D.,*
Lino Abela Scolaro, Carmelo Psaila, Carmel Spiteri, Salvu Spiteri, Frank Ciappara, Joe Mizzi,
Carmelo Penza, Francis Magri, Charles Camilleri, Twanny Camilleri, Carmelo Camilleri,
Emmanuel Magri, Joe Faenza, Antoinette Fava (née Camilleri)

**Membri Onorarji**
Donna Carmen Vella Haber, Joseph Brincat, John Camilleri,
Twanny Ellul, Francis Costa, Alex Spiteri, Paul Fiorentino, Lino Cremona, Dr Jamie H. Cremona,
Charles Cremona, Paul Cremona, Raymond Penza, Joseph Camilleri, Mario Cardona,
Andrew Vella, Andrew Cassar, Anthony Brincat, Lorry Sammut, Andrew Camilleri, Patrick Muxi

**Surmast Emeritus**
Prof. Charles E. Zammit Ph.D.

**Segretarju**
James Ciappara

**President**
Joseph Piscopo
*B.Accty(Hons), CPA, FIA, M.Sc.*

**Kaxxier**
Clifford Micallef

**Asst. Segretarju**
Joe Aquilina

**Viċi President**
Lawrence Cassar

**Asst. Kaxxier**
Malcolm Muscat

**Arkivista**
Neil Zammit *B.Accty (Hons), CPA, MIA,*
*A.L.C.M, A.Mus.L.C.M,*
*L.Mus.LCM, A.L.C.M (Comp.)*

**Membri**
Dione Degabriele
Sandro Farrugia
Eman Cachia

**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**
Raoul Briffa

**Kuratur**
Andrew Aquilina

**Assistent Surmast**
**u Direttur Tagħlim Mużikali**
Norbert Camilleri *A.L.C.M, L.V.C.M.*
*L.Mus, L.C.M. Dip. Sacred Music*

**Delegat tas-Soċi**
Jonathan Costa

**Delegat tal-Banda**
Joseph Bezzina *B.Ed (Hons), MA (Leeds)*

**Direttur Spiritwali**
Wisq Rev. Dun Gordon Refalo

**Surmast Direttur**
John D. Zammit
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M.,*
*(T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*

**Għalliem tal-Allievi**
Victor Borg

Il-Bottegin tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
Carmel, Guinevere u l-familja
jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Ħalluqin kollha,
b'mod speċjali lill-Partitarji Ajklieri.

Il-bar ikun miftuħ kuljum
mit-3.00pm 'l quddiem fost il-ġimgħa
u l-ġurnata kollha Sibtijiet, Ħdud u festi.

Joffri appitiżers ġenwini u jiġu organizzati
ikliet bejn il-ħbieb bħal fenkati u riċivimenti
bi prezzijiet raġonevoli.





## SF SERVICES & MAINTENANCE

Għal kull tip ta' manutenzjoni
u service fuq liftijiet ta' kull tip

**Mob: 9932 6210**

Email: marfarpace@yahoo.com

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD






# Messaġġ mill-President

**Joseph Piscopo**
*B.Accty (Hons), CPA. FIA, MSc*



Għeżież Ħalluqin,

It-tmiem tax-xahar ta' Ġunju jġib miegħu l-festa tal-patrun tagħna Sant'Andrija Appostlu u għalhekk qed jerġa' jiġi f'idejkom dan il-ktieb maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni bħala tifkira tal-festa ta' din is-sena.

Mill-festa tas-sena l-oħra li għaddiet 'il hawn, is-Soċjetà tagħna kienet impenjata f'diversi aspetti li żammewha attiva, l-aktar f'dak li hu l-aspett mużikali. Sa mill-bidu tas-sena li għaddiet, il-ħidma mużikali kienet iffokata fuq kunċert mużikali b'tema sagra, liema kunċert sar b'suċċess kbir, bl-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Arti, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa nhar l-1 ta' April 2017. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalina li wara ħidma kbira minn diversi individwi tara kummenti tassew pożittivi fuq il-media soċjali. Is-sodisfazzjon ikun akbar meta dawn il-kummenti jkunu ġejjin minn mużiċisti professjonali li mdorrijin jieħdu sehem f'kunċerti ma' diversi orkestri u baned.

Filwaqt li kienet għaddejja l-ħidma fuq dan il-kunċert saru diversi attivitajiet oħra fil-qasam mużikali, uħud minnhom għall-ewwel darba, bħal marċ li sar nhar il-festa liturġika ta' Sant'Andrija, l-Family Concert li sar fl-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa, *seminar* fuq il-mużika sagra, *masterclasses* għall-bandisti tagħna, il-parteċipazzjoni fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira eċċ. Ta' min jgħid wkoll li din is-sena ħriġna CD b'marċi funebri li ntlaqgħet tajjeb minn dawk li jħobbu din il-mużika. Barraminnhekk, baqa' għaddej it-tagħlim mużikali li din is-sena ser iwassal sabiex seba' studenti joħorġu jdoqqu mal-Banda L-Unjoni.

Sodisfazzjon li kellna sena ilu kien fil-qasam tal-piroteknika. Dan għaliex f'Lulju 2016 irnexxielna nġibu l-permessi neċessarji sabiex nagħmlu l-estensjoni tal-kumpless tan-nar tagħna sabiex ikunu konformi mal-liġijiet li jirregolaw dan il-qasam. Din l-estensjoni tinvolvi l-bini tal-imħażen kif ukoll it-titjib tal-kumpless preżenti. Wara li skada ż-żmien li fih setgħu jitressqu l-appelli tax-xogħol beda immedjatament minn diversi individwi li xammru l-kmiem u fis-sħana tas-sajf u fil-ġranet tax-xitwa baqgħu għaddejjin bil-ħidma sabiex dak li kien fuq il-karta isir realtà. Minn hawn nirringrazzja lil dawk kollha li għenu f'din il-ħidma, lil dawk il-kuntratturi li taw l-appoġġ tagħhom kif ukoll dawk li għenu billi daħlu jdejhom fil-but. Kif wieħed jista' jimmaġina l-ħidma fuq dan il-proġett, għalkemm tinsab avvanzata, għada mhux kompluta. Ovvjament dan

CONSTRUCT
FURNITURE





# LOCALLY MANUFACTURED

Free delivery to Malta and Gozo

40, Industrial Estate Luqa, LQA 3000
21220610, 21257029, 21257030

Open from Monday to Friday, 9.00am - 7.00pm
& Saturday , 9.00am - 1.00pm







V. Spiteri

# VSS

& Sons Ent. Ltd.





**TRANSPORT SERVICE:** Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749    Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt

ser iwassal sabiex il-Kamra tan-Nar tagħna ma tkunx tista' tieħu sehem b'mod sħiħ. Pero żgur li wara li jitlesta' dan ix-xogħol kollu ser ikollna kumpless tan-nar sigur fejn dawn id-dilettanti jistgħu jaħdmu. Minn hawn nappella għal aktar ġenerożità għax kif wieħed jista' jobsor l-ispiża finanzjarja hi pjuttost qawwija.

Rigward l-armar din is-sena tkompliet il-ħidma fuq il-pedestall tal-martirju bil-ħidma fuq l-induratura, l-iskultura, it-tarġa ta' taħt u xogħol ieħor. Matul is-sena sar ukoll restawr fuq l-anġli li jintramaw fi Triq Sant'Andrija li sofrew diversi ħsarat fil-festa tas-sena li għaddiet minħabba l-maltemp li għamel ġimgħa qabel il-festa. Barraminnhekk il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017, wara l-programm mużikali tal-festa, ser jiġi inawgurat proġett ġdid għall-Pjazza Sant'Andrija.

Għal darb'oħra, matul is-sena kellna l-wirja tal-Presepju, li ħa l-ewwel premju fil-kategorija ta' presepji statiċi kbar fuq stil Bibbliku, kif ukoll il-wirja marbuta maż-żmien tal-Ġimgħa l-Mqaddsa. Wirja oħra li kellna fis-sede tas-Soċjetà kienet dwar l-arti marbuta ma' Sant'Andrija fejn kellna diversi statwi artistiċi ta' livell, pitturi u inċiżjonijiet lkoll minn kollezzjonijiet privati. Din kienet organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ, li ta' min jgħid li matul din is-sena rat demm ġdid fil-Kumitat tagħha u li din is-sena qed tagħlaq għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Attivitajiet oħra kienu dawk soċjali organizzati mis-Sezzjoni Nisa tas-Soċjetà tagħna, liema attivitajiet ikunu ta' sostenn finanzjarju għall-ħidma tagħna.

Anniversarju ieħor li din is-sena qed infakkru hu dak tar-Radju tal-komunità mmexxi mis-Soċjetà: Radju Sant'Andrija. Dan ir-radju din is-sena qed jagħlaq għaxar snin minn meta trasmetta l-ewwel darba. Ta' min jgħid li f'Novembru li għadda sar ħafna xogħol fuq l-*istudio* li għandna mill-grupp tar-Radju. Ovvjament issa ser ikollna skeda ta' xandir minn Ġunju li twassalna sal-festa.

F'dak li hu xogħol fis-sede tas-Soċjetà, Palazz Sant'Andrija, f'Diċembru 2016 inawgurajna s-sala tal-provi tal-Banda li ġiet ko-finanzjata minn fondi Ewropej u li ġiet iddedikata b'rispett lill-ex-Surmast tal-Banda tagħna l-Profs. Charles Zammit Ph.D. Din is-sala qed toffri ambjent sabiħ u professjonali fejn isiru l-provi u t-tagħlim mużikali. Barraminnhekk irnexxielna nġibu fondi għar-restawr tal-ewwel standard tal-Banda tagħna mill-*Good Causes Fund*, liema restawr qed isir mid-ditta *ReCoop*.

Kif wieħed jista' jara s-Soċjetà tagħna mhix impenjata fl-ġranet tal-festa biss imma hi waħda ħajja tul is-sena kollha bis-saħħa ta' diversi individwi li joffru ħinhom u t-talenti tagħhom. Is-sabiħ ta' Soċjetà bħal tagħna hu li nies b'talenti u ħiliet differenti naħdmu flimkien għal għan wieħed. Għalkemm dan kollu jsir fil-ħin liberu, ix-xogħol isir b'passjoni u għalhekk il-prodott finali jkun wieħed ta' livell.

Finalment nagħlaq dan il-messaġġ annwali tiegħi billi nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kumitat, lill-membri kollha tas-Sezzjonijiet tas-Soċjetà, lis-Surmast John David Zammit u l-Assistent tiegħu Norbert Camilleri u lil dawk kollha li jagħtuna l-appoġġ tagħhom b'mod jew ieħor matul is-sena kollha. Nawgura l-festa t-tajba lil Ħalluqin kollha!


GORI
BUTCHER
Jispeċjalizza fil bejgħ ta :
◆Ċanga Friska
◆Majjal
◆Laħam Tal - Friża
◆ZALZETT Frisk Malti
15A, triq Santa Marija,
Ħal Luqa ✆21678484
GORI
BUTCHER


VISION 2000
SCULPTING GEL
NOW AVAILABLE IN TWO SIZES;
200ML IN A TUBE
AND THE ORIGINAL
500ML JAR
Available only from hair salons.
If you own a hair salon and wish to stock
Vision 2000 sculpting gel, please call Ray on
21665882 / 99407462
FOR IMMEDIATE DELIVERY!
Vision
2000
SALON PROFESSIONAL
SCULPTING
GEL
200ml ℮
500ml ℮


Magnus Andreas Apostolus


St.Andrew's Street,
Luqa (Luqa Square)
PAC MAN'S
TAKE AWAY
21806055
79806055
Open Monday till Sunday
from 5pm till 11:30pm
Tuesdays closed all day
Open on public holidays
exquisite ... fresh ... affordable
FREE HOME DELIVERY SERVICE !!
FREE
1.5L Pepsi
Offer available every
day on orders over €25
Friday, Saturday & Sunday,
a €2 charge applies on orders less than €15.
Luqa free delivery on any order. Last order by 11pm.




# Messaġġ tas-Segretarju

**James Ciappara**



Din hija sena partikolari għas-Soċjetà tagħna, għaliex hemm numru ta' okkażjonijiet li qegħdin jiġu kkommemmorati u li għamlu unur għalina lkoll.

Fil-fatt din is-sena jaħbat l-għeluq l-għoxrin sena minn meta l-banda tagħna għamlet l-ewwel vjaġġ tagħha barra l-pajjiż, eżattament ġewwa Amalfi fejn il-Banda kienet impenjata ddoqq għall-festa ta' Sant'Andrija ġewwa l-istess post, fejn ukoll barra li tat is-sehem tagħha fil-festa, tellgħet ukoll kunċert ġewwa l-belt ta' Scala kif ukoll marret ġewwa l-Vatikan eżattament ġewwa Sala Nervi għall-udjenza mal-Papa Ġwanni Pawlu II. Minn dik l-udjenza kollha li l-Papa kellu quddiemu stieden lill-Banda L-Unjoni sabiex titla' fuq il-palk prinċipali sabiex jawgura lill-bandisti u l-kumitat. Hawnhekk ġew reċiprokati wkoll ir-rigali, fejn aħna irregalajna kwadru tal-Patrun tagħna Sant'Andrija u l-Papa irregalalna l-karlotta li kellu f'rasu li għada merfugħa b'għożża ġewwa s-sala tas-Soċjetà. Hekk kif kulħadd ħareġ minn ġewwa Sala Nervi, bl-entużjażmu li kulħadd kellu, bdejna ndoqqu ġewwa l-pjazza tal-Vatikan ukoll, fejn wara li daqqejna xi marċi, ġejna avviċinati mill-gwardja sabiex ma ndoqqux iżjed! Din kienet waħda mill-isbaħ esperjenzi għal kull min kien preżenti f'dik il-ġurnata hekk storika u li se tibqa' mnaqqxa b'tant għożża minn din is-Soċjetà.

Din is-sena jaħbat ukoll l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tar-radju tal-komunità, Radju Sant'Andrija, li kif jaf kulħadd kellu effett pożittiv, speċjalment għal dawk kollha li għal raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu joħorġu minn ġo djarhom, kif ukoll għal ħutna l-emigranti. Dan ir-radju tista' tgħid li jwassal kull ħaġa li tiġri fil-festa tar-raħal, kemm dik interna kif ukoll dik esterna. Kienu għaxar snin ta' suċċess, u minn hawn nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kellhom x'jaqsmu ma' dan ir-Radju, li sal-lum għadhom jaħdmu sabiex ikomplu joħorġu l-aħjar prodott li jistgħu.

Din is-sena wkoll jaħbat għeluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri ġewwa l-każin tagħna, sezzjoni oħra li taħdem dejjem għall-ġid taż-żgħażagħ fil-komunità kif ukoll taħdem ħafna għall-festa tar-raħal. Din is-sezzjoni hi l-futur tas-Soċjetà għax dawn iż-żgħażagħ 'il quddiem iridu jkunu fit-tmun sabiex din is-Soċjetà li llum għandha 137 sena tkompli miexja fid-direzzjoni t-tajba.

Ma nistax ma nsemmix ukoll l-għaxar anniversarju minn meta l-Kamra tan-Nar






Whether you are travelling, shopping or dining, a BOV Card gives you the convenience and flexibility you need.

*Terms and conditions apply.*

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta

CitySightseeing Malta



CHARTER a DOUBLE DECKER!

**Organise your special occasion on one of our double deckers!**
**Ideal for any celebration such as...**
**Football, Feasts, Bachelor / Hens Parties, Graduations ecc...**

City Sightseeing Malta Ltd, 164/165, Industrial Estate, Luqa, Malta
Web: www.citysightseeing.com.mt • Email: info@citysightseeing.com.mt
• Tel: +356 2010 2090 • Mob: 99822416




FOR YOUR SECURITY & COMFORT

DAR SERVICES LIMITED

- INTRUDER ALARMS
- CCTV SYSTEMS
- FIRE ALARMS & FIRE DOORS
- FIRE EXTINGUISHERS
- AIR CONDITIONING

info@darservicesmalta.com 7900 3388
www.darservicesmalta.com 2166 8022

# B&G
# Hardware Store




**St Thomas Str, Luqa**

**Tel: 2767 5362  Email: bandg@onvol.net**

**Mob: 9987 4609   9987 1859**

Sant'Andrija rebħet l-ewwel kompetizzjoni tan-nar tal-art li qatt saret f'Malta, kif ġara wkoll tliet snin ilu; Għaqda dejjem attiva u ma tieqaf qatt. Għaqda li dejjem ġabet unuri lejn ir-raħal tagħna. La qiegħed insemmi dawn l-okkażjonijiet ikun tajjeb ukoll li nfakkru li eżatt għoxrin sena ilu s-Soċjetà kienet għaddejja bil-kostruzzjoni ta' parti kbira mill-każin; każin li llum il-ġurnata nistgħu ngħidu li kważi ma jonqsu xejn.

Però meta nħares lejn dawn l-okkażjonijiet kollha, ngħid kemm aħna Soċjetà attiva. Soċjetà li ma tieqaf qatt. Inħares ukoll lura lejn din is-sena u naħseb dwar il-kunċert ta' Mużika Sagra li nżamm nhar l-1 ta' April 2017 ġewwa l-Knisja Parrokkjali. Kunċert li ġie msejjaħ minn ħafna barranin 'eċċezzjonali'. Dan il-kunċert żgur li ma jagħmilx għajb lis-Soċjetà tagħna u nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ħadmu sabiex dan il-kunċert kien suċċess, speċjalment lill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo, li sibna koperazzjoni sħiħa min-naħa tiegħu.

La qiegħed nitkellem dwar il-banda ma nistax ma nurix sodisfazzjon lejn l-għalliema tal-mużika flimkien mas-Surmast għax-xogħol kbir li qegħdin jagħmlu kemm għall-banda kif ukoll mal-allievi tagħna li din is-sena fil-Ġimgħa l-Kbira ħarġu jdoqqu mal-banda tagħna għadd ġmielu ta' bandisti ġodda.

Ħidma oħra ġewwa s-Soċjetà hi l-Għaqda tan-Nar. Din l-għaqda fi ħdan is-Soċjetà mill-festa l-oħra ma ħarsitx lura u kompliet ix-xogħol ġewwa l-post tan-nar. Post tan-nar li jekk tmur illum tgħid, imma dan kif jista' jkun li sar dan ix-xogħol kollu? Iva ħbieb, dan ix-xogħol sar verament b'dedikazzjoni minn membri li verament għandhom għal qalbhom is-Soċjetà tagħna. Għalkemm għadhom mhux lesti għalkollox, fi żmien qarib jekk kollox jibqa' għaddej bir-ritmu kif inhu għaddej, ma jdumux dawn sħabna jerġgħu jibdew ipaxxuna bl-arti hekk sabiħa tan-nar.

Għaqda oħra fi ħdan is-Soċjetà hi l-Għaqda Armar fejn dawn l-aħħar snin tawna ħafna xogħlijiet mill-isbaħ u bħalissa naf li għaddejjin b'xogħol ta' induratura, kif ukoll manutenzjoni li jkun hemm bżonn minn żmien għal żmien. Naf ukoll li din is-sena se jżanżnu xi ħaġa ġdida wkoll fejn jidħol drapp tal-festa.

Il-Kumitat tan-Nisa jkompli bil-ħidma tiegħu ġewwa s-Soċjetà tagħna, fejn minn żmien għal żmien itellgħu attivitajiet ġewwa l-każin sabiex jinġabru fondi għas-Soċjetà tagħna. Dan il-kumitat għandu proġett ambizzjuż quddiemu li jrid iwettaq u ngħid grazzi lil dan il-kumitat u nawguralu bil-ħidma tiegħu għall-ġid tas-Soċjetà tagħna.

Fl-aħħar, qabel nagħlaq ma nistax ma nirringrazzjax lil sħabi tal-kumitat, li għal sena oħra bqajna għaddejjin b'din il-ħidma. Grazzi speċjali tmur lill-President li jmexxi b'kawtela kbira. Grazzi wkoll tmur lill-membri u lill-partitarji u l-Ħalluqin kollha għax kull meta sejjaħnilkom dejjem sibnikom warajna.

Viva Sant'Andrija!

Viva l-Ewwel Banda Ħalluqija!

Thomas Smith
Insurance Brokers

## WE'RE INSURANCE BROKERS THAT SAVE YOU TIME & MONEY!

Whatever form of insurance you're looking for, we'll source the right policy with the right company and at the right price for you.

HOME
BUSINESS
MOTOR
TRAVEL
HEALTH
MARINE
LIFE




**Opening hours**
Monday to Friday – 08:00 to 17:00

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd,
1, War Victims Square, Luqa LQA 1010

**79015959**
**22058580**
**info@tcsinsurancebrokers.com**

www.tcsinsurancebrokers.com

Find us on: facebook

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd is authorised to carry out business of Insurance Broking by the Malta Financial Services Authority.





MASSA
HANDYMAN
SERVICE
PLUMBING
ELECTRICAL WORKS
PAINTING
GYPSUM WORKS
DRAIN LAYER
GENERAL MAINTENANCE
ODD JOBS
Contact Yousef today for a free quotation
99294138
yousefmassa@yahoo.com




# Messaġġ tal-Kaxxier

**Clifford Micallef**



Il-festa reġgħet waslet, u bħas-snin li għaddew imiss lili bħal kaxxier ta' din is-Soċjetà għażiża tagħna, biex nagħti rendikont fuq is-sitwazzjoni finanzjarja. L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lis-soċi li wrew il-fiduċja tagħhom fija biex nerġa' nifforma parti mill-kumitat għas-sentejn li ġejjin. Nirringrazzja wkoll lil sħabi tal-kumitat li reġgħu ħatruni fil-kariga ta' kaxxier. Minn naħa tiegħi nwiegħed lealtà u ħidma sfiqa b'risq din l-ewwel u l-akbar soċjetà mużikali fir-raħal.

Bħal kull sena l-akbar spiża tas-Soċjetà tkun relatata mal-banda. Is-sena li għaddiet irnexxielna nnaqqsu mill-ispiża tal-banda matul is-sena mingħajr ma naqqasna xejn mil-livell għoli tal-banda. Dan sar bil-ħidma sfiqa tad-delegat tal-banda f'ħidma kordinata mas-Surmast u l-Assistent Surmast. Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-bandisti tal-post li attendew il-kunċerti u s-servizzi tal-banda matul l-istaġun tal-festi. Din is-sena bdilna wkoll l-armi ta' fuq il-brieret tal-bandisti, biex dawn jiġu konformi mal-kuluri attwali tal-arma tas-soċjetà. B'hekk issa nistgħu ngħidu li l-uniformi tal-banda ġiet kompluta. Spiża sostanzjali wkoll li kellna din is-sena kienet ix-xiri ta' sittin siġġu ġdid għas-sala tal-kunċerti. B'hekk issa s-sala ġiet kompluta minn kollox. Din is-somma laħqet is-somma ta' 'l fuq minn tliet elef ewro, b'nofs l-ispiża tiġi mill-fondi tal-Aġenzija Żgħażagħ. Inxtraw ukoll strumenti ġodda tal-perkussjoni li wkoll tħallsu mill-fondi tal-Aġenzija. Kompla wkoll l-investiment fit-tagħlim tal-allievi bl-għajnuna tal-Aġenzija u din is-sena ser jingħaqdu mal-Banda numru sabiħ ta' allievi.

Bla dubju ta' xejn spiża sostanzjali li kellna din is-sena kienet għall-kunċert kolossali li sar nhar l-1 ta' April 2017 fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Il-kunċert kien wieħed ta' livell għoli ferm u sar quddiem knisja mballata bin-nies li ġew minn Malta kollha biex isegwu. Ta' min isemmi wkoll li l-kunċert ġie iffilmjat mill-*crew* ta' TVM u xxandar fuq l-istazzjon TVM 2. L-ispiża kienet waħda kbira, però bil-ħidma tal-President tas-Soċjetà, rnexxielna nakkwistaw fondi mingħand l-Arts Council Malta, kif ukoll sponsor ieħor mingħand kumpanija oħra u b'hekk l-ispiża tas-Soċjetà naqset ferm. Nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nifraħ lis-Surmast Zammit tad-direzzjoni impekkabbli tiegħu. Nifraħ ukoll lill-Assistent Surmast Norbert Camilleri tal-kompożizzjoni u d-direzzjoni tiegħu, kif ukoll lis-Surmast Emeritu Prof. Charles Zammit li wkoll idderieġa silta li kkompona huwa stess. Kunċert li għadu fuq fomm kulħadd sal-ġurnata tal-lum.

# T. SPITERI




## MINI READY-MIX
## & MATERIAL TRANSPORT
## Mob. 7906 3000



Tieni Tridu

Festa Titulari ad unur Sant'Andrija Appostlu – 2016



J.Cassar ALUMINIUM





(Johnny ta' Ħal Luqa)

New Aluminium System

113A, Industrial Estate, Luqa, Malta

**Tel: 2122 8896 / Mob: 9942 6356**

## 30 years Experience



J. Cassar Aluminium provides the best Aluminium Works, with a higher standard in quality, latest aperture system & guaranteed aluminium profiles. We provide all type of nets including roller as well as aluminum repairs. All this at a very reasonable price.

*A 15% discount will be given on all Aluminium Works all year round!*





Spejjeż oħra li jinqalgħu matul is-sena jkunu xi xogħol ta' manutenzjoni li ssir fil-każin bħal tibjid u bdil ta' bozoz tas-sular t'isfel bil-ħsieb li nnaqqsu xi ftit mill-konsum tad-dawl.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat u lis-sezzjonjiet kollha, tal-koperazzjoni li nsib mingħandhom matul is-sena. Ringrazzjament speċjali li nixtieq nagħmel huwa dak lejn il-membri kollha tas-Sezzjoni Nar li jagħmlu xogħol kbir fil-bini tal-post tan-nar, kif ukoll fl-organizzazzjoni tal-ikliet li jagħmlu ta' kull xahar biex itaffu mill-ispejjeż kbar biex jinbena mill-ġdid il-post tan-nar. Grazzi ħbieb u kuraġġ.

Fl-aħħar nett nixtieq nagħmel appell lilkom li qed taqraw dan il-messaġġ biex tkunu ġenerużi fid-donazzjoni tagħkom b'risq il-festa tal-kbir Appostlu Sant'Andrija, għax b'hekk biss inkunu nistgħu nkabbru l-festa. Inħeġġiġkom biex tiġu tgawdu l-festa magħna, kemm dik esterna kif ukoll dik interna li hija l-qofol ta' kollox.

Viva Sant'Andrija u l-Banda Unjoni.

Jekk inti għandek għal qalbek
lil din is-Soċjetà kbira
kun ġeneruż
u agħti s-sehem tiegħek
b'risq l-ispejjeż tal-festa

*Grazzi bil-quddiem*


The GoodFellas pizza & grill
Wilġa Street, Luqa T: 2169 6650 M: 7977 7767
Find us on: facebook.


Welcome BAR AND GRILL
by Sciciluna
OPEN DAILY FOR BREAKFAST, SNACKS & LUNCH
FREE DELIVERY SERVICE AVAILABLE
WE ALSO ACCEPT BOOKINGS FOR GROUP FUNCTIONS, DINNER, HENS & BACHELORS PARTIES
99 864 200 / 21 663 409
FACEBOOK.COM/WELCOMESNACKBAR
TRIQ IL-MITJAR LUQA (NEAR LUQA OLD AIRPORT)



Templum Hoc Divo Andreae Apostolo


MAGRI
AUTOCARE
Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com
WE RESTORE THE APPEARANCE OF CAR INTERIORS & EXTERIORS TO SHOWROOM CONDITION.
• Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
• Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
• Car wash (by hand) and interior vacuum
• Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components
Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 | Email: magridrs@vol.net.mt




# Il-Mużika u l-Ġid li Joħroġ Minnha

**John David Zammit**
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*
*Surmast Direttur*



It-tagħlim huwa meħtieġ għal kulħadd, u la għandu età u lanqas persuni. It-tagħlim, l-ikel u l-mistrieħ jien narahom bħala tlieta mill-aktar ħwejjeġ importanti għall-iżvilupp tal-bniedem, kemm fiżikament kif ukoll moralment. It-tagħlim huwa ta' ħtieġa kbira minn età żgħira sal-mewt u għandu jifforma parti integrali mill-ħajja ta' kuljum tal-bniedem.

Fost il-fatturi veru li jeżistu fid-dinja, hemm dawk li juruna li t-tagħlim bħall-ilma li jsaqqi biex ikabbar ix-xtieli; huwa wkoll xorta ta' ikel li jsaħħaħ lill-bniedem fiżikament u moralment. Il-ġenituri huma responsabbli u għandhom dover assolut li jagħtu lil uliedhom kull opportunità għal studji, li permezz tagħhom jikbru b'saħħithom u jsiru ċittadini serji u utli għal pajjiż.

Fost l-aktar studji importanti għall-iżvilupp tal-bniedem insibu l-istudji tal-mużika, ħaġa li ilha meqjusa bħala importanti ferm sa mill-eqdem żminijiet taż-ċiviltà dinjija. Bi sfortuna kbira, f'dan il-pajjiż tagħna għad hemm min jaħseb li l-istudju tal-mużika għandu jittieħed bħala passatemp. Dawk li jaħsbu hekk, huma tabilħaqq imsieken u foqra fil-mod li bih jaħsbu. Jekk wieħed jirriċerka ftit x'jiġri per eżempju ġewwa l-Finlandja, u kif f'dan l-istess pajjiż l-edukazzjoni hi l-aqwa fid-dinja, malajr jasal għall-konklużjonijiet kollha. F'dan l-istess pajjiż, il-mużika, il-matematika u x-xjenza huma obbligatorji.

Minn żmien ir-Rumani u l-Griegi sa dak tal-lum, ħafna kienu l-għorrief li wrewna biċ-ċar li l-istudju tal-mużika għandu jkun dritt ta' kull ċittadin sa mill-iċken età, u dan għaliex, fost ħwejjeġ oħra, jagħmel lill-bniedem aktar raffinat, aktar kult, aktar intelliġenti u aktar b'saħħtu mentalment u fiżikament! F'kitba ta' dan il-qosor mhux possibbli li wieħed jidħol fid-dettalji dwar dan. Jekk wieħed irid jara verament kif l-istudju tal-mużika jasal biex jiżviluppa fi l-pajjiż fis-setturi kollha tal-ħajja, ikun biżżejjed għalih li jħares lejn l-iżvilupp kontinwu li joffru l-pajjiżi kbar Ewropej u dawk imbiegħda.

It-tagħlim tal-mużika jikkontribwixxi ħafna għall-iżvilupp mentali, fiżiku u l-identità emozzjonali tat-tfal. Huwa fatt stabbilit fid-dinja kollha, b'mod speċjali fil-pajjiżi żviluppati, li l-mużika toffri lit-tfal bażi l-aktar soda fl-edukazzjoni ġenerali tagħhom. Suġġett qawwi li ma jlaħħaq miegħu l-ebda suġġett ieħor. Fost l-aktar benefiċċji ovvji li t-tfal żgur li jgawdu mill-mużika hemm l-iżvilupp ġenerali tat-tfal infushom, dixxiplina korporata, ħeffa u sensittività għal dik li hija reazzjoni, qawwa li biha jirraġunaw aktar


centrestage
FROM PAGE TO STAGE!
SUMMER DRAMA AND
MUSICAL THEATRE COURSES.
TAKE YOUR ACTING SKILLS A STEP FURTHER.
CENTRESTAGE
DIRECTOR.CENTRESTAGE@GMAIL.COM
KIDS
3YRS - 8YRS
WEDNESDAYS
5-6PM OR 6-7PM
TEENS
9YRS - 15YRS
THURSDAYS
6-7PM
STARTING DATE:
5TH- 6TH
JULY 2017


MG
WE DRESS UP YOUR HOME
ST. THOMAS STREET, LUQA
MGARR ROAD, XEWKIJA, GOZO
21420540 / 21550574 / 99883988
MG
LINEA MODA
ST. THOMAS STREET, LUQA
MGARR ROAD, XEWKIJA. GOZO
21420540 / 21550574 / 99883988
LIKE US ON FACEBOOK AND
LOOK FOR SPECIAL OFFERS



*Il-Filarmonika L'Unione timmarċja quddiem il-Vara l-Kbira fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira – 14 t'April 2017*

il-ħsieb astratt u aktar miftuħ, titjib fl-immaġinazzjoni u fil-memorja, addattament ferm akbar għal dawk li huma personalità, mentalità u anke l-lat fiżiku. Il-mużika tasal anke biex tikkalma lit-tfal kemm f'ġisimhom kif ukoll f'moħħhom, b'mod speċjali t-tfal li jbatu minn tensjoni żejda kkaġunata minn eżamijiet, studju kontinwu jew inkwiet fid-dar.

Permezz ta' xogħol konness ma' studju ta' xi strument jew attivitajiet fiżiċi oħra bħalma huma 'singing games' eċċ, il-mużika tista' tiġi użata biex tgħin fid-dixxiplina, kontroll u anke tikkordina l-movimenti tal-ulied. Din tasal ukoll biex tagħti lit-tfal u lil kulħadd pjaċir reali. Minbarra hekk, il-mużika hija wkoll terapija reali u effettiva ferm.

Numru kbir ta' speċjalisti fil-professjoni tal-mużika minn diversi partijiet tad-dinja jaqblu li l-mużika għandha jkollha post ċentrali fl-edukazzjoni tat-tfal kollha. Dan għaliex, is-suġġett innifsu mhuwiex biss parti mill-għerf li kull student għandu d-dover li jakkwista, iżda hija wkoll attività li żżid kulur u eċitament f'diversi okkażjonijiet matul il-ħajja kollha tal-bniedem. Wieħed ma jridx jinsa wkoll il-qawwa li l-mużika għandha biex terġa' ġġib lura l-enerġija u l-interess fit-tfal u persuni ta' kull età meta dawn jibdew imajnaw.

Speċjalisti kbar fil-qasam tal-edukazzjoni mużikali għamluha ċara kemm-il darba li l-aqwa okkupazzjoni li toffri l-possibilità ta' żvilupp bilanċjat fil-mentalità, fil-persuna u fir-ruħ ta' kull tifel u tifla, hija l-okkupazzjoni bl-istudju tal-mużika. Għalhekk hemm bżonn li nagħtu ċans lit-tfal kollha li jgawdu minn dan is-suġġett speċjalizzat għall-ġid tagħhom in ġenerali kif jiġri fil-pajjiżi żviluppati kollha fid-dinja. Punt importanti ferm huwa l-fatt li l-edukazzjoni mużikali, hi ta' liema livell hi, għandha tingħata minn għalliema responsabbli, kemm fil-każini tal-baned kif ukoll fl-iskejjel u mhux b'dilettantiżmu. B'hekk biss il-pajjiż tagħna jista' jasal biex jara titjib għal aħjar fis-snin li ġejjin.

Illum il-ġurnata, l-istess kif għamlet fil-passat, is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni qiegħda toffri korsijiet mużikali fuq livell bandistiku lil dawk kollha li jixtiequ jieħdu l-istudju tal-mużiak bis-serjetà. Dan is-servizz jingħata mingħajr ħlas u minn għalliema professjonali bi snin twal ta' esperjenza f'dan il-qasam.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nawgura festa mill-isbaħ lil kulħadd.




*Fuq wara mix-xelluq:*
*Daniel Vella, Casidy Grech, Ezekjel Farrugia, Jack Degabriele*
*Fuq quddiem mix-xellug:*
*Anisha Grech, Sarah Theuma, Victor Borg (Għalliem), John David Zammit (Surmast), Norbert Camilleri (Ass. Surmast), Rebecca Galea, Kelsey Muscat*


1934
X
LUQA
ST. ANDREW'S
LUQA ST.ANDREW'S FC
YOUTH NURSERY
ISSIEHEB
ISSA
ĊEMPEL 7980 9443
ABC GROUP
GĦAL TFAL UNDER 5
AGILILTY + BALANCE + CO ORDINATION
FIRST KICKS
SUBIEN
U
BNIET
WWW.LUQASTANDREWSFC.ORG
LUQA SAINT ANDREWS FOOTBALL NURSERY


Malcolm
Mifsud
Funeral Service 24 Hr
Coffin Makers & Importers
37, Bird of Paradise
Triq Ċensu Decadia, Luqa
Tel: 2782 29705
Mob: 9987 4970

# Beauty Elegance

31, Ġorġ Zahra Street, Luqa Tel: 2721 0808














Find us on: facebook





- Facials
- Radio Frequency lifting treatments
- Collagen Induced treatment (C.I.T)
- Needling anti wrinkle treatments
- Cavitation anti cellulite treatments
- Fat Freezing for stubburn fat deposits
- Slimming wraps
- Presso therapy booties
- Bandages
- Slender tone
- Laser hair removal
- Make up
- Manicures & Pedicures
- Gels & Acrylic nail extensions
- Semi Permanent Make-up by Denise Ceci

*Ana's Creations* Mob: 7927 1058



# Alice Craus

**8 Years H.A.B.I.A. Qualified Nail Technician**

*Gels / Acrylic / Gellish Last for 3-4 Weeks*
*Toe Nails Gels / Pedicure / Manicure*

Special offer: Full set 25 Euros or infills 20 Euros including nail art

BOOK YOUR FIRST APPOINTMENT AND GET TOE NAILS GELS FOR FREE



Tipytoes Nails Craus

*Other services available*

**7929 6990**

# STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances including:

- Food processors, coffee and tea makers
- Kettles, toasters and irons
- Washing machines (automatic and twin-tub)
- Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
- Refrigerators and freezers
- Televisions and video recorders/ playbacks
- Hi-fi equipment and satellite receivers
- Vacuum cleaners
- Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
- Pots, pans and cutlery sets
- Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

***St. Thomas Street, Luqa***
***Tel/Fax: 2180 3017***




# Festa ta' Kulħadd

**Wisq Rev. Dun Gordon Refalo**
*Kappillan*



Meta tkun riesqa l-festa, tal-Patrun tagħna Sant'Andrija, Ħal Luqa tibda ssir bejta ta' attività kbira. Mhux għax ma tkunx matul is-sena, imma żgur li tiżdied id-doża tal-ħidma ta' diversi nies f'dan iż-żmien sabiħ. Il-festa tinvolvi l-ħidma ta' tant u tant persuni. Bdejt nipprova nelenka dawn in-nies kollha kif ukoll il-ħafna ħidmiet, iżda bżajt li nħalli lil xi ħadd barra. U allura mhu ser insemmi lil ħadd partikolari. Biss xtaqt nirringrazzja lil kull min jaħdem biex ikollna festa sabiħa u kbira. U jiena ċert li jingħaqdu miegħi diversi oħra li jixtiequ juru l-apprezzament tagħhom għal dak kollu li jsir qabel, waqt, kif ukoll wara l-festa.

Iżda anke min ma jaħdimx direttament għall-festa jista' jagħti s-sehem tagħha jew tiegħu.

*Dan nistgħu nagħmluh billi nieħdu sehem fl-attivitajiet kollha li jsiru kemm ġewwa kif ukoll barra. B'hekk ninkoraġġixxu lil min ikun ħadem tant għal dawn l-attivitajiet.

*Noffru wkoll l-għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet parteċipi fil-festa sabiex intaffu l-ispejjeż kbar illi kull min jaħdem għall-festa jrid iħallas.

*Nagħtu kelma ta' inkoraġġiment lil dawn li b'mod volontarju jaħdmu għall-festa tagħna.

*Inżommu fostna spirtu ta' għaqda u ta' imħabba, bi kliemna u b'għemilna.

*Nistiednu familjari u ħbieb li ma jgħixux hawn sabiex jattendu għal dak kollu li jiġi organizzat.

Il-festa hi ta' kulħadd. Għalhekk kulħadd responsabbli. Ejjew nerfgħu l-piż ta' din ir-responsabbiltà lkoll kemm aħna. B'hekk il-Festa tkun sabiħa tassew għax tkun il-festa tal-komunità kollha.

Viva Sant'Andrija.


95, St Joseph Street, Luqa
Tel: 2722 3394 Mob: 7991 2912
info@scorfnagarage.com
PAUL SCORFNA
FUNERAL SERVICES
27223394 Day and Night 79912912
Prezzijiet Moderati
24 siegħa servizz
XOGĦOL TA' FUNERALI
Twiebet ta' Malta u ta' Barra, Fjuri, Reffiha, Permessi, Karozzi tal-Mejtin,
Xandir fuq ir-Radju, Santi, Deffina u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Funerali


Andrew's
Car Centre
FULL ACCIDENT REPAIRS
Andrew's Car Centre Ltd.
Qormi Rd. Luqa
LQA9044
andrewsgarageltd@gmail.com
99296311/21226311

**Josef Penza**
Refrigeration & Air Conditioning

79 202 626
josefpenza@gmail.com
facebook.com/AirconditioningMalta

## Installation and repairs on all kinds of ACs



Prices for Inverter ACs
starting from
**€580**

Be COOL this Summer and install one of our TOP BRAND ACs

Haier Airwell ELECTRA LG HITACHI DAIKIN

Tal-Parrina
Confectionery

Triq Sant'Andrija
Luqa
Tel: 2180 2300

Opening Hours
Mon to Fri – 6.00am - 8.30pm
Sunday – 6.00am - 12.30pm

**YOUR DAILY NEEDS,
ESSENTIALS & MORE**

***Detergents are also available***




# BORG BROS.

## Furniture Transport

Borg Bros.
Triq id-Demnuq, Siġġiewi




Tel: 2146 6664
Mob: 9947 5010
borgbros@gmail.com




# Messaġġ għall-Festa

**John Schembri**
*Sindku*



Ħuti Ħalluqin,

Għaddiet sena oħra li kienet kollha suċċessi u erġajna wasalna biex ftit tal-jiem oħra niċċelebraw il-Festa tal-Patrun tagħna Sant' Andrija.

Din is-sena jaħbat l-10 Anniversarju mit-twaqqif tar-radju li jinsab taħt ir-responsabiltà tas-Soċjetà L-Unjoni. L-iskop ta' dan l-istazzjon huwa biex waqt żmien il-festa jirreklama lil Ħal Luqa, il-ħidma tal-każin li tkun saret matul is-sena u fl-istess ħin iressaq bosta nies lejn ir-Raħal biex igawdu l-festa magħna.

Anniversarju ieħor importanti huwa għas-sezzjoni taż-Żgħażagħ li għalqu 20 sena mit-twaqqif tagħhom. Matul dan iż-żmien sar ħafna xogħol ta' fejda sabiex il-Każin jibqa' jikber u jżied il-membri. L-enerġija li għandhom iż-żgħażagħ mhuwiex biss meta tasal żmien il-Festa imma dawn ikunu impenjati s-sena kollha fuq diversi attivitajiet kemm soċjali, kulturali u edukattivi. Barra ż-żgħażagħ il-Każin għandu wkoll il-Kumitat tan-Nisa, li ukoll jaħdmu matul is-sena kollha biex ikunu organizzati l-attivitajiet soċjali b' risq il-Każin. Il-ħidma hija għaddejja ġmielha biex il-post tan-Nar jitlesta u jkompli jikseb suċċessi fil-qasam tal-piroteknika kif diġà kiseb fil-passat. Hawnhekk irrid ngħid lil dawk kollha involuti f'dan ix-xogħol fejn jesponu ħajjithom għal diversi riskji li jġib dan id-delizzji, Grazzi kbira.

Il-membri fi ħdan il-Kumitat tal-Armar ukoll jagħtu sehemhom fejn fil-kwiet matul is-sena jlestu numru t'armar ġdid u tiswijiet biex jiżżanżan fil-Festa. Għandna biex inkunu kburin bħala Ħal Luqin tal-armar daqshekk rikk u numeruż li jsebbaħ il-Pjazza tagħna matul iż-żmien tal-Festa. Bħala Sindku b'wiċċi minn quddiem ngħid li aħna minn fost ta' quddiem bħala armar sabiħ u numeruż meta tikkomparah ma' rħula oħra.

Twettqet ukoll ħidma biex ġiet irranġata s-Sala u tkun armata bl-aħħar apparat għall-mużika anki bis-saħħa ta' fondi miġjuba mill-Onor. Silvio Schembri li kien strumentali sabiex dan il-proġett seta' jitwettaq. Minn hawnhekk bix-xieraq nagħtu l-awgurju tagħna bħala Kunsill Lokali lil Onor. Silvio Schembri għar-riżultat ferm tajjeb li kiseb fl-Elezzjoni Ġenerali, kif ukoll tal-għajnuna li jagħti lil diversi Għaqdiet.

L-anniversarji li semmejt hawn fuq huma r-riżultat ta' ħidma kollettiva li hemm fost il-membri li hemm fil-Kumitati kif ukoll il-partitarji li jiffurmaw parti mill-Għaqda tagħkom. Nirringrazzja minn qalbi l-President, is-Segretarju, il-Kumitat u l-membri kollha li jkomplu jmexxu lill-Każin 'il quddiem sabiex il-festa tagħna tkompli tikber. Il-Festa t-tajba lil kulħadd.


DLEDS
DOMESTIC & COMMERCIAL SERVICES - ELECTRICAL & PLUMBING INSTALLATIONS
THREE PHASE & SINGLE PHASE INSTALLATION - DRAINAGE MAINTENANCE & INSTALLATION
WATER HEATERS & PUMPS INSTALLATIONS - FAULT FINDING & WATER PRESSURE TESTING
INTERCOM INSTALLATIONS - GYPSUM WORKS
facebook.com/DLEDS2016
Email: dledsmalta@gmail.com
Mob: +356 7966 3535


CASSARINI RESTAURANT • WIED IZ-ZURRIEQ •
Triq is-Sajjieda Wied iż-Żurrieq, Qrendi
Tel: 2099 7911 | Mob: 7964 7912
facebook: Cassarini Restaurant




# Suċċessi u Kisbiet

**Norbert Camilleri**
*Assistent Surmast*



Naħseb li t-titlu ta' dan l-artiklu ċertament hu titlu li jixtraq lis-Soċjetà tal-Banda tagħna. Kienet sena memorabbli mimlija suċċessi u kisbiet fejn bla dubju l-quċċata ta' dawn is-suċċessi kien il-kunċert tal-1 ta' April. Kunċert ta' mużika sagra li ser jibqa' mnaqqxa fl-istorja ta' dan il-każin. Liema akkademja kienet tirrikjedi ħafna u ħafna preparamenti minn xhur qabel kemm mill-att mużikali kif ukoll l-organizzazzjoni. Għalhekk nixtieq nieħu l-oppurtunità sabiex ngħid grazzi u prosit lis-Surmast Direttur tagħna John David Zammit li ħadem qagħtieħ sabiex dan il-kunċert seta' jkun suċċess. Prosit kbira tmur ukoll li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu nvoluti fl-organizzazzjoni impekkabli ta' dan il-kunċert hekk gradjuz, b'mod speċjali lill-President tas-Soċjetà Joseph Piscopo u l-Kumitat kollu.

Marbut mal-istess kunċert, ġewwa l-kazin sar ukoll seminar dwar il-mużika sagra fuq diversi aspetti tal-istorja tagħha li għalih kellna attendenza numeruża. Kien seminar fejn il-kelliema taw preżentazzjonijiet interessanti ħafna li ċertament edukaw li dawk preżenti. Kull min attenda għal dan is-seminar kellu xejn ħlief kliem ta' tifħir u ħafna wrew ix-xewqa li jibdew isiru aktar seminars fuq il-mużika.




*Ode to Joy – Citizen's Orchestra*

Suċċess ieħor kien ukoll il-*Family Concert* li sar propju fis-sala prinċipali tal-iskola primarja ta' Ħal Luqa fil-bidu ta' Diċembru tas-sena li għaddiet. F'dan il-kunċert ħadu sehem ukoll l-aljievi tagħna li ngħaqdu flimkien mal-bandisti tal-post. Din kienet esperjenza kbira għall-istudenti tagħna fejn għall-ewwel darba flimkien daqqew quddiem daqstant nies. Wieħed ma jistax ma jfaħħarx is-sens ta' serjetà u responsabilità liema bħalha li wrew l-aljievi kemm fil-kunċert innifsu kif ukoll


For Your Wedding Day
The Man You Need
Massimo Cassar
Organizer
Mob: 9986 1230


Emmanuel
Cauchi
PHOTOGRAPHER
Mob: 9923 1025
Find us on:
facebook



*Waħda mill-Master Classes organizzata matul din is-sena*

fil-kunċerti li kont nagħmel magħhom kull nhar ta' Sibt bi preparazzjoni għal dan il-kunċert.

Bħas-snin ta' qabel l-Aġenzija Żgħażagħ ħadet ħsieb li torganizza attività mużikali għall-għaqdiet tal-każini tal-baned. Iżda għal darb'oħra xi soċjetajiet għażlu li jipparteċipaw b'bandisti stabbiliti u ta' ċertu esperjenza. L-iskop ta' din l-attività jrid jkun aktar minn kollox li tesponi l-istudenti tas-soċjetajiet għax wara kollox l-għan ewlieni ta' din l-Aġenzija hu li tippromovi it-tagħlim tal-mużika fil-każini tal-baned. Is-Soċjetà tagħna bħalma dejjem għamlet ipparteċipat bl-aljevi fejn ħarġu bl-unuri.

Nixtieq nieħu l-oppurtunità sabiex nifraħ lill-aljevi li ħarġu jdoqqu għall-ewwel darba mal-Banda tagħna propju fil-Ġimgħa l-Kbira. L-istudju ta' dawn l-istudenti ma jieqafx hawn però, iżda ser ikomplu jistudjaw biex javanzaw kemm fit-tagħlim tat-teorija tal-mużika kif ukoll fid-daqq tal-istrument. Tajjeb ngħidu li l-istudenti tagħna qed jersqu issa għall-eżamijiet tat-teorija u dalwaqt ħa nibdew inressquhom għall-ezamijiet tal-prattika tal-istrument.

Ta' min isemmi wkoll illi sabiex ninvestu iktar fit-tagħlim tal-bandisti stabbiliti saru wkoll żewġ *masterclasses* għas-sezzjonijiet tan-nifs u tar-ram tal-banda tagħna. Dawn saru mill-mużiċisti bravi Godfrey Mifsud u Roderick Bugeja rispettivament. Hu l-ħsieb tagħna li dawn it-tip ta' inizjattivi nibqgħu nagħmluhom 'l quddiem. Barra minn hekk, tajjeb ukoll insemmu illi numru ta' bandisti minn tagħna ħadu sehem f'*seminars*, *master classes* u f'dik hekk imsejħa bhala *Ode to Joy - Citizen's Orchestra*.

Dawn l-avvenimenti tassew inlaqgħu tajjeb u l-konkorrenza għalihom kienet waħda ta' inkoraġġiment. Kemm mis-*seminars* kif ukoll mill-*master classes* ħarġu għadd ta' punti validi f'dak li jirrigwardja t-tagħlim tal-mużika kif ukoll fit-teknika tal-istrument. Il-kelliema kienu lkoll barranin, b'esperjenzi varji li minnhom wieħed għandu x'jitgħallem. Il-bandisti li ipparteċipaw kienu Victor u Edward Borg, Neil Zammit, Joe Bezzina flimken mas-Surmast John D. Zammit.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-*Ode to Joy - Citizen's Orchestra*, din ġiet ikkordinata minn Tim Steiner u Ricardo Battista. Is-serata mużikali saret nhar il-Ħadd 14 ta' Mejju fi Pjazza Teatru Rjal fil-Belt Valletta għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Ewropa. L-esperjenza kienet waħda inkredibbli għat-tliet bandisti li ipparteċipaw; Karl Camilleri, Frederick u Joelant Aquilina.

L-impenn tiegħi flimkien ma' dak tas-Surmast u l-għalliem Victor Borg hu li nkomplu nsaħħu t-tagħlim tal-mużika biex eventwalment isarraf fil-livel mużikali li dejjem qed jitjieb tal-Banda tagħna. Nixtieq nawgura festa mill-isbaħ lill-Ħalluqin kollha.


ATTENTION NAIL TECHNICIANS
NAIL TIPS
NAIL GLUE
CUTICLE PUSHERS
NAIL TIP CUTTERS
NAIL NIPPERS
NAIL FILES
PRIMERS
ACRYLICS
GELS
BASE GELS
TOP COATS
UV LAMPS
UV BULBS
LED LAMPS
NAIL DRILLS
NAIL BITS
NAIL ORNAMENTS
STICKERS
3D FLOWERS
RHINESTONES
& MUCH MUCH MORE
ASK FOR DISCOUNT CARD
nail magic
acrylic powder
nail magic
ACRYLIC LIQUID
GUTZ
fashion
FASHION FOR ALL THE FAMILY
HAMRUN – LUQA – SIGGIEWI - PAOLA
BELLISSIMA
COSMETIC-HAIR-PERFUME
SHOP
EVERYTHING FOR YOU TO LOOK GOOD
OUR LADY OF SORROWS STR
HAMRUN




# Ħidmet is-Sezzjoni Armar

**Neil Zammit**

Is-Soċjetà *L-Unjoni* hija waħda ħajja tul is-sena kollha fid-diversi oqsma tagħha. Bħal kull sezzjoni oħra, ħidmet is-Sezzjoni Armar tkun mifruxa fuq sena sħiħa bil-għan li tikkonserva l-armar li diġà għandha waqt li tippjana u twettaq proġetti ġodda.

## Restawr fuq l-Anġli ta' Triq Sant'Andrija

Wara l-maltempata li ħakmet Ġunju tas-sena l-oħra, l-anġli li jintramaw fi Triq Sant'Andrija ġarrbu xi ħsarat konsiderevoli u għalhekk wara l-festa kellhom jiġu restawrati. Dan ix-xogħol sar minn Clifford Micallef, mgħejjun minn Andrew Aquilina.

## Manutenzjoni fuq il-Brazzi ta' Triq Sant'Andrija

Matul din is-sena sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq il-brazzi li jintramaw tul Triq Sant'Andrija. Iżżarmaw partijiet minnhom waqt li tqassru xi ftit biex ikunu aktar addattati għat-triq. Dan ix-xogħol sar kollu minn Andrew Aquilina mgħejjun minn Andrew Bezzina.

## Karrijiet ġodda

Din is-sena ħadna ħsieb sabiex jinħadmu żewġ karrijiet ġodda għall-pedestalli ta' Sant'Andrija u dak tal-Anġlu biex dawn jinħarġu mill-maħżen mingħajr tbatija żejda u jittellgħu l-pjazza fl-iqsar żmien possibbli. Ix-xogħol tal-ħadid sar minn Louis Schembri, Andrew Aquilina u Antoine Borg.

## Il-Martirju ta' Sant'Andrija

Tkompla x-xogħol fuq il-pedestall tal-martirju biex issa nistgħu ngħidu li kważi lest minn kollox. L-iskultura ġiet indurata b'deheb *24 carat* minn Clifford Micallef waqt li Joe Aquilina ħadem fuq it-taraġ għall-istess pedestall. Issa jonqosna l-kanċell mad-dawra tiegħu u xi rtokki żgħar oħra. Ta' min isemmi illi l-ispejjeż



*It-tarġa l-ġdida tal-pedestall*









Ħidma u manutenzjoni
mis-Sezzjoni Armar

tal-pedestall tħallsu kollha, grazzi għall-ġenerożità tagħkom il-membri u l-partitarji li dejjem sibnikom hemm warajna f'dak kollu li wettaqna.

F'dak li jirrigwarda l-istatwa, din is-sena kellna ftehim mal-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi sabiex ilestilna puttin bis-simboli tal-martirju għal fuq ix-xbieha ta' Sant'Andrija kif ukoll jagħmel xi alterazzjonjiet żgħar fl-istatwa nnifisha. Iżda sfortunatament dan reġa' ma seħħx. Niskużaw ruħna mal-membri u l-partitarji, minkejja li aħna m'għandniex kontroll fuq dawn iċ-ċirkostanzi. Nittamaw li l-artist jonora l-ftehim mill-aktar fis.


Xogħol ta' induratura fuq il-pedestall

## Pavaljun Ġdid

Ġie deċiż illi għat-tarf ta' Triq Dun Pawl li tagħti għal Pjazza Sant'Andrija jsir pavaljun ġdid ħalli jikkumplimenta l-armar sabiħ li għandna fil-pjazza. Id-disinn ġie fdat f'idejn Silvio Pace waqt li l-ħjata u l-isfumar saru minn Henry Attard u Redrian Micallef rispettivament. Dan il-pavaljun ser jiżżanżan nhar l-Aħħar Tridu hekk kif jibda l-marċ.

## Ringrazzjamenti

Kif inhu xieraq, inroddu ħajr lil dawk kollha li matul is-sena jagħtu l-għajnuna tagħhom b'risq din is-Sezzjoni Armar, kif ukoll lil dawk kollha li jiġu jgħinu waqt l-armar u ż-żarmar fil-jiem ta' qabel u wara l-festa. Grazzi lil dawk kollha li jgħinu fil-ġbir ta' matul is-sena kif ukoll dawk li joffru l-kontribut finanzjarju tagħhom b'risq il-proġetti tal-armar. Grazzi speċjali tmur lil Andrew Aquilina, John Cauchi, Shaun, Lawrence u Floyd Cassar, Raymond Penza u Tano Spiteri tal-għajnuna kontinwa. Pjanijiet għas-snin li ġejjin diġà għandna u bl-għajnuna t'Alla u ta' Sant'Andrija aħna persważi li dawn jitwettqu b'suċċess kif wara kollox għamilna f'dawn l-aħħar snin.

Nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

*Viva Sant'Andrija Appostlu.*


Xogħol ta' karpenterija

# PHOENICIA
**BAR & TAKE AWAY**
**Church Square, Luqa Tel: 2166 3526**



Għal ħobż biż-żejt,
timpana,
ħobż bil-laħam u
ħobż bil-bacon.

Miftuħ
mit-Tnejn sal-Ħadd.

Il-Ġimgħa, is-Sibt
u l-Ħadd għal
drinks u appetizers.






**79703273 • 79803056**




# Kważi Wasalna

**Joe Aquilina**
*Licensee Kamra tan-Nar Sant'Andrija*

Għal sena oħra qed nerġa' nwasslilkom ftit informazzjoni rigward ix-xogħol li sar ġewwa l-Kumpless tan-Nar Sant'Andrija.

Fil-fatt, matul din is-sena li għaddiet, il-ħidma ma waqfitx. Immedjatament wara li rċivejna l-aħbar li x-xogħol jista' jibda, wara li l-proċess kellu jieħu ż-żmien tiegħu, beda t-tqattieh tal-blat. Wara dan sar l-ippjantar tas-sitt kmamar u dawn ġew imwaqqfin u msaqqfin. Sar ukoll xogħol ta' kisi fuq ġewwa tal-kmamar kif ukoll twaħħlu l-bibien kollha. Apparti dan ix-xogħol fuq is-sit il-ġdid, sar xogħol ukoll ġewwa l-post fejn ser jinħadem in-nar. Inbidlu t-tined kollha, inbnew żewġt ikmamar oħra, tħaffret ġiebja kbira, tħaffret fossa, kamra milli kien hemm ġiet modifikata għal *shower* u *toilet*, waqt li qed jiġi modifikat il-mutur tal-porvli. Sadanittant tgħaddew ukoll servizzi ġodda tad-dawl u l-ilma, kif ukoll sar xogħol fil-kmamar li kien hemm qabel. Waħda mill-akbar uġieħ ta' ras kien il-*blast wall*, pero b'ħafna ħsibijiet mill-membri tan-nar flimkien mal-Perit Stephen Buhagiar, irnexxilna naslu ukoll.





Bħalma qed tinnutaw, sar ħafna xogħol ġewwa l-kamra tan-nar. Dan kollu jirrikjedi ħafna għajnuna volontarja u minn hawn nirringrazzja lil dawk kollha li meta

# Evergreen

## FRUIT & VEG

Miftuħ kuljum

mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mis-7.00am -12.00pm u mill-4.00pm - 7.00pm

Is-Sibt
mis-7.00am - 12.00pm

*Ħaxix u frott frisk kuljum*

**Mob: 7957 7524 / 9940 3617**








sejjaħnilhom dejjem ġew minn qalbhom. Din il-ħidma tfisser ukoll spejjeż kbar u ukoll nixtieq ngħid grazzi kbira lil dawk kollha li diġà tawna l-kontribuzzjoni tagħhom fl-iskema li għamilna. Nerġa' nappella biex kulħadd ikun ġeneruż u jagħti donazzjoni b'risq dan il-proġett.

Fir-rigward tal-festa ta' din is-sena, din ser tkun waħda limitata fejn jidħol ix-xogħol pirotekniku għax ovvjament ma kellniex iċ-ċans naħdmu nar minħabba l-bini tal-kumpless il-ġdid. Din is-sena jmissna n-nar tal-art u għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li ngħażlu madwar tnax-il struttura minn tagħna u jinxtara l-materjal pirotekniku minn kamra tan-nar oħra. Dan ukoll ifisser aktar spejjeż u napprezzaw min jixtiq jgħaddi xi donazzjoni b'risq il-ħarqa tan-nar tal-art ta' lejlietu.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li matul is-sena ħadmu sabiex jinġabru l-fondi, dawk li organizzaw l-ikliet fil-każin u lil dawk kollha li attendew bi ħġarhom. Grazzi ukoll lis-Sezzjoni Armar fi ħdan is-Soċjetà li għal sena ohra reġgħet issagrifikat ruħha milli torganizza attivitajiet ta' *fund raising* biex tatna spazju matul is-sena kollha ħalli niġbru għall-ispiża tal-kamra tan-nar. Grazzi lill-Kumitat Ċentrali li dejjem kienu ta' għajnuna kontinwa.

Nittamaw f'Alla li sa ma naslu għal festa ohra nkunu f'pożizzjoni li nistgħu ngħidu lesti. Ejjew xorta waħda nieħdu pjaċir flimkien matul il-jiem tal-festa għax wara kollox il-festa ssir bil-kbir kif dejjem għamlet il-Filarmonika l-Unjoni.

Viva Sant'Andrija Appostlu u Banda L-Unjoni.

**St. Andrew Fireworks Factory, Luqa, Malta**

Kull donazzjoni hija apprezzata b'risq il-Kamra tan-Nar

*Grazzi bil-quddiem*

SILJOE garage

Gate Street Luqa
Tel: 2166 3576, 2166 6098
Mob: 9949 5993
Email: info@siljoegarage.com

**RENT-A-CAR**
**Chauffeur Driven & Mini Bus Service**
**& Wedding Cars**







# KARMNU TAL-ĦAXIX

*Fruit & Vegetable*
*Seller*

**Mobile: 9946 2411**

Frott u ħaxix frisk bi prezzijiet
moderati ħafna kuljum fil-pjazza ta' Ħal Luqa

Bejn l-4.30pm u s-7.30pm




# Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa

Għeżież Ħalluqin,

Reġgħet waslet il-festa tal-Patrun tagħna Sant'Andrija. Bħal kull sena, organizzajna *coffee morning* kull xahar u lotterija kull ġimgħa. Grazzi lil min jattendi l-attivitajiet tagħna għax bil-għajnuna tagħhom niġbru fondi għas-soċjetà.

F'dawn l-aħħar snin għamilna għadd ta' proġetti, fosthom l-irħam tat-taraġ prinċipali. U issa hemm aktar proġetti li bil-għajnuna tagħkom in-nisa nkunu nistgħu nwettqu.

Nifirħu lill-kumitat il-ġdid li nħatar għal dawn is-sentejn li ġejjin.

F'isem il-kumitat tan-nisa ngħidu prosit lill-bravu Surmast tagħna Mro. John D. Zammit, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri u lil Neil Zammit flimkien mal-bandisti kollha u lil kull min għen biex jittella' l-kunċert ġewwa l-knisja, liema kunċert kien tal-għola klassi u li paxxa l-widnejn ta' kull min kien preżenti.



Grazzi kbira tmur lill-Mro. John D. Zammit li ħadem qatigħ biex jittella' kunċert hekk kbir. Dan il-kunċert intwera fuq TVM 2 fil-Ġimgħa Mqaddsa.

Nawguraw il-festa t-tajba lil Ħalluqin kollha.

Viva Sant'Andrija Patrun tal-Ħalluqin.

Viva *Tal-Ajkla*.

# Flower Touch



*Specializing in flower arrangements for all occasions, weddings and more.*

Inkun il-pjazza ta' Ħal-Luqa kull nhar ta' Sibt.

Contact: Catherine
Tel: 2180 6800
Mob: 7980 6800






# Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri

Waslet festa oħra. Festa li għalina ser tkun waħda speċjali għaliex qegħdin niċċelebraw l-għoxrin sena mit-twaqqif ta' din is-sezzjoni.

Hawnhekk nixtieq nirringrazzja li dawk kollha li tul dawn is-snin għamlu parti minn din l-Għaqda li kisbet suċċessi minn mindu twaqqfet. Matul is-sena, tellajna wirja kbira bl-istatwi u pitturi ta' Sant'Andrija, ġewwa waħda mis-swali tas-Soċjetà tagħna. Il-ftuħ tagħha kien is-26 ta' Novembru 2016. Għamilna wkoll riċeviment għall-okkażjoni u stedinna sezzjonijiet taż-żgħażagħ minn soċjetajiet mużikali oħra. Il-wirja ntlaqgħet tajjeb u nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jiġi jara din l-esebizzjoni, tal-kummenti sbieħ u pożittivi li tawna.

Għamilna restawr fuq l-imrewħa. Saru ħafna bnadar ħomor biex ikomplu jsebbħu l-briju kbir li jkollna waqt il-marċi. Din is-sena wkoll ħa nkunu qegħdin nintroduċu flokk ġdid *(gear)* għall-okkażjoni tal-għoxrin sena. Tajjeb li ngħidu li fuq il-*gear* barra l-*logo* tas-sezzjoni, ħa jkollna wkoll il-*logo* tar-radju Sant'Andrija, hekk kif din is-sena għalaq l-għaxar snin mill-ewwel xandira tiegħu. It-tim tar-Radju Sant'Andrija, ħu jkun qed jagħmel diversi intervisti ma' min kien fis-Sezzjoni Żgħażagħ tul il-mixja tagħha lejn l-għoxrin sena. Inbeda wkoll ix-xogħol fuq pavaljun tad-dawl li f'Ħal Luqa ħa jkun l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta.

Fl-aħħar nett, nappellaw liż-żgħażagħ tagħna sabiex matul il-ġimgħa tal-festa jieħdu gost, niċċelebraw flimkien b'moderazzjoni, u waqt il-marċi nobdu l-istruzzjonijiet li jagħtina l-Kumitat Ċentrali.

B'wiċċna minn quddiem ngħidu li aħna konna l-ewwel Sezzjoni Żgħażagħ li daħħalna sens ta' dixxiplina waqt il-marċi. Ejjew b'hekk inkomplu nagħtu eżempju sabiħ lil soċjetajiet oħra bħalma għamilna tul is-snin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



# FUNERALS UNDERTAKER

FRANCIS BORG
DAY AND NIGHT SERVICE

**TAXI SERVICE AVAILABLE**
**TEL: 2189 5159**
**MOBILE: 9949 0161**

**'FRANCIS', GUDJA RD., LUQA**



## LOOKING FOR QUALITY & SECURITY?

**We offer the service of sending a draughtsman over to your premises to give you our professional advice and take the measurements onsite of your door and we will bring samples of colour and photos for you to choose from.**

**ALL THIS IS FREE OF CHARGE!**

FREE PROFESSIONAL ESTIMATES & ADVICE

**We Specialise In:**
- PVC Coated Doors
- Roller Shutters
- Insulated Sectional Doors
- Up & Over Doors
- Round The Corner Doors
- Folding Doors
- Gates & Fences
- Sheet Metal Doors
- Motorised Doors
- Moulds
- Substation Louvres
- Metal Doors Covered In Wood

New Street off Valletta Rd, Luqa LQA 6000
Email: info@alfredbaldacchinoltd.net

**Tel: 21 827 421 / 21 673 397 Fax: 21 673 397**

**www.alfredbaldacchinoltd.net**

**Also Specialising In Metal Doors Covered In Wood**

ALFRED BALDACCHINO LTD
MALTA'S LEADING MANUFACTURERS FOR INDUSTRIAL, COMMERCIAL & RESIDENTIAL

**Look no further!**




# Radju Sant'Andrija

## *10 Snin ta' Servizz lejn il-Komunità Ħalluqija*

**Andrè Farrugia**

Ninsabu fix-xahar ta' Ġunju, xahar li fih jingħata bidu għal festa ad Unur l-Appostlu Sant'Andrija li dis-sena se tigi ċċelebrata nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju. Ġunju huwa xahar li lura għas-sena 2007 fl-okkażjoni tal-10 snin tat-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ, kienet seħħet ħolma li kienet ilha tberren f'imħuħ tal-membri ta' din is-soċjetà. Fil-fatt f'dik is-sena rajna t-twelid tal-istazzjon bl-isem ta' Radju Sant'Andrija minn membri li lkoll kienu fis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri. Dan l-istazzjon bl-isem ta' Radju Sant'Andrija xandar għall-ewwel darba fil-ġimgħa tal-festa tal-istess sena.



Kif spiċċa l-istaġun tal-festi, il-Kummisjoni Radju ħasbet biex għal iskeda ta' Novembru għall-festa tax-Xitwa kif ukoll għal żmien il-Milied, tgħati dehra aħjar u iktar moderna l-i*studio* li minnhu jsiru x-xandiriet kollha meta l-istazzjon ikun qiegħed ixandar. Wara ħafna ħsibijiet kemm biex ma ssirx ħsara għal apparat tal-istess stazzjon, iżżarma l-apparat kollhu minn ġewwa l-istudio u nbeda x-xogħol li dam sejjer għal ġimgħatejn sħaħ mingħajr waqfien biex imbagħad nhar is-Sibt 26 ta' Novembru, 2016 l-istazzjon beda jxandar l-iskeda tiegħu. Fl-istess ġurnata waqt il-ftuħ tal-Wirja ta' Arti Sagra fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika ta' Sant'Andrija Appostlu 'In Cruce Christi Gloriaris' mtella mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri ġie ppreżentat il-logo l-ġdid ta' dan l-istazzjon u kif ukoll il-logo uffiċjali tal-10 snin ta' ħidma ta' dan l-istazzjon lil President ta' din is-Soċjetà Sur Joseph Piscopo, biex b'hekk infetħet is-sena tal-10 Snin Anniversarju. Għad-disinn taż-żewg logos ħallejna f'idejn il-Kumpanija Patrick Prints, fejn minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lil Patrick tax-xogħol li għamel fuq dan iż-żewġ logos ġodda.

L-istess kummissjoni bdiet il-preparamenti ta' din l-iskeda li jmiss eżattament kif għaddiet il-Ġimgħa Mqaddsa li fiha s-Soċjetà tagħna kienet attiva ferm. Se tkun skeda li involviet ħidma differenti, biex inkunu nistgħu nwasslu b'mod ħaj dak kollu li jkun qiegħed jiġri fir-raħal tagħna fil-ġimgħat li r-radju tagħna se jkun qiegħed ixxandar.


KENDA
ROOFING & WATERPROOFING SERVICES
10 YEARS GUARANTEE
Our company was founded by Kevin Grech in 1996 and is today one of Malta's leading companies which has been entrusted in waterproofing membrane works.
Many years of practical experience in the application of waterproofing and working on large projects awarded us successfully.
Our clients rely on our company as we guarantee high quality and service at all times.
OUR AIM IS YOUR SATISFACTION!
importers of PROFESSIONAL ROOFING PRODUCTS
7972 9967
www.kendawaterproofing.com
74, Triq Pawlu Magri, Luqa LQA 1472, Malta
T/F | 27018720 E | kwaterproofing@melita.com
PROBLEMS WITH LEAKING ROOFS?
20 Years experience ★★★★★
PROBLEMS WITH MOULD?
We Specialise in:
• Waterproofing Membrane (Different Colours)
• Maintenance & Repair On Old Waterproofing Membrane
• Special Liquid Membrane (Rubberised Paint) Different Colours
• Cool Roofing System • Damp Proofing (Appogg)
• Self-Adhesive Membranes • Anti-Rooting Membrane
• Aluminium Foil Membrane
• Thermal Roof Insulation With Waterproofing System
• Waterproofing Accessories For Drain Outlets
• Aluminium Paint • Floor Sound Proofing
• Concrete Screeds & Expansion Joints
• Resin, Epoxy & Polyurethane Paints for Flooring
• Anti-Mould Products
• Treatments Against Raising Humidity & Saltpetre
• Liquid Membrane Cement Based
• Free Inspections of Existing Membranes
• Emergency Repairs to Prevent Roof Damage
Products Are Used For Roofs, Retaining Walls, Balconies, Terraces, Basements, Planters, Pillars, Swimming Pools
• We Offer High Quality Materials And Services At All Times
• We Add Value To Customers With Competitive Prices
KENDA LTD
SOLVES THE PROBLEM
74, TRIQ PAWLU MAGRI, LUQA LQA 1472 Tel/ Fax: 27 018 720
kwaterproofing@melita.com
FOR A FREE QUOTATION CALL 79 729 967
POLYGLASS
10 Years Guarantee Easy Payment
Your Satisfaction is Guaranteed

Radju Sant'Andrija se jibda jxandar minn nhar is-Sibt 10 ta' Ġunju sa nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju, 2017 bi skeda li tikkonsisti b'kollagamenti diretti mill-Knisja u minn Pjazza Sant'Andrija. Apparti hekk il-Kummisjoni Radju ħasbet biex isiru sessjonijiet ta' rekordings ġodda ta' programm differenti li jvarjaw minn programmi dwar mużika, storja kemm tal-Banda L-Unjoni, kif ukoll ta' pajjiżna, programmi ta' novelli għat-tfal u kif ukoll qari minn kotba tal-festa antiki. Apparti hekk l-istess Kummisjoni ħasbet biex f'din l-iskeda jitfakkru anniversarji importanti. Se jitfakkru l-Anniversarji tal-75 sena mill-ġrajja hekk kerha lura għad-9 t'April, 1942 fl-eqqel tat-tieni gwerra Dinjija, 20 sena mill-mawra tal-Banda Unjoni ġewwa Amalfi, 20 Sena Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri, 10 Snin mir-rebħ tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art u ħafna iktar programmi. Ma jonqsux ukoll diversi programmi LIVE ta' mużika ta' kull ġeneru u stil biex nilħqu l-gosti ta' kulħadd minn preżentaturi ta' dan l-istazzjon.

Għal sena oħra nerġgħu nfakkru lid-dilettanti tal-marċi brijużi biex jagħmlu appuntament għal programm ta' Marċi Brijużi kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd bejn 12:00-14:00hrs.

Kif iġib ismu dan l-artiklu l-istazzjon tagħna kien ta' servizz lejn il-Komunita Ħalluqija tul dawn l-10 Snin b'xandiriet diretti mill-Knisja tal-Funzjonijiet kollha fil-ġimgħa tal-Festa, kollagamenti diretti minn ġewwa t-toroq u l-pjazez ta' raħalna biex dawk kollha li ma setgħux jingħaqdu magħhna fl-isbaħ żmien tas-sena, jingħaqdu magħna b'dan il-mod. Konna u ħa nibqgħu ta' servizz lejn l-għaqdiet kollha ta' raħalna biex permezz ta' dan l-istazzjon nxandru talent Luqi u dak kollhu li jkun qiegħed jiġri f'raħalna.

Ma nistgħux ngħalqu dan l-artiklu mingħajr ma nirringrazzjaw lil dawk kollha li jagħtu sehemhom. Hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lit-tim kollu, Djs, preżentaturi,tekniċi u membri oħrajn li tul dawn l-10 snin għamlu xogħol siewi b'mod volontarju, b'impenn u sagrifiċċju. Nixtiequ nirringrazzjaw wkoll lil dawk kollha li irreklemaw u li għadhom jirreklemaw ma' *Radju Sant'Andrija 88.4 FM* għax permezz tagħhom inkunu nistgħu nwasslu dawn ix-xandiriet f'Ġunju u f'Novembru. Mill-ġdid inħeġġukom biex tagħmlu użu mis-servizzi tagħhom.

Apparti hekk nirringrazzjaw lilkom semmiegħa ta' dan l-istazzjon tal-inkoraġġiment li dejjem tgħajtu tul dawn l-10 Snin. Infakkrukom li tistgħu tingħaqdu magħna fuq il-frekwenza ta' 88.4 FM Stereo jew streamed Live fuq *www.unionbandmalta.org*. Minn dan l-artiklu nieħdu l-okkażjoni biex min hu interessat fil-qasam tax-xandir jingħaqad ma' Radju Sant'Andrija 88.4FM, u tkunu tistgħu tagħtu sehemkom.

Ngħalqu dan l-artiklu billi nawguraw il-festa t-tajba lill-Kumitat Ċentrali, u lill-kummisjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* fejn nirringrazzjawhom tal-koperazzjoni kontinwa tagħhom. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas minn qalbna nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Sant'Andrija, Viva l-Banda *L'Unione*



JA James Agius Woodworks Ltd

28, Industrial Estate, Luqa LQA 3000 Malta
**Tel:** +356 2124 4445, +356 2740 6777
**Fax:** +356 2740 6777 | **Mob:** +356 7936 9176
**Email:** info@jagiuswoodworks.com
www.jagiuswoodworks.com

Made to Measure:
Kitchens • Staircases • Wallunits • Bedrooms • Bathroom Units
Doors • Loose Furniture • Banisters • Balconies etc






# Il-Festa Tagħna... Xi tfisser għalina?

**Rev. Dun Charles Cini**
*Viċi Parroku*

Għeżież, reġgħet waslet il-festa. Il-festa li għalina l-Ħalluqin tfisser ħafna, għaliex hija l-akbar ċelebrazzjoni li aħna nagħmlu f'ġieħ il-Patrun tagħna Sant'Andrija. Iżda meta aħna nsaqsu lil ħafna minna nindunaw li hemm ħafna opinjonijiet differenti dwar il-festa. Għal uħud, il-festa tfisser il-marċ u l-briju, għal oħrajn tfisser in-nar, jew l-armar sabiħ, għal oħrajn tfisser iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Knisja. Għal ħafna minna l-festa tfisser okkażjoni sabiħa biex niltaqgħu flimkien speċjalment il-familja kollha, bħal meta niltaqgħu maz-zijiet, man-nanniet jew mal-kuġini u ħbieb.

Jekk nħarsu ftit x' tgħid il-Kelma ta' Alla dwar il-festi naqraw hekk: *Fil-ħmistax tas-seba' xahar, meta tkunu ġbartu l-frott tal-art, tagħmlu l-festa tal-Mulej għal sebat ijiem bil-mistrieħ tas-sibt fl-ewwel u fit-tmien jum...U tagħmlu festa f'ġieħ il-Mulej għal sebat ijiem fis-sena. Din hi liġi għal dejjem għall-ġenerazzjonijiet kollha tagħkom* (mill-ktieb tal-Levitiku 23, 39-41). Minn hawn nitgħallmu li Alla jrid li nagħmlu l-festi iżda bi skop wieħed: li nikbru fl-imħabba għal Alla. Iżda fl-istess Kelma ta' Alla naraw li Alla jċanfar lil min ma għandux dan l-iskop, min iwebbes rasu, bħalma kien għamel is-sultan Sawl: *Jaqaw il-Mulej jogħġbu l-vittmi tal-ħruq u s-sagrifiċċji aktar mis-smigħ tal-kelma tal-Mulej? Ara l-ubbidjenza hi aqwa mis-sagrifiċċji; is-smigħ, aħjar mix-xaħam tal-muntun. Ir-ribelljoni daqs id-dnub tas-seher, u li twebbes rasek daqs il-ħażen tal-qima tax-xbihat. Għax int warrabt il-kelma tal-Mulej, hu se jwarrab lilek minn sultan!* (mill-ewwel ktieb ta' Samuel 15, 22-23).

Kemm hemm x'nitgħallmu minn dan il-kliem. Jeħtieġ li naraw xi tfisser għalina l-festa. Għalhekk semmejt il-Kelma ta' Alla f'dan il-messaġġ, għaliex din hija kelma mhux ta' bniedem iżda ta' Alla, li biha aħna nitgħallmu ħafna biex naraw xi tfisser għalina l-festa ħalli tkun tixraq lil patrun tagħna Sant'Andrija u lir-raħal tagħna. Mela f'kelma waħda l-festa tfisser niċċelebraw biex nikbru fl-imħabba lejn Alla permezz tal-interċessjoni tal-qaddis patrun tagħna l-Appostlu Sant'Andrija.

Il-Festa it-tajba lil kulħadd.

# Stephen Mini Market

St George's Street, Luqa

**Mob: 9946 5227**




*For all kind of groceries,*
*fresh fruit, vegetables and detergents*







Hardware

**M.CAUCHI**
**HARDWARE**
**STORE**

**201 - 202 NEW STREET, LUQA TEL: 2180 4997**

PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS
WATER & OIL BASED PAINTS
CARPENTRY GOODS
CEMENT
KEY CUT




# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda

Is-Soċjetajiet tal-baned tagħna huma sinonimi mal-festi Maltin u dan għaliex ma hemmx dubju li l-każini tal-banda jagħrfu li l-festi fil-lokalitajiet fejn huma stabbiliti huma parti integrali mill-fibra reliġjuża, kulturali u soċjali ta' pajjiżna. L-enerġija u l-entużjażmu li jittra≈mettu l-għaqdiet mużikali lill-poplu kollu, fil-ħidma tagħhom biex jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom fil-festi tagħna hija xi ħaġa li kulħadd jammira u jirrikonoxxi. Dan jieħu xejra akbar ta' ammirazzjoni meta wieħed jiftakar li ħafna xogħol li jsir huwa kollu volontarju. Il-fatt li minkejja ħafna diffikultajiet, l-element volontarju jibqa' jipprevali fl-istrutturi tas-soċjetajiet mużikali huwa fatt li għandu jkollu rikonoxximenti akbar minn kull ċittadin li għandu għal qalbu l-kultura f'pajjiżna u għandu jgħin biex dan l-element fundamentali ta' kull soċjetà jibqa' b'saħħtu.

Mingħajr dubju, il-ħoss melodjuż tal-mużika tal-baned tagħna tagħti ħajja lill-festi tagħna u dan flimkien ma' elementi oħra importanti bħall-arti piroteknika u l-armar artistiku, li huma kollha l-għożża ta' ħafna. Dan kollu jagħmel il-festi tagħna kulturalment, soċjalment, imma mhux anqas reliġjożament, parti integrali mill-kalendarju tal-ħajja ta' pajjiżna. Li hu żgur li s-soċjetajiet mużikali jagħrfu li għandhom l-obbligu li s-sabiħ tal-festi jibqa' jitħares u protett u dan isir b'ħafna sagrifiċċju minn min imexxi l-każini tal-baned tagħna.

Matul il-perjodu tal-festi huwa naturali li jkun hemm aspettattivi kbar mhux biss mill-partitarji u l-benefatturi ta' soċjetà mużikali partikolari imma anke mill-komunità nnifisha biex tara li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi jkunu sbieħ. Dan kollu jpoġġi pressjoni akbar fuq id-diriġenti tas-soċjetajiet mużikali biex jaraw li l-festi tagħna jibqgħu jkunu avvenimenti importanti fil-kalendarju kulturali u reliġjuż ta' pajjiżna. Madanakollu, huwa importanti li bħala soċjetajiet mużikali flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u anke lokali, kemm dawk ċivili u reliġjużi, naraw li l-festi tagħna u allura l-ħidma tal-għaqdiet mużikali ma tkunx imtappna.

Huwa mertu tas-soċjetajiet mużikali li kontinwament jaħdmu biex jaraw li ma jkunx hemm eċċessi fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi għaliex jagħrfu li l-eċċessi ma jagħmlux ġid iżda ħafna drabi jwasslu biex il-festi jintużaw għal affarijiet li żgur kulħadd jaqbel li jagħmlu ħsara b'mod partikolari lil dawk li jagħmlu s-sena kollha jaħdmu fl-interess tas-soċjetà mużikali imma wkoll tal-komunità fejn jgħixu.

Il-festa għandha tibqa' waħda li fiha l-komunità tingħaqad biex issaħħaħ l-identità

# eretric ltd

Importers & Distributors of
Auto-Marine Electrical Parts & Accessories

intAct
Battery-Power

WARRANTY 2 YEARS WARRANTY

**GERMAN QUALITY BATTERIES**




The intAct Start-Power batteries are impressive with their perfect price-performance ratio as well as a complete product line.

IntAct Start-Power batteries are used in all passenger cars, trucks and agricultural machinery. Boats and Yauchts.

**TRIQ IL-MITHNA TA CARAFFA**
**Luqa LQA 1521**
**Tel: 21 665642 / 21 821769**
**Email: sales@eretric.com Website: www.eretric.com**

kulturali tagħha, dik reliġjuża kif ukoll dik soċjali u anke dik bħala nukleju familjari għaliex kulħadd jagħraf kemm huma importanti li l-ġranet tal-festa jintużaw b'mod tajjeb, san u li jkunu ta' ġid veru għal kull min jieħu sehem fihom.

Għalhekk f'isem l-Għaqda Każini tal-Banda filwaqt li nawgura l-festa t-tajba, u nirringrazzja lis-soċjetà mużikali għall-ħidma tagħha, inħeġġeġ li dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet tal-festa li verament ikunu okkażjoni ta' għaqda u li matulha nkomplu nuru li s-soċjetajiet mużikali jagħrfu r-responsabilità li jiċċelebraw il-festa b'maturità u b'serjetà ħalli ma jintilifx is-sens kulturali u tradizzjonali tal-festi Maltin u Għawdxin.

# Nifirħu lil...



- Bandisti aħwa Eric u Patrick Camilleri li din is-sena qed ifakkru l-ħamsa u għoxrin sena minn meta ħarġu jdoqqu għall-ewwel darba mal-Filarmonika L-Unjoni lura fl-1992. L-aħwa Camilleri huma t-tnejn attivi fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Nawguralhom aktar snin ta' ħidma fejjieda.

- Karl Camilleri, bandist tal-Filarmonika L-Unjoni, li kiseb suċċess fil-Grade 8 tal-prattika tal-klarinett. Karl ħareġ idoqq fl-2004 u huwa bandist regolari mal-banda tagħna.

- Joe Bezzina, bandist u delegat tal-Filarmonika L-Unjoni, li kiseb suċċess fil-Grade 5 fit-teorija mużikali. Joe ħareġ idoqq mal-banda fl-2009 u jservi ukoll fil-Kumitat Ċentrali u s-Sezzjoni Armar.





- Rev. Dun Carlo Cini, Viċi Parroku u s-Sinjura Ċettina Spiteri li ingħataw Ġieħ Ħal Luqa mill-Kunsill Lokali f'Settembru 2016.

# EMMANUEL GATT
**PETROL SERVICE STATION**



GENERAL TYRE REPAIRS
ALSO
NEW TYRES

NEW STREET, LUQA - MALTA
TEL: 2180 9351






# Il-Qawwa tal-Edukazzjoni Mużikali

**Charles E. Zammit**
*Ph.D, D.Musc, KCSJ*

Studju wara studju minn tobba, psikologi u psikjatri juri bil-provi li l-edukazzjoni mużikali tkabbar l-iżvilupp tal-moħħ b'mod drammatiku u ttejjeb ukoll l-iżvilupp akkademiku kollu.

Ħafna mill-konklużjonijiet li ntlaħqu wara ħafna riċerki minn dawn in-nies professjonali juru kemm verament l-istudju tal-mużika jagħmel ġid kbir fl-iżvilupp ta' moħħ it-tfal. Il-korrispondent teknoloġiku Ingliż Paul Kendall jgħid li x-xjenzati sabu loġika qawwija fl-effetti li l-mużika toħloq fl-imħuħ taż-żgħażagħ.

Skont John Jenkins, Professur Emeritu fl-Università ta' Londra, jgħid li hemm diversi kompożituri li l-mużika tagħhom tagħmel ħafna ġid fl-iżvilupp tal-moħħ. Dawn jinkludu Wolfgang Amadeus Mozart, Johann Sebastian Bach, J.C. Bach u Yanni, kompożitur modern mill-Greċja.

Numru kbir ta' speċjalisti fil-mużika, inklużi Rauscher, Shaw, Shalug, Beringer, Miller u Frank Wilson, newroloġista fl-Università ta' California jgħidu li: "Min jistudja strument mużikali jkun qiegħed ilaqqa, jiżviluppa u jirrafina l-abbiltajiet mentali u s-sistema newroloġika kollha. It-tagħlim ta' strument mużikali għandu importanza assoluta fl-iżvilupp totali ta' moħħ il-bniedem."

Il-Kunsill għall-edukazzjoni mużikali f'Londra jgħid li din l-istess edukazzjoni tgħin biex tippromovi valuri personali, sensittività interpersonali, immaġinazzjoni u l-ħsieb kritiku u awtentiku. Tipprovdi wkoll fondazzjoni b'saħħitha għall-kreattività, dixxiplina personali, ħsieb kostruttiv u stima personali.

Il-Professur Keith Swanwick mill-Università ta' Londra jgħid li l-mużika hija ferm essenzjali għall-edukazzjoni tat-tfal kollha. Il-pedagoġista Ġappuniż Dr. Schinicki Suzuki, jgħidilna li l-mużika tippreżenta opportunità qawwija għall-iżvilupp ta' moħħnobbli, sens qawwi ta' valuri u abbiltà splendida.

Hemm ħafna filosofiji oħrajn li juru l-importanza tal-edukazzjoni mużikali fit-tfal kollha, iżda l-ispazju ma jippermettix li ninkludihom. Fl-aħħar nett, int li qed taqra dawn il-versi, ftakar li s-Soċjetà tagħna, il-Filarmonika L-Unjoni, għandha nies professjonali u serji li kontinwament jgħatu t-tagħlim tal-mużika b'xejn lil dawk kollha interessati.

# TWO 9 SIX

***LADIES' - GENTS', CHILDREN'S WEAR & UNDERWEAR***

***San Injazju & San Benedittu School Uniforms also available***

**NEW STREET, LUQA**

***Opening Hours*** **8.45am - 1.00pm & 4.15pm - 7.15pm**

*Jawguraw lill-klijenti kollha tagħhom il-Festa t-Tajba*

**Tel: 2182 0672 Mob: 7904 5951**

Find us on: facebook






# Inawgurazzjoni tas-Sala *Prof. Charles E. Zammit*

**Joseph Piscopo**

Nhar it-12 ta' Diċembru 2016 kienet ġurnata importanti għas-Soċjetà tagħna. Dan għaliex fiha ġiet inawgurata uffiċjalment is-sala tal-kunċerti tal-banda tagħna u mbierka mill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo. Mill-bini tal-każin kollu din is-sala hi l-aktar waħda importanti għas-Soċjetà għaliex fiha ta' kull ġimgħa l-bandisti u l-istudenti li jitgħallmu fis-Soċjetà tagħna jiltaqgħu hawnhekk sabiex jagħmlu l-provi meħtieġa.

L-investiment li sar f'din is-sala laħħaq l-eluf ta' ewro. Però bis-saħħa ta' dan l-investiment nistgħu niftaħru li issa ser ikollna waħda mill-aktar swali professjonali u b'akustika tassew tajba. Barra li l-ħoss tjieb, issa s-sala hi mgħammra wkoll bl-arja kondizzjonatar sabiex din tkun tista' tintuża bla problemi anke fil-ġranet sħan tas-sajf. Barraminnhekk is-sala hija mgħammra wkoll bir-*raised flooring,* f'każ li jkunu jridu jgħaddu xi servizzi minn taħt.

Mertu ewlieni ta' dan l-investiment li għamilna jmur lil Onor. Silvio Schembri li kien il-*Project Leader* sabiex stajna nibbenifikaw minn fondi Ewropej, li ammontaw għall-70% tal-ispiża kollha. Mertu ieħor imur lis-Sur Lawrence Cassar li sponsorja l-ispiża tal-leġiji u lis-Sur Andrew Vassallo li sponsorja l-bieb tas-sala li hu kompletament *sound proof*. Minn naħa l-oħra l-ispiża tas-siġġijiet, li nxtraw fl-aħħar fażi tal-proġett tħallset mis-Soċjetà b'ko-finanzjament tal-Aġenzija Żgħażagħ. Il-ħjata kollha saret mis-Sinjura Mary Callus. Ringrazzjament partikolari jmur ukoll lill-membri tal-kumitat Clifford Micallef u Andrew Aquilina li kkordinaw il-proġett mill-bidu sal-aħħar.

Bħala sinjal ta' rispett u rikonixximent, din is-sala tal-banda ġiet dedikata lill-Professur Charles E. Zammit li għal 31 sena sħaħ kien is-Surmast Direttur tal-Banda tagħna. B'dan il-ġest isem Profs. Zammit ser jibqa' mniżżel f'din is-sala importanti fil-Każin tagħna sabiex nibqgħu niftakru fl-impenn li kellu sabiex dejjem jgħolli isem il-Banda tagħna. Dan hu ġest żgħir imma sinifikattiv li juri l-apprezzament tas-Soċjetà tagħna lejn dan is-Surmast li ħadem minn qalbu kemm seta' għall-ġid tal-Banda tagħna.








STORJA FIL-QOSOR
TAS-SOĊJETÀ FILARMONIKA
L-UNJONI, LUQA











Inawgurazzjoni
tas-Sala
Prof. Charles Zammit
12 ta' Diċembru, 2016

# Zneiber

**CONFECTIONERY & PASTIZZERIA**

*Orders accepted for*
*Weddings and all occasion parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999 Mob: 7927 0794

# J.B. Glass Work



For crystal & ordinary glass
• Mirrors
• Polish Edge
• Bevelled
• Stained Glass
• Emergency Repairs

DOMESTIC & COMMERCIAL

19, Qalb ta' Ġesù, Triq L-Imtall, Żurrieq
Tel: 21 689 948 Mob: 99 402 279




# *Tristis Est Anima Mea*

## *Kunċert ta' Mużika Sagra mis-Soċjetà Filarmonika L'Unione*

**Neil Zammit**

Is-Sibt l-1 ta' April 2017, is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* ta' Ħal Luqa kitbet paġna oħra mill-aktar importanti b'ittri kbar tad-deheb fl-istorja tagħha. Dan hekk kif għat-tieni darba fl-istorja riċenti, il-Filarmonika *L'Unione* tellgħet kunċert ta' mużika sagra ġewwa l-Knisja Parrokkjali iddedikata lill-Appostlu Sant'Andrija.

Il-ħsieb wara dan il-kunċert beda jinħema fis-sajf tas-sena li għaddiet. Wara li nżammu numru ta' laqgħat informali bejn dawk konċernati, il-Kumitat tad-Direzzjoni ġie mgħarraf b'din il-proposta, sar qbil unanimu u minnufih bdiet il-ħidma. Konna nafu għal xiex deħlin, għax is-Soċjetà tagħna għandha esperjenza ta' avvenimenti simili. Iżda bħal donnu mill-bidu kien jidher ċar illi dan il-kunċert kien ser ikun akbar minn qatt qabel. Sadanittant intalbet l-għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Malti Għall-Arti, li dan minn naħa tiegħu laqa' l-applikazzjoni tagħna għax emmen f'dan il-proġett u fil-benefiċċji tiegħu lejn is-soċjetà Maltija inġenerali. Ingħatajna wkoll għajnuna mingħand



# Tristis Est Anima Mea



Il-Filarmonika *L'Unione* tikteb l-istorja b'ittri kbar tad-deheb


Is-Soċjetà Filarmonika
L-Unjoni A.D. 1880
Tristis Est
Anima Mea
Is-Sibt, 1 ta' April 2017
John D. Zammit
Tonio Bonello







**Frankie Green Grocer**



**Triq il-Karmnu**
**Luqa**

**Tel: 2180 6809**
**Mob: 9987 8638**

# Carly's

STATIONERY,
GIFTS AND TOYS

Printing from Pen-drive/USB, Photocpying, Colour,
Binding & Film Developing Service available.

Selection of Communion, Book Covering, Confirmation and
Christening souvenirs also available.

Triq Censu De Candia, Luqa    Tel.: 2180 3774    Mob: 9986 4307
**NEAR LELA PET SHOP**




numru ta' benefatturi oħra li xtaqu jibqgħu anonimi.

Kunċert bħal dan jirrikjedi għażla tajba ta' mużika. Stajna ħadna t-triq il-faċli u daqqejna mużika li hija popolarment magħrufa. Iżda dan ma kienx il-każ għax sa mill-bidu nett il-ħsieb f'moħħna kien li dan il-kunċert ikun ta' klassi u ta' livell artistiku għoli liema bħalu. Għaldaqstant bdiet konsultazzjoni sħiħa mas-Surmast Direttur John David Zammit biex rajna x'mużika hemm għad-dispożizzjoni tagħna fl-arkivji tas-Soċjetà, waqt li naraw x'mużika hemm bżonn tiżdied biex il-kunċert jilħaq l-għanijiet primarji tiegħu.

Wara ġimgħat sħaħ ta' diskussjoni, ġie deċiż illi dan il-kunċert għandu jitfassal fuq erbatax-il xogħol, ilkoll kemm huma pjuttost qosra fit-tul tagħhom, iżda lkoll kemm huma joffru xi ħaġa differenti u mżewqa li tolqot il-gosti ta' kulħadd. Dan kien ifisser ħafna xogħol kemm mil-lat ta' amministrazzjoni kif ukoll mil-lat ta' arranġamenti mużikali. Meta tlaqna bil-premessa li fil-kunċert jindaqqu xogħlijiet li mhux soltu nisimgħu, dan kien ifisser li riedu jsiru arranġamenti tal-mużika għall-banda sinfonika, fosthom xogħlijiet li rari jew kważi qatt ma ndaqqu minn banda simili. Għal dan l-inkarigu daħal b'ruħu u ġismu s-Surmast Direttur John David Zammit, li għal xhur sħaħ ħadem fuq numru ta' arranġamenti mużikali. L-għajnuna ta' Martin Camilleri kienet utli ukoll f'dan ir-rigward. Barraminnhekk, intagħżlu numru ta' xogħlijiet mill-arkivji tas-Soċjetà kif






















COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999 Mob: 9945 3187

Email: info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com



ukoll ġew inklużi tliet xogħlijiet ġodda fjamanti li nkitbu apposta għall-okkażjoni.

M'għandniex xi ngħidu, la darba intagħżlu xogħlijiet impenjattivi ridna li jkollna mużiċisti tajbin, solisti u kor kbir li setgħu jagħtu interpretazzjoni eċċellenti. L-għażla tal-kor waqgħet fuq il-*Coro Bel Canto* immexxi mis-Surmast Hermann Farrugia Franz, waqt li s-solisti kienu s-sopran Claire Caruana, il-mezzo-Sopran Connie-Frances Zerafa u t-tenur Charles Vella Zarb. Fejn tidħol il-banda sinfonika, flimkien mal-Banda *L'Unione* ingħaqdu numru ta' mużiċisti kif ukoll strumenti varji li kienu rikjesti minħabba r-repertorju magħżul.

Fil-fatt apparti l-istrumenti li naraw is-soltu, ingħaqdu wkoll mal-banda żewġ kuntrabaxxi, żewġ fagotti, *keyboards,* l-arpa kif ukoll l-orgni l-kbir tal-knisja parrokkjali. Dawn kollha ikkumplimentaw tabilħaqq il-ħoss tal-banda u taw timbru verament partikolari, li mhux soltu jinstema' f'kunċerti bandistiċi.

Ma naqsux ukoll il-preparamenti loġistiċi u amministrattivi. Tkellimna mal-Wisq Rev. Kappillan u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, fejn dawn aċċettaw it-talba tagħna li nippreżentaw dan il-kunċert ġewwa t-Tempju Andrean, proprju ħmistax qabel il-festi solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Ix-xewqa tagħna sa mill-bidu nett kienet li tittella' x-xbieha tant għażiża tal-Vara l-Kbira fuq il-presbiterju tal-knisja għal din l-okkażjoni speċjali. Din il-ħolma saret realtà grazzi għall-Kappillan Dun Gordon Refalo u għal dawk kollha li għenu, għax ngħiduha kif inhi, ma kinitx daqshekk faċli daqs kemm wieħed jaħseb.

Hekk kif bdew l-aħħar provi bi preparazzjoni għall-programm innifsu, il-prespiterju kellu jiżżarma u jintrama xejn anqas minn ħames darbiet sabiex setgħu jsiru l-provi meħtieġa ġewwa l-Knisja Parrokkjali. Mil-lat amministrattiv, dan ix-xogħol kien jinkludi l-materjal kollu ippubblikat bħall-ktejjeb ta' tifkira, inviti, reklamar, artikli fuq il-gazzetti lokali, intervisti fuq l-istazzjonijiet lokali u ħafna xogħol ieħor minn wara l-kwinti.

Kif semmejna aktar qabel, ir-repertorju għal dan il-kunċert kien wieħed imżewwaq u bilanċjat ferm tajjeb. Minn mużika purament sagra u polifonika għal mużika sagra b'laqta kontemporanja u mużika ta' films epiċi marbuta ma' ġrajjet l-Iskrittura Mqaddsa. Fil-fatt, il-kunċert kien jinkludi fih mużika ta' kompożituri kbar Maltin fosthom Joseph Abela Scolaro, Giuseppe Camilleri, Gaetano Grech u Charles Zammit, kif ukoll assistejna għall-*premier* ta' tliet xogħlijiet miktuba għall-okkażjoni minn John David Zammit, Norbert Camilleri u Neil Zammit rispettivament. Il-programm kien jinkludi dawn is-siltiet:

| | | |
|---|---|---|
| *Introduzione* | ***Adagio Religioso*** | Norbert Camilleri |
| *Responsorio* | ***Tristis Est Anima Mea*** | Joseph Abela Scolaro<br>Bis-sehem<br>tas-Sopran Claire Caruana |
| *Introitus* | ***Nos Autem Gloriari*** | Charles E. Zammit<br>Bis-sehem tal-Coro Bel Canto |
| *Introït et Kyrie* | ***Requiem Opus 48*** | Gabriel Faurè<br>Arr. John D. Zammit<br>Bis-sehem tal-Coro Bel Canto |













# Christopher Cardona

WHOLESALER

Chocolate | Biscuits | Snacks | Drinks

Tel: 2742 2748

Mob: 9942 2748

Email: chrisws@melita.com

# Atomic Garage




Car Sprayer & Panel Beating
Specialising in Modern Oven Bake &
Water Base for Auto Spray painting
Insurance approved

Tel: 2124 4659 • Mob: 9945 8525
Simon Ciantar
Atomic Garage 58, 59, 60,
Industrial Estate, Luqa LQA 3000
atomicgarageluqa@gmail.com





| | | |
|---|---|---|
| *Elegia* | ***Mandatum Novum do Vobis*** | Neil Zammit<br>Bis-sehem tal-organista<br>Mark Vassallo<br>u n-narratur Raoul Briffa |
| *Latin Hymn* | ***Stabat Mater***<br>*Stabat Mater Dolorosa*<br>*Qui Maribat* | Gaetano Grech<br>Arr. John D. Zammit<br>Bis-sehem tas-Sopran<br>Claire Caruana u l-Mezzo-Sopran<br>Connie Frances Zerafa |
| *Corale* | ***Corale Religioso*** | Giuseppe Camilleri<br>Bis-sehem tal-Coro Bel Canto |
| *Responsario* | ***Tenebrae Factue Sunt*** | John D. Zammit<br>Bis-sehem tal-Coro Bel Canto |
| *Rhapsodia* | ***Hungarian Rhapsody No. 5***<br>*Héroïde-élégiaque* | Franz Liszt<br>Arr. John D. Zammit |
| *Latin Hymn* | ***Stabat Mater***<br>*Quando Corpus Morietur -Amen* | Giovanni Battista Pergolesi<br>Arr. O. Gelmi<br>Bis-sehem<br>tas-Sopran Claire Caruana<br>u l-Mezzo-Sopran<br>Connie-Frances Zerafa |
| *Introduzione* | ***Le Sette Ultime Parole di Nostro Signore Gesù Cristo*** | Saverio Mercadente<br>Arr. John D. Zammit<br>Bis-sehem tal-Coro Bel Canto |
| *Introduzione*<br>*Parte Finale e Finale*<br>*Prima Parte* | ***La Passione di Cristo***<br>*Trilogia Sacra* | Lorenzo Perosi<br>Arr. A. Peroni |
| *Preludio* | ***The Ten Commandments*** | Elmer Bernstein<br>Arr. John D. Zammit |
| *Epilogue* | ***King of Kings***<br>*Resurrection & Finale* | Miklós Rózsa<br>Arr. John D. Zammit<br>Bis-sehem tal-Coro Bel Canto |

Ma' sbiħ is-Sibt 1 ta' April 2017 membri tal-Kumitat Ċentrali ltaqgħu ġewwa l-Knisja sabiex iħejju l-aħħar preparamenti għall-kunċert. Il-*crew* ta' TVM ħejja l-apparat kollu sabiex jirrekordja dan l-avveniment li mbagħad kellu jixxandar fuq TVM2 nhar il-11 ta' April proprju fil-Ġimgħa Mqaddsa. Barraminnhekk, is-*sound engineer* Sergio Costa flimkien mas-sinjuri Lawrence Cassar u Andrew Zammit ħadu ħsieb dak kollu marbut mal-akwistika u l-viżwal tal-kunċert. Kollox kien jinsab lest biex filgħaxija, il-Filarmonika *L'Unione* dejjem taħt id-direzzjoni tal-Mro. John David Zammit, turi l-abbiltà mużikali tagħha waqt li tikteb paġna oħra ta' suċċess fl-annali glorjużi tagħha.

Il-kunċert ingħata bidu fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija, bi preżentazzjoni tas-Sur Tonio












ARKIVJU
MUZIKALI
A.D.1880

Bonello. Il-Knisja Parrokkjali kienet mimlija bin-nies, saħansitra kellhom joqogħdu nies bilwieqfa. Membri tal-Kleru, Membri Parlamentari kif ukoll rappreżentanza mis-soċjetà ċivili u parrokkjali lkoll ġew bi ħġarhom għal dan l-avveniment, kif wara kollox għamlu l-membri u l-partitarji tas-Soċjetà kif ukoll il-pubbliku inġenerali, li lkoll ħonqu kull rokna tat-Tempju Andrean. L-ewwel silta mużikali tmexxiet mill-Assistent Surmast Norbert Camilleri, fuq kompożizzjoni tiegħu nnifsu. Aktar tard rajna fostna lis-Surmast Emeritu Prof. Charles E. Zammit, li b'sorpriża għal ħafna, idderieġa lill-Banda *L'Unione* għal darb'oħra fl-istorja waqt l-esekuzzjoni tas-silta miktuba minnu stess. Il-bċejjeċ mużikali l-oħra ġew esegwiti taħt id-direzzjoni mużikali tas-Surmast Direttur John David Zammit, li b'ħila kbira mexxa l-banda, l-kor u s-solisti.



Lejn nofs il-programm, waslet fostna l-E.T s-Sinjura Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta flimkien mas-Sur Edgar Preca, li ħadu l-patroċinju ta' dan il-Kunċert. Viżibilment emozzjonata, l-E.T il-President ta' Malta kellha kliem ta' tifħir għall-Banda *L'Unione*, li hi dejjem ħabbet u ammirat flimkien mal-membri fi ħdanha.

Wara final mill-aktar grandjuż, ingħata riċeviment lill-mistednin distinti mill-Kumitat Ċentrali ġewwa s-swali tal-Każin. Il-President tas-Soċjetà s-Sur Joseph Piscopo għamel kelmtejn ta' ringrazzjament waqt li ppreżenta xi tifkiriet tal-okkażjoni.

Il-kunċert ġie u mar, iżda żgur li ħalla warajh bosta tifkiriet mill-isbaħ li ma jintnesew qatt. Fuq kollox ħalla warajh timbru li ma jitħassar qatt; timbru li jixhed il-kapaċità kbira ta' din il-Filarmonika *L'Unione*, li sa mit-twaqqif tagħha dejjem kisbet l-unuri kull fejn semmgħet leħinha. Dan kollu grazzi għall-President u l-Kumitat ħabrieki tas-Soċjetà *L'Unione* li flimkien jaħdmu id f'id matul is-sena kollha biex isem *L'Unione* jibqa' fuq quddiem net bla mittiefes. Radd il-ħajr lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom volontarjament għal xhur sħaħ, kif ukoll lill-benefatturi kollha u l-Grupp Armar tal-Knisja. Żgur li kien ta' unur kbir għalina li ħloqna, fassalna u assistejna għal dan l-avveniment hekk importanti li għandu jibqa' jissemma fis-snin li ġejjin fost il-foħrija ta' bosta. *L'Unione* kienet, għadha u tibqa' tabilħaqq ambaxxatriċi denja ta' raħalna. Awguri għal li ġej.



***Evviva***
***l-Filarmonika L'Unione***
***A.D. 1880***



# Programm
## Festa 2017

# Programm tal-Festi Solenni fit-Tempju Andrean f'ġieħ

# Sant'Andrija Appostlu

## Patrun u Protettur Ewlieni ta' Ħal Luqa

### Il-Ħadd 25 ta' Ġunju
***Jum iż-Żgħażagħ***

**10:30am** Quddiesa speċjali għaż-Żgħażagħ fil-Knisja Parrokkjali. Mistiedna ż-żgħażagħ kollha b'mod speċjali ż-żgħażagħtal-għaqdiet reliġjużi u l-għaqdiet soċjali. Iqaddes ir-Rev. Dun Marco Portelli.

**12:00pm** Tindaqq mota tat-tħabbira tal-festa.

### It-Tnejn 26 ta' Ġunju – Ħruġ min-Niċċa
***Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u Soċjali***

**6:40pm** Ninġabru ħdejn l-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Wied il-Knejjes sabiex nagħtu ġieħ lil missirijietna. F'isem l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet kollha tal-Parroċċa, is-Sindku flimkien mal-Kappillan ipoġġu kuruna tar-rand f'riġlejn l-istatwa. Wara jibda korteo li jgħaddi minn Triq il-Karmnu sal-Knisja Parrokkjali.

**7:00pm** Quddiesa Kantata mill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo fil-Knisja Parrokkjali. Fi tmiem il-quddiesa, titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* filwaqt li jsir il-ħruġ tal-istatwa titulari ta' Sant'Andrija minn niċċa.

**8:00pm** Il-Banda Sant'Andrija flimkien mal-komunità parrokkjali jsellmu lil Sant'Andrija bl-Innu Popolari.

### It-Tlieta 27 ta' Ġunju
***Jum it-Tfal***

**6:30pm** Quddiesa għat-tfal kollha tal-parroċċa ġewwa l-Knisja Parrokkjali, immexxija mir-Rev. Dun Nicholas Dimech, Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija Assunta ta' Ħal Għaxaq. Wara toħroġ purċissjoni bl-istatwa ż-żgħira ta' Sant'Andrija li tgħaddi minn Misraħ Sant'Andrija, Misraħ il-Knisja, Misraħ Sant'Andrija u lura fil-Knisja. Wara t-tfal kollha mistiedna sabiex imorru l-qasam tal-MUSEUM fejn ikun hemm logħob u attivitajiet oħra.

## L-Erbgħa 28 ta' Ġunju – L-Ewwel Jum tat-Tridu

***Jum l-Emigranti***

**6:30pm** Quddiesa Kantata Solenni tal-Ewwel Tridu mmexxija mir-Rev. Dun Andrew Schembri, Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija Assunta ta' Ħ'Attard. Jagħmel l-omelija tat-Tridu r-Rev. Dun Ġorġ Schembri, Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija Assunta tal-Imġarr. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella, jitkantaw l-Innu tal-Appostli u l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tingħata l-Barka Sagramentali.
Mistiedna speċjali l-emigranti li jkunu fostna għal jiem tal-Festa.

## Il-Ħamis 29 ta' Ġunju – It-Tieni Jum tat-Tridu

***Jum il-Morda u l-Familja***

**9:30am** Ċelebrazzjoni għall-morda li jinsabu d-dar u l-anzjani tal-Parroċċa residenti f'San Vinċenz de Paule. Iqaddes ir-Rev. Patri Maurice Caruana M.S.S.P.

**6:30pm** Quddiesa Kantata Solenni tat-Tieni Tridu mmexxija mir-Rev. Patri Dominic Cachia M.S.S.P. Jagħmel l-omelija tat-tridu r-Rev. Dun Ġorġ Schembri, Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija Assunta tal-Imġarr. Wara l-quddiesa tingħat il-Kurunella, jitkantaw l-Innu tal-Appostli u l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tingħata l-Barka Sagramentali.
Mistiedna speċjali l-familji u l-Koppji miżżewġin speċjalment dawk li qed jiċċelebraw l-għaxra, ħamsa u għoxrin, ħamsin sena żwieġ u dawk li żżewġu matul din is-sena.

**8:00pm** Preżentazzjoni lil Sant'Andrija tat-trabi li twieldu matul din is-sena, fejn nitolbu wkoll il-Barka fuq il-ġenituri tagħhom biex jgħinhom fit-trobbija ta' wliedhom.

## Il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju – It-Tielet Jum tat-Tridu

***Jum il-Vokazzjonijiet***

**5:00pm** Qrar

**6:30pm** Quddiesa Kantata Solenni tat-Tielet Tridu mmexxija mir-Rev. Patri Wig Saliba OFM Cap., ex-Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Sant'Andrija App. Issir ukoll il-vestizzjoni tal-Abbatini l-ġodda. Jagħmel l-omelija tat-Tridu ir-Rev. Dun Ġorġ Schembri, Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija Assunta tal-Imġarr. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella, jitkantaw l-Innu tal-Appostli u l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tingħata l-Barka Sagramentali.
Mistiedna speċjali huma r-Reliġjużi u dawk kollha li għandhom saċerdoti, patrijiet jew sorijiet li jiġu minnhom.

## Is-Sibt 1 ta' Lulju – Lejlet il-Festa

**8:00am** Quddiesa ta' Ringrazzjament. Iqaddes ir-Rev. Dun Charles Cini, Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Sant'Andrija App. Wara jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*.

**8:30am** Qrar sal-10:30am.

**5:00pm** Qrar.

**6:00pm** Transulazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' Sant'Andrija Appostlu mill-Knisja tal-Madonna tal-Ftajjar għall-Knisja Parrokkjali fejn isir il-Kant tal-Innu tal-Appostli u tal-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas*. Jieħdu sehem il-fratellanzi tal-Parroċċa, il-kleru u l-abbatini. Wara jsir il-kant tal-Primi Vespri Solenni ta' lejlet il-festa u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi l-Wisq Rev. Kan. Dun Jesmond Manicaro, Delegat tal-Arċisqof għal-Liturgija.

**7:15pm** Quddiesa Solenni bl-omelija ta' lejlet il-festa. Iqaddes il-Wisq Rev. Kan. Dun Robin Camilleri, Arċipriet tal-Bażilika ta' Marija Bambina tal-Belt Senglea.

## Il-Ħadd 2 ta' Lulju – Jum il-Festa

**6:00am u fis-7:00am** Quddiesa.

**8:30am** Konċelebrazzjoni Solenni tal-Festa mmexxija mill-Wisq Rev. Mons. Joseph Galea Curmi, Vigarju Ġenerali. Jinseġ il-Paniġierku r-Rev. Dun Brendon Gatt, Vigarju Gudizzjali Aġġunt tat-Tribunal Ekkleżjastiku.

**11:00am** Quddiesa Kantata bl-omelija.

**5:30pm** Quddiesa Kantata bl-omelija.

**7:15pm** Titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tibda ħierġa l-Purċissjoni Solenni bl-istatwa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu, Patrun ta' Ħal Luqa, immexxija mir-Rev. Dun Keith Scicluna, Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Kristu Re' ta' Raħal Ġdid.

**10:30pm** Ninġabru fuq iz-zuntier biex nilqgħu l-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu lura fil-Knisja Parrokkjali. Mad-dħul tagħha, titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tingħata l-Barka Sagramentali.

---

Waqt il-jiem tat-Tridu Solenni, lejlet u nhar il-festa, il-quddies ta' filgħaxija jkun animat mill-Kor Parrokkjali, bis-sehem tal-organista John Fsadni taħt id-direzzjoni ta' Mro. Norbert Camilleri *L.Mus. L.C.M., LVCM, Dip Sacred Music*. Jiġu esegwiti l-*Missa Sancti Andreae* ta' Norbert Camilleri, *Missa Pro Europa* ta' Berthier u l-*Missa de Angelis*, kif ukoll l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* ta' Fra Domenico Anastasi *OSA* u Dottor Paolo Nani.

Lejlet u nhar il-festa tindaqq il-mużika tas-Surmastrijiet Ferdinando u Giuseppe Camilleri, Rev. Michael D'Amato u Neil Zammit. Tiġi esegwita l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* ta' Ferdinando Camilleri, Dottor Paolo Nani u Fra Domenico Anastasi *OSA*. Il-kor u l-orkestra jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro. Hermann Farrugia Franz, *Maestro di Cappella*, bis-sehem tal-*Coro Bel Canto* u l-organista Mark Vassallo.

Ċeremonjier waqt il-funzjonijiet kollha se jkun Bro Vince Axiaq *OFM Cap.*, assistit minn Patrick Muxi.



# Programm tal-Festi Esterni organizzati mis-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* f'ġieħ

# Sant'Andrija Appostlu

**Il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju**

**8:00pm** Ikla tradizzjonali tal-festa għall-membri, partitarji u l-familjari kollha fi Triq Sant'Andrija.

**Il-Ħadd 25 ta' Ġunju**

**10:30am** Il-membri żgħażagħ u adoloxxenti tas-Soċjetà jattendu għal quddiesa speċjali ġewwa l-Knisja Parrokkjali.

**It-Tnejn 26 ta' Ġunju**

***Ħruġ tal-Istatwa Titulari min-niċċa***

**6:30pm** Il-Kumitat Ċentrali flimkien mal-membri tas-sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà jiehdu sehem f'*korteo* bis-sehem tal-Għaqdiet kollha tal-parroċċa u l-kleru li jibda minn quddiem l-istatwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu u jispiċċa fil-Knisja Parrokkjali fejn issir il-quddiesa.

**8:00pm** Ħruġ tal-istatwa ta' Sant'Andrija min-niċċa.

**It-Tlieta 27 ta' Ġunju**

**8:30pm** Riċeviment mogħti mill-Kumitat Ċentrali lill-mistednin distinti, Kleru, Kunsill Lokali, Għaqdiet, membri, benefatturi, partitarji u ħbieb tas-Soċjetà.

**L-Erbgħa 28 ta' Ġunju**

***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**8:30pm** Il-Banda Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq, mistiedna tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni tibda marċ minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u timxi għal Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Ġorġ Zahra, Triq Censu de Candia, Triq G. Trigance, Triq il-Karmnu, Triq ir-Rixtellu, Triq Anton Falzon, Triq Valletta, Triq il-Ħabaq, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Dun Pawl, Pjazza Sant'Andrija u jispiċċa quddiem il-Każin fi Triq Sant'Andrija

**Il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju**

***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**8:30pm** Il-Banda L-Unjoni tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier

artistiku fi Pjazza Sant'Andrija taħt id-direzzjoni tas-Surmast John D. Zammit F.V.C.M.

**10:15pm** Marċ brijuż mill-Banda L-Unjoni li jibda minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u jimxi għall-Pjazza Sant'Andrija, fejn issir l-inawgurazzjoni ta' pavaljun ġdid fil-bokka tal-istess pjazza. Il-marċ ikompli għal Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u jispiċċa fi Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ tal-istatwa ta' Sant'Andrija fuq il-pedestall tagħha fost il-ferħ tal-partitarji.

## Is-Sibt 1 ta' Lulju

***Lejlet il-Festa***

**8:15pm** Il-Banda L-Unjoni tibda l-marċ popolari ta' lejlet il-festa minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u timxi għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Ġdida, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija għall-Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ tant mistenni tal-istatwa tal-Anġlu fuq il-pedestall tiegħu fost il-ferħ u l-briju tal-partitarji.

## Il-Ħadd 2 ta' Lulju

***Jum il-Festa***

**8:30am** Il-Kumitat Ċentrali u rappreżentanti mis-sezzjonijiet tas-Soċjetà jattendu għall-Konċelebrazzjoni Solenni tal-festa fil-Knisja Parrokkjali.

**6:00pm** Il-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ, mistiedna tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, tibda marċ minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u timxi għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u jintemm fi Pjazza Sant'Andrija.

**7:30pm** Il-Banda 12th May, minn fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija tilqa' l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija fil-hruġ tagħha mill-knisja għall-purċissjoni bid-daqq tal-innijiet ta' Mro. Gaetano Grech u Mro. Angelo Pace bis-sehem tal-*Coro Bel Canto*. Wara, l-istess banda tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier taħt id-direzzjoni ta' Mro Hermann Farrugia Frantz. Wara l-istess banda tkompli l-programm mużikali tagħha.

**10:00pm** Il-Banda 12th May issellem lil Sant'Andrija hekk kif jasal fil-pjazza ewlenija bid-daqq tal-*Inno Sant'Andrea*, kompożizzjoni tas-Surmast Orlando Crescimanno (1912). Jieħu sehem il-*Coro Bel Canto* u t-tenur Charles Vincenti.

**10:30pm** Il-Banda 12th May issellem lil Sant'Andrija bl-aħħar innijiet fid-dħul tal-purċissjoni lura fil-Knisja Parrokkjali.
Mad-dħul tal-purcissjoni, il-Kumitat Ċentrali flimkien mar-rappreżentanti tal-membri tas-*Saint Andrew's Fireworks Factory* u s-sezzjonijiet l-oħra jidħlu l-knisja sabiex mal-Kappillan u l-poplu preżenti jroddu ħajr lil Alla u lil Sant'Andrija wara li l-festa tkun intemmet b'wiċċ il-ġid.

**11:15pm** Il-Banda L-Unjoni tagħlaq il-festa bil-Marċ tan-Nar tul Triq Sant'Andrija.



# Programm tan-Nar
# mill-Kamra tan-Nar Sant'Andrija
# fi ħdan is-Soċjetà L-Unjoni
# fl-okkażjoni tal-Festa ta'
# Sant'Andrija Appostlu

**Quddiesa – Il-Ħamis 22 ta' Ġunju**

**7:00pm** Quddiesa fil-Post tan-Nar mill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo

**Ħruġ min-Niċċa – It-Tnejn 26 ta' Ġunju**

**8:00pm** Salut, kaxxa u bomba

**L-Ewwel Jum tat-Tridu – L-Erbgħa 28 ta' Ġunju**

**8:00pm** Salut

**It-Tieni Jum tat-Tridu – Il-Ħamis 29 ta' Ġunju**

**8:00pm** Salut

**It-Tielet Jum tat-Tridu – Il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju**

**8:00pm** Salut

**Lejlet il-Festa – Is-Sibt 1 ta' Lulju**

**8:00am** Salut tat-Te deum
**6:00pm** Salut tat-Transulazzjoni
**12:00am** Nar tal-Art f'Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra

**Jum il-Festa – Il-Ħadd 2 ta' Lulju**

**8:00am u 12:00pm** Salut
**7:30pm** Salut, kaxxa bomba u spanjola u murtaletti

**St. Andrew Fireworks Factory, Luqa, Malta**



# Servizzi tal-Filarmonika *L'Unione* 2017

| | | | |
|---|---|---|---|
| Randan | Kunċert Sinfoniku | Ħal Luqa | 1 t'April |
| Ġimgħa l-Kbira | Programm u Purċissjoni | Ħal Luqa | 14 t'April |
| Luqa<br>Saint Andrew's F.C. | Marc | Ħal Luqa | 30 t'April |
| San Filep | Marċ u Programm | Ħaż-Żebbuġ | 18 ta' Ġunju |
| San Nikola | Marċ u Programm | Siġġiewi | 25 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Programm u Marċ<br>(Tielet Tridu) | Ħal Luqa | 30 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Marċ (Lejlet il-Festa) | Ħal Luqa | 1 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ tal-Aħħar<br>(Nhar il-Festa) | Ħal Luqa | 2 ta' Lulju |
| Santa Marija | Marċ | Mqabba | 12 t'Awwissu |
| San Leonardu | Marċ u Programm | Ħal Kirkop | 20 t'Awwissu |
| Santa Katarina | Marċ | Żurrieq | 3 ta' Settembru |
| Marija Bambina | Marċ | Senglea | 7 ta' Settembru |
| Sant'Andrija<br>(Festa Liturġika) | Marċ | | 30 ta' Novembru |

# Programm Mużikali
# mill-Filarmonika *L'Unione*
## Fuq il-Planċier Artistiku
## fi Pjazza Sant'Andrija
## Il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| **Inno Marcia Sant'Andrea** | **Gaetano Grech** |
| **Giubileo d'Argento** | **Carlo Diacono** |
| **Anitra's Dance *from* Peer Gynt Suite** | **Edward Grieg**<br>Arr. R.E. Hildreth |
| **The Swan on the Hill** | **Jan Van der Roost** |
| **Abington Ridge** | **E. Huckeby** |
| **Gabriel's Oboe** | **Ennio Morricone**<br>Arr. F. Bernaerts |
| **Skyfal** | **A. Adkins / P. Epworth**<br>Arr. B.Sadler<br>*Tkanta Sarah Camilleri*<br>*bis-sehem tal-Kor CentreStage Kids* |
| **E Pluribus Rockum** | **J. Williams** |
| **The Greatest Love of All** | **M. Masser**<br>Arr. R. Thomas<br>*Tkanta Eleanor Cassar* |
| **Livin' on a Prayer** | **Jon Bon Jovi**<br>Arr. John D. Zammit<br>*Tkanta Tiziana Calleja*<br>*bis-sehem tal-Kor CentreStage Kids* |
| **Thank you for the Music** | **B. Ulvaeus / B. Andersson**<br>Arr. D. Armitage<br>*Bis-sehem ta' Eleanor Casar, Tiziana Calleja,*<br>*Sarah Camilleri u l-Kor CentreStage Kids* |
| **Innu lill-Banda L-Unjoni** | **Joseph Abela Scolaro** |

Surmast Direttur: **John David Zammit F.V.C.M.**

Jipppreżenta: **Joe Chetcuti**

# Marċi li ser jindaqqu mill-Filarmonika *L'Unione*

| | |
|---|---|
| **Andreas Damian** | John D. Zammit |
| **L-Ajkla Rebbieħa** | Norbert Camilleri |
| **L'Unione Brass Quintet** | Victor Borg |
| **Forza Universali** | Andrew Borg Fiorentino |
| **Janice** | John B. Zarb |
| **The Union Band Stand** | Andrew Zarb |
| **Indrì u Ġuża** | Charles E. Zammit |
| **El Chevalier** | Joseph Casapinta |
| **Victory** | Joseph Abela Scolaro |
| **L-Ewwel Appostlu** | Andrew Fava |
| **30th November** | Neil Zammit |
| **Spirit of Victory** | John D. Zammit |
| **Innu lil Sant'Andrija Appostlu** | Gaetano Grech |
| **Innu lill-Banda L-Unjoni** | Joseph Abela Scolaro |

# Programm
# mill-Banda 12th May
## Esegwit nhar il-Festa ta' Sant'Andrija Appostlu
## Il-Ħadd 2 ta' Lulju, 2017

| | |
|---|---|
| Also Sprach Zarathustra | Richard Strauss |
| Roses from the South | Johann Strauss |
| La Cambiale di Matrimonio | Gioachino Rossini |
| Gayane Ballet | Aram Khachaturian |
| The Ten Commandments | Elmer Bernstein |
| El Amor Brujo Ballet | Manuel De Falla |
| Orpheus in the Underworld | Jacques Offenbach |

Surmast Direttur: **Hermann Farrugia Frantz**

A.D. 1864

# Marċi li ser jindaqqu mill-Banda Santa Katarina V.M.

## L-Ewwel Tridu – L-Erbgħa 28 ta' Ġunju, 2017

| | |
|---|---|
| Innu Marċ Banda Santa Katarina V.M. | **Francis Falzon** |
| S'Insegna e S'Impara | **Andrew Coleir** |
| Dun Anton Vella | **Francis Falzon** |
| Coronation | **Joseph Azzopardi** |
| Kollna Ferħ | **Josef Grech** |
| Ave Virginum | **Alan Schembri** |
| Ġemellaġġ | **Keith Sacco** |
| Mattia Preti (1613-2013) | **Chris Cachia** |
| Supremazija | **Nikola Bugeja** |
| Lill-Fundatur Dun Vinċenz Schembri | **Josef Grech** |
| The Golden Band Stand - 1956 | **Giulio Tanti** |
| Bint ix-Xemx - 1983 | **Francis Falzon** |
| 150 Sena Anniversarju | **Ray Sciberras** |
| Mary Rose - 1964 | **Luigi Bongailas** |
| Doriette - 1961 | **Espedito Deguara** |
| San Corrado - 1954 | **Vincenzo Ciappara** |
| Santa Katarina - 1964 | **Angelo Pullicino** |
| St Catherine - 1960 | **J. Abela Scolaro** |
| Good Luck Catherine | **Angelo Pullicino** |
| Per Sempre Patrona | **Alan Schembri** |
| Victory | **Vincenzo Ciappara** |
| Valley of Roses | **Charles Zammit** |
| No Competition | **John Zammit** |
| L-Imgħallem | **Anthony Aquilina** |

Surmast Direttur: **Josef Grech**


SOCIETÀ FILARM: L'UNIONE C. LUCA




# Festa Liturġika f'ġieħ Sant'Andrija Appostlu

*29 u 30 ta' Novembru*

**Neil Zammit**

Għad-devoti ta' Sant'Andrija, il-jum tat-30 ta' Novembru huwa bil-wisq għażiż għalina, fejn matulhu nfakkru l-martirju tal-Appostlu Ewlieni u d-dħul glorjuż tiegħu fis-sema. F'Novembru 2016, il-festa liturġika ad unur Sant'Andrija reġgħet ħadet lura spinta tajba kemm f'dak li jirrigwardja l-funzjonijiet reliġjużi ġewwa t-Tempju Andrean kif ukoll mil-lat estern.

Fil-fatt, il-festa reġgħet ġiet iċċelebrata fuq jumejn. Lejlet il-festa saret it-transulazzjoni solenni tar-relikwa tal-qaddis minn fuq l-Altar tal-Madonna taċ-Ċintura għal fuq l-Altar Maġġur fejn tkantaw l-Innu tal-Appostlu u l-Antifona *'Cum pervenisset Beatus Andreas'* u wara saret quddiesa solenni kantata mmexxija mill-Viċi Parroku Dun Charles Cini. Segwiet il-quddiesa Ċelebrazzjoni Ewkaristika li ntemmet bil-Barka Sagramentali. Anima l-funzjoni l-Kor Parrokkjali.

Sebħet l-għodwa xitwija u sabiħa tat-30 ta' Novembru, u kmieni filgħodu instemgħu jidwu mal-erbat irjieħ tal-gżira l-qniepen tant sbieħ ta' *Barigozzi* li daqqew moti ferriħija ta' jum il-festa. Filgħaxija, ġiet ikkonċelebrata quddiesa kantata solenni mmexxija mill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo, waqt li l-kongregazzjoni kienet ippreseduta mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta. Il-funzjoni kienet animata mill-*Coro Bel Canto*.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-festa ta' barra, din is-sena s-Soċjetà L-Unjoni ħadet ħsieb tarma l-pjazza ewlenija tar-raħal, imżejna b'fustun tad-dawl kif ukoll sett antarjoli u bandalori antiki, wara nuqqas ta' numru ta' snin. Barraminnhekk, ittellgħet wirja ta' livell artistiku tajjeb b'xogħlijiet marbuta ma' Sant'Andrija Appostlu; bħal pittura, statwi, skultura, ganutell, inċiżjonijiet u affarijiet oħra. Proprju f'nhar il-festa filgħaxija wara li ntemmet il-funzjoni solenni, il-Banda L-Unjoni ferrħet lill-poplu b'marċ brijuż li beda minn quddiem il-Każin fi Triq Sant'Andrija u għadda mit-toroq ewlenin tal-parroċċa. Dan il-marċ intlaqa' tajjeb ħafna mill-membri u l-partitarji tas-Soċjetà u reġa' qajjem il-memorja ta' ħafna minnha li jiftakruh isir sal-aħħar tas-snin disgħin.

Dan kollu jawgura tajjeb biex għas-snin li ġejjin, il-jum għażiż tat-30 ta' Novembru jibqa' jingħata l-importanza li verament jixraqlu, waqt li l-festa liturġika li niċċelebraw ta' kull sena tkun mezz ieħor ta' ferħ u ċelebrazzjoni bħala komunità nisranija għall-ġieh u l-glorja ta' Alla.









# Festa Liturġika f’ġieħ Sant’Andrija Appostlu
## 29 u 30 ta’ Novembru 2016












# Seminar dwar il-Mużika Sagra organizzat mill-Filarmonika *L'Unione*


















# L-Iżvilupp tal-Mużika Sagra Tul is-Sekli

*Seminar organizzat mis-Soċjetà Filarmonika L'Unione*

**Neil Zammit**

Bħala parti mit-tħejjijiet għall-Kunċert ta' mużika sagra *'Tristis Est Anima Mea'* li ttella' nhar l-1 ta' April ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija Appostlu, il-Filarmonika *L'Unione* ħadet ħsieb torganizza seminar li tratta l-iżvilupp tal-mużika sagra sa mill-ibgħad sekli għaż-żminijiet ta' llum. Dan is-seminar ġie organizzat bil-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Arti nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu ġewwa s-Sala Mro. Jos. Abela Scolaro fis-sede tas-Soċjetà tagħna. L-attendenza kienet waħda tajba ħafna.

Il-kelliema prinċipali kienu l-Prof. Charles E. Zammit, is-Surmast John D. Zammit, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri u s-Surmast Hermann Farrugia Franz. Kull wieħed mill-kelliema tratta suġġetti varji li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp tal-mużika sagra tul is-sekli. Fil-fatt, stajna napprezzaw ferm aktar minn fejn oriġinat il-mużika sagra, b'forom differenti minn kif nafuha llum. Saħansitra bqajna mexjin matul iż-żminijiet u rajna kif dan l-iżvilupp kontinwu kellu impatt dirett fuq it-tibdil kawżat minn għadd ta' elementi varji. Barraminnhekk, is-seminar tratta wkoll il-kuntest lokali fejn tidħol il-mużika sagra; b'enfasi fuq l-isfond storiku li ħadna lura sa nofs is-seklu dsatax. L-iżvilupp li rat Malta meta mqabbel ma' dak li raw pajjiżi oħra ġirien tagħna kien tant impressjonanti illi fis-seklu għoxrin, il-mużika sagra Maltija għaddiet minn taqlib kbir li wassal għal ħafna battibekki saħansitra fuq il-ġurnali lokali kawża tal-*Moto Proprio* maħruġ mill-Papa San Piju X fl-1903.

L-għeluq tas-seminar kien jitratta l-kunċert ta' mużika sagra li kellu jittella' mill-Filarmonika *L'Unione* fi ftit tal-jiem wara. Ġiet elenkata l-lista ta' bċejjeċ mużikali u korali li l-banda kellha tesegwixxi, waqt li ngħata tagħrif dwar il-kompożituri rispettivi. Fl-aħħar tas-seminar, il-President is-Sur Joseph Piscopo għamel diskors ta' ringrazzjament u ħeġġeġ sabiex tagħrif bħal dan jiġi aktar apprezzat.


Wirja Andreana
Novembru 2016






In Cruce Christi Gloriaris
WIRJA TA' ARTI SAGRA






MUZIKA
A.D.1880









Inħeġġu lill-partitarji kollha
sabiex jattendu
għall-funzjonijiet tal-festa
ġewwa l-Knisja Parrokkjali
kif ukoll
l-attivitajiet kollha
organizzati mis-Socjetà L-Unjoni

*Viva Sant'Andrija*


**SILVERCRAFT PRODUCTS LTD**

MRA 018A, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000
Tel: 21898046 • Fax: 21666400
Email: info@silvercraftltd.com



**Silvercraft Products Limited is a family owned business, supplier to the fibreglass industry. Our list of products includes fibreglass, tissue, resin, brush cleaners, pigments, waxes and a variety of tools and other material related to the industry.**

**We also produce fibreglass products for domestic and industrial use, including swimming pools, sewage treatment plants, tanks, bowsers and other tailor-made products to suit the needs of our variegated clientele.**

**You are more than welcome to forward us your projects for a detailed quotation or visit our shop for your DIY tasks.**




# *Master Classes* għall-Bandisti u l-Istudenti tal-Filarmonika *L'Unione*

Bħala parti mill-programm ta' tagħlim imfassal bejn il-Filarmonika *L'Unione* u l-Kunsill Malti għall-Arti, inżammu żewġ *master classes* għall-*woodwinds* u *brass*. Dawn ingħataw mill-mużiċisti Godfrey Mifsud u Roderick Bugeja rispettivament, it-tnejn membri fi ħdan il-*Malta Philharmonic Orchestra*.

L-attendenza għal dawn iż-żewġ sessjonijiet kienet waħda tajba ħafna u dan jawgura tajjeb biex 'il quddiem is-Soċjetà tagħna tkompli tinvesti fit-tagħlim serju tal-mużika.












# Transulazzjoni Solenni tar-relikwja ta’ Sant’Andrija Appostlu – Lejlet il-Festa 2016








*Sefora's Nail Tech*

Full set €28.00 incl. nail art
Infills €20.00 incl. nail art
Nail art from €5.00

**Mob: 7981 3588**

Find us on: facebook Nails by Sef



















# Ħruġ min-niċċa
# Festa ad unur Sant'Andrija Appostlu 2016








Marċ ta' Filgħodu

Festa ad unur Sant'Andrija Appostlu 2016





# Purċissjoni Solenni f'Jum il-Festa ta' Sant'Andrija Appostlu bis-sehem tal-Insinji Bażilikali tal-Bażilika tal-Porto Salvo tal-Belt Valletta







Gwann Mamo
Street, Luqa
Tel: 21 823 069
dragonscenter.com
facebook.com/dragonscenter
info@dragonscenter.com
DRAGON'S CENTER
MARTIAL ARTS
& COMBAT SPORTS SUPPLIES
LUQA
SUPPLIERS OF ALL KINDS OF
MARTIAL ARTS AND COMBAT SPORTS
WEAR, EQUIPMENT AND WEAPONS
CORNER WITH THE JIUSHIN KAN DOJO - MARTIAL ARTS SCHOOL
WWW.JIUSHINKANMALTA.ORG - WWW.FACEBOOK.COM/JIUSHINKAN


GAUCI BORDA FLAGS & BANNERS
For all types of flags in :-
NYLON / WOOL
or
POLYESTER bunting.
We also supply wire ropes complete
with accessories for flag poles.
GAUCI BORDA & CO. LTD.
36, Ta' Xbiex Sea Front, Msida MSD 1513
53/54, Msida Road, Yacht Marina, Gzira GZR 03 GZR 1400
Tel: (+356) 21 334 255 • Fax: (+356) 21 343 604
E-mail: info@gauciborda.com

# Quddiesa Solenni
# f'Jum il-festa ta' Sant'Andrija Appostlu – 2016





















15 ta' Mejju – Jum Hal Luqa





Programm Mużikali fuq il-Planċier Artistiku









Festa Titulari ad unur Sant'Andrija Appostlu 2016










Sehem il-Fratellanzi tal-Parroċċa...





mill-ġdid jieħdu l-ħajja










Nhar il-Festa... lura fis-snin tmenin




# *Cordis Salutatio*

## *Tnehdija ta' Compact Disk b'sett ta' Marċi Funebri*

**Neil Zammit**

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa ta' din is-sena, is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* ta' Ħal Luqa nehdiet *compact disk* ġdida b'sett ta' marċi funebri mill-isbaħ. Is-Soċjetà *L'Unione* tħaddan fl-arkivji tagħha kollezzjoni vasta ta' marċi funebri, ħafna minnhom miktuba minn kompożituri magħrufa Maltin, waqt li oħrajn huma xogħlijiet ta' kompożituri barranin. Fil-fatt, dan is-sett ta' marċi funebri jiġbor fih marċi ġodda u oħrajn miktuba speċifikament għas-soċjetà *L'Unione*, kif ukoll kompożizzjonijiet barranin.

Il-marċi li ġew inklużi f'dan ir-rekording huma:

| | |
|---|---|
| **Cordis Salutatio** - Lil Ommi Michelina | John D. Zammit |
| **In Memoria d'Innocenzo Camilleri** | Norbert Camilleri |
| **Trauermarsch from Symphony No. 5** | Gustav Mahler<br>Arr. John D. Zammit |
| **B'Tifkira lil Anġlu u Feliċ Mizzi** | Charles E. Zammit |
| **A Mia Madre** | Gregorio Lucia |
| **Abbi Pietà!** | Ferdinando Camilleri |
| **Marcia Funebre sulle Morte d'Un Eroe** | Ludwig Van Beethoven |
| **L'Ultimo Pensiero** | Riccardo Zandonai |
| **Dulcedo Lacrymosa** | Joseph Abela Scolaro |
| **Et Crucifixus Est**<br>B'Tifkira ta' John u Maria Dolores Cassar | Neil Zammit |
| **Post Tenebros Lux**<br>B'Tifkira ta' Agnes Ciappara u Irene Schembri | John D. Zammit |

Ir-*recording engineers* kienu Vanni Farrugia u Alan Schembri, li flimkien ħdimna id f'id biex ħareġ prodott verament tajjeb u sodisfaċenti. Tajjeb ngħidu ukoll illi għal dan il-*compact disk*, il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi għogbu jagħtina l-permess sabiex nużaw waħda mill-pitturi minn tiegħu li tirrapreżenta lil Kristu Msallab biex tintuża fuq il-materjal stampat.

Il-*compact disk* ġiet varata mill-President tas-Soċjetà s-Sur Joseph Piscopo nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu. Huwa għamel kelmtejn tal-okkażjoni fejn irringrazzja lil dawk kollha involuti f'dan il-proġett. Matul is-serata, il-*compact disk* il-ġdida ġiet uffiċjalment





















Tnehdija ta' CD Marċi Funebri Cordis Salutatio




preżentata lill-kompożituri fi ħdan il-banda tagħna li rregalaw marċi minn tagħhom lis-Soċjetà, kif ukoll lis-Sinjura Fava għan-nom tal-Familja Camilleri, is-Sinjura Tiziana Castillo għan-nom tal-pittur il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi, is-Sur Lino Abela Scolaro f'isem il-familja Abela Scolaro kif ukoll lil Joe Chetcuti, Daniel Vella, Mario Degabriele, Mario Fenech u Aaron Zahra, preżentaturi fuq stazzjonijiet tar-radjijiet lokali.

# Ritratt mill-passat…

*Il-Vara tad-Duluri qed tintrefa' minn Andrew Ciappara u Andrew Brincat fost l-oħrajn*






# HYGRADE BUTCHER

GĦALL-AQWA KWALITÀ TA'
ĊANGA FRISKA, TIĠIEĠ,
ĦARUF U LAĦAM TAL-FRIŻA

Tel: 2166 3549

*NIXTIEQU L-FESTI T-TAJBA*
*LILL-ĦALLUQIN KOLLHA*




# Sehem il-Filarmonika *L'Unione* fil-Purċissjoni Solenni tal-Ġimgħa l-Kbira

**Neil Zammit**



Għal darb'oħra, il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni tat is-sehem sħiħ tagħha fil-purċissjoni solenni tal-Ġimgħa l-Kbira organizzata ġewwa l-Parroċċa ta' Ħal Luqa nhar il-Ġimgħa 14 t'April, u li din is-sena kienet imxandra wkoll *live* fuq NET TV.

Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, il-banda esegwiet programm ta' mużika adattata taħt id-direzzjoni tas-Surmast John D. Zammit. Flimkien mal-banda ħa sehem il-*Coro Bel Canto*. Aktar tard, il-Banda L-Unjoni sellmet lil Kristu Msallab bid-daqq tal-innu immortali *'La Croce'* u wara kompliet iddoqq marċi funebri tul il-purċissjoni kollha quddiem il-Vara l-Kbira.

Intant, dan li ġej huwa l-programm mużikali li ġie esegwit mill-Filarmonika *L-Unione* fuq iz-zuntier tal-knisja:

| | | |
|---|---|---|
| Responsorio | ***Tenebrae Factue Sunt*** | John D. Zammit |
| Marċ | ***'Juda, Oscula Filium Hominis Tradis?'***<br>B'Tifkira ta' Tusè Mallia | Neil Zammit |
| Elegia | ***Aase's Death (Peer Gynt Suite)*** | Edward Grieg<br>Arr. Norbert Camilleri |
| Marċ | ***Scala Paradisum*** | John D. Zammit |
| Marċ | ***9 ta' April 1942*** | Joseph Abela Scolaro |
| Innu | ***La Croce*** | Orlando Crescimanno |

Din is-sena rajna wkoll lill-Banda L-Unjoni timmarċja bil-pass waqt li akkumpanjat il-purċissjoni; xi ħaġa ġdida ġewwa raħalna u li ntlaqgħet tajjeb ħafna. Dan kompla jżid

TAKE OFF

# Bar & Restaurant

Tel: 2180 0243

Luqa, Malta



fgp

The Garage Door People

Serving You Since 1962

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

· Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
· Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
· Remote Control available



109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt

mas-serjetà u d-dinjità li biha timpenja ruħha l-banda tagħna kull fejn issemma' leħinha, speċjalment f'servizzi prestiġjużi bħalma hu dan, li ħafna jkunu qed jistennew bil-ħerqa.



# O.K. Bar



Għal drink ġenwin b'varjetà ta' *appetizers* f'atmosfera tal-ħbieb

Inservu *breakfast* u *lunch, pasta dishes, focaccias* u ħafna ikel ieħor.

**TRIQ IL-KARMNU, LUQA**

**Taħt sidien ġodda u b'dehra aħjar**






# Żewġ Kunċerti bis-sehem tal-Istudenti fi ħdan is-Soċjetà *L'Unione*

**Joseph Piscopo**

Nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru 2016 is-Soċjetà tagħna organizzat *Family Concert* fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa. Il-ħsieb ta' dan il-kunċert kien li l-istudenti li qed jitgħallmu fis-Soċjetà jingħaqdu mal-bandisti stabbiliti tagħna sabiex, f'ambjent informali, juru l-progress tagħhom lill-familjari u lill-membri. Il-kunċert, bit-tema tal-Milied, sar taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast tagħna Norbert Camilleri, li bl-għajnuna tas-Surmast John D. Zammit u l-għalliem Victor Borg, ippreparaw lill-istudenti għad-diversi siltiet li daqqew matul is-serata.




Il-*Family Concert* ġie ppreżentat miż-żgħażagħ Philisianne Portelli u Raoul Briffa u ntefaħ bid-*Directorate March* ta' John Philip Sousa u kompla bis-siltiet *Jingle Bells Fantasy* ta' James Lord Pierpont, *Sunday Afternoon* ta' Norbert Camilleri u *Let it Go,* mill-film *Frozen* ta' Disney li ħareġ fis-sena 2013. F'din is-silta ħadet sehem il-kantata żagħżugħa Eila Mangion.

Wara l-ewwel parti ħadet sehem il-Band *No Clue* li allegrat lill-udjenza preżenti sakemm bdiet it-tieni parti. F'din il-parti ndaqqew *A Children's Hymn* ta' Norbert Camilleri, *We Three Kings, Adeste Fidelis, Silent Night, Sweet Old Songs, Three Jazzy Kings, Mr. Bass* (fejn ħa sehem bħala solista l-bandist Joe Bezzina) u finalment is-silta magħrufa *Te Deum* ta' Marc Antoine Charpentier.

Mill-kummenti li rċivejna, l-kunċett ta' dan il-kunċert leġġer ntlaqa' b'mod pożittiv kemm mill-istudenti tagħna kif ukoll mill-ġenituri tagħhom. Hu l-ħsieb tas-Soċjetà li fil-futur torganizza iktar minn dawn it-tip ta' avvenimenti sabiex l-istudenti, minbarra li jistudjaw b'mod individwali, jitgħallmu jdoqqu aktar fi grupp. Dan iservi ħalli meta eventwalment jingħaqdu mal-Banda L-Unjoni, l-qabża minn livell għal ieħor ma jħossuhiex ħafna.


UNJONI'-A.D. 1880
ta' Filarmonika
L-Unjoni








Soċjeta' Filarmonika
L-Unjoni
Ħal Luqa














Family Concert
3 ta' Diċembru,
2016

# TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Ġwież,
Bexx, Sulfalt, Demel artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità
irrikorri għand:-

**ALEX AZZOPARDI**

Ġużeppi Penza Street, Luqa.

**Tel: 2180 9348 - 2166 3593 • Mob: 7971 0498**



SIMPATIA CRAI

# J & S Store

*For all types of groceries, fresh fruit & vegetable, frozen foods & detergents*






Now
SIMPATIA CRAI
outlet

FREE DELIVERY

Misraħ Sant'Andrija, Luqa
Tel: 2166 4082

Ta' min jgħid li l-għada, il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016, l-istudenti tagħna reġgħu ipparteċipaw fil-*Christmas Market* organizzat mill-Aġenzija Żgħażagħ fil-*Youth Village* f'Santa Venera, flimkien ma' diversi studenti minn Soċjetajiet Mużikali oħrajn. Għal darb'oħra l-istudenti kienu mmexxija mill-Assistent Surmast Norbert Camilleri.

Minn din il-paġna nirringrazzjaw lill-għalliema, lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom li bl-impenn tagħhom inkunu nistgħu norganizzaw dawn l-attivitajiet li huma lil hinn mill-istudju formali li jsir ta' kull ġimgħa fis-Soċjetà tagħna. Bis-saħħa ta' dan l-impenn din is-sena qed jingħaqdu mal-banda sebgħa bandisti ġodda li wara diversi snin ta' studju issa ser isibu posthom mal-Banda L-Unjoni. Nawguraw aktar impenji mużikali lil dawn l-istudenti tagħna!






*L-istudenti fi ħdan il-Filarmonika L-Unjoni f'attività tal-Milied organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ*

# DANIEL Woodworks

Joiners & Importers of
Febal Cucine and
Top Quality Italian Doors

febal cucine

IPCA porte

86, Valletta Road, Luqa LQA 1762
Tel/Fax: 356 2166 7106 Mob: 356 7940 7622
www.danielwoodworks.com





# BERNARD
## *ta' Twanny*
Tal-Ħaxix

Fil-pjazza ta' Ħal Luqa
KULJUM
Għall-aqwa kwalità ta'
ħaxix u frott




# Wirjiet ġewwa s-Sede tas-Soċjetà L-Unjoni

**Clifford Micallef**

Is-Soċjetà tagħna hija waħda ħajja u attiva matul is-sena kollha. Minbarra l-attivitajiet soċjali li jsiru minn kull sezzjoni prattikament kull xahar, is-Soċjetà tieħu ħsieb torganizza wirjiet kulturali u artistiċi li jimxu mal-kalendarju liturġiku. Din is-sena bdejna b'wirja fil-festa liturġika ta' Sant'Andrija u komplejna bħal snin oħra b'wirja fil-Milied u fil-Ġimgħa Mqaddsa.

## Wirja dwar il-Kult ta' Sant'Andrija Appostlu - *In Cruce Christi Gloriaris*

Għall-okkażjoni tal-festa liturġika ta' Sant'Andrija ittellgħet wirja ta' statwi, pitturi u diversi artefatti oħra relatati mal-patrun tagħna l-Appostlu Sant'Andrija. Din il-wirja kienet ikkordinata minn Neil Zammit flimkien mas-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-wirja laħqet livell għoli ferm bid-diversi statwi ta' kull daqs u materjal differenti bħall-ġibs, tafal, terracotta, kartapesta, fibre u oħrajn. Spikkat ferm l-istatwa replika ta' dik oriġinali fil-knisja parrokkjali tar-raħal tagħna. Din hija maħduma fl-injam f'Bolzano l-Italja u ndurata mis-Sur Publius Magro. Statwi oħra ta' livell għoli ferm huma dawk maħduma minn Vincenzo Cardona, Alfred Camilleri Cauchi, Mariorick Mifsud, John Massa, Twanny Ellul, Jesmond Micallef, Anthony Farrugia u oħrajn.




Minnbarra statwi kienu esebiti wkoll diversi pitturi artistiċi li jirrafiguraw xeni diversi mill-ħajja tal-kbir appostlu Sant'Andrija xogħol ta' diversi pitturi fosthom Paolo Camilleri Cauchi, Manuel Farrugia, Mariorick Mifsud, Abner Cassar u oħrajn. Jikkumplimentaw dan ix-xogħol wieħed












Milied 2016

seta' jara wkoll xogħol tal-ganutell u monasteru maħdum minn artisti lokali kif ukoll numru ta' inċiżjonijiet antiki.

Grazzi lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-wirja ta' livell artistiku għoli.

### Milied

Għaż-żmien sabiħ tal-Milied, bħal kull sena, ma setax jonqos li l-każin jiżżejjen għall-okkażjoni. Għal darb'oħra reġgħet intramat il-faċċata bid-dawl sinkronizzat mal-mużika li ta' kull sena tiġbed lejha ħafna u ħafna nies li jibqgħu impressjonati bis-sbuħija tagħha. Ma nistax ma nirringrazzjax u ngħid prosit minn qiegħ qalbi lis-Sinjuri Andre u Emmanuel Magri li flimkien ma' Andrew Zammit huma l-moħħ u l-mutur wara din il-biċċa xogħol. Żgur li mingħajr il-ħila u d-determinazzjoni tagħhom din ma ssirx.



Minn ġewwa, l-każin ukoll jiżżejjen b'mod mill-isbaħ b'diversi dwal u tiżjin ieħor. Dan isir grazzi għall-ħidma sfiqa ta' diversi soċi bil-kordinazzjoni tas-Sur Andrew Aquilina. Però bla dubju ta' xejn il-qofol ta' dawn il-festi sbieħ huwa t-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu u dan inkunu nistgħu nammirawh fil-ġmiel ta' presepju li jieħu ħsieb jarma fil-kamra laterali tal-każin, il-membru tal-kumitat Sandro Farrugia, isem li llum sar ferm rinomat mal-aqwa presepisti ġewwa Malta. Dan il-presepju jintrama fil-post stess minn diversi materjali fosthom ġibs, jablo, kolla, karti, eċċ,. Il-presepju beda jinħadem lejn l-aħħar tax-xahar ta' Settembru biex tlesta ftit siegħat qabel il-ftuħ uffiċjali li sar nhar it-12 ta' Diċembru 2016. L-inawgurazzjoni tal-presepju din is-sena saret mill-membru onorarju s-Sur Joseph Camilleri.

### Ġimgħa Mqaddsa - *In Coena Domini*

L-attività li jmiss tkun il-wirja relatata mal-Ġimgħa Mqaddsa. Għal darb'oħra din il-wirja ġiet ko-ordinata mis-Sezzjoni tal-Armar u din kienet tikkonsisti f'żewġ settijiet ta' vari minjatura li ġew armati fil-kamra laterali tal-każin. L-ewwel sett huwa wieħed antik ferm u huwa attribwit lil Karlu Darmanin. Dan jikkonsisti fis-sett tradizzjonali ta' tmien vari, komplut bil-bankuni u l-fjuretti. Bla dubju grazzi lill-Familja Ciappara li għoġobha tirregala dan is-sett lis-Soċjetà tagħna. Sett ieħor huwa dak proprjetà tal-membru tagħna s-Sur Gareth Galdes, sett komplut ta' disa' vari, xogħol ta' John Massa. Jikkumplimenta dan is-sett insibu wkoll il-bandalori tas-Seba' Kelmiet kif ukoll is-simboli tal-passjoni. Barraminnhekk kien hemm esebiti wkoll żewġ statwi replika ta' dawk li nsibu fil-parroċċa, xogħol ta' John Massa, kif ukoll statwa tad-Duluri tal-istess artist mislufa minn Neil Zammit u Ċena kompluta xogħol ta' Ayrton Sammut, proprjetà


NGLIER ECC
IVS TVA
ECCE
MATER
TVA


Wirja Ġimgħa Mqaddsa 2017
Emanuel Cauchi




CENA REPLIKA FUQ TA'HAL QORMI
ESEBITUR ANGELO SCHEMBRI





ta’ Angelo Schembri. Il-wirja nfetħet nhar l-Erbgħa 5 t’April u din baqgħet miftuħa sa nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

### Rappreżentazzjoni tal-Aħħar Ċena

F’Ħamis ix-Xirka filgħaxija, membri tas-Soċjetà tagħna ħadu ħsieb itellgħu rappreżentazzjoni *live* tal-Aħħar Ċena tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu. Grazzi lill-membri Sandro Farrugia u Charles Galea li ħadu ħsieb jarmaw u jikkordinaw, kif ukoll l-atturi kollha li pparteċipaw. Din l-inizjattiva ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku li ġie jżurna u hemm il-ħsieb li din tibqa’ ssir fis-snin li ġejjin.

Għal darb’oħra nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kull min b’xi mod ta l-għajnuna tiegħu biex dawn il-wirjiet u l-attivitajiet kollha setgħu jittellgħu u jilħqu livell għoli. Dan kollu jservi biex nesponu t-talenti u x-xogħol voluntarju li jsir mis-soċi tas-Soċjetà tant għażiża għalina u jagħmlu unur għar-raħal tagħna.

Kurt Zerafa
zerafakurt@gmail.com

L.L.F.

Marble, Granite & Quarts

490, 491
Industrial Estate
Luqa, Malta

Tel: +356 21246878
M: +356 99498466

The Convenience Shop

Open 6am till 10pm
Monday to Sunday
(even on public holidays)

Tel: 2249 8231




# Restawr fuq l-Ewwel Standard tal-Filarmonika *L'Unione*

**Ditta ReCoop**

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa sabiex dan l-istandard jiġi rrestawrat u b'hekk tkun preservata l-eqdem tifkira li għandha s-Soċjetà L-Unjoni. Bil-għajnuna tal-fondi mill-*Good Causes Fund*, din ix-xewqa qed issir realtà. Dan l-istandard kien fi stat ħażin ħafna, tant li kellu għadd ta' tiċrit u kien ukoll imżarrat f'diversi partijiet. Xi partijiet tad-drapp kienu neqsin speċjalment in-naħiet ta' fuq u t'isfel. Il-partijiet impittra kellhom ħafna qsim u anke xi partijiet nieqsa. Fil-passat sar intervent b'mod dilettantesk bil-ħjata kif ukoll ġie mwaħħal ma' biċċa drapp ħamra bħala sapport biex ma jkomplix jiddeterjora ruħu.



## Intervent tar-restawr li sar s'issa

Il-proċess tar-restawr fuq dan l-istandard huwa wieħed delikat ħafna. Saret dokumentazzjoni sħiħa tal-istandard kemm bil-kitba kif ukoll bil-fotografija. Sar ukoll tindif ġenerali tad-drapp waqt li l-ħjata li kienet qed iżżomm il-partijiet impittra tneħħiet għalkollox.

Drapp ġdid ġie miżbugħ sabiex jiġi jixbah il-lewn tad-drapp oriġinali. Dan id-drapp ser jintuża bħala sapport fuq in-naħa ta' wara l-istandard. Peress li kien hemm partijiet sostanzjali imqattgħin, qed isiru interventi bl-użu ta' kolla speċjali kif ukoll ħjata bil-ħajt tal-ħarir. Wara dawn l-interventi ser jintuża tip ta' drapp *(tulle)* sabiex l-istandard ikun aktar protett. Imbagħad l-istandard ser ikun immuntat fuq sapport speċjali sabiex ikun jista' jkompli jiġi gawdut mingħajr ma ssirlu aktar ħsara bla bżonn.


OMP
FIA APPROVED
WWW.NAXOSCARCENTRE.COM


email: info@wilgastores.com
website: www.imper.it
IMPER ITALIA
WATERPROOFING SYSTEMS
• Waterproofing Membrane
• Bitumen Elastomer Pastes
• Liquid Membranes
We Import Timber & Wood
BVQI
ISO 9001
QUALITÀ ISO 9001
S & L Import & Export Ltd
Wilga Stores, Triq Il-Wilga, Luqa LQA 1530
Tel: 21 897 912 Fax: 21 690 685




# Żewġ Għotjiet Imprezzabbli lis-Soċjetà *L'Unione*

**Neil Zammit**

Ta' kull sena, is-Soċjetà tagħti u tirċievi lura għadd ta' rigali bħala rikonixximent tal-ħidma volontarja li tkun twettqet b'risq l-istess Soċjetà tagħna kif ukoll il-komunità Ħalluqija. Waqt ir-riċeviment tal-festa tas-sena li għaddiet li nżamm nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2016, is-Soċjetà *L'Unione* irċeviet żewġ għotjiet mill-isbaħ li llum jinsabu jżejnu s-swali prinċipali tal-każin.

## Pittura tal-Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu

Kien ilu jberren f'moħħna li xi darba ssir pittura ġdida li tirrappreżenta l-martirju tal-Appostlu Sant'Andrija biex iżżejjen is-sala tal-arkivji l-ġodda; *Sala Mro. Joseph Abela Scolaro*. Is-Sur Lawrence Cassar, Viċi-President tas-Soċjetà, flimkien mal-familja tiegħu daħlu għal din l-inizjattiva u rregalaw lis-Soċjetà kapulavur artistiku, xogħol il-magħruf pittur Għawdxi l-Kav. Paolo Camilleri Cauchi. Il-kuntatti mal-pittur innifsu u l-andament tax-xogħol ħa ħsiebhom Neil Zammit, filwaqt li x-xogħol fuq il-gwarniċ għall-kwadru kien fdat f'idejn l-iskultur Twanny Ellul, Andrew u Joe Aquilina u Clifford Micallef. Din il-pittura ġiet inawgurata waqt ir-riċeviment tal-festa 2016 u mbierka mill-E.T. Mons. Pawl Cremona OP, Arċisqof Emeritu ta' Malta u President Onorarju *ad vitam* tas-Soċjetà tagħna.

## Sett ta' Vari tal-Ġimgħa l-Kbira

Kull min iżur l-esebizzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa jinnotta sett ta' tmien vari li jirrappreżentaw il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawn huma antiki ħafna u attribwiti lill-magħruf statwarju Carlo Darmanin. Kien tassew ġest sabiħ meta waqt ir-riċeviment tal-festa tas-sena l-oħra, il-Familja Ciappara għoġobha tirregala dawn il-vari lis-Soċjetà tagħna sabiex jitgawdew matul is-sena kollha u jibqgħu f'vettrina ġewwa s-*Sala* Mro. *Vincenzo Camilleri* flimkien ma' għadd ta' oġġetti oħra li jinżammu b'għożża fis-sede tas-Soċjetà tagħna.

Il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* jrodd ħajr lil dawn il-benefatturi u jwiegħed li se jibqa' jgħożżhom u jagħmel ħiltu kollha biex dawn l-opri artistiċi jibqgħu bla mittiefsa għas-snin li ġejjin.





*Il-familja Ciappara li rregalat sett ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira attribwiti lil Carlo Carmanin*





*Inawgurazzjoni tal-pittura l-ġdida fis-Sala Mro. Jos. Abela Scolaro*
*li ġiet irregalata minn Lawrence Cassar (Viċi President) u l-familja*






Proġett
Kamra tan-Nar
Sant'Andrija






CAT 916






# Ix-Xogħol fuq l-Estensjoni tal-Kamra tan-Nar Sant'Andrija

Kien ta' sodisfazzjon kbir għas-Soċjetà tagħna li wara ħafna xogħol minn wara l-kwinti f'Lulju 2016 irċivejna l-aħbar li l-estensjoni tal-Kamra tan-Nar, hekk kif proposta wara ħafna laqgħat ma' diversi bordijiet regolatorji, ġiet aċċettata mill-Awtorità tal-Ippjanar. Din l-estensjoni tinvolvi l-bini ta' numru ta' mħażen 'il bogħod mill-kumpless eżistenti, kif ukoll xogħol fil-kumpless użat fis-snin riċenti ħalli dan ikun ukoll ta' iktar sigurtà.

Kif wieħed jista' jimmaġina, ix-xogħol hu wieħed pjuttost estensiv u għalhekk jinvolvi ħafna ħidma, kemm fuq il-parti l-antika tal-kamra u kemm fuq l-estensjoni nnifisha. Matul is-sajf li għadda sar it-tħaffir neċessarju fil-parti l-ġdida, liema tħaffir tlesta f'Awwissu li għadda. Din kienet biċċa xogħol sostanzjali meta wieħed jikkonsidra l-ammont ta' blat li ried jittaqqab sabiex jinbnew l-imħażen. Wara li tlesta t-tħaffir neċessarju nbeda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-imħażen il-ġodda u fuq numru ta' kmamar fil-kumpless l-antik. Barra minn hekk twaqqgħu diversi strutturi li ma kienux inklużi fil-pjanti approvati mill-awtoritajiet.

F'Diċembru li għadda twaħħlu s-*soft ceilings* tal-kmamar u ġew istallati wkoll l-aperturi għal dawn l-istrutturi l-ġodda. Xogħol ieħor li sar minn diversi voluntiera kien il-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ tad-dawra kollha ta' madwar il-kumpless. Għalkemm ix-xogħol ta' kostruzzjoni issa hu lest, baqa' ħafna iktar xogħol sabiex nikkonkludu.

Proġett bħal dan hu ta' piż finanzjarju ġmielu għas-Soċjetà tagħna u għalhekk nirringrazzjaw lil dawk kollha li daħlu fl-iskema ta' donazzjonijiet sabiex ikun jista' jsir dan ix-xogħol, liema skema kienet imħabbra lill-membri tagħna f'laqgħa straordinarja li nżammet fil-Każin nhar fil-21 ta' Ġunju 2016. Mingħajr id-donazzjonijiet li kellna żgur li ma stajniex nibdew dan ix-xogħol kollu. Il-Kumitat jappella biex dawk li s'issa ma tawx kontribuzzjoni sabiex jagħmlu dan, ħalli l-ħidma tkun tista' tibqa' għaddejja b'ritmu mgħaġġel.

Minn din il-paġna l-Kumitat Ċentrali kif wkoll is-Sezzjoni Nar tixtieq tirringrazzja lil dawk li middew idejhom għax-xogħol tul din is-sena li għaddiet, lil dawk li selfu inġenji sabiex setgħat issir il-ħidma u fuq kollox lil dawk li ħarġu l-flus sabiex dan kollu jkun possibbli. Ringrazzjament partikolari jmorru għal Perit Stephen Buhagiar, li qiegħed jissorvelja x-xogħol kollu, Polidano Group, Henry Galea, Andrew Sammut, Zahra Ltd, Tanio Spiteri, Joseph Aguis (Muracel Ltd), Construct Furniture, Francis Psaila, Joe Penza, Oliver Magri, Alfred Baldacchino, Twanny Polidano, Joseph Caruana u Dr Robert Abela.

Nittamaw li ma ndumux ma naraw il-Kamra tan-Nar tiffunzjona mill-ġdid ħalli tipparteċipa b'mod sħiħ fil-festa ta' Sant'Andrija Appostlu u ġġib iktar unuri lir-raħal tagħna!




**paperway stationery**

- *Newsagent*
- *Books*
- *School & Office Stationery*
- *Greeting Cards*
- *Toys & Educational Games*
- *Gifts*
- *Colour and B/W Photocopying service*
- *Printing from all Media*
- *Photocopies starting from 2c*
- *Book Binding & Covering*
- *Laminations*
- *Passport Photo Service*

*Smart Card Accepted*

*Paperway Stationery, Dun Pawl Street, Luqa.*

*Telephone: 21690689    E-Mail: paperwayluqa@gmail.com*




# Iż-Żgħażagħ fil-Qalba

**Dr Andrew Azzopardi**
*Dekan tal-Fakultà ta' Social Wellbeing fl-Università ta' Malta*

Iż-żgħażagħ jibqgħu ċentrali fuq kull livell fil-komunità tagħna. B'xi mod jew ieħor jibqgħu l-protagonisti ta' dak kollu li jkun qed iseħħ fil-komunità tagħna, jibqgħu atturi importanti anzi ċentrali.

Il-festa hija okkażjoni biex iż-żgħażagħ joħolqu sens ta' komunità u jikkrejaw spirtu ta' ferħ.

Kif nafu sew il-festa tiġġenera ambjent ta' kolleġjalità li rridu nagħtu kasu ħafna. Jekk tpoġġi kollox fuq il-miżien tinduna li l-aktar ħaġa essenzjali fil-ħajja ta' persuna hija l-abilità tagħna li ngħixu flimkien, li naqsmu l-aspirazzjonijiet u x-xewqat flimkien, li naffrontaw l-isfidi flimkien. U allura dan il-mument meta tiġi l-festa toħloq motivazzjoni biex dan is-sens u dan il-bżonn ta' kolleġjalità jiġi pprattikat. Apparti hekk il-festa għażżgħażagħ hija ukoll okkażjoni biex dan il-ħafna artiġjanat u l-ħiliet fil-mużika jibqgħu jiġu żviluppati. Is-soċjetajiet mużikali f'dan is-sens jagħmlu ħafna xogħol tajjeb.

Min-naħa l-oħra għandek ukoll id-dimensjoni spiritwali.

Ovjament għal xi wħud il-festa hija biss attività soċjali, għal oħrajn hija kult u kulma jimporta huwa r-rutina li ssellem l-qaddis jew il-qaddisa li għaliha ċċelebrata l-festa. Imma għandek ukoll dawk li jħossu li l-festa hija l-inkontru ma' dak li huwa spiritwali li jqarrbek mal-Ħallieq, li jġibek qrib tiegħek innifsek imma anke tad-dimensjoni spiritwali tal-individwu.

Il-festa, għalkemm jien qatt ma kont xi wieħed entużjast ħafna fuqha nemmen li hija importanti ħafna għax tqarreb lin-nies mal-komunità tagħhom imma anke tagħti sens kbir lill-individwu – iġġib lil persuni qrib tagħhom infushom. Ikun żball anzi tkun traġedja jekk ma nagħtux importanza lil dan il-fenomenu u nitilquh.

Il-festa rridu nippreservawha fil-faċċati kollha tagħha u nkunu għamilna biċċa xogħol tajba ħafna jekk dik ta' 'barra' u dik ta' 'ġewwa' jsiru festa waħda u fejn il-Knisja tirrealizza x'opportunità għandha biex toqrob viċin taż-żgħażagħ permezz ta' din l-attività.




**We specialize in: Up Styles (especially for weddings), Hair Extensions, Hair Cuts, Blowdries, Colours, Highlights, Hair Treatments, Scalp Treatments, Scalp Stone, Massage, Brazilian Anti-Frizz Treatment, Straightening and more... We also specialize in Make-up and Nails.**




Opening Hours :
Winter :
Mon to Sat 05:45-12:00
Mon,Tue,Thu,Fri 16:30-19:00

Summer:
Mon,Wed,Fri 05:45-13:00
Tue,Thu,Sat 05:45-12:00
Tue,Thu 16:30-19:00

NINJA STORE

For all types of groceries, frozen foods, fruit & vegetables,
wide range of detergents!
Discounted prices & Service with a smile





***FREE DELIVERY***

20 , Triq Tumas Galea,
Luqa

Telephone : 21827276




# Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri

## *20 Sena ta' Ħidma*

**Eric Camilleri u Charles Galea**

L-enerġija żgħażugħa ġewwa s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni minn dejjem kienet preżenti u dan mhux biss f'dawn l-aħħar snin pero anki fis-snin imgħoddija. Dan jixduh filmati u ritratti li s-Soċjetà għandha tal-briju li minn dejjem kien isir waqt il-marċi madwar ir-raħal tagħna fi żmien il-festi, kemm dik ta' Sant'Andrija Appostlu kif ukoll dik tal-Madonna taċ-Ċintura li kellha tinqata' ħesrem fis-snin tmenin.

Fis-snin disgħin il-każini tal-bnaed bdew jikkonċentraw ħafna xogħol tagħhom fuq l-armar li jintrama fil-jiem tal-festa, kif ukoll il-briju beda jieħu xejra differenti minn dak li konna nafuh, fejn mhux biss kont tara bżieżaq u bnadar, iżda ideat li bdew jiġbdu ħafna aktar nies lejn l-irħula sabiex jaraw dik is-'sorpriża' li tkun ġiet ippreparata. Ġeneralment din is-'sorpriża' kienet tiżżanżan fil-marċ tal-Aħħar Tridu.

Kif għedna qabel, iż-żgħażagħ minn dejjem kienu preżenti fis-Soċjetà L-Unjoni, biss qabel is-sena 1997 ma kienx hemm sezzjoni uffiċjali. Kien hemm dik li konna nsejħulha 'Għaqda Organizzativa' fejn kienet tipprepara dik ix-xi ħaġa għall-briju. L-akbar proġett li wettqet din l-għaqda kienet il-kannizzata. Kien lejn April tas-sena 1997 meta grupp ta' żgħażagħ konna avviċinajna lill-Kumitat Ċentrali u wrejna x-xewqa li niffurmaw kumitat apposta għaż-żgħażagħ. Il-Kumitat Ċentrali ma kien sab l-ebda oġġezzjoni, anzi tagħna l-approvazzjoni tiegħu mill-ewwel, u minn hemm twieldet is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri.




Ma kienx fadal ħafna ġimgħat għall-festa ta' dik is-sena, iżda pruvajna nagħmlu dik ix-xi ħaġa li turi li anki fis-Soċjetà tagħna hemm laqta żagħżugħa waqt il-briju tal-festa. Fil-fatt kien sar tiżjin ġdid waqt il-marċ tal-Aħħar Tridu u ntużaw l-ewwel darba f'Malta kuluri b'effetti ta' dawl li kienu ġew armati quddiem iz-zuntier tal-Knisja. Wara l-festa tal-1997, is-Sezzjoni Żgħażagħ







# Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri 1997 – 2017







bdiet taħdem sabiex tiġbor aktar fondi u b'rieda tajba bdew jittellgħu attivitajiet differenti minn dawk li konna mdorrijin naraw bħal ikliet, *discos* ġol-każin, kif ukoll barra mill-każin, BBQs ħdejn il-baħar u oħrajn.

L-ewwel suċċess kbir li ksibna kien matul il-Festa Liturġika ta' Sant'Andrija tal-1997 fejn ittellgħet wirja ġewwa waħda mis-swali tas-Soċjetà L-Unjoni relatata ma' Sant'Andrija; wirja mimlija informazzjoni fuq statwi u pitturi tal-qaddis li nsibu mhux biss f'Malta u Għawdex imma wkoll barra minn xtutna. Tul is-snin saru diversi wirjiet oħrajn li għamlu suċċess kbir fosthom 'Għamlu Isem lil Ħal Luqa' u l-wirjiet ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Milied.

Iż-żmien igerbeb ġmielu u l-festa tal-1998 kienet imsemmija ħafna peress li s-Sezzjoni Żgħażagħ kienet preparata ferm aktar mis-sema ta' qabel. Mill-fondi li nġabru tul dik is-sena saru tliet bnadar kbar u ajkla kbira. Dik is-sena wkoll is-Sezzjoni tagħat l-ewwel rigal tagħha lis-Soċjetà – standard ta' lewn blu bl-arma tal-Belt t'Amalfi bħal tifkira tas-suċċess kbir li kisbet aktar qabel il-Banda L-Unjoni fil-mawra tagħha ġewwa din l-istess belt fl-Italja.



Iżda s-sorpriżi waqt il-marċi ma waqfux hawn. Ta' kull sena f'kull festa dejjem b'xi ħaġa ġdida u oriġinali, xhieda li l-ideat il-ġodda dejjem ħarġu minn ġo din is-Soċjetà fosthom l-arma ta' Sant'Andrija bil-fjuri, umbrella, imrewħa, arma tal-Banda, bandalora kbira, nar sinkronizzat mal-mużika, id-dawl differenti li jintuża waqt il-marċi, ħruġ ta' żewġ CDs b'kanzunetti u marċi brijużi, għadd ta' flokkijiet tal-festa u ħafna u ħafna aktar affarijiet ohra li komplew jagħtuna spinta biex sirna waħda mill-aqwa sezzjonijiet taż-żgħażagħ madwar Malta u Għawdex.



Is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklier iħalliet ukoll l-impatt tagħha ġewwa l-Każin għaliex mill-fondi li ta' kull sena ġabret dejjem pruvat tgħin milli tista' sabiex jissebbaħ il-Palazz tagħna, sede tas-Soċjetà tagħna. Żewġ affarijiet li żgur għadhom jidgawdew ġewwa s-sede tas-Soċjetà huma waħda mil-linef li hemm fis-sala prinċipali tal-Każin kif ukoll l-irħam li hemm fil-bar preżenti. Din is-

# MARK's GARAGE

*Mechanical Service & Repairs*

Sales of Second Hand Parts

**Agent for Cepsa Lubricants & PBR Filters**

Tel: 2168 9456
Mob: 9947 6370, 7922 5926

**Cepsa Motor Oil PBR Filters**

# JERRY'S SILENCER REPAIRS



**CO2 Welding**

**For Welding & Silencer Repairs**

**Teddy's Garage, Siġġiewi Road, Mqabba**
**Tel: 2164 0750 – Mob: 9944 9237**

Sezzjoni għadha qiegħda tiffunzjona u hawn tara l-qalb żagħżugħa ta' din is-Soċjetà. Matul dawn is-snin ingħaqdu magħna nies fis-Soċjetà L-Unjoni li mhux bilfors kienu dilettanti tal-festa, iżda għaliex kellhom talent u xtaqu jesprimuh f'xi ħaġa li kienet u għadha qiegħda tiffunzjona.

Din is-Sezzjoni nisslet responsabilità f'dawk li hadmu fiha għaliex ta' kull sena kellhom l-inkarigu li jorganizzaw marċ isbaħ minn ieħor għall-festa tal-Patrun tagħna Sant'Andrija u dan kollox fuq bażi volontarja. Din is-Sezzjoni daħlet ukoll sens ta' dixxiplina waqt il-marċi u wara, ġewwa l-każin, u llum b'wiċċna minn quddiem ngħidu li s-soċjetajiet oħrajn ħadu l-eżempju t-tajjeb li tajna aħna.

Is-Soċjetà Filmonika L-Unjoni għandha bżonn lil din is-Sezzjoni tibqa' ħajja, sabiex nippreparaw aktar persuni jkunu parti integrali minn din is-Soċjetà u għalhekk tibqa' ħajja u jkollha qalb żagħżugħa bħalma dejjem kellha.

*Ad Multos Annos*.



Prof Mons Coleiro - Festa San Ġakbu f'Ħal Luqa







Radju Sant'Andrija
10 Snin Anniversarju










# Radju Sant’Andrija

*10 Snin Anniversarju*

**Patrick Camilleri**

Il-mezzi ta’ komunikazzjoni f’soċjetà li qegħdin ngħixu fiha llum, dejjem qed isiru element importanti sabiex għaqdiet differenti mhux biss dawk mużikali, iwasslu l-messaġġ tagħhom b’aktar effiċjenza u jilħqu l-akbar ammont ta’ nies possibbli. Dan kien il-ħsieb meta fl-2007 din is-Soċjetà rat jitwieled Radju li b’inizjattiva ta’ numru żgħir ta’ membri din il-frekwenza 88.4 FM illum saret sinonima mal-festa kemm dik titulari kif ukoll dik liturġika.

L-organizazzjoni ta’ dan ir-radju ra tibdil kbir matul dawn is-snin, niftakru sew li l-ewwel skeda li xxandret fil-Festa Titulari tal-2007, l-organizzaturi krew u sselfu apparat mingħand membri tas-Soċjetà, sa’ ftit snin wara din is-sezzjoni bdiet tixtri apparat professjonali bl-għajnuna tal-i*sponsors* li jinġabru matul kull skeda, iżda l-akbar qabża ta’ kwalità saret fl-2012 meta bl-għajnuna tal-Programm Leader dan ir-Radju ibbenefika minn fondi tal-Unjoni Ewropea u nxtara ħafna mill-apparat li kien fadal sabiex stajna nxandru bl-aktar mod effiċjenti.

Il-parteċipazzjoni ta’ preżentaturi kibret sew matul iż-żmien u saħansitra dan ir-Radju ġibed lejh nies li kienu jagħmlu parti minn din is-Soċjetà iżda li qatt ma kienu attivi fl-ebda kumitat jew sezzjoni tal-Każin. Aktar ma għadda żmien, it-teknoloġija aktar kibret u llum qegħdin fi stadju fejn anke dawk il-Ħalluqin li jgħixu barra minn xtutna jistgħu jsegwu dan l-istazzjon permezz ta’ *Live Streaming* kif ukoll permezz tal-paġna fuq Facebook, ikunu jistgħu jaraw l-aħjar mumenti ta’ matul il-festa.

Sa mill-bidu nett dejjem sħaqna li dan ir-Radju għandu jkun sors ta’ informazzjoni għal dawk kollha li qegħdin jisimgħu mhux biss, iżda permezz ta’ *recordings* u intervisti li saru matul iż-żminijiet Radju Sant’Andrija seta’ jgħin sabiex tkompli tinkiteb l-istorja ta’ din is-Soċjetà.

Minn hawn ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil dawk kollha li b’xi mod jew ieħor ħadu sehem sabiex dan ir-Radju jibqa’ ixandar għal dawn is-snin kollha, u minn hawn inħeġġu mhux biss il-membri tas-Soċjetà iżda lill-Ħalluqin kollha sabiex isegwu Radju Sant’Andrija fuq 88.4 FM.

# Nardu tal-Ħaxix

Ħaxix u frott frisk
bi prezzijiet moderati

FREE DELIVERIES • MOB: 9946 4420

Kuljum filgħodu ħdejn il-Kunsill Lokali, Luqa
It-Tnejn u l-Ħamis filgħaxija ħdejn il-playing fields

"KOLLOX SPECIAL"



GRAF FAI Auto Parts QH WÜRTH

do not waste your time
going around stop at

# MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES

Gates ICER Valeo Japanparts FERODO AISIN MONROE

where you will find
**everything under one roof**

*More brands available...*

Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04
Tel / Fax: 21 642465




# Ħal Luqa fi Żmieni

*It-tieni parti*

**Andrew Camilleri**

Jidher li l-artiklu 'Ħal Luqa fi Żmieni' li kien ġie ppublikat fil-Programm tal-festa tas-sena 2015 qajjem interess ġmielu, għax kien hemm min qalli biex nagħti aktar dettalji ta' kif kienet id-dehra u l-ħajja fir-raħal tagħna fi tfuliti. Jien f'dak l-artiklu xtaqt indaħħal ħafna affarijiet oħra, imma minħabba li ridt nagħti ħafna importanza għall-esperjenza qarsa li kellu jgħaddi minnha r-raħal matul l-aħħar gwerra u dak li ġara wara, partikolarment il-ftuħ ta' toroq ġodda u twessieh t'oħrajn, kif ukoll il-bini mill-ġdid tal-knisja, l-artiklu kien jiġi twil iżżejjed. Allura ħsibt biex f'dan l-artiklu, barra milli nagħti aktar dettalji ta' kif kienet il-ħajja f'dan ir-raħal fi tfuliti, insemmi fost affarijiet oħra l-importanza kbira li kellhom u li għad għandhom il--każini taż-żewġ baned fil-ħajja kulturali u soċjali tar-raħal, affarijiet li nqerdu u m'għadhomx jeżistu, drawwiet li spiċċaw għalkollox, kif ukoll ix-xogħol jew snajja li ħafna kienu jipprattikaw f'dan ir-raħal biex jaqilgħu l-għixien tagħhom u li issa hebu minn fostna.

F'dak l-artiklu kont semmejt il-ftuħ ta' żewġ toroq ġodda kif ukoll it-twessiegħ tat-toroq principali tar-raħal. Li ma semmejtx kien kemm djar inqerdu għalkollox, speċjalment biex saret Triq id-Disgħa t'April 1942, il-parti l-ġdida ta' Triq Dun Pawl bejn Misraħ Sant'Andrija u Triq San Ġorġ, kif ukoll it-twessieh ta' Triq Sant'Andrija. Barra minn hekk, ħafna djar fit-toroq l-oħra li twessgħu bħal Triq San Ġużepp u Triq San Pawl, għalkemm ma spiċċawx għalkollox, ittiħditilhom parti sewwa mill-fond tagħhom. Fil-bidu ta' Triq Santa Marija minn naħa ta' Triq San Ġużepp kien hemm kamra li minħabba fiha l-bidu tat-triq kien dejjaq ħafna. Allura din inħattet biex it-triq ġiet kif tidher illum.



*Waħda mit-toroq tar-raħal imġarrfa fil-gwerra*

Iż-żewġ każini tal-banda ta' Ħal Luqa, bħal dawk tal-ibliet u rħula oħra f'Malta u Għawdex kellhom u għad għandhom parti mportanti ħafna fil-ħajja kulturali u soċjali tar-raħal tagħna. Imma forsi dari, ħafna aktar mil-lum, dawn kinu l-uniċi postijiet fejn l-irġiel wara l-ġurnata tax-xogħol kienu jiltaqgħu mhux biss biex jitgħallmu u jikkunċertaw il-mużika, imma ukoll biex jieħdu gost bil-kumpanija ta' xulxin jitħaddu waqt li jixorbu xi tazza nbid jew flixkun birra.

Dawn iz-żewġ każini tal-baned kellhom il-bidu tagħhom fil-1880 u 1883, mhux ħafna wara dak tal-Konti Ruġġieru, ir-Rabat li twaqqaf fl-1869 u l-ewwel wieħed f'Malta, dak ta' San Filep, Ħaż Żebbuġ li jingħad li twaqqaf fl-1851. Meta tqis iċ-ċokon ta' Ħal Luqa meta tipparagunha mal-kobor kemm tar-Rabat kif ukoll ta' Ħaż Żebbuġ, wieħed jiskanta kif il-każini tal-baned tar-raħal tagħna twaqqfu daqshekk malajr warajhom.

Iżda minbarra l-aspett kulturali u soċjali, dawn iż-żewġ każini l-istess bħal każini l-oħra tal-baned f'Malta u Għawdex, għandhom funzjoni importanti oħra x'jaqdu, li hija dik li jferrħu lill-poplu b'marċi brijużi fit-toroq tar-raħal u programmi ta' mużika sabiħa fuq il-pjanċier sabiħ tagħhom fiż-żewġ pjazez ewlenin tar-raħal fil-festa tal-patrun tagħna Sant'Andrija. Bħal dawn iż-żminijiet, ta' kull sena wkoll iż-żewġ baned itellgħu kunċert mużikali, il-biċċa l-kbira fit-teatru taċ-Ċentru tal-Parroċċa. Li nbidel miż-żmien ta' qabel hu li kemm il-programmi li ż-żewġ baned jagħmlu fil-festa kif ukoll f'dan il-kunċert annwali, l-aċċent m'għadhux daqshekk fuq il-mużika klassika, għax dan iż-żmien in-nies aktar jieħdu gost jisimgħu mużika sabiħa moderna bħall-kanzunetti, speċjalment bil-parteċipazzjoni ta' kantanti Ħalluqin jew dawk mistiedna b'arranġament għall-banda, siltiet minn films, musicals u biċċiet ta' mużika ta' kompożituri moderni bħal Andrew Lloyd Weber u Ennio Moricone li nistgħu nsejħulha mużika klassika moderna, dejjem b'arranġament għall-banda. Fiż-żewġ baned tar-raħal minn dejjem kien hemm numru ta' bandisti professjonali u llum s-surmastrijiet tagħhom huma t-tnejn Ħalluqin. Li nbidel żgur minn żmien il-gwerra l'hawn hu li dan iż-żmien sar għandna numru ta' bandisti tfajliet, filwaqt li qabel il-bandisti kienu kollha rġiel. Ukoll dan iż-żmien it-tagħlim tal-mużika tal-allievi qed isir bi professjonalità ferm aktar minn qatt qabel.



*Triq Sant'Andrija fis-snin sebgħin*

Barra minn hekk dawn iż-żewġ każini qed jagħtu kontribut importanti kbir ieħor għall-festa. Fiż-żewġ każini hemm gruppi ta' nies iddedikati li b'tant sagrifiċċju jaħdmu matul is-sena kollha biex iċ-ċelebrazzjonijiet esterni tal-festa kibru tant matul is-snin. Hija bil-ħidma ma taqtax ta' dawn il-gruppi li għandna pjazez u toroq b'daqshekk armar sabiħ kif ukoll spettakli ta' nar tal-ajru u tal-art mill-aqwa.

Nixtieq insemmi wkoll li barra l-festa ta' Sant'Andrija, iż-żewġ baned tar-raħal jipparteċipaw fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira b'marċi funebri u mużika korali sagra,

billi banda minnhom iddoqq sena u l-ohra ddoqq is-sena ta' wara. Imma dan mhux minn dejjem kien hekk, għax niftakar li sa xi żmien wara l-aħħar gwerra kienu jipparteċipaw iż-żewġ baned, imma kien inqala' xi diżgwit bejn iż-żewġ każini u allura waslu għal dan l-arranġament. Bidla tajba ħafna li saret hi li sakemm toħroġ il-purċissjoni l-banda li jkun imissa dik is-sena ddoqq fuq iz-zuntier tal-knisja u mbagħad takkumpanja l-purċissjoni quddiem l-istatwa tal-Vara l-Kbira. Ma xtaqtx ninsa' nsemmi li fi tfuliti kien hawn ħafna nies mir-raħal jaħdmu fix-xogħol tal-ġarr tal-faħam ix-xatt tal-Marsa. Kien ikun grupp minn dawn in-nies li jerfgħu l-istatwa tad-Duluri fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

La qegħdin nitkellmu fuq il-baned tar-raħal nixtieq insemmi użanza sabiħa li kienet teżisti Ħal Luqa, fejn meta jmut bandist, tkun il-banda tal-każin l-ieħor li takkumpanja fil-funeral, imma diżgrazzjatament din l-użanza hekk sabiħa spiċċat dejjem minħabba xi diżgwid bejn iż-żewg każini. Kont ħadt pjaċir ħafna meta miet ħija Ċensu fil-1998, bandist u ex-president ta' dan il-każin L-Unjoni, u l-kumitat tal-Banda Sant'Andrija ipparteċipa fil-funeral u kont urejt l-apprezzament tal-familja f'ittra li ktibt lil dan il-kumitat. Imma kemm kien ikun aħjar kieku kienet il-Banda tal-Każin Sant'Andrija li ikkompanjat lil ħija fil-funeral tiegħu, li tant dejjem stinka għal aktar koperazzjoni bejn iż-żewġ każini! Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku din id-drawwa hekk nobbli li naħseb kienet teżisti Ħal Luqa biss, drawwa li żgur tkattar l-koperazzjoni bejn iż-żewġ każini tal-baned tagħna, terġa' jigi introdotta.

Għal xi żmien qabel kif ukoll wara l-gwerra, il-każin tal-Banda L-Unjoni kien jipprovdi mezz ieħor ta' rikreazzjoni għan-nies tar-raħal permezz tat-teatrin. Niftakar li qabel il-gwerra meta kelli forsi ħames jew sitt snin ommi kienet ħaditni magħha ġo sala fis-sular ta' fuq tal-każin, fejn kien hemm palk armat u niftakar li kien hemm żewġ t'irġiel li kienu qed idaħħku n-nies b'dak li kienu qed jgħidu. Meta l-każin iġġarraf fil-gwerra, il-Banda L-Unjoni sabet kenn temporanjament f'razzett tal-barrin fit-tarf tas-sqaq ta' maġenb il-każin. Ma' dan ir-razzett kien hemm bitħa kbira ħafna li kellha bieb fi Triq San Ġorġ u kif spiċċat il-gwerra d-dilettanti tat-teatrin tal-każin waqqfu palk kbir f'din il-bitħa u għamlu bankijiet tal-injam fejn in-nies joqgħodu bilqiegħda, kif ukoll bottegin. Niftakar li meta dawn id-dilettanti kienu jtellgħu xi dramm fis-sajf ma kienx ikun hemm fejn taqa' labra daqs kemm kienu jattendu nies. Meta jispiċċa d-dramm kien ikun hemm hekk imsejħa 'farsa', forma ta' kummiedja li fiha kienu jieħdu sehem żewġt irġiel, wieħed kien raġel m'għola hawn li kienu jgħidulu 'l-Binder', u l-ieħor raġel qasir ħafna jgħidulu 'tal-Isla'. Bil-mutetti u ċ-ċajt li kienu jagħmlu, kienu jaqsmu lil kulħadd bid-daħk. Żewġ drammi kbar li tellgħu dawn id-dilettanti tat-teatrin tal-każin, kienu 'Il-



*Il-Banda L-Unjoni takkumpanja l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fis-snin sebgħin*


MARINDEX Ltd.
Winners Never Quit!
Marindex Trophies
offers a wide selection of trophies, medals, shields, plaques, glass tokens, wooden tokens, plates, frames & mugs which suit all types of events and sport.
All items are found at an affordable price and high qualtity materials.
Managed By Gold Lady
Opening Hours: 08:30 - 12:00 / 16:00 - 19:00
E-Mail: goldlady@onvol.net, marindex@onvol.net
Tel: 21673928, 27673928
Address: 1, Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun


Baseggio
paints
LE VERNICI DI VENEZIA
Imported By: 'Tahabel Ltd.'
E-mail: daniel_ferriggi@hotmail.com
Mob: 7953 6969

Kawża Ċelebri', li tagħha hemm ritratt kbir il-każin, u 'Lazzru l-Mutu.' Barra minn hekk kienu jtellgħu spettakli ta' kant bil-parteċipazzjoni ta' kumpanija mill-Ħamrun. Ħafna drabi din il-bitħa fil-ġranet tas-sajf nhar ta' Sibt kienu wkoll jintwerew il-films.

La qed nitkellmu fuq it-teatrin ma rridx ninsa nsemmi t-teatrin ta' Dun Ġużepp Callus, li ħafna Ħalluqin tal-età tiegħi żgur għadhom jiftakru. Dan it-teatrin kien isir fil-bitħa ta' dar li kienet fis-sqaq li hemm faċċata tal-każin. Niftakar f'inċident biex sar il-palk, ġuvni li kien idoqq it-tamborlin mal-Banda L-Unjoni, tilef erbat'iswaba minn waħda minn idejh. Jekk ma tridx, f'dan it-teatrin Dun Ġużepp kien għamel gallarija wkoll. Dun Ġużepp kien jiġbor għadd ta' ġuvintur madwaru u d-drammi li kienu jtellgħu kien jiktibhom hu stess. Darba għamel dramm fuq il-martirju ta' Sant'Andrija. Kif nfetaħ is-separju deher Sant'Andrija marbut ma' żewġt' izkuk forma ta' salib u ħija Ċensu liebes t'anġlu deher ħdejh jikkonfortaħ bi kliemu. F'daqqa waħda z-zkuk tas-salib bdew jinfetħu u l-ġuvni li kellu l-parti ta' Sant'Andrija beda jgħajjat kemm jiflaħ, 'Fittxu niżżluni minn hawn għax ser ninfetaq. Dun Ġużepp kien pront għalaq is-separju filwaqt li kulħadd għoxa bid-daħk.


*It-teatrin organizzat mill-membri tal-Unjoni*

Niftakar ukoll dik il-ħabta erba' żgħażagħ mir-raħal ippruvaw jisirqu biċċa cable mill-ajrudrom għaċ-ċomb li kien fiha, qabduhom il-gwardjani u tefgħuhom il-ħabs ta' Kordin. Meta ħargu mill-ħabs, Dun Ġużepp stħarreġ minn għandhom kif ippjanaw li jisirqu din il-biċċa cable, x'ġara meta qabduhom il-gwardjani, kif kienu jgħadduha fil-ħabs ta' Kordin u fuq dak li qalulu kiteb dramm. Dun Ġużepp ġietu l-idea brillanti li bħala atturi ma kienx hemm aħjar milli jqabbad lil dawn l-istess erba' zgħażagħ! Ta' min isemmi li Dun Ġużepp Callus kien saċerdot attiv ħafna fir-raħal. Barra milli kif semmejna kien jiġbor it-tfal u żgħażagħ madwaru f'dan it-teatrin, kont taraħ kemm-il darba ħiereġ jgħaġġel minn daru biex jassisti lil xi ħadd li jkun qed imut u kien joħroġ bil-Vjatiku jikkonforta dawn in-nies bl-Ewkaristija Mqaddsa. Niftakar lil Dun Ġużepp ukoll wara l-quddiesa kantata ta' nhar ta' Ħadd jiġġera mat-toroq tar-raħal, b'tifel bil-qanpiena ċċempel quddiemu, jiġbor kif kont nismagħhom jgħidu għall-quddiesa tal-għaxra ta' Nhar ta' Ħadd.

La qegħdin nitkellmu fuq drawwiet li spiċċaw matul il-firxa taż-żmien, nixtieq insemmi lir-raba' qanpiena, jiġifieri dik ta' wara l-qanpiena l-kbira. Għalkemm daż-żmien imdorijin ta' kuljum nisimgħuha ddoqq fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofsinhar u ma' nżul ix-xemx, li lkoll nafuha bħala l-Ave Marija, biex tfakkarna nitolbu l-Anġelus, fi tfuliti din il-qanpiena kienet tindaqq tliet darbiet oħra matul il-ġurnata. L-ewwel ma kienet tindaqq kien fil-ħamsa ta' filgħodu li konna nsibuħ bħala l-Pater Noster, biex tħeġġeġ lin-nies kif iqumu jitolbu t-talba sabiħa tal-Missierna. Xi ħin wara li tindaqq ma' nżul ix-xemx, ir-raba qanpiena kienet tindaqq ukoll xħin jidlam sew u din konna nsibuha

bħala 'Tal-Orazzjoni', li kienet stedina oħra lin-nies biex jitolbu. Terġa' aktar tard din il-qanpiena kienet tindaqq għall-aħħar darba xi ħin wara li ddoqq f'Tal-Orazzjoni u din konna nafuha bħala *Tal-Imwiet* biex tfakkar in-nies qabel jorqdu jitolbu għal ħutna li ħallewna. Ma sibt l-ebda tagħrif kif u meta kienet daħlet l-użanża li r-raba' qanpiena tindaqq fil-*Pater Noster*, f'*Tal-Orazzjoni* u tal-imwiet. Imma f'artiklu li għandi bil-*Braille*, sibt kif din il-qanpiena bdiet tindaqq biex tfakkar lin-nies jitolbu l-*Angelus* fit-tmienja, f'nofs inhar u f'inżul ix-xemx.

Meta t-talba tal-*Ave Maria* bdiet issir popolari fil-medju evu, in-nies bdew jitolbuha tlett darbiet filgħaxija f'inżul ix-xemx, bħala tislima lill-Iben t'Alla li sar Bniedem. F'Kapitlu Ġenerali tal-Franġiskani li sar fl-1263, San Bonaventura ordna qanpiena ddoqq ta' kuljum fi nżul ix-xemx, biex in-nies isellmu lill-Omm ta' Ġesù bit-talba tal-*Ave Maria*. Skont it-tradizzjoni l-Anglu Gabriel ħabbar lill-Marija li kellha tkun Omm Alla f'inżul ix-xemx. Wara l-qanpiena tal-*Ave Maria* bdiet tindaqq kuljum f'inżul ix-xemx fil-monasteri tal-Franġiskani kollha, biex tfakkar lir-reliġjużi u n-nies fl-imħabba kbira Alla għandu għalina li tagħna lill-Ibnu u s-sehem ta' Ommna Marija Santissima fil-pjan tas-Salvazzjoni.

Għall-ħabta tal-1318, f'xi postijiet il-qanpiena tal-*Ave Maria* bdiet tindaqq kmieni filgħodu biex tfakkar lin-nies fil-Qawmien ta' Ġesù Kristu mill-mewt u n-nies kif jisimgħuha bdew jitolbu tlett darbiet l-Ave Maria. Allura issa l-qanpiena tal-*Ave Maria* bdiet tindaqq filgħodu u filgħaxija. Fl-1386, il-qanpiena tal-*Ave Maria* bdiet tindaqq ukoll f'nofs inhar ġo Praga kull nhar ta' Ġimgħa, biex in-nies jiftakru fil-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Ftit taż-żmien wara din l-użanza daħlet ġo Franza wkoll, fejn fuq talba mir-Re, l-Papa Sistu IV, tard fil-1400, ordna biex it-talba tal-*Angelus* tibda' tingħad f'nofs inhar, użanża li malajr inferxet fil-Ġermanja u Ruma. Jingħad li xi monasteri fis-seklu Tlettax diġà kienu jitolbu l-*Angelus* f'forma ta' tlett *Ave Maria* b'talb ieħor bejn kull waħda.



Il-fustanija tiela' f'postha fil-kampnar fl-1928

Imma aktarx li kien il-Papa Ġwanni XXII (1316-1334) li ikkompona u approva t-talba tal-*Angelus* u ta indulgenza għal min jitolbu. Kien il-Papa San Piju V li fil-1571 approva t-talba sabiħa tal-*Angelus* fil-forma li nagħfuha llum. Hekk daħlet l-użanza biex in-nies isellmu l-Qawmien mill-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu bit-talba tal-*Angelus* kmieni filgħodu, il-mewt tiegħu f'nofsinhar u l-inkarnazzjoni filgħaxija, għax dak kien il-ħin meta jaħsbu li dawn seħħu u għalhekk bdiet tindaqq qanpiena biex tfakkar lin-nies jitolbu l-*Anġelus* f'dawn il-ħinijiet

Ħal Luqa għandha storja rikka ta' nies tas-sena. Biex nagħti xi eżempji f'dan ir-raħal

minn dejjem kien hawn nies ta' sena kbira jaħdmu fil-ġebel. Jista' jkun li dan kien kawża tal-barrieri li minnhom kien jinqata' l-aqwa ġebel tal-franka li kont issib f'Malta. Minn dan ir-raħal ħarġu periti u ħafna bennejja kapaci li għamlu ħafna xogħol ta' bini kemm Malta kif ukoll Għawdex. Ta' min isemmi lil Perit Andrea Vassallo (1856-1928) li tana opri kbar fost oħrajn bħal knisja Bażilika ta' Pinu f'Għawdex fuq stil Romanesk, il-knisja tal-ħMadonna tal-Herba ta' Birkirkara, l-iskola primarja ta' Tas-Sliema, il-koppla grandjuża tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu l-Ħamrun u ta' San Nikola s-Siġġiewi, kif ukoll l-isptar Zammit Clapp San Ġiljan.

Andrea Grima kien ukoll perit Ħalluqi u kien hu li fl-1891 iddisinja l-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp tal-Imsida fuq stil barokk , il-kulleġġ ta' San Alwiġi Birkirkara, l-isptar tal-Ingiered kif oriġinalment inbena, u fl-1895 l-oratorju li hemm mal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu l-Ħamrun. Nismaħhom jgħidu wkoll li din l-istess knisja parrokkjali tal-Imsida wkoll inbniet minn bennejja Ħalluqin. Fi tfuliti niftakar lil Perit Indri Micallef li kien responsabbli mill-bini tista' tgħid mill-ġdid tal-knisja parrokkjali tar-raħal wara li ġġarfet serjament fil-gwerra u li ddisinja l-koppla u dak is-saqaf sabiħ, bit-twieqi sbieħ u kbar li fih. L-imgħallem li mexxa x-xogħol, Ġilard Spiteri, il-bennejja, dawk li naġru l-ġebel, dawk li ħadmu l-lavur, kif ukoll l-iskultur li qatta' l-iskultura tal-gwarniċjar kollu, kienu kwazi lkoll Ħalluqin. Il-Perit Micallef kien ukoll responsabbli mill-bini tal-koppla tal-kappella tal-Erwieħ il-Belt.

Ma nistax ma nsemmix Ħalluqi ieħor, Salvu Sammut li kien disinjatur famuż u skultur fil-ġebel. Niftakar li meta kien ser jibda' l-bini mill-ġdid tal-knisja tar-raħal, Salvu kien issottometta pjanti għall-bini tagħha, iżda jidher li billi Salvu ma kellux lawrija ta' perit, il-pjanti tiegħu ma ġewx approvati mill-Kurja. Fost dawn kien hemm disinn ta' koppla fuq l-istess stil tal-kampnari sbieħ li għandna, u ħafna kienu jgħidu li kieku saret, kienet tkun waħda mill-isbaħ koppli f'Malta. Hu ddisinja wkoll il-faċċata sabiħa ta' dan il-każin kif ukoll qatta' l-iskultura li fiha kif ukoll l-arma ta' Sant'Andrija li hemm fl-entratura.



*Wieħed mid-disinni oriġinali ta' Salvu Sammut*

Naturalment is-sena tal-ġebel kienet teħtieġ ħaddieda kapaci biex jaħdmu l-ħafna għodda li din is-sena' tinħtieġ, bħalma huma bqaqen, mannaretti, imtieraq kif ukoll għodda għall-iskultura u lavur. Ir-raħal kien hawn erba ħaddieda — tliet zijiet u missieri, jaħdmu dan it-tip ta' għodda kif ukoll għodda għall-bdiewa bħalma huma magħżaq, zpapen, furkettuni u sikek. Kien hawn żewġ ħaddieda oħra, Noe Ciappara u Ġużeppi Cassar, jaħdmu xogħol ta' *ferrobattuto* li kien meħtieġ għall-puġġamani tat-turġien, vilestruni u galleriji. Niftakar ukoll li r-raħal kien hawn żewġ landiera, wieħed minnhom kien jaħdem fi Triq San Ġużepp bejn il-parti hekk imsejħa l-Wisa' u t-Triq il-Ġdida u fi tfuliti kont immur ħdejh naraħ jaħdem. Dan kien jagħmel konteNituri għall-pitrolju, borom u stanjati, barra l-ħafna affarijiet li n-nies kienu jġibulu għat-tiswija. Meta kbirt u

# SANTA MARIJA
## SERVICE STATION

MAIN STREET MELLIEĦA

**Panel Beater**
**Car Repairs & Servicing**
**Battery & Tyre Servicing**
**Wheel Balancing**
**Car Wash Service**
**also available**

**Tel: 2157 3918**

Vigo
MENSWEAR

South Street, Valletta VLT 1105

Tel: 2123 6001

bdejt nistudja l-'*engineering drawing'*, jien intbaħt li dan il-landier, probabbli mingħajr ma kien jaf, biex ifassal il-parti prinċipali tal-istanjata, kien qed iffassal hekk imsejjaħ, '*frustum of a cone*.'

Fi Triq il-Ġdida kien hawn ukoll wieħed jaħdem il-karrettuni, xogħol li kien jeħtieġ sengħa kbira speċjalment biex tinħadem ir-rota. Il-buttun li hi l-parti fejn jidħol il-fus kien irid jinħadem bit-torn. F'nofs il-buttun kien jagħmel bejta tonda li ġo fiha kien idaħħal bit-tismir biċċa tubu tal-ħadid li fih, il-fus tal-karrettun kien jidħol preċiż. Fil-buttun ukoll kien irid jagħmel il-ħafna bejtiet fejn jidħlu l-imgħażel li jgħaqqdu l-buttun f'bejtiet fiċ-ċirku ta' barra . Kif ix-xogħol fuq l-injam taż-żewg roti jkun lest, l-imgħallem kien jaħdem iċ-ċirku tal-ħadid li jrid jidħol preċiż ħafna fuq l-injam taċ-ċirku ta' barra. Dan iċ-ċirku kien jinħadem kemm kemm iżgħar miċ-ċirku tal-injam, imbagħad kien isaħħnu sew u bin-naqra li jikber ikun biżżejjed biex jidħol fuq iċ-ċirku tal-injam. Wara li ċ-ċirku jerġa' jiksaħ, kien jiċkien, biżżejjed biex jissikka sew fuq l-injam.

Niftakar li r-raħal kien hawn ukoll żewġ skrapan, wieħed minnhom kien jaħdem fi Triq San Ġużepp, ftit 'l fuq lejn il-pjazza minn fejn kien jaħdem il-landier. Dawn barra li kienu jagħmlu xogħol ta' tiswija, għal lanqas dak li kien hemm fi Triq San Ġużepp kien jaħdem żraben u sandlijiet mill-isbaħ.

Kellna wkoll ħajjata tajbin ħafna, fosthom Dolly Said, Violetta Schembri, omm il-mara Mena Falzon kif ukoll binta, marti Kate. Dawn kienu jagħmlu ħafna lbiesi tal-għarajjes u kienu jkunu mgħobbijin bix-xogħol speċjalment meta toqrob il-festa ta' Sant'Andrija meta kienet għadha tiġi ċċelebrata fix-xitwa. Mena, fi żmienha għallmet il-ħjata lil ħafna xebbiet minn dan ir-raħal. Ta' min isemmi li Dolly kellha waħda mill-ewwel magni li tagħmel il-pressa fid-drapp, liema magna niftakara fi tfuliti qabel il-gwerra taħdem fuqha fil-kamra ta' barra tad-dar t'ommha fi Triq Sant'Andrija. Minn qabel il-gwerra wkoll, Mena kellha magna tal-ħjata li tagħmel l-eċċetti li kienet waħda mill-ewwel ta' dan it-tip u aktarx kienet l-unika waħda fir-raħal.

Diżgrazzjatament, minħabba l-avvanzi fix-xjenza, l-industrija u t-teknoloġija, id-domanda għax-xogħol ta' dawn in-nies tas-sengħa bdiet dejjem tonqos, in-nies li kienu jippratikawhom ma setgħux ikomplu jaqilgħu l-għixien minnhom, bil-konsegwenza li dawn is-snajja kif ukoll tant oħrajn tista' tgħid li għebu għalkollox.

Fl-artiklu tas-sena l-ohra kont semmejt li minħabba l-fatt li ma kienx għadhom daħlu l-fran fid-djar, in-nies kienu jieħdu dak li jkollhom għax-xiwi għand tal-forn li mit-tlieta li kien hawn fir-raħal issa baqa' wieħed biss, dak ta' Triq San Ġużepp. Imma jidher li barra dak li kien ikollhom għax-xiwi, kien hawn ħafna nisa li l-istess bħal ommi, kienu jagħmlu l-ħobż id-dar u wara jiħduh għand wieħed mit-tlett ifran biex jaħmuh. Ommi kellha żingla kbira ħafna li fiha, qabel il-gwerra, kienet tagħmel l-għaġina tal-ħobż filgħaxija u tħalliha tiela' mal-lejl. Filgħodu kmieni kienet tmur il-forn ta' Triq San Ġużepp li konna nafuh bħala l-forn ta' Ċensa, minn fejn kienet iġġib tilar kbir tal-injam. Imbgħad kienet tifforma l-għaġina ħobża, ħobża, u wara li tpoġġihom fit-tilar, kienet tagħmel marka fuq kull ħobża biex b'hekk tagħraf il-ħobż tagħha. Kif tlesti kollox kienet titfa' t-tilar fuq rasha u tieħdu għand Ċensa fejn kien ikompli jitla' fis-sħana tal-forn. Naturalment imbgħad Ċensa kienet taħmi l-ħobż ta' kulħadd mal-furnata li jkollha lesta għall-ħami. Ommi kienet tgħid li l-ħobż kienu jagħmluh bid-dqiq tal-maħlut u mingħand furnar xiħ sirt naf li dan id-dqiq kien jixbaħ ħafna lil dak li llum insejħulu '*whole meal*'.


Pet Care
Joseph Buhagiar
Proprietor
Qrendi Road
Żurrieq
Tel: 2164 9727


SIX BAR
Żuru dan il-Bar
għal
xorb ġenwin
b'appetizers
f'atmosfera familjari
u ferriħija
Jiftaħ kuljum mill-3.45am
'il quddiem
Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Żurrieq

Ommi kienet tgħid ukoll li kultant kienu jinżlu Ħal Qormi biex iġibu biċċa ħmira ġdida li kienu jsejħulha 'tinsila'.

Sal-1963 il-festa ta' Sant'Andrija kienet għadha ssir fix-xitwa fl-aħħar ta' Novembru jew il-bidu ta' Diċembru. Kienet l-użanza fi tfuliti li l-festa kienet tkun okkażjoni biex kulħadd iżanżanlek libsa u żarbun ġdid. Għan-nisa din kienet tkun xi libsa xitwija sabiħa jew xi kowt u naturalment żarbun pariġġ. Kien hemm nisa, speċjalment dawk ftit avvanzati fiż-żmien, li kienu jilbsu wkoll ħafna deheb. L-irġiel mill-banda l-oħra kienu jżanżnu xi libsa meħjuta għand ħajjat kompluta bil-ġlekk u sidrija kif ukoll qmis, ingravata u żarbun għal magħha. Ħafna rġiel kienu iżanżnulek xi kappell sabiħ tal-pannu. In-nies kienu ferm aktar mil-lum, jattendu bi ħġarhom għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja, speċjalment dawk talejliet il-festa u għall-quddiesa solenni tal-Ħadd filgħodu. Kien hawn l-użanza li kif l-istatwa ta' Sant'Andrija kienet titfaċċa fil-bieb tal-knisja fil-bidu tal-purċissjoni, minn fuq il-bejt tal-knisja barra kwantità kbira ta' biċċiet tal-karti, kienu jintefgħu wkoll sunetti li kienu forma ta' xi poeżijja fuq Sant'Andrija. Il-festa, forsi ħafna aktar mil-lum, kienet tkun okkażjoni fejn wieħed jiltaqa' ma' qraba u ħbieb billi jistedinhom għandu. Aħna l-Ħalluqin kellna l-fama li l-festa nagħmluha għand tal-forn għax huwa minnhu li ikla tajba għal nofsinhar fil-festa qatt ma kienet tonqos.



*Il-Vara ta' Sant'Andrija armata għall-festa fi żmien il-gwerra quddiem l-Altar tac-Ċintura*

Fi Triq San Tumas, faċċata tal-ħwienet fejn din taqbad ma' Triq il-Karmnu, kien hemm kappella mdaqqsa ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Ukoll f'Ħal Farruġ kien hemm kappella ddedikata lill-Madonna tal-Vittorja. Dawn iż-żewġ kappelli inħattu fuq ordni tal-militar fi żmien il-gwerra, imma għajb li l-ġebel tagħhom ma ġiex ippreservat biex setgħu jinbnew mill-ġdid wara l-gwerra. Fil-kapella ta' Ħal Farruġ kien hemm arloġġ li jingħad kien inħadem minn l-arloġġar Mikelanġ Sapiano. Niftakar li sa ftit wara l-gwerra qabel ma bdiet ir-rikostruzzjoni tal-knisja, fil-korsija kien hemm mitluqa' magna t'arloġġ imdaqqsa li jista' jkun kienet il-magna tal-arloġġ ta' din il-kappella, li ma nafx x'sar minnha. Jingħad li fil-festa tal-Vitorja fit-tmienja ta' Settembru, kienu jinżlu ħafna kaċċaturi mir-raħal u waqt il-barka kienu jippuntaw l-ixkubetti tagħhom il-fuq u jisparawhom flimkien. Ħaga stramba ħafna hi li filwaqt li Ħal Farruġ hu fil-konfini ta' Ħal Luqa, jingħad li din il-kappella kienet għadha tagħmel minnha l-parroċċa tal-Gudja.

Fit-triq li minn Ħal Luqa kienet tagħti għaż-Żurrieq, bejn wieħed u ieħor fejn hemm l-'apron' tal-Air Terminal il-qadim kien hemm mitħna tad-dħin taħdem bir-riħ bħalma hemm ix-Xarolla ż-Żurrieq u x-Xagħra f'Għawdex. Fi tfuliti kulma kien baqa' minn din il-mitħna kien il-bini tagħha b'dik l-istruttura tal-ġebel forma ta' cilindru għoli fit-tieni

# J.B. CONCRETE MIX

**SUPPLIER OF CONCRETE & SOFT STONE**
**SMALL TRUCK SERVICE SINGLE AXLE**
**HIGH UP SERVICE • CRANE HIRE**

PLANT
Misraħ Sinjura in Siġġiewi Road, Qrendi
**Tel: 2164 0778**
**Mob: 9947 3741**

RESIDENCE
'JulieJo', Ramija Street, Siġġiewi
**Tel: 2146 4622**



sular, għax il-mekkaniżmu tad-dħin, kif ukoll b'dak l-iskrun kbir tad-drapp fuq qafas talinjam li kien iħaddmu bir-riħ jidher li kien ilu li spiċċa. Jingħad li meta r-riħ kien ikun qawwi biżżejjed biex taħdem il-mitħna, sidha kien jitla' fuq il-mitħna u jonfoħ minn ġo bebbuxu kbir jgħidulu bronja biex in-nies ikunu jafu li jistgħu iġibu l-qamħ u x-xgħir biex jidħnuh.

Ta' min isemmi li fit-tarf ta' Triq Sant'Andrija ħdejn l-iskola fejn din tikser għal Triq il-Ġdida kien hemm hekk imsejjħa l-Għajn tal-Bhejjem. Din kienet vaska sabiħa ħafna, ta' xi żewġ metri dijametru, maħduma mill-ġebel taż-żonqor forma perfetta ta' qara ħamra li minnha kienu jixorbu l-bhejjem. Hu għajb li meta din il-vaska li kienet opra sabiha fiż-żonqor, maħduma b'sena kbira, tneħħiet minn postha, ma nstabx post adekwat fejn titpoġġa.

Irrid insemmi wkoll li fil-misraħ ta' quddiem il-knisja qabel ma saret Triq Dun Pawl, kien hemm statwa tal-ġebel ta' Sant'Andrija. Sa fejn naf jien din l-istatwa ftit kien ġralha ħsara fil-gwerra u allura jekk minħabba l-ftuħ tal-parti l-ġdida ta' Triq Dun Pawl mill-Misraħ Sant'Andrija sa Triq San Ġorġ din ma baqgħitx postha fejn kienet, kien ikun xieraq kieku instabilha post ieħor.

Attività tant popolari fil-kalendarju kulturali Malti, fejn ir-raħal tagħna ma jipparteċipax hi dik tal-Karnival. Mingħajr l-ebda dubju, f'Ħal Luqa għandna nies bħal postijiet oħra li kapaċi jarmaw karru għall-okkażjoni u ma nafx kif l-ebda wieħed miż-żewġ każini tal-baned tar-raħal qatt ma tħajjar biex jagħmel hekk u jieħu sehem, forsi bil-banda wkoll, fl-isfilati tal-karnival li jsiru l-Belt. Irħula bħal Ħal Għaxaq u n-Nadur Għawdex, għalkemm ma jihdux parti fl-attivitajiet li jsiru l-Belt, jorganizzaw forma ta' briju b'karnival spontanju li jibġbdu folol kbar ta' nies, kemm Maltin kif ukoll turisti, iżda Ħal Luqa ma ssir l-ebda forma t'attività fil-karnival.

Imma fi tfuliti, niftakar kien hawn raġel jismu Xandru Bonnici li kien miet fil-Palazz il-Belt waqt attakk mill-ajru matul il-gwerra, li flimkien ma' tliet irġiel oħra permezz talbies li kienu jilbsu u bi strumenti tradizzjonali Maltin, magħmula minnhom stess, kienu jipprovaw joħolqu atmosfera biex iferrħu u jdaħħku n-nies tar-raħal matul it-tlett ijiem tal-karnival. Ma nistax ngħid li din kienet xi attività fuq skala kbira, imma niftakar li n-nies kienu jieħdu pjaċir bihom għax kulħadd kien joħrog minn daru biex jiggusthom minn fejn ikunu għaddejjin.

Xandru u dawn it-tliet irġiel kienu jilbsu lbies kif kienu jilbsu l-bdiewa fl-irħula fl-antik, b'terha wiesa' ma qaddhom u barnuża fuq rashom li kienet tibqa' sejra għal wara darhom. Xandru kien idoqq iż-żaqq u l-oħrajn idoqqu ż-żavżava, il-flejġuta u t-tambur. Dawn kienu jiġġerrew mat-toroq tar-raħal b'ċorma tfal jiġru warajhom, jiggustaw il-ħoss ta' dawn l-istrumenti speċjalment il-ħoss taż-żaqq u taż-żavżava. Għal żmien twil dawn l-istrumenti tradizzjonali Maltin kienu tista' tgħid sparixxew għalkollox mix-xena lokali, imma issa reġgħu raw qawmien mill-ġdid u sar hawn mhux biss min jaf iddoqqhom, imma wkoll min jagħmilhom.

Xieraq ukoll li ngħidu xi ħaġa fuq dawn l-istrumenti tradizzjonali Maltin, għax żgur hawn min qatt ma ra bħalhom u qatt ma sema' bihom. Iż-żaqq kienet tkun magħmula mill-ġild ta' xi mogħoża jew nagħaġa, kompluta bir-ras, l-erba' saqajn u d-denb, naturalment bis-suf fuq in-naħa ta' barra. F'waħda mis-saqajn tiddaħħal qażba li fiha min idoqqha jonfoħ biex jimla' iż-żaqq bl-arja. Ħierġa mill-ħalq issib qażba b'ħames toqbiet u fit-tarf tagħha jitwaħħal qarn ta' barri li jservi biex ikabbar il-ħoss bħat-tromba

# CHARLES
# Motor Mechanic

(Ta' Ċelest)

**John & Emmanuel Magro**

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 9024, 2168 9531, 2164 0275
Tel/Fax: 2168 2200
Mob: 9949 0184, 9947 8829






HORACE ENTERPRISES

**TROPHIES, SPORTS GOODS AND EQUIPMENT**

84, GUDJA ROAD GHAXAQ, GXQ 2172, MALTA.

21696302 / 99420346

horaceltd@gmail.com

www.horace-ent.com

**WE PRINT ON T-SHIRTS**



*Il-flejguta u r-Rabbaba – zewg strumenti tradizzjonali Maltin*

ta' strument. Iż-żaqq tinżamm taħt l-id ix-xellugija ta' min idoqqha, biż-żaqq tal-annimal 'l fuq in-naħa ta' barra. Iż-żavżava, jew rabbaba kif isibuha f'xi postijiet, hi magħmula minn kontenitur tond twil, ġeneralment magħmul mill-fuħħar b'biċċa ġilda stirata tajjeb fuq il-boċċa. Fin-nofs tal-ġilda jkun hemm toqba li fiha tidħol issikkata biċċa lasta tonda twila, u din tagħmel ħoss partikolari meta min idoqq idaħħal u joħroġ il-lasta. Il-flejġuta hi wkoll wieħed mill-istrumenti tradizzjonali tagħna u tindaqq bħal strument li jissejjaħ 'recorder'. Hi magħmula minn tul ta' qażba li f'tarf minnhom issibilha l-ilsien u ma' tulha fiha numru ta' toqob li bihom id-daqqaq idoqq il-melodija. It-tambur hu magħmul minn ċirku tal-injam ta' diversi qisien li fuqu tiġi stirata tajba biċċa ġilda rqiqa. Fil-ġenb taċ-ċirku ssib ħafna tiċritiet u f'kull tiċrita jidħlu żewġ plattini, wieħed kontra l-ieħor. Fiċ-ċentru ta' kull plattin hemm toqba li minnha tgħaddi virga rqiqa li tkun imwaħħla ma' fuq u taħt ta' kull tiċrita.

**Philip Agius & Sons Ltd.**

Ta' Maksar • Contractors

- *Excavation Works*
- *Road Works*
- *Civil Engineering Works*
- *Suppliers of Ready Mix Concrete*
- *Suppliers of Recycled Materials*

**The Plant, Mdina Road**
**Żebbuġ ZBG 4103**
**Tel: 2146 5758**
**Fax: 2146 3835**
**Mob: 9949 3551**
**Email: marius@maksar.com**

# THE CORE
## BEAUTY & WELLBEING

... where Beauty is at Heart

6, Sebastian Saliba Street , Luqa -- Contact Mariella Borg on 2180 6989 or 9927 3375

GUINOT & DERMALOGICA Customised Facials for all skin types and conditions
(Acne Prone skins, Pigmentation problems, Sensitive skins, Anti-ageing treatments and much more)
GUINOT Non Surgical Facial Lifting Treatments
Electroloysis -- Waxing -- Manicures -- Pedicures
Make up for all occasions -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Tinting
La Stone Therapy Massage -- Swedish Massage

PUPA MILANO · fanghi d'alga GUAM · GUINOT INSTITUT • PARIS · dermalogica · EVAGARDEN · MARY COHR PARIS

# G. DARMANIN SERVICE STATION
Valletta Road, Luqa. Tel: 21/2766 7109




*SISTEMA AWTOMATIKA*
24 SIEGĦA SERVIZZ




# Il-Vara tal-Beata Verġni Marija

*Mitt sena mid-dekorazzjoni tagħha*

**Neil Zammit**

Waħda mill-egħżeż xbihat tal-Beata Verġni Marija li nsibu meqjuma fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa hija bla dubju ta' xejn il-vara sabiħa u artistika tal-Madonna tar-Rużarju jew taċ-Ċintura. Din is-sena jaħbat il-mitt anniversarju minn meta ġiet dekorata u ndurata għal kif narawha llum. Għaldaqstant, kien f'waqtu illi nagħtu ħarsa ħafifa lejn din l-opra tal-arti li tul iż-żmien dejjem ġibdet lejha devozzjoni u serviet ta' ispirazzjoni, faraġ u konsolazzjoni tal-erwieħ.



Il-Vara tal-Madonna taċ-Ċintura armata fil-Knisja fil-bidu tas-seklu għoxrin

## Ħjiel dwar l-oriġini tagħha

L-ewwel u l-unika referenza li nsibu marbuta ma' din il-vara teħodna lura tliet mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, eżattament fl-1692. Jissemma li f'dik il-ħabta tnaqqxet fl-injam vara tal-Madonna bil-Bambin f'dirgħajha, u li bdiet tintuża għall-festi tal-Madonna tar-Rużarju, tal-Warda u aktar tard għal taċ-Ċintura.

S'issa ma nstab l-ebda ħjiel dokumentat li juri preċiżament meta saret din il-vara, u wisq anqas min kien l-iskultur tagħha. Li huwa żgur hu li l-artist ġie influwenzat ħafna mill-ikonografija popolari tal-magħruf Melchiore Gafà, li ftit tas-snin qabel kien għadu kif ħallielna xempju ewlieni li ħafna artisti li ġew warajh baqgħu marbutin miegħu. Hawnhekk qed nirreferi għall-istatwa barokka tal-Madonna tar-Rużarju li tinsab meqjuma fil-Knisja tad-Dumnikani tar-Rabat, Malta.

Irridu napprezzaw il-fatt illi l-vara li nsibu f'Ħal Luqa nħadmet lejn l-aħħar tas-seklu sbatax, jiġifieri tista' titqies bħala waħda mill-ewwel vari fi gżiritna. Meta wieħed iqalleb ftit fl-istorja tal-iskultura fl-injam ġewwa pajjiżna, mill-ewwel jintebaħ b'numru ta' ismijiet rinomati li ħallew warajhom numru ta' xogħlijiet importanti.



Fost dawn insemmu lill-iskulturi Pietro Felice, Ignatio Portelli, Gio Maria Saliba, Giuseppe Fabri, Giuseppe Azzopardi u Pietro Paolo Zahra. Dawn ilkoll għexu fil-qalba bejn is-sekli sbatax u tmintax, u lkoll kemm huma kienu influwenzati minn Melchiore Gafà u artisti barranin li ħadmu Malta fl-era tal-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann.

Minkejja l-fatt illi s'issa għadu ma nstab l-ebda ħjiel dokumentat dwar min seta' naqqax din l-opra fl-injam, huwa żgur li l-awtur tagħha kien wieħed ta' ħila liema bħalha. Dan għaliex ħallielna xbieha verament sabiħa b'influwenza barokka tardiva li tixhed il-perjodu li fih ġiet imsawra. Il-fattizzi tal-uċuh, flimkien mal-kisra fil-qadd tal-figura tal-Madonna u t-titjira tal-mant ta' fuq rasha huma evidenza ċara ta' dan.



## Żvolta lejn tmiem is-seklu dsatax

Insibu illi fl-1875, l-artist magħruf Giuseppe Calì pitter il-karnaġġjon ta' din il-vara u l-ispejjeż kollha ġew imħallsa mill-fratellanzi tar-Ružarju u taċ-Ċintura. Sa sena qabel, din il-vara kienet tintuża biss għall-festi tar-Rużarju u tal-Warda. Iżda minn dik is-sena stess, wara qbil bejn iż-żewġ fratellanzi msemmija, insibu li din l-istess vara bdiet tinħareġ proċessjonalment għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Fil-fatt l-istatwa tal-Madonna u l-Bambin kienet titneħħilhom il-kuruna tar-rużarju u minflok kienet titpoġġa ċ-ċintura, simbolu tal-konsolazzjoni. F'dan l-istess perjodu wkoll inħadem pedestal ġdid kollu skultura fl-injam u ndurat bid-deheb, li fuq l-erba' faċċati tiegħu naraw simboli tal-Madonna, inklużi tat-tliet titoli marjani li semmejna aktar 'il fuq li tagħhom kienet issirilhom il-festa fil-parroċċa.

## Dehra ġdida lill-vara ... mitt sena ilu

Mal-medda tas-snin, id-devozzjoni lejn il-Madonna kompliet tikber, tant illi fl-1916 insibu li l-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju bidlet il-kwadru tal-altar tagħha ma' dak li naraw illum, xogħol il-magħruf Giuseppe Calì. Imbagħad kien imiss il-vara; ġie maqbul bejn iż-żewġ fratellanzi illi fuq il-vara kellha ssir induratura ġdida, waqt li tingħata dehra ġdida kif għadna narawha sal-ġurnata ta' llum.

Kienet is-sena 1917. Il-fratellanzi tar-Rużarju u taċ-Ċintura ħarġu l-ispejjeż kollha



sabiex inħadem stellarju ġdid għax-xbieha tal-Madonna kif ukoll dijadema ġdida għax-xbieha tal-Bambin. Dawn saru fuq disinn ta' Mastru Michele De Giovanni u ġew maħsula bid-deheb u mżejna b'fosos ikkuluriti. Mill-Kolleġġjata ta' Bormla nxtraw il-bradella u l-bankun l-antiki li fuqhom kienet tintrama l-vara tal-Kunċizzjoni. Din l-opra fl-injam fiha xogħol ta' skultura u interzjar mill-ifjen.

Il-vara kienet waslet ukoll għal rinovazzjoni u għalhekk ġie deċiż illi tiġi ndurata bid-deheb mill-ġdid. L-għażla tal-induratur ma kienet diffiċli xejn. Dan għas-sempliċi raġuni illi erba' snin qabel fl-1913, il-vara titulari ta' Sant'Andrija Appostlu kienet għaddiet mill-istess affari u r-riżultat miksub kien wieħed tal-ogħla livell. Għaldaqstant, l-għażla waqgħet fuq l-induratur Francesco Coleiro, li dik il-ħabta kien meqjus bħala wieħed mill-aħjar li kellna f'pajjiżna. Coleiro ħadem bi preċiżjoni u metikolożità kbira, u dan wassal biex ix-xbieha tal-Madonna tissebbaħ aktar minn qatt qabel. Huwa qatta' basso-riliev mad-dawra kollha tal-libsa tal-Madonna, waqt li għamel xogħol ta' sgraffir fuq il-libsa u l-mant tal-Madonna b'disinni u ornamenti varji.

### Min kien Francesco Coleiro?

Francesco Coleiro twieled iż-Żurrieq nhar is-16 ta' Diċembru 1862, bin Vincenzo u Francesca née Agius. Huwa ġie mgħammed mill-Vigarju Kurat Dun Anton Camilleri





fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katerina V.M bl-ismijiet ta' Francesco, Carmelo u Salvatore.



Sa minn ċkunitu, Francesco trawwem fl-arti u d-disinn taħt id-direzzjoni tal-imgħallem Paolo Paris mill-Birgu. Huwa kien jattendi l-Iskola tal-Arti tal-Belt bejn l-1870 u l-1886, fejn kompla jitħarreġ fid-disinn. Meta kiber, siefer lejn l-Alġerija u meta ġie lura Malta, Coleiro fetaħ ħanut tal-induratura u l-fotografija fiż-Żurrieq. Fl-1893, Francesco Coleiro fetaħ il-bottega tiegħu ġewwa l-Belt Valletta u ftit tas-snin wara, huwa mexa għal Numru 45, Strada San Cristoforo ġewwa l-Belt stess. Francesco kien ukoll membru tas-Soċjetà Maltija tal-Arti, Manifattura u Kummerċ.

L-ewwel biċċa xogħol importanti fuq skala kbira fdata f'idejh kienet il-vara ta' San Pawl meqjuma fil-parroċċa ta' Ħal Safi. Fl-1913 huwa ħadem fuq il-vara titulari ta' Sant'Andrija Appostlu meqjuma fil-parroċċa ta' Ħal Luqa u sentejn wara, huwa ħadem fuq il-vara ta' Santa Katerina għall-parroċċa taż-Żurrieq. Kien f'dan il-perjodu li Francesco Coleiro ħadem fuq l-induratura tal-Madonna tar-Rużarju/Ċintura meqjuma wkoll fil-parroċċa ta' Ħal Luqa. Bla dubju ta' xejn, huwa kellu f'idejh uħud mill-aqwa vari li nsibu f'pajjiżna u żgur li l-intervent ta' Francesco Coleiro kompla għolla l-livell artistiku ta' dawn ix-xbihat qaddisa. Aktar tard, għaż-Żurrieq ukoll ġie fdat bl-induratura tal-vari tal-Madonna tal-Karmnu fl-1925 u dik ta' San Ġużepp sena wara. Tajjeb ukoll ninnutaw somiljanza kbira fl-induratura u l-isgraffir ta' dawn il-vari li semmejna, apparti dik tal-Madonna tal-Karmnu li reġgħet ġiet indurata u sgraffita mill-ġdid fis-snin disgħin mid-Ditta Farrugia tal-Imdina.





*Dettalji tal-induratura u l-isgraffir fuq il-vara tal-Madonna*

Minn taħt idejh ħarġu wkoll għadd ta' opri mill-isbaħ, mhux biss dekorazzjoni u induratura iżda wkoll restawr fuq statwi u opri tal-arti. Fost dawn insibu l-vari tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, Marija Bambina tal-Mellieħa, Sant'Elena ta' Birkirkara, San Ġużepp tal-Belt Valletta, San Bartilmew ta' Ħal Għargħur u oħrajn. Ma' dawn inżidu wkoll in-numru kbir ta' ventartali, gandlieri, ġirandoli, sopraporti u tant u tant ornamenti oħra li jżejnu l-knejjes tagħna fil-jiem tal-festi parrokkjali.

Wara li rtira, id-ditta Coleiro għaddiet għand numru ta' lavranti minn tiegħu, fosthom għand Pawlu Xuereb. Francesco Coleiro miet fil-21 t'April 1940 fl-età ta' 77 sena.

## Għeluq

Nistgħu ngħidu li d-dekorazzjoni fuq il-vara tal-Madonna tar-Rużarju/Ċintura hija tabilħaqq waħda mill-aħjar xogħlijiet li ħarġu minn taħt idejn Mastru Francesco Coleiro. Minkejja n-nuqqas ta' informazzjoni dokumentata dwar l-oriġini tagħha, dan xejn ma jnaqqas mill-preġju ta' din il-vara artistika mnaqqxa fl-injam. Vara, li għal tant u tant snin ħafna fdaw it-talb tagħhom quddiemha biex il-Verġni Marija tinterċedi għalihom quddiem binha Ġesù.

Hija opra oħra tal-arti li ssebbaħ bi ġmielha t-Tempju Andrean. Tassew ħasra li l-pedestall tagħha jinsab fi stat ħażin u ilu jistenna li xi darba tmissu x-xorti li jieħu d-dehra li jixraqlu. Niftakru li aħna fl-obbligu li nikkonservaw dak kollu li għaddewlna missirijietna għax wara kollox dan huwa patrimonju sagru li jixhed it-twemmin tagħna.


FTAKRU FIT-TALB TAGĦKOM
FIR-RUĦ GĦAŻIŻA TA' L-INDURATUR
ĊIKKU COLEIRO
LI NHAR IL-21 TA' APRIL, 1940
GEWWA Ż-ŻURRIEQ
FIL-GĦOMOR TA' 77 SENA
IMFARRAG BIS-SAGRAMENTI MQADDSA
ĦALLIENA GĦAL DEJJEM.

GĦEŻIEŻ ĦUTI U NEPUTIJIET
QRABA U ĦBIEB TIEGĦI
LI TANT ĦABBEJTKOM MA TUL ĦAJTI
ITOLBU GĦALIJA ISSA
LI M'GĦADNIX AKTAR MAGĦKOM
U LA TINSEWNIX.

Ġesù, Marija, Ġuzeppi.
(Indulgenza 300 jum)

*Is-santa tal-mewt ta' Francesco Coleiro*


**Bibljografija:**
Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa, Niesha u Grajjietha, 1975
Sit Uffiċċjali tal-Parroċċa - www.luqaparish.com
Arkivji tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
Francis Xuereb, Mitt Sena mill-Induratura tal-Istatwa Titulari, Soċjetà Mużikali Santa Katerina V.M., 2015
Keith Sciberras, L-Arti Barokka f'Malta, PIN, 2003



# 75 Sena

## Mill-Akbar Ħbit mill-Ajru Fuq Ħal Luqa

1942 – 2017




# Ħal Luqa u l-Gwerra

*75 sena wara*

**Anton Morana**



*Bini mġarraf f'Ħal Luqa*

Is-snin 1940-1943 kienu snin li qerdu l-ħajja ta' Ħal Luqa għat-tieni darba fl-istorja tiegħu. Għaliex għat-tieni darba? Għax fl-Assedju l-Kbir tal-1565, Ħal Luqa li kien diġà raħal antik ġralu l-istess, tfarrak, tħarbat u kellu jitwieled mill-ġdid. Dakinhar tfarrak mit-Torok li nvadew lil Malta u niżlu l-art. Fl-1940/1943, Ħal Luqa nqerdet min-Nażi Faxxisti mill-ajru. Forsi Ħal Luqa kienet sfortunata iżjed minn irħula oħra, għax fit-teritorju tagħha kien hemm *target* tal-gwerra, li kienet il-mira tal-bombi tal-għadu bħalma kienu Bormla, l-Isla u l-Birgu, minħabba t-Tarzna. Malta żgħira kif kienet ma kien hemm l-ebda post li ma setax jintlaqat mill-bombi tal-ajru, għax dan il-mod ta' gwerra ġdida kien intiż biex jintlaqtu mhux biss *targets* militari iżda anke ċivili. Dan il-mod ta' gwerra, il-Ġermaniżi kienu bdew jużawh fil-gwerra ċivili Spanjola 1936-1939, bil-famuża ġrajja tal-belt ta' Gwerniko, fit-Tramuntana ta' Spanja.

Malta kellha tgħaddi minn dan kollu għal tlett snin sħaħ bil-konsegwenzi kollha. Ħal Luqa rat parti sew minn dawn is-snin ta' biża'. Il-mument li l-Gvern Ingliż ħoloq il-mitjar qrib ir-raħal tagħna, Ħal Luqa kienet *target* f'għajnejn l-għadu. Veru li l-għadu kien jattakka postijiet militari iżda kien hemm mumenti fil-gwerra li għaddiet li ċerti *airraids* saru apposta biex ibeżżgħu lill-popolazzjoni ċivili. Il-bombi li kienu jintefgħu ma kinux intelliġenti bħalma huma llum. Kienu jintefgħu minn ajruplani u fejn jiġu jiġu. Biss meta sar l-attakk fuq Ħal Luqa tad-9 t'April 1942, dak l-attakk sar biex jaħbtu għal mitjar biss jew biex jibagħtu messaġġ lill-popolazzjoni ċivili? L-istess kien sar fuq il-Furjana fl-istess xhur jew fuq il-Mosta.

Iżda, 75 sena wara, aħna l-Ħalluqin tal-lum kif inħarsu u napprezzaw is-sagrifiċċju li kellhom jagħmlu niesna f'dawk iż-żminijiet ta' biża'? Ħal Luqa kważi spiċċat għalkollox. In-nies inbidlu, sar bini ġdid ta' toroq ġodda. Il-mitjar militari Ingliż għalaq u Ħal Luqa saret post minn fejn jgħaddu eluf ta' turisti. F'Malta Ħal Luqa saret l-ewwel art li jirfsu fuqha meta l-barranin jiġu Malta. Fir-raħal tagħna, f'ħafna mit-toroq tagħna jinsabu x-xelters, magħluqa u b'ħafna stejjer x'jirrakkuntaw tan-nies fi żmien il-gwerra. In-nies tal-lum jafu li Ħal Luqa kellha titwieled mill-ġdid? Jekk aħna ma ngħaddux l-esperjenzi tal-Ħalluqin ta' żmien il-gwerra lit-tfal tal-lum se nitilfu l-memorja kollettiva tagħna.



Il-Knisja mġarrfa

Ma ninsewx li Ħal Luqa lanqas l-ambjent tagħha ma baqa' l-istess. Illum Ħal Luqa m'għadux wieħed mill-irħula medjevali ta' Malta għax l-ambjent mibni qadim inqered kważi għalkollox. Lanqas il-knisja parrokkjali m'għadha l-istess, la minn ġewwa u lanqas minn barra. Dak li kien antik u storiku kważi spiċċa għalkollox. Dan huwa prezz li kellha tħallas għalih Ħal Luqa, minħabba dak l-imbierek mitjar. Il-kampanja madwar Ħal Luqa spiċċat ukoll. Ħal Luqa tilfet kważi kollox. Mietu n-nies fil-gwerra, tilfu djarhom, tilfu r-raba' tagħhom u tilfu wkoll karatteristiċi li kienu jsawru lil Ħal Luqa r-raħal li kien. Sabiħ il-progress, iżda llum hawn Ħal Luqa qegħdin inħallsu għalih.

Infakkru bis-serjetà din il-memorja ta' niesna? Forsi iva u jista' jagħti l-każ li le. Saru ħafna kitbiet u tifkiriet ta' dawk is-snin 1940-1943 hawn Ħal Luqa. Hemm bżonn li ngħallmu iżjed lit-tfal tagħna dwar dawk iż-żminijiet u issa li fostna hawn Ħal Luqa ġew joqogħdu nies minn barra r-raħal hemm bżonn li ngħallmu iżjed x'kienet Ħal Luqa matul iż-żminijiet.

Qabel il-gwerra Ħal Luqa kellha storja twila ġejja minn żminijiet qodma. Is-snin tal-gwerra poġġew lil Ħal Luqa f'ħalq Malta kollha. Wara l-gwerra Ħal Luqa kompliet tgħaddi minn taqlib u tibdil li ħalla lil kulħadd bla nifs. Għandna storja twila x'ngħidu u kontribut kbir li tajna lil Malta. Kemm hu sabiħ u tajjeb li pereżempju lit-tfal tal-iskola ta' Ħal Luqa nibdew ngħallmuhom ftit storja lokali! Inutli li nagħmlu l-kommemorazzjonijiet



Aktar bini mġarraf



Il-mitjar ta' Ħal Luqa

minn żmien għal żmien, jekk lit-tfal tal-lum ma ngħallmuhomx fuq il-passat tagħna hawn Ħal Luqa. Biżżejjed wieħed jara l-kotba li kiteb Dun Ġużepp Micallef biex nitgħallmu x'kienet Ħal Luqa maż-żminijiet. Hekk ukoll ritratti li weħidhom jgħidu xi storja. Ma rridux inħarsu lejn is-snin 1940-1943 bħala xi żmien li ma rridux niftakru fih għax huwa tal-biża'. Dak kien żmien li għamluh in-nies ukoll u jekk xejn għandna niftakru lil dawk in-nies. L-istorja hija katina magħmula minn ħoloq u ma tistax tħalli barra ħolqa jew oħra għax tkun qiegħed tisraq mit-tul tal-katina.



Il-festa ta' Corpus Domini fi żmien il-gwerra

Ma nkunx qiegħed nitlob wisq jekk aħna l-Ħalluqin ta' llum nitgħallmu iżjed fuq l-istorja ta' raħalna u ngħaddu l-istorja tagħna lil ħaddieħor. Is-snin tal-gwerra 1940-1943 għallmu lin-nies ta' Ħal Luqa ħafna affarijiet u dawn l-esperjenzi u sagrifiċċji l-Ħalluqin ħadu magħhom meta marru joqogħdu barra mir-raħal u wkoll jekk marru barra minn Malta bħala emigranti. Dawn l-emigranti Ħalluqin, ħadu magħhom l-istorja ta' raħalhom f'artijiet imbiegħda. Hemm ħafna iżjed xi jsir biex nibqgħu nfakkru iż-żminijiet tal-gwerra f'Ħal Luqa. Pereżempju ma kinitx tkun ħaġa f'postha li kieku hawn Ħal Luqa tissemma triq għal qawwa tal-ajru Ingliża (Ir-Royal Airforce)? Ma kinitx tkun ħaġa sabiħa li kieku xi ħadd talab lill-Ingliżi jħallu l-*Ensign*, il-bandiera li kienet tkun tperper fuq il-mitjar ta' Ħal Luqa, mdendla fil-knisja ta' Ħal Luqa, Ħal Luqa hija magħrufa bħala l-mitjar qatt mirbuħ. Dawn huma kollha memorji ta' żmien il-gwerra.



Il-bini tal-knisja mill-ġdid wara l-gwerra

Xi nfakkru 75 sena wara l-gwerra ta' Ħal Luqa? Infakkru l-ewwel nett is-sagrifiċċju aħħari li għamlu dawk il-Ħalluqin li tilfu ħajjithom u s-sagrifiċċju li għamlu


X-Zone
DISCOUNT
STORE
B'KARA
TEL: 2147 2160
MOB: 9985 5935
Detergents, Toiletries,
Groceries, Children's Goods
and MORE...
YOUR ONE STOP SHOP!
GREAT DISCOUNTS
OFFERED!


Elmo
INSURANCE
elmoinsurance.com
Elmo Insurance Ltd. Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Malta | T: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry on general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

l-Ħalluqin li baqgħu ħajjin, iżda rridu niftakru wkoll li tlifna l-wirt storiku tagħna. Il-knisja parrokkjali mkissra, id-djar antiki bin-niċeċ tagħhom, it-toroq dojoq, karatteristika ta' raħal antik, il-kampanja ta' madwar, meħuda għal mitjar u t-toroq arterjali. Bil-gwerra Ħal Luqa tilfet il-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu, il-Kappella tal-Madonna tal-Vittorja f'Ħal Farruġ, il-mitħna tar-riħ ta' żmien l-Ordni, in-niċċa tal-Madonna tad-Dawl u oħrajn. Dan kollu għax qrib ħafna ta' Ħal Luqa, kellna l-akbar mitjar tal-gwerra f'Malta. Jalla qatt iżjed ma nerġgħu ngħaddu minn martirju bħal dak tas-snin 1940-1943.

Biex iseħħ dan, il-ġenerazzjonijiet tal-futur iridu jkunu viġilanti u ma jitilfux il-memorja kollettiva.


# LORENZA BAZAAR

*Fejn issibu kull kwalità*

ta' Haberdashery, żraben tal-kbar u ż-żgħar, ħwejjeġ għall-familja kollha, kif ukoll ħwejjeġ ta' taħt, bħal qliezet u flokkijiet, nightdresses u oħrajn.

# The Gallery

113, Sir Ugo Mifsud Street, Luqa
Tel: 21803636





D stylist is recognized by the good salon guide uk salon as 4 star salon, Its owned by young enrgetic team of hair dressers and barbers Whether it's edgy and modern or sleek and elegant, we strive to create the perfect look for each individual client. We're also determined to provide each and every client with the highest degree of customer service in a friendly and professional setting. We are dedicated to performing our craft exceptionally well.

## Our services

| | | |
|---|---|---|
| blowdry | | 10euros |
| curl at the end | starting from | 15euros |
| mens hair cut | | 10euros |
| beard shave | | 5euros |
| women hair cut | | 15euros |
| color roots | | 16euros |
| full color | starting from | 30euros |
| half head lights | starting from | 40euros |
| full head lights | starting from | 50euros |
| upstyles | starting from | 25euros |

Present this voucher on your first appointment with us and be entitled for a free blowdry or hair treatment.

Opening hours
from Monday to Saturday
from 9am to 6pm

We do also Sunday barbering
from 9am till 2pm






# Sant’Andrija fil-Bażilka ta’ Birkirkara

**Philip Xuereb**

Ma kienx qabel is-seklu sbatax li kien hemm altar iddedikat lill-qaddis Appostlu Sant’Andrija fil-knisja parrokkjali, u fl-istess seklu Kolleġġjata, ta’ Birkirkara. Imma kien hemm knisja ddedikata lilu fl-inħawi li sa ftit ilu kienu magħrufin bħala *Ix-Xagħra ta’ Sant’Andrija*, li llum kważi kollha nbniet bħala parti mil-lokalità ta’ San Ġwann. Parti minm din ix-xagħra għadha ppreservata minħabba l-preżenza ta’ medda interessanti ta’ kanali tl-karettuni antiki, u tinsab fejn Triq il-Minsija, fuq il-lemin tilwi lejn is-Santwarju Marjan ta’ dan l-isem u f’ras in-niżla lejn Wied Għomor.

L-ewwel ħjiel tagħha nsibuh fir-rapport tal-Viżta Apostolika f’Malta ta’ Mons. Pietro Dusina (1575). Fit-taqsima *Rurales Casalis Bircalcariæ* (sic) jgħid li żar knisja rurali, jiġifieri fil-kampanja, għall-isem ta’ Sant’Andrija mibnija fl-inħawi magħrufa bħala l-Għargħar fil-limit ta’ Birkirkara, u li kif kien sab fi knejjes oħra, billi huwa kien hawn għaxar snin biss wara d-devastazzjoni tal-Assedju l-Kbir, sabha nieqsa minn kollox, inklużi bibien. Fiha ma kienx qed isir quddies. Huwa ordna li jibqa’ ma jsirx





*Xagħra ta’ S. Andrija f’San Ġwann – Kanali tal-Karettuni – mill-ktieb ta’ E.B. Vella: Storja ta’ Birkirkara – 1934*

quddies fiha sakemm ma jsirulhiex il-bibien.

Jidher li mbilli Sant'Andrija kien u għadu meqjus bħala protettur tas-sajjieda, din kienet knisja miżmuma minn sajjieda mill-parroċċa ta' Birkirkara. Ħafna għadhom sal-lum jikkontendu li l-parti l-antika ta' fuq ta' Birkirkara tissejjaħ Ħas-Sajjied, sewwa sew għalhekk. Jista' jkun u jista' le, għax Birkirkara bħala raħal abitat kienet imbiegħda mhux ħażin mill-baħar. Għax wieħed irid jifhem li għalkemm il-knisja parrokkjali ewlenija ta' Santa Liena kienet ukoll fl-inħawi tal-Għargħar, ir-raħal kien fejn hu llum. Ma mexiex kif qal G. F. Abela fid-*Descrittione* tiegħu stampat fl-1647. Knejjes parrokkjali oħra ta' dik il-ħabta wkoll kienu mbiegħdin mill-abitat, bħal dik ta' Bir Miftuħ. U l-istess Knisja l-Qadima tal-lum ta' Birkirkara, sa nofs is-seklu li għadda, kienet għadha tista' tgħid qalb ir-raba'.

Imma f'Abela stess insibu ħjiel li fil-limiti ta' Birkirkara kien hawn sajjieda, li huwa jsemmi lejn l-Imsida,Tal-Pietà fejn u isemmi sajd partikulari bi speċi ta' nases tal-qasab, San Ġiljan u l-bajja ta' San Ġorġ fejn jgħid li kien hemm tunnara. Issa l-Imsida ma kinitx daqshekk bogħod minn Birkirkara. Ħaġ'oħra San Ġiljan u San Ġorġ. Għalhekk jista' jkun li dawn kienu jintlaħqu mill-inħawi tal-Għargħar, u li għalhekk il-knisja ta' Sant'Andrija kienet fejn kienet, imbiegħda minn xatt il-baħar u f'ras telgħa diffiċli, għallanqas għal min jiftakar, bħall-awtur preżenti, kif kienet qabel l-inħawi ma ġewx żviluppati. U minn hemm, kemm San Ġiljan u kemm San Ġorġ kienu jitlaħqu minn Wied Għomor u anki l-wied konfluenti tiegħu magħruf bħala Wied il-Kbir.

Knejjes oħra ddedikati lil dal-qaddis ukoll kienu, bejn wieħed u ieħor f'qagħda topografika simili. L-aktar dik ta' Ħal Luqa, fit 'il ġewwa 'l fuq min-naħa ta' ġewwa tal-Port il-Kbir, u dik tal-Mosta, antikament parti mill-parroċċa tan-Naxxar, li tinsab qabel tinżel għal Għajn Riħana u minn hemm għas-Salina u San Pawl il-Baħar. Forsi wieħed jista' similment jikkontendi għall-knisja ta' Sant'Andrija taż-Żurrieq, naturalment b'rabta ma' Wied iż-Żurrieq, għalkemm hawn wieħed isib ukoll altar iddedikat lill-qaddis fil-knisja Arċipretali. U l-istess għall-knisa ta' Sant'Andrija f'Ħaż-Żabbar, b'rabta forsi ma' Wied il-Għajn u bajjiet oħra fl-inħawi. Imma mhux daqshekk faċli li wieħed isib konnessjoni marittima għall-knisja ta' Sant'Andrija ta' Ħal Lija, li hija wkoll ta' oriġini antika u li antikament kienet ukoll fil-parroċċa ta' Birkirkara. F'Ħal Qormi wkoll, fir-rapport ta' Dusina jissemma li kien hemm knisja żgħira ddedikata lil Sant'Andrija ħdejn il-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien. U wieħed irid ifakkar li Ħal Qormi mhux imbiegħed mill-baħar tan-naħa ta' ġewwa tal-Port il-Kbir, u fl-imgħoddi seta' kien ukoll eqreb. Probabbilment minflodik il-knisja hemm l-altar iddedikat lill-qaddis fil-knisja Arċipretali ta' San Ġorġ tal-llum.

## Minn fuq Wied Għomor għall-Imrieħel

Ġara li fil-Viżta Pastorali tal-1615 l-Isqof Baldassare Cagliaris kien ipprofna l-knisja rurali ta' Sant'Andrija fix-xagħra ta' fuq Wied Għomor u ġiegħel li l-kwadru tagħha jittieħed fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara. Issa din il-knisja parrokkjali f'dik is-sena kien għadha dik ta' oriġini medjevali ddedikata lil Santa Marija fix-xaqliba tal-Imrieħel, in-naħa l-oħra tal-Wied minn Birkirkara. Madankollu wieħed irid jgħid ukoll li f'dik is-sena diġà kienet bdiet tielgħa madwara knisja parrokkjali ġdida, dik li hi l-Knisja l-Qadima tal-lum u li fl-1630 fiha twaqqfet il-Kolleġġjata għall-isem ta' Santa Elena. F'din l-aħħar knisja eventwalment is-sajjieda Karkariiżi f'Novembru tal-1683 kienu

talbu li jitwaqqaf altar għall-qaddis protettur tagħhom u huma wiegħdu li jiġbru l-flus meħtieġa għal dak il-għan.

Huma ngħataw l-ewwel altar fuq il-lemin tal-korsija inti u dieħel, li qabel kien iddedikat lil San Bastjan u Santu Rokku u fi Frar tas-sena ta' wara, Tumas Zarb f'isem is-sajjieda, ftiehem mal-imgħallem Giovann Battista Seychell mill-Isla u Nazju Xara minn Birkirkara, biex jaqtgħu l-ġebel u jibnu altar ġdid skont disin mogħti mill-istess Tumas. Dan kellu jitlesta sal-festi ta' Santa Marija u Santa Liena ta' dik is-sena u l-ġebel żejjed kellu jibqa' għall-knisja u kien intuża għall-kampnar.



*Ġebla bil-lavur fi struttura ta' kafkaf qrib il-post, li ngħad li setgħet kienet mill-knisja* ta' Sant'Andrija fl-Għargħar

Il-prospettiva hija ta' stil barokk b'żewġ kolonni, u dawk, kif ukoll l-iskannell jew parti ta' fuq tal-altar[1], kellhom ikunu 'bħal dawk tal-knisja ta' Għadir il-Bordi', illum ngħidulha Tal-Mirakli. Kella tinkludi arma ġentilizja. Din il-prospettiva wara ndurawha wkoll u wieħed għadu jista' jaraha fis-sit oriġinali tagħha, għalkemm tal-induratura u l-kuluri fadal biss ħjiel. Sal-1687 kienu għamlu wkoll kwadru ġdid.



*Prospettiva tal-altar ta' Sant'Andrija li għadha fil-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara*



*Il-kwadru ta' Sabt' Andrija, illum fil-Bażilka*

Fl-1726, is-sena li fiha tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja Kolleġġjata l-ġdida, il-prokuratur tal-altar Tumas



L-altar ta' Sant'Andrija fil-Kolleġġjata Elenjana

Borg u l-Kanonku Dun Anton Gatt (iż-żgħir) ftehmu mal-arġentier Giovanni Bessiere mill-Belt biex jaħdmilhom relikwarju tal-fidda ta' mhux anqas mill-piż ta' libbra u tliet uqijiet. Dan kellu jintuża kemm fil-festa tal-qaddis kif ukoll fil-festa ta' Santa Liena (billi jinbidlu r-relikwiji). F'Diċembru ta' dik l-istess sena sar il-ħlas għall-imsemmi relikwarju u l-arġentier kien ħalla parti mill-ħlas għall-altar ta' Sant'Andrija u l-knisja li kienet qed tinbena. Jidher li maż-żmien intesa li dar-relikwarju kien sar mill-prokura tal-altar ta' Sant'Andrija u kien jintuża mill-prokuratur tal-knisja biss. Hekk fl-1866 il-prokuratur tal-fratellanza ta' Sant'Andrija, li sadattant kienet twaqqfet fl-1805, kien ħallas mitt skud lill-prokuratur tal-Kolleġġjata, sabiex ikun jista' juża dan ir-relikwarju fil-festa tal-qaddis f'Novembru.

## Mill-Knisja l-Qadima għall-Ġdida

Meta fis-seklu tmintax inbniet il-knisja preżenti fiċ-ċentru ta' Birkirkara, l-altar ta' Sant'Andrija u kulma kien jipposjedi kien trasferit fiha. Hawn ingħataw it-tieni kappella fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel. Huma għamlu prospettiva ġdida, xierqa fl-istil rokokò, għall-iskala tal-kappella l-ġdida u poġġew fuq l-altar il-kwadru li kellhom, li kabbruh, kif għadu jidher sal-lum. Fin-naħa ta' fuq ta' din il-prospettiva hemm soprakwadru juri l-Anġlu Kustodju u isfel hemm sottokwadru juri lil San Mikiel, protettur tal-bejjiegħa bl-imnut.





Is-soprakwdru tal-Anġlu Kustodju u s-sottokwadru ta' San Mikiel

F'Settembru tal-1787 il-prokuraturi Dun Ġwann Zarb u Ġużeppi Sant ftehmu mal-arġentier Salvu Camilleri mill-Belt, biex sal-Għid tas-sena ta' wara jagħmilhom lampier tal-fidda ta' Franza, skont disinn approvat u li jkun jiżen madwar sittax-il libbra. Għal din l-opra huma kellhom 300 skud miġburin mis-sajjieda u kellhom idaħħlu 50 skud ieħor. Il-lampier kellu jkun *d'una grandezza convenevole a detta cappella*.



Dettall tal-altar ta' S. Andrija li juri fejn qiegħed il-Korpsant

L-imsemmi prokuratur Dun Ġwann Zarb, bl-approvazzjoni tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Elejana, irregala lill-altar u l-fratellanza ta' Sant'Andrija l-korp ta' San Awrelju Martri, li hu kien ġab minn Ruma. Il-fdalijiet ta' dan il-martri kienu l-ewwel esposti għall-qima fil-knisja ta' Santu Rokku, u nhar Santa Marija tal-1817 saret transulazzjoni għall-Kolleġġjata fejn tqiegħdu fl-altar ta' rħam polikromu ddedikat lil Sant'Andrija fejn għadhom, wara ħġieġa u bi grada dekorattiva tar-ram. Mill-istil tad-disinn tiegħu aktarx li dan l-altar huwa xogħol li kien sar tard fis-seklu tmintax. Żgur li kien lest sal-1817 meta fih tqiegħed il-Korpsant, u wieħed ma tantx jista' jaħseb li sar bejn il-periodu tal-imblokk tal-Franċiżi u l-1913-4 meta kien hemm il-pesta fil-pajjiż.



MVLTI·PII·PISCATORES·BIRCHARENSES
AEDICVLAE·HVIVS
ANDREAE
CHRISTI·APOSTOLO·DICATAE
QVAM·ANTEA
VARIIS·EXHORNARANT·OPERIBVS
CVRAM·AGENTE
PRESB·FRANCISCO·XAVERIO·AGIVS
PAVIMENTVM·MARMORE·CONSTRAVERVNT
ANNO·R·S·MDCCCLXXIII

Lapida li tfakkar meta kien sar il-paviment tal-irħam ta' din il-kappella

Il-kappella ta' Sant Andrija kienet ukoll l-ewwel parti tal-knisja li kellha paviment tal-irħam. Dan kien sar fis-sena1873. Kellu disinn differenti mill-bqija, iżda meta sar ir-restawr tal-paviment kollu tal-knisja fl-1988-9, billi nstab li l-paviment tal-kappella ta' Sant'Andrija kellu ħafna ħsara, dan sar ġdid bħall-bqija. Fil-kappella stess hemm lapida fiz-zokklatura li tfakkar dan l-ewwel paviment tal-irħam fil-knisja. Hija bil-latin imma bil-Malti tfisser hekk:

ĦAFNA SAJJIEDA KARKARIŻI DEVOTI
**DIN IL-KAPPELLA LIL**
**ANDREA**
**APPOSTLU TA' KRISTU DDEDIKATA**
LI DIĠÀ
ŻEJNUHA B'DIVERSI OPRI
IMMEXXIJIN MILL-PROKURATUR
IS-SAĊERDOT FRANĠISKU SAVERJU AGIUS
KSEW B'PAVIMENT TAL-IRĦAM
FIS-SENA TAL-FIDWA MQADDSA MDCCCLXXIII



*Dettalji tal-istandard u tas-surġentina tal-fratellanza ta' Sant'Andrija*









*Dekorazzjoni pittorika ta' Filippo Venuti fil-kappella ta' Sant'Andrija*

Il-fratellanza għandha l-istandard tagħha lewn aħmar irrakkmat bid-deheb, li sar fl-1928, kif ukoll kurċifiss proċessjonali u lanterni u surġentina tal-fidda. Fuq il-mensa fil-festa tintrama sopraterħa ta' bellus aħmar irrakkmata bid-deheb, u fl-2003 sarlu ventartal tal-fidda fuq disinn ta' Salvu Bugeja, u li fil-parti ċentrali tiegħu għadu drapp rikk ħafna ta' *canavazzo d'oro* ffjurit. Minbarra l-gandlieri ndurati bid-deheb, dan l-altar għandu fjuretti tal-ganutell u sett vażuni antiki tal-porċellana ta' Sevres. Ma jonqsux sett ta' kartaglorja, pedestall għall-ostensorju u leġiju ndurati bid-deheb ukoll.

Id-dekorazzjoni bil-pittura tal-kappella ta' Sant'Andrija fil-Bażilka ta' Birkirkara saret fl-1897 mill-pittur Taljan Filippo Venuti, li ddekora wkoll tliet kappelli oħra fl-istess knisja. Fil-koppla hemm raffigurata s-sajda mirakoluża u s-sejħa tal-Appostli minn Ġesù. Waħda mil-lunetti turi lil Sant'Andrija u l-Appostli ħerġin miċ-ċenaklu u l-oħra l-predikazzjoni tal-qaddis. Fil-pendenti tal-koppla hemm raffigurati San Pietru, San pawl, San Bert u San Ġakbu l-Kbir.

**Bibljografija:**


Abela G. F., *Della Descrittione di Malta,* (1647).

Borg V. Mons. Prof., *Il-Barokk fil-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara, Ktieb tal-*Progamm Festa ta' S. Liena, Birkirkara (1977).

Rapport Żjara Apostolika Mons. P. Dusina (1575), *Documentary Sources of Maltese History* (2001).

SAL u l-awtur preżenti, *Birkirkara: Storja Kolleġġjata u Knejjes Filjali* (2005).

Vella E.B., *Storja ta' Birkirkara* (1934).

Zammit Rosanne., *Bid to preserve remains of pre-17th century chapel*, Times of Malta, 2 Feb. 2004.

Websites varji dwar lokalitajiet imsemmija aċċessati Jannar 2017.


**Referenza:**

[1] Il-parti t'isfel tal-altar aktarx li kienet tkun lixxa u bla ebda dekorazzjoni, għax kien ikollha ventaltar quddiema u l-wiċċ u l-ġnub jitgħattew bit-trieħi.

# C&H BARTOLI

9, Empire Stadium Street, Gzira
Tel: (+356) 2345 8000

## For all your professional kitchen requirements...

Home of premium quality catering & hotel equipment brands.

EXCLUSIVE DISTRIBUTORS FOR

steelite INTERNATIONAL

CORECO

LA CIMBALI

ZANUSSI PROFESSIONAL

Electrolux
Professional Laundry Systems

Scotsman




# Il-Banda L-Unjoni ssellem lir-Reġina Eliżabetta II

*50 sena ilu*

**Joseph Piscopo**



Fl-14 ta' Novembru 1967, ir-Reġina Eliżabetta II akkumpanjata minn żewġha l-Prinċep Philip, waslet Malta għal żjara ta' erbat ijiem f'pajjiżna. Din kienet l-ewwel żjara tar-Reġina minn meta pajjiżna kien akkwista l-Indipendenza fl-1964 u għalhekk kien hawn aspettattiva għal din iż-żjara.

Il-Kumitat tal-Banda L-Unjoni ta' dak iż-żmien kien ħa d-deċiżjoni li f'din iż-żjara jimmarka l-preżenza tal-Banda tagħna. Infatti dakinhar tal-wasla tal-Koppja Rjali, il-Banda L-Unjoni kienet ħadet sehem billi daqqet marċi ferrieħa barra l-ajruport ta' Ħal Luqa akkumpanjata mill-istandarti tagħha. Ta' min jgħid li xi snin qabel, preċiżament fis-sena 1954, il-Banda kienet ukoll ipparteċipat billi daqqet marċi f'tarf ir-raħal waqt żjara li kienet għamlet il-Koppja Irjali f'pajjiżna dik is-sena.



Ir-Reġina Eliżabetta II u l-Prinċep Philip jifthu l-Ballu waqt iż-żjara tal-1967

Iż-żjara tar-Reġina Eliżabetta II kienet waħda mimlija b'ħafna parati, kunċerti, preżentazzjonijiet kif ukoll it-tqegħid tal-ewwel ġebla ta' sptar ġdid fil-gżira ta' Għawdex. Ovvjament, bħalma jiġri f'okkażjonijiet speċjali bħal dawn, ma kienx naqas ballu statali fil-Palazz tal-Gran Mastri, fil-Belt Valletta. Din iż-żjara kienet emozzjonali ħafna tant li r-Reġina fil-messaġġ li eventwalment għamlet għall-Milied tal-istess sena kienet semmiet lil pajjiżna. Hi stqarret hekk: *"Today Malta is independent, with the Crown occupying the same position as it does in the other self-governing countries of which I am Queen. This is the opening of a new and*


HG
Henry Galea


SMART
BUILDING SOLUTIONS
As a leading building material manufacturer,
we understand your needs and deliver - Everytime.
When using our PPB Predalle and Prestressed Beam you will...
SAVE COSTS
SAVE TIME
ENVIRONMENTALLY FRIENDLY
DESIGN & QUALITY CONTROL
ELBROS
built for life
Get more information about our quality building materials today
Call: 2298 1200 or Email: info@elbros.com.mt www.elbros.com.mt

*challenging chapter for the people of Malta and they are entering it with determination and enthusiasm."*

Ta' min jgħid li Eliżabetta kienet inkurunata Reġina fis-sena 1952, wara l-mewt ħesrem ta' missierha r-Re Ġorġ VI. Qabel ma laħqet Reġina tal-Gran Brittanja, bejn is-snin 1949 u 1951, hi għexet f'Malta, preċiżament f'Villa Gwardamangia (qrib l-Isptar San Luqa), flimkien ma' żewġha u wliedha; il-Prinċep Charles u l-Prinċipessa Anne. Aktar 'il quddiem ir-Reġina stqarret kemm-il darba li dan kien wieħed mill-aktar perjodi sbieħ ta' ħajjitha.

Eventwalment, ir-Reġina Eliżabetta flimkien mal-Prinċep Philip, għamlu diversi żjajjar oħra f'Malta. Dawn kienu fis-snin 1992, 2005, 2007 u finalment fis-sena 2015 fl-okkażjoni tal-laqgħa tal-Kapijiet tal-Istati Membri fil-Commonwealth (CHOGM).



Il-Banda L-Unjoni ssellem lir-Reġina Eliżabetta II



# Tal-Familja

*Restaurant*

*. . . a typical Maltese family run restaurant,*
*serving fresh fish & shell fish*
*and Maltese dishes*

**Triq il-Gardiel, Marsascala, Malta**
**Tel: 2163 2161, 99473081**

PALAZZO PRECA
RESTAURANT
WHERE YOU MEET, EAT & GREET

54, STRAIT STREET VALLETTA
TEL: 2122 6777 - 9986 6640 - 9984 6866
EMAIL: info@palazzoprecarestaurant.com



OPEN TUESDAY TO SATURDAY FOR LUNCH & DINNER
SUNDAY: DINNER ONLY (SUMMER) - LUNCH ONLY (WINTER)




# Il-Mawra tal-Banda L-Unjoni ġewwa Amalfi u l-Vatikan

*20 sena ilu*

**Clifford Micallef**

Din is-sena qed nikteb dan l-artiklu f'għeluq l-għoxrin sena mill-mawra storika tal-Banda L-Unjoni ġewwa Amalfi u l-Vatikan, propjru fl-1997.

Sebħet l-għodwa tas-27 ta' Novembru 1997, numru sabiħ ta' partitarji u bandisti nġbarna fil-każin ta-Soċjetà tagħna u minn hemm irħejnilha ftit passi 'il bogħod lejn l-ajruport, biex minn hemm naqbdu titjira lejn il-belt kapitali Taljana, Ruma. Il-kontinġent kien ilaħħaq il-mija u għaxra. Madwar siegħa u nofs wara l-ajruplan wassalna fil-belt eterna ta' Ruma, fejn minn hemm qbadna żewġ kowċis li kellhom iwassluna fil-villaġġ ta' Scala, ftit kilometri 'l bogħod mill-belt ta' Amalfi, fejn hemm hekk kellna nalloġġjaw.

L-għada l-grupp kollu erħielha għal eskursjoni madwar il-bliet ta' Pompei u Sorrento, żewġt ibliet sbieħ fin-naħa t'isfel tal-Italja, fejn wieħed ma jistax ma jsemmix ir-rovini tal-belt antiki ta' Pompei, li kienet inqerdet bl-iżbroff tal-vulkan Vesuvio. L-ewwel impenn tal-Banda L-Unjoni kien proprju f'lejlet il-festa tal-appostlu Sant'Andrija, fejn il-banda laqgħet il-ħruġ min-niċċa tal-istatwa ta' Sant'Andrija fil-portiku tal-Katidral ta' Amalfi, bid-daqq tal-innu ta' Sant'Andrija tas-Surmast Gaetano Grech. Wara l-banda kompliet bis-servizz tagħha mat-toroq tal-belt sa ma waslet biswit il-Kwartieri tal-Flotta Militari Taljana. Minn naħa tiegħu l-Kap Kmandant laqa' lill-Banda bis-salut militari u kellu kliem ta' tifħir għall-preżenza tal-Banda L-Unjoni f'beltu. Bla dubju dan kien mument ta' sodisfazzjoni għal kull min kien preżenti. Dakinhar stess filgħaxija, wara laqgħa bejn is-Sindku ta' Scala u l-uffiċjali tal-kumitat, fejn sar ukoll l-iskambji tar-rigali, il-Banda L-Unjoni ppreżentat Kunċert Sinfoniku fil-Katidral ta' San Lawrenz fi Scala stess. Fuq nota personali, nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-kumitat u lis-Surmast Charles E. Zammit li fdawli



*Uħud mill-membri tal-kontinġent ġewwa Amalfi*

l-preżentazzjoni ta' dan il-kunċert, li rrid nammetti kont xi ftit eċitata iżda fl-istess ħin onorat ferm. Nieħu l-okkażjoni wkoll biex nirringrazzja lis-Sinjura Cettina Darmenia Brincat, li kienet ħeġġitni biex nagħmel din il-preżentazzjoni, kif ukoll għenitni fit-traduzzjoni tal-iskript.



Il-Banda L-Unjoni ddoqq ġewwa Amalfi

It-30 ta' Novembru 1997, jum il-festa liturġika tal-Patrun tagħna Sant'Andrija, f'għodwa kiesħa u xitwija, il-Banda flimkien mal-partitarji, irħejnilha lejn Amalfi, fejn fis-sitta ta' filgħodu, taħt xita rxiex, il-banda daqqet marċi brijużi madwar it-toroq tal-belt, biex skont id-drawwa tal-lokal, tħabbar il-festa lir-residenti tal-lokal. Ir-residenti min-naħa tagħhom laqgħuna b'entużjażmu kbir u ħarġu wkoll jakkumpanjaw il-banda sa ma wasalna fil-pjazza prinċipali fejn il-banda waqfet tistrieħ ftit. Hawn ma naqasx li nidħlu nbillu griżmejna f'xi wieħed mill-ħwienet tal-lokal u m'għandniex xi ngħidu mlejna l-ħawsla wkoll. Il-pjan kien li għall-ħabta tal-għaxra toħroġ il-purċissjoni fejn il-banda kellha takkumpanja l-istess purċissjoni. Hawn ta' min wieħed jgħid li x-xita kompliet iżżid ġmielha u aħna ħsibna li ser titħassar il-purċissjoni, iżda r-residenti tal-lokal donnhom kienu konvinti li ser toħroġ. U proprju hekk ġara għax għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu s-sema ċċara u saħansitra feġġet ix-xemx u l-festa rnexxiet bil-kbir. Il-banda skjerat ruħha fil-portiku tal-Katidral maestuż ta' Amalfi biex tassisti u tieħu sehem fil-purċissjoni bl-istatwa devota ta' Sant'Andrija. Apparti l-Banda L-Unjoni, jakkumpanjaw il-purċissjoni kien hemm l-Arċisqof tal-belt, is-Sindku, il-Kummissarju, il-Kmandant tal-Flotta u għadd kbir ta' nies li jżuru apposta Amalfi għal din il-festa. Ma nistax ma nirrimarkax il-ferħ li ħassejt meta rajt kemm ħadu pjaċir bid-daqq tal-marċi, ir-residenti tal-lokal li għal dik is-sena, kienet differenti minn snin ta' qabel. B'hekk ingħalqet l-ewwel parti tal-mawra storika tagħna fejn bla tlaqliq nistgħu ngħidu li s-Soċjetà għażiża tagħna għamlet unur lir-raħal tagħna, fejn kienet, u għada sal-lum, l-unika banda li ħadet sehem fil-festa ta' Sant'Andrija, fuq stedina uffiċjali tas-Sindku Amalfitan.


Il-Banda L-Unjoni ddoqq ġewwa Amalfi

It-Tnejn 1 ta' Diċembru, il-kontinġent kollu kellu laqgħat kordjali maż-żewġ mexxejja ta' Amalfi, mas-Sindku fil-bini muniċipali u mal-Arċisqof fil-Palazz Arċiveskovili. Fiż-żewġ laqgħat sar skambju ta' rigali bejn iż-żewġ naħat u fost

il-ferħ tal-partitarji, is-sindku Dr. Luige Torre ta l-permess bil-miktub lis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni sabiex tkun tista' tagħmel standard bl-emblema ta' Amalfi. Il-mawra kompliet billi żorna l-bliet ta' Napli u Montecassino qabel ma l-kontinġent qabad il-kowċis biex jerħilha lejn Ruma fejn il-banda kien għad fadlilha aktar impenji.



Il-Banda L-Unjoni ddoqq ġewwa Sala Nervi fil-Vatikan qabel l-Udjenza mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II

Waslet il-ġurnata tant mistennija fejn il-jum tat-3 ta' Diċembru ħafna ser jibqgħu jiftakruh għal għomorhom. Dakinhar il-Banda L-Unjoni kellha x-xorti kbira li ddoqq waqt udjenza mogħtija mill-Q.T. il-Papa, illum qaddis, Ġwanni Pawlu II f'Sala Nervi ġewwa l-Vatikan. Il-Banda L-Unjoni daqqet marċi qabel il-wasla tal-Papa u wara sellmet lill-Qdusija Tiegħu bl-Innu Pontifiċju appena daħal fis-sala fost iċ-ċapċip tal-folla preżenti. Minn naħa tiegħu l-Q.T il-Papa sellem lill-banda Maltija darbtejn matul id-diskors tiegħu. Iżda b'sorpriża kbira, li ma konniex qed nistennew, eżatt fi tmiem l-udjenza, meta l-bandisti u l-kumitat ġew mistiedna jitilgħu fuq il-palk biex jiltaqgħu wiċċ imb'wiċċ mal-Papa nnifsu fejn ingħata wkoll rigal ta' tifkira li kienet tikkonsisti f'pittura sabiħa tal-istatwa ta' Sant'Andrija meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Min-naħa tiegħu l-Papa bidel il-karlotta tiegħu ma' waħda ġdida ppreżentata lilu mill-President tas-Soċjetà s-Sur Salvu Spiteri u rregalaha lis-Soċjetà, fejn għadha miżmuma b'għożża fis-sala prinċipali tal-każin. Sorpriża ħelwa oħra seħħet eżatt kif ħriġna minn Sala Nervi fejn kien hemm *crew* ta' stazzjon televiżiv Amerikan li stieden lill-banda biex iddoqq marċ li kien ser jixxandar dirett





Ċelebrazzjoni sħieħa mal-wasla tal-kontinġent lura f'Ħal Luqa





20 sena mill-Mawra

tal-Filarmonika *L'Unione* ġewwa Amalfi u l-Vatikan

## Il programma della Banda L'Unjoni – Luqa ad Amalfi ed a Scala

Inno Marcia - Sant'Andrija - Gaetano Grech
Marcia - La Ronde - Charles Gounod
Suite - Occasional - Charles Zammit
Tema - Memories from Cats - Andrew Lloyd Webber
Marcia Sinfonica - Diana - Joseph Abela Scolaro
Suite - Four Episodes for Band - John J. Morrissey
Intermezzo - State Occasion - Robert Farnon
Ballet - Parisienne - Jacques Offenbach
Gran Via of Spain - Alcala - Paul Sladek/Joseph Catizone
Canzone - "Con te partirò" - E. Sartori/L. Quarantotto
Inno della società - J. Abela Scolaro
Inno Nazionale Italiano
Inno Nazionale di Malta - R. Samut

## Marcie dalla Banda L'Unjoni – Luqa ad Amalfi, a Scala, nel Vaticano

Lill-Kumitat tan-Nisa - Charles Zammit
Forza L-Unjoni - John Zammit
Valley of Roses - Charles Zammit
Agnes and Duncan - John Zammit
Algiers - Joseph Abela Scolaro
Toronto - Archibald Mizzi
Bonpacello - Vincenzo Ciappara
L'Appassionata - Joseph Abela Scolaro
Don Quixote - John Theuma
Ton-Zepp-Dion - Louis Bongailas
L-Imghallem Carmelo Psaila - Henry Attard
Melanie - John Zammit
Il-famuża koppla - Willie Attard
Antonia - Joseph Muscat

***Profs. Dr Charles Zammit***
Ph.D., Mus., G.L.S.M., F.L.C.M., F.L.S.M., F.V.C.M., F.C.S.M., F.R.S.A., F.I.B.A., F.N.S.C.M., F.G.M.S., Hon.F.W.T.C., Cert.F.B.C.M.
Direttore e capo di studi musicali resso l'accademia nazionale musica
Maestro Direttore della Banda 'L-Unjoni'
Esaminatore del 'Guild of Musicians and Singers' Londra e Cambridge
Society of Musicians, Inghilterra
Senatore della Camera Alta del Parlamento Mondiale per la sicurezza e la pace - Palermo




## Gli impegni della banda 'L-Unjoni' di Luqa in Italia dal 27 novembre al 4 dicembre 1997

29.11.97 Marcie briosi eseguiti ad Amalfi
30.11.97 Concerto e Marcie briosi eseguiti ad Amalfi

02.12.97 Concerto eseguito a Scala

03.12.97 Inni eseguiti nella Sala Nervi del Vaticano



**IL COMITATO ORGANIZZATIVO DEL VIAGGIO DELLA BANDA 'L-UNJONI' IN ITALIA 1997**

*Auguriamo ogni successo al maestro direttore e ai bandisti della società filarmonica 'L-Unjoni' nelle occasioni prestigiose che la Banda avrà ad Amalfi, a Scala e in Vaticano.*



fuq l-istazzjon tat-televiżjoni. U proprju fi Pjazza San Pietru ġewwa l-Vatikan, il-banda daqqet l-innu immortali tal-Banda L-Unjoni tas-Surmast Abela Scolaro.

U b'hekk ġiet fi tmiemha din l-ewwel mawra tal-banda għażiża tagħna barra minn xtutna. Żgur li din il-ġrajja ser tibqa' miktuba b'ittri kbar tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni u ħajja fil-memorja ta' dawk kollha li kienu preżenti. Mal-wasla tagħna fl-ajruport ta' Malta sibna numru sabiħ ta' partitarji entużjasti jilqgħuna u biex niċċelebraw kif xieraq din il-ġrajja, dakinhar stess filgħaxija sar marċ ta' ċelebrazzjoni fi Triq Sant'Andrija fost il-ferħ tal-partitarji ajklieri.

Bla tlaqliq nistgħu niftaħru li kienet il-Banda għażiża tagħna li daqqet fil-festa ta' Sant'Andrija Appostlu ċċelebrata ġewwa Amalfi, u kienet l-ewwel u l-unika banda Ħalluqija li daqqet ġewwa l-Vatikan u ltaqgħet mal-Qdusija Tiegħu San Ġwanni Pawlu II.




# X’Qalu ta’ Ħal Luqa

**Guido Lanfranco**

Mis-snin disgħin kont bdejt nipparteċipa f’ħafna programmi tal-RTK Radio. Meta ġejt mitlub minn Susan Mulvaney biex nipparteċipa fil-programmi tagħha għażilt li nitkellem dwar drawwiet u tradizzjonijiet Maltin. Kont nagħżel suġġett, niddiskutih u wara nistieden lis-semmiegħa anzjani u oħrajn biex jikkomunikaw bit-telefon (phone-in). L-interventi tas-semmiegħa ridt nirrekordjahom biex ma jintilfux.

Kelli konkorrenza mdaqqsa b’ħafna informazzjoni siewja u rrekordjajt dak li kelli bżonn fuq casette rekorder ċkejken. Tul is-snin bdejt nisma’ l-kasettes tiegħi kollha, nismagħhom u nikteb kelma kelma dak li jingħad. Wara kkupjajt kollox fuq il-kompjuter u iffurmajt ktieb ta’ aktar minn 600 faċċata biex xi darba jiġi ppubblikat ktieb. Dawn li ġejjin qaluhomli nies minn Ħal Luqa:-

**1994-04-28** Ittra, Geltrude Gerada minn Ħal Luqa. Jien għandi dawn iż-żewġ kelmiet … Nispera li jogħġbuk:

Wiċċ ta’ Ngliż għandu ħanini, / Avolja bin il-Maltin,
Xuxtu safra, għajnejh żoroq, / U l-mustaċċi safranin.

Dak ħanini kemm inħobbu, / Inżommu fuq wiċċ idejja,
*Nitimgħu l-ħobż ta’ qalbi / U nisqih id-dmugħ t’għajnejja.*

**1994-11-09** *Agnes Azzopardi, minn Ħal-Luqa.* (a) Niftakar sew f’Ħal Luqa kien hawn saċerdot, nhar ta’ Ħadd wara’ l-quddiesa tal-għaxra kien joħroġ hu u abbati bil-qanpiena jduru mat-toroq, jiġbru ‘Għall-erwieħ!’. Kulħadd kien itih xi sitt ħabbiet, sold, u f’Novembru kienu jagħmlu l-quddies għall-erwieħ; aktarx isir fiċ-ċimjiterju stess. Dun Ġużepp Callus kien . . . Sa xi l-1948-1949. (b) Min kien ikun itemtem, min jieħu xi qatgħa’, kienet tgħid il-mamà, kienu jisquh mill-qanpiena tal-erwieħ. (c) (Ħal Luqa) il-qniepen kienu jdoqqu l-Pater Noster fl-erbgħa ta’ filgħodu (kienet inqatgħet l-ewwel waħda għax qalu li kienet kmieni wisq), fit-tmienja, f’nofsinhar… F’nofsinhar f’Novembru kien idoqq il-mota tal-mejtin… Qatgħuha… Kienet issewidlek qalbek ħafna, kienet… Novembru kollu. Jidhirli li lejlet tal-erwieħ kienu jdoqqu Tal-Mejtin, il-Libra. Il-fratellanzi jkollhom il-quddies għar-ruħ il-membri tagħhom; idoqqu l-Libra

wkoll… Issa nqatgħet. (d) Nhar tal-Erwieħ kienu jġibulna l-ħelu l-erwieħ, hawn Ħal Luqa, kienet issir ukoll fit-tieni ta' Novembru. Ta' tfal li konna taparsi nsumu… Konna nagħmlu maktur kbir abjad fuq l-imħadda, u wara nofsinhar, wara li nieklu mmorru nsibu l-ħelu… jew xi pupu. Fi żmien il-gwerra, 1942 oħti sabet li l-pupu kien imkisser u lil ommi qaltilha: 'Mela l-ġenna jkollhom pupi mkissrin?!'

**2006-08-31** *Mary Atkins, minn Ħal Luqa u Tas-Sliema.(telefonata e-mail mill-Ingilterra)* (a) Konna noqogħdu Victoria Avenue *(Tas-Sliema)*… Niftakar… Fil-qamar…Kien (ikun) kważi s-siegħa ta' filgħodu, konna nkunu għadna nilgħabu barra… Wara nofsillejl… Fis-sajf… F'nofs it-triq, ukoll… (b) Ħal Luqa, fil-gwerra, dejjem niġri ma' ħija. Konna ġo għalqa, f'daqqa waħda naraw dan il-*German plane*, ġie, u rana, marelli! U kien hemm dik fejn joqogħdu jaraw l-għasafar (*dura*) u dħalna fiha… U taf li beda *shooting*… U l-*bullets* bdew jaħbtu fejn konna qegħdin, ġewwa… U kien hemm toqba biss biex naraw x'inhu jsir. U f'daqqa waħda minn ħdejna, għax aħna konna noqogħdu bieb ma' bieb mal-knisja, u kif ħarisna rajna dawn it-*two spitfires* u marru warajh… Mbagħad naraw il-*black smoke* ħiereġ minnu u waqa' ximkien fil-bogħod insomma. Meta kont żgħira ma konniex naraw id-*danger*. Nisma' l-*air raids* jien kont nitlagħlha fuq il-bejt lil *mummy* u nara l-ajruplani telgħin… U nara r-roti… Itellgħu ir-roti. (*undercarriage*).

**2007-05-22** *Mara mill-Gudja*. Jien għandi memorja tiegħi personali. Kont nilbes il-libsa tal-Karmnu… Tal Karmnu kienet… Għax kienet devota l-*mummy* u minflok labtu kienet għamlitli libsa sewda. Jiena ridtha l-libsa sewda. (Libsa sewda) normali. Fl-aħħar daret kontra tiegħi (din tal-libsa sewda)… Kien ġie Sant'Andrija ta' Ħal Luqa, hemmhekk qrib u aħna mmorru l-festa u biha kelli mmur (għax kien l-Erbgħa meta jmissni nilbisha) … Kelli xi sitt snin… Kont nilbisha nhar t'Erbgħa biss. Però kont trid tibqa' tilbisha sakemm titqatta' … Il-wegħda hekk kienet.




# Tessie Farrugia

## *Tfulitha u Ħajjitha f'Ħal Luqa*

**James Aquilina**
*B.Com (Gen)., Dip Tourism*

Tessie Farrugia née Ciappara twieldet ir-Rabat nhar il-15 ta' Frar 1943, bint Ġakbu u Filomena née Cutajar. Is-sinjura Farrugia hija fost ħamest aħwa; Frankie, Joe, Andrew u Rose. Misserha kien jaħdem bħala *foreman* mal-gvern bl-inkarigu li jieħu ħsieb il-palazzi. Fost ir-responsabilitijiet, missierha kien jieħu ħsieb il-Palazz tal-President, il-Knisja tal-Pilar, il-Palazz Verdala u postijiet oħra ta' importanza storika. Ġakbu Giappara kien saħansitra preżenti meta irrużumaw il-fdalijiet tal-Granmastru La Valette, flimkien mal-isqof Gonzi u xi tobba. Ommha kienet taħdem bħala għalliema fl-skejjel tal-primarja tal-gvern fosthom dik ta' Ħal Luqa, Ħal Għaxaq, il-Marsa u l-Gudja.

Il-ġenituri ta' Tessie iżżewġu fl-1936. Ftit snin wara faqgħet il-gwerra u kien għalhekk li l-familja Ciappara spiċċat sabet ir-refuġju r-Rabat biex tevita l-periklu tal-attakki mill-ajru. Wara seba' snin joqgħodu r-Rabat, il-familja Ciappara irritornat lura lejn Ħal Luqa. Dak iż-żmien Tessie kellha biss sena. Hija tgħid li meta ġew r-raħal missierha kien xtara d-dar fil-pjazza li sal-lum Tessie tqatta' ħafna mill-ħin tagħha. Parti mid-dar tagħhom kienet isservi ta' *restaurant* u parti oħra mid-dar kien hemm ħanut tal-merċa. Il-post kien magħruf ukoll bħala l-*Crystal Palace*. Fil-gwerra, parti mid-dar kienet tintuża mit-tabib Muscat bħala *district medical officer*. Il-familja Ciappara kienet waħda mill-familji ewlenien li fir-raħal tat il-kontribut komunitarju, b'referenza speċjali lejn il-festi u l-każin li tant ħadmu bla qatiegħ.



Tessie Farruġia fil-persjana tad-dar tagħha f'misraħ il-knisja

### Il-Każin tal-Ajkla u l-Familja Ciappara

Ir-rabta mal-każin tal-ajkla hija frott ta' ġenerazzjonijiet antiki. Is-sinjura Farrugia spjegatli kif il-kuġini ta' missier missierha, Toninu Cassar u Wistin kienu involuti sew fl-



Ġakbu Ciappara

istess Socjetà L-Unjoni. Ġakbu Ciappara beda jinvolvi ruħu fil-każin meta beda jiffrekwenta s-sede tas-Socjetà flimkien ma' xi grupp ta' ħbieb. Aktar tard sar ħbieb mas-surmast Scolaro wkoll. Fl-1949 Ġakbu laħaq president tal-każin. Inzerta wkoll fl-istess żmien meta l-bini tal-każin kien għadu kif jitlesta. Filfatt naraw li lejn l-aħħar tal-1946, is-sede tas-soċjetà reġgħet inbniet wara li l-bini kien intlaqat fil-gwerra. Is-Socjetà ħarget l-ispiża ta' elf lira sterlina flimkien mill-fondi tal-*War Damage*.[1] Fl-1948 insibu li s-Socjetà reġgħet bdiet tiltaqa' fis-sede li nsibu llum hekk kif il-bini tlesta.[2] Tessie baqgħet tiftakar żewġ avvenimenti mportanti b'rabta mal-każin L-Unjoni. Fis-17 ta' Lulju 1949 il-Banda L-Unjoni akkumpanjat lil Monsinjur Isqof Emanuel Galea sal-każin fejn dakinhar saret il-konsagrazzjoni tal-bini tal-każin. Filgħaxija mbagħad sar programm mużikali tal-okkażjoni.[3]

Avveniment ieħor memorabli għal Tessie kien dak ta' meta l-Gvernatur Sir Gerald Hallen Creasy għamel żjara fil-każin nhar il-21 ta' Marzu 1950. F'din iż-żjara attenda ukoll il-Prim Ministru Sir Paul Boffa. Wara kelmtejn tal-okkażjoni, Andrew Ciappara (ħu Tessie) ppreżenta bukkett fjuri lil Gvernatur.



*Il-konsagrazzjoni tal-każin.*
*Fir-ritratt jidher l-Isqof Emanuel Galea*

Tul il-presidenza tiegħu, missierha kien preparat li jagħmel dak li hemm bżonn sabiex isem tal-każin jinżamm bl-unuri kollha. Tessie Farruġia għamlet referenza għall-episodju importanti fl-istorja tal-każin. Misraħ il-knisja kien ikkunsidrat bħala l-aktar parti importanti tal-pjazza, fejn l-attività u l-ħajja tal-festa kienet tiġi manifestata hawnhekk. Biżżejjed insemmu, kif l-istatwa tal-Anġlu kienet tintrama quddiem id-dar tagħhom, filwaqt li l-programm mużikali kien isir f'din il-parti ukoll.[5]

Il-każin tal-Istilla dak iż-żmien kien jinsab fi Triq il-Karmnu. Kien għalhekk li bdew isiru tentattivi sabiex is-sede tas-soċjetà l-oħra tiġi trasferita għall-post fejn hu llum. Is-sede preżenti tal-każin tal-Istilla kien għadu jservi bħala l-għassa tal-pulizija. L-Onov. Ġużi Maria Camilleri ried li jtihom l-għassa biex tal-Istilla jiġu f'Misraħ il-knisja. Iżda Ġakbu Ciappara kien determinat li kemm-il darba l-każin tal-Istilla jiġi trasferit f'Misraħ

il-Knisja huwa kien lest li jġib il-każin tal-Ajkla minflokk id-dar tiegħu u "*aħna nmorru ngħixu minflokk il-każin"* temmet tgħid Tessie. Kien għalhekk li xi membri mill-każin tal-Ajkla bdew jiġbru xi firem sabiex tintbagħat petizzjoni biex il-każin tal-Istilla ma jiġix trasferit fil-misraħ.[6] Tessie irrakkuntat kif dakinhar li spiċċa missierha minn president, il-każin tal-Istilla ġie trasferit fil-post li fejn huwa llum.

Missierha ħadha xi ftit bi kbira meta temm l-inkarigu tiegħu mill-aministrazzjoni tal-każin. Biss is-Sur Ciappara rawwem lil uliedu sabiex huma wkoll baqgħu jagħtu s-sehem fil-każin b'mod partikolari ibnu Frankie. L-involviment tiegħu fil-każin kien wieħed kbir anke fuq livell aministrattiv. Iben Frankie, James Ciappara llum jservi bħala s-segretarju tal-każin filwaqt li Lino u l-mibkija Irene dejjem taw sehem fi ħdan is-Socjetà. James ġie elett għall-ewwel darba fil-kumitat fl-1991 fejn ħames snin wara laħaq segretarju tal-każin.[7]



*Andrew Ciappara ħu Tessie, jippreżenta bukkett fjuri lill-Gvernatur Sir Gerald Hallen Creasy*



*Frankie Ciappara fil-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni tal-1983, l-aħħar wieħed fuq lemin minn wara*

## Tfulitha

It-tfulija ta' Tessie kienet karaterizzata minn żminijiet iebsa ta' wara l-gwerra. Is-sinjura Farrugia elenkat kif fi tfulitha tiftakar ħafna djar imwaqqa', nuqqas ta' xogħol u emigrazzjoni lejn artijiet għal ħajja aħjar. Fir-raħal konna nsibu wkoll toroq dojoq, li bil-progress ma setgħux jaqdu l-ħtigijiet peress li l-karettuni bdew jinqatgħu u minflokom bdew jintużaw il-vetturi. Hija spjegatli kif missierha kien jgħid li fil-pjazza kien hemm triq dejqa bl-isem ta' *Strada San Michele*. Din kienet tinsab ħdejn bini antik magħruf bħala *Dwejra Żgħira* li tneħħa kompletament fl-1925.[8] Ladarba konna qed insemmu toroq, ma setax jonqos li ssir referenza lejn il-bexiex tat-toroq. Għall-kuntrarju tal-lum, it-toroq ma kinux asfaltati. Normalment kienu jkunu miksija bix-xaħx u l-ġebel.[9] Xogħol il-bexiex kien li jxarrab ix-xaħx biex jibqa' fil-qiegħed.

Tessie bdiet tattendi fl-iskola ta' St Joseph f'Raħal Ġdid flimkien ma' Jessie Montebello. Ftit wara ommha ġabitha l-iskola ta' Ħal Luqa. Fl-1955 għamlet l-eżami tas-sekondarja.




*Pjanta tal-Pjazza ta' Ħal Luqa fl-1909. Fiha tidher trejqa żgħira - Strada San Michele*

Mill-aspett mużikali, Tessie bdiet titgħallem il-pjanu fejn ħadet l-edukazzjoni tagħha taħt is-surmast Joseph Abela Scolaro. Il-lezzjonijiet tal-pjanu kienu jsiru d-dar tagħha stess. Iktar tard hija bdiet tattendi għal-lezzjonijiet tal-mużika ġewwa tas-Sliema fejn kompliet l-istudji tal-pjanu sa grad tmienja.

It-tgħallim tad-duttrina kien jingħata fil-Kappella tal-Ftajjar. Kien hemm tlett għalliema li kien jieħdu ħsieb id-duttrina. Fost dawn kien hemm Sunta u tnejn għalliema oħra bl-isem ta' Ġużeppa. Dawn tal-aħħar kienu jgħixu tnejn ir-*Rangu*. Interesanti l-fatt li kemm il-praċett kif ukoll l-griżma kienu jsiru fl-istess ġurnata. Dakinhar tal-praċett kien ikun hemm purċissjoni mill-Kappella tal-Ftajjar għal-Knisja Parrokkjali tar-raħal. Fl-okkażjoni tal-praċett kienet tintuża wkoll il-bandalora tal-*Figle di Maria*.

Tessie kompliet tirrankonta fuq l-aspett reliġjuż ta' tfulitha. Irrakontatli kif l-ewwel quddies tal-ġurnata kienet ssir fit-tlieta u nofs ta' filgħodu speċifikament għall-kaċċaturi, liema quddies kienet tiġi mqaddsa minn Dun Ġwann Agius. Wara kien ikun hemm quddies oħra fl-erbgħa u nofs, fil-ħamsa, fis-sitta u fis-sebgħa ta' filgħodu. Mal-mixja taż-żminijiet, l-affarijiet bdew jinbidlu u n-nuqqas ta' qassisin beda jinħass sew. L-aħwa saċerdoti Aġius mietu ftit wara xulxin. Fl-1983 imbagħad miet Dun Ġużepp Micallef lejliet il-festa taċ-Ċintura. Kien għalhekk li dik is-sena l-festa tal-Madonna tħassret. Illum l-ewwel quddies li ssir fil-parroċċa ta' Ħal Luqa hija fis-sebgħa ta' filgħodu! [10] Fl-intervista ssemma kif Dun Ġużepp Callus kien jiġbor il-flus għall-Erwieħ, iqarben u jdur il-morda. Tiftakar ukoll iż-żminijiet oħrajn meta nannuha, Ġużeppi Ciappara kien idoqq l-*Ave Maria* u l-*Pater Noster*.

Ix-xogħol f'dawk iż-żminijiet kien wieħed skars, ftit li xejn kien hawn għażla fejn tagħżel. Biex taqla' lira ridt tbati! Għadha tiftakar sew il-ħaddiema tax-xatt lebsin il-franella telgħin mill-Marsa. Wara li jinħaslu, kont issibhom il-pjazza fuq xi bankina, "*b'xi kisra ħobż u pinta nbid*".[11] Fl-istess ħin Tessie u sħabha kienu jieħdu gost jilgħabu l-passju jew biż-żibeġ.

Il-bejgħ tal-ħalib kien isir minn wara l-bieb tad-dar. Kont *"tisimgħu ġej filwaqt li n-nies kulħadd kien ilesti l-buqar"*. Minħabba l-biża' tad-deni rqiq, Ġakbu Ciappara ma ried qatt li uliedu jixorbu minn dan il-ħalib, biss *"jekk kont tgħalliħ ma kien jiġrilek xejn"* kompliet tirrakonta is-sinjura Farruġia. Tessie kompliet tirrakkonta kif f'Ħal Luqa kont ssib ħafna bejjiegħa tal-ħalib. Fost dawn konna nsibu l-*bambin* minn Triq il-Parroċċa u lil Wenzu minn Triq il-Karmnu.

Waqt l-intervista, Tessie semmietli storja ħelwa msawwra b'mumenti ta' nieket. Meta siefret l-ewwel darba kellha madwar disgħa snin. Kienu siefru b'ajruplan bl-iskrejjen minn Malta għal Sqallija. Imbagħad minn Catania qabdu l-ferrovija għar-Ruma. Huma u ġejjien lura lejn Malta, kellhom jagħmlu ġimgħa oħra Sqallija minħabba li kien għadu kif waqa'

ajruplan militari fuq Ħal Luqa tat-tip Lancaster. Din il-ġrajja ħasdet il-ħajja ta' Maria Zarb minn Ħal Luqa li soffriet grieħi gravi waqt li kienet qed tonxor il-ħwejjeg. Xi djar u ġonna nħarqu meta waqa' dan l-ajruplan.[12] Kull ma jmur it-trasport bl-ajruplan beda jsir iktar popolari lejn nofs s-seklu għoxrin. Kien xhieda qawwija kemm id-dinja bdiet tinbidel u magħha avvanzaw oqsma bħal mediċina, komunikazzjoni u l-enerġija.



*Id-devastazzjoni wara li waqa' Lancaster fi Triq il-Ġdida*

Xhieda ta' dawn l-iżviluppi hija deskritta fid-djarju ta' ċertu S. Micallef. Fil-kitba tiegħu semma li nhar it-3 ta' Ottubru 1929, daħal il-*luce elettrika* fir-raħal.[13] Tessie tgħid li d-dar tagħhom dejjem tiftakar li kellhom l-elettriku, iżda fir-raħal mhux kulħadd kellu dan is-servizz. Hija ssemmi kif meta kien ikollhom xi problema ta' matematika kienu jmorru għand is-sur Tonna biex jispjegalhom qalb "*id-dawl tal-fannali*". Sa dak iż-żmien is-sur Tonna kien għad m'għandux dawl id-dar tiegħu!

## Il-Pjazza ta' Ħal Luqa

Meta wasalna biex tirrakkontali sewwa ew kif kienet il-pjazza tar-raħal, qalti li biex kont tidħol il-pjazza, kont trid tgħaddi minn triq dejqa minn fejn illum insibu l-monument tal-gwerra. It-triq prinċipali għal pjazza li nsibu llum ma kinitx teżisti, dan minħabba li d-djar kienu joħorġu ħafna iktar 'il barra minn kif inhuma llum. Wara l-gwerra wħud mid-djar daħlu l-ġewwa biex illum insibu triq wiesgħa li twasslek għal pjazza prinċipali. Dan il-fenomenu għamel aċċenn għalih anke Dun Ġużepp Micallef fl- 1975, fejn fost l-oħrajn semma kif *"il-bini dejjem tiela', toroq ġodda aktar wesgħin, Ħal Luqa llum ftit li xejn tfakkrek fl-imgħoddi"*.[14]



*Triq li twasslek għall-pjazza kienet dejqa. Uħud mid-djar kienu joħorġu ħafna iktar 'il barra*

F'kull raħal, il-pjazza hija dik il-post komuni li tgħaqqad nies, forsi fiż-żminijiet l-imgħoddija aktar mil-lum. Tessie kompliet tispjega li wara l-gwerra fil-pjazza konna nsibu dawn il-ħwienet; tal-*Barbasalv,* Żeppa tal-*Bubus,* spiżerija, imbagħad kien hemm ukoll il-ħanut taż-Żunga. Kompliet tispjegali li minflokk il-każin tal-*Labour,* kien hemm ħanut isajjar il-mazzit is-Sibt filgħaxija. Qaltli li f'Misraħ il-Knisja konna nsibu barbier ukoll. Skont missierha, kien hemm wieħed jgħidulu Spiru tal-*leħja* iżda iktar tard tiftakar lil Leli l-*barbier*.[15]

Il-*bars* li konna nsibu fil-pjazza tar-raħal kienu mezz ta' żvog biex is-suldati Ingliżi




L-ispiżerija li kien hemm f'Misraħ il-Knisja

kif ukoll dawk Amerikani kienu jiltaqgħu għal xi xarba tajba. Ewlenin fost dawn, naraw kif il-ħanut tal-*Barbasalv* kien ikun mimli Ingliżi, dak taż-Żunga kienu jiffrekwentawh l-Amerikani u dak ta' *Randa* kien ikun mimli Ingliżi. Tessie żiedet tgħid li dan tal-aħħar kien mimli inkwadri bir-ritratti tal-*Squardrons* Ingliżi.



Il-ħanut ta' *Randa* li jinsab f'Misraħ il-Knisja kantuniera ma' Triq San Ġużepp

Hawn ma naqasx li s-sinjura Farrugia tagħmel referenza għall-Knisja Parrokkjali li hija l-aktar binja prominenti fil-pjazza. L-ewwel tajjeb li nifhmu li Tessie twieldet fl-1943. Il-gwerra kienet waslet fit-tmiem tagħha.[16] Biss il-ħsarat u r-riperkussjonijiet baqgħu jinħassu snin wara. Minn elf dar li kien hawn f'Ħal Luqa, tmien mija kienu milquta.[17] Fost l-oħrajn kien hemm parti sostanzjali sew mill-knisja li ġgarfet nhar id- 9 ta' April tal-1942.[18] B'memorja vivaċi, tiftakar sew ir-rikostruzzjoni tal-knisja, speċjalment meta nħatt il-kampnar tax-xellug u reġa' ġie mibni mill-ġdid. Dakinhar tal-attakk tad-9 ta' April 1942, il-kampnar sofra ħsarat konsiderevoli. *"Għal quddies konna nidħlu minn fejn llum għandu l-garage il-kappillan, mill-kamra msejħa tal-maskli"* peress li l-quddies kienet ssir fuq l-artal ta' Santa Marija. Il-kumplament tal-knisja kienet mġarrfa b'mod speċjali il-kursija u n-navi.[19]

## Tessie tiltaqa' ma' Emanuel Farrugia

Il-bniedem huwa destinat li jgħaddi minn fażijiet differenti fejn wieħed jitgħallem u jimmatura. Tessie bdiet tirrakonta fuq fażi oħra f'ħajjitha, dik meta ltaqgħet ma' Emanuel Farrugia. Kellha wieħed u għoxrin sena meta ltaqgħu. Sentejn wara li ltaqgħu, iżżewġu lil xulxin fid-19 ta' Ġunju tal-1966. Frankie Ciappara, ħu Tessie, kien il-ħutab sabiex laqqa' lil Emanuel ma' Tessie. Ħuwa kien wiegħed lil Emanuel li ser jgħaddilu kelma ma' oħtu. B'ton ċajtier Tessie qaltli, kif fil-bidu irrifjutat li toħrog ma' Emanuel iżda wara xi ġranet bidlet fhemita. Xi ħmistax wara aċċettat li tibda toħroġ miegħu. Mingħajr tlaqliq ta' xejn,

martu faħret il-kwalitajiet tas-sur Emanuel, li ddeskrivitu bħala "*raġel bilgħaqal ħafna*".

Il-quddiesa tat-tieġ saret fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal stess nhar id-9 ta' Ġunju 1966. Illum saret drawwa li normalment isir tieġ wieħed f'ġurnata. Iżda fil-ġurnata li żżewġet Tessie, warajha żżewġet Carmen Tabone. Kompliet tirrakonta kif wara l-quddies sar reċiviment it-*talkis* li kien hemm Triq Dun Pawl. Għal din l-okkażjoni tneħħew is-siġġjiet kollha sabiex jkun jista' jsir ir-reċiviment. Wara li żżewġet baqgħet tgħix Ħal Luqa. Eventwalment, Tessie kellha tlett itfal, Filomina msemmija għal ommha, wara sentejn kellha lil Arnold u wara erba' snin kellha lil Mario.



Emanuel u Tessie flimkien mat-tifel tagħhom u oħtha Rose

## Il-Festa ta' Sant'Andrija

Għal festa ta' Sant'Andrija tax-xitwa kienet tiżżanżan *coat* u kappell ġdid. In-nies kienu jattendu bi ħġarhom għall-funzjoni tal-knisja. *"Kulħadd kien ikun ferħan għax il-festa ta' Sant'Andrija u kulħadd jinkwieta ħabba x-xita"* dan għaliex meta kienet tagħmel ix-xita il-festa kienet titħassar. F'nhar il-festa kienet l-użanza ta' ħafna Ħalluqin li ma jmorrux għax-xogħol. Missierha jirrakkonta kif fl-imgħoddi kienu jintramaw lampi taż-żejt mal-faċċata tal-knisja. L-ewwel darba li ntużaw lampi tal-elettriku minflokk it-tazzi taż-żejt kien fil-festa ta' Novembru tal-1929.[20] Tessie tiftakar kif il-funzjoni reliġjuża kienet tkun sabiħa ħafna bil-kant tal-għosrien u l-matutin.

Ms. Camilleri kienet tgħallem il-kant flimkien mal-organista s-sur Azzopardi.[21] Il-vespri kienu jindaqqu kemm lejliet u f'nhar il-festa. Ma' din il-mużika kienet tindaqq ukoll l-antifona *Cum Pervenisset*. Dakinhar tal-festa kien ssir il-paniġierku filgħodu però l-purċissjoni ta' Sant'Andrija kienet toħroġ filgħaxija simili għal kif jiġri llum. Dan filwaqt li ċ-ċelebrazzjonijiet esterni ma kienux jonqsu.

Dak iż-żmien kien jintrama n-nar tal-art f'Misraħ il-Knisja minn ħdejn id-dar ta' Tessie għal quddiem il-ħanut ta' *Randa* li jiġi maġenb il-każin tal-*Labour*. Aktar tard ġie trasferit għal Triq id-9 ta' April. Għal din il-festa kienu jieħdu s-sehem ukoll il-baned tar-raħal. Kien jintrama ftit armar għal festa u xi ftit pavaljuni. Magħhom kienu jintramaw pilandri żgħar, waħda twila u oħra iżgħar. Ma' dawn kien jintrama l-planċier bit-twavel minn fejn il-banda tkun tista' tesegwixxi l-programm mużikali. Fuq kollox il-festa tax-xitwa ma kinitx issir bil-pompa li drajna biha llum. Meta l-festi ressqu għas-sajf, bdew jieħdu żvolta ġdida u ikbar. L-armar l-antik beda jinbidel u jsir isbaħ, filwaqt li l-festa bdiet issir fuq ġimgħa minflokk fuq jumejn. Biżżejjed insemmu kif il-planċier l-antik tal-Ajkla kien sar ġdid u isbaħ. Biss meta l-festi ġew trasferiti għas-sajf, il-funzjonijiet reliġjużi tilfu xi ftit mill-importanza tagħhom!

## Festi Sekondarji

Fost il-festi sekondarji li f'Ħal Luqa kienu jiġu ċelebrati, konna nsibu dik tal-Madonna



It-terħa li ħietet għal fuq l-artal mejda. L-artal maġġur kien għadu fil-post oriġinali

taċ-Ċintura fejn "*kienet ssir fuq jumejn lejlieta u nhara*". Il-Banda L-Unjoni kienet tieħu sehem kemm lejliet u nhar il-festa. Tal-Ajkla mhux biss kienu jieħdu sehem bil-banda, iżda kien jinħaraq xi nar kemm mill-ajru kif ukoll dak tal-art. Kienet festa li kienu jirrikoru numru ta' nies kemm minn Ħal Luqa kif ukoll minn barra r-raħal fosthom il-Gudja u Ħal Għaxaq. Dan anke għal fatt, li din kienet taħbat lejn l-aħħar tas-sajf u tlett xhur qabel il-festa liturġika ta' Sant'Andrija. Normalment dejjem kienu ikun bnazzi lejn l-aħħar ta' Awwissu bidu ta' Settembru. Biss kif jgħid il-qawl Malti, xemx u xita Alla jaf meta! Darba fost l-oħrajn kienet għamlet ix-xita u n-nar tal-art kollu daħluħ "*għand ta' ħdejna, tal-Konsa*" kompliet tgħid Tessie.

Sal-1986 naraw kif is-Socjetà L-Unjoni żammet mal-appuntament annwali tagħha li torganizza il-festa taċ-Ċintura.[22] Anke fl-1991 il-banda ħadet sehem f'din il-festa.[23] Tessie spjegatli kif il-festa ħadet daqqa l-isfel hekk kif inbidel il-kappillan Mons Innocenz Borġ. Fosthom irreferit għall-armar sabiħ li kien jintrama fil-festa taċ-Ċintura, "*speċjalment il-bandalori*". Frankie Ciappara ħu Tessie, kien l-aħħar prokuratur ta' din il-festa. Qablu kien hemm Ġużeppi Galea. B'ton ta' dieqa, esprimit id-dispjaċir tagħha kif lanqas il-purċissjoni ma għadha toħrog u wisq inqas l-vara ma għadha tintrama fuq il-bradella.

## Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Luqa

Il-festi tal-Ġimgħa mqaddsa huma tant għal qalb Tessie. Kont għadni ser insaqsija l-ewwel mistoqsija fuq dan is-suġġett hekk kif dlonk qalti "*O kemm hi sabiħa*". F'Ħamis ix-xirka missierha kien iħawwar il-borma tas-sepurklu li kienet titpoġġa wara l-artal. Il-Madonna tad-Duluri li nsibu fin-niċċa kienet tintrama wkoll bid-deheb. Mhux l-ewwel darba li kienu jispiccaw jordqu mad-Duluri minħabba l-fatt li bejn Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira il-Knisja kienet tibqa' miftuħa. Madwar ħamsin, sittin sena ilu il-festa tal-Ġimgħa l-kbira kienet tassew differenti.

Is-sinjura Farrugia tgħid kif fil-purċissjoni kien ikun hemm ħafna tfal lebsin iż-żimarri, flimkien mal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira ħlief dik ta' Ġuda li saret iktar tard. Tiftakar tajjeb meta fiż-żmien il-kappillan Dun Ġużepp Vella, kien ingħaqad kumitat sabiex il-bniet jibdew jieħdu sehem fil-purċissjoni lebsin ta' personaġġi. F'dan il-kumitat konna nsibu lil Tessie Farruġia, Karmena Muscat u lil Dolly. Issemma wkoll meta fl-1973 saret l-aħħar vara tal-Ġimgħa l-Kbira, dik ta' Ġuda. L-istatwa, il-bankun, u l-brazzi tħallsu minn Joe Bonniċi magħruf bħala z-*Zokkru*.[24] Il-bradella nħadmet bla ħlas minn Karmnu Psaila. Il-girlanda ħaddima b'xejn Ġakbu Ciappara.[25]

Nannuha Ġużeppi kien ħadem il-girlandi tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Uħud mill-girlandi l-oħrajn li nsibu llum, kien ħaddimhom is-sur Ġakbu Ciappara. Ta' min issemmi li missierha kien deletant ħafna tal-antikitajiet, tant li darba fost l-oħrajn xtara sett tal-vari żgħar tal-Ġimgħa l-Kbira. *"Il-munument huwa bħal ta' Ġież*u tar-Rabat" sostniet Tessie fl-intervista. Tajjeb li nirrimarkaw li l-familja Ciappara rregalat dawn is-sett vari lis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, sabiex ikomplu jitgawdew u jpaxxu l-għajn fis-snin li ġejjien.

Waqt l-intervista eleborat ftit kif kienet issir il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Din kienet iddur f'dawn it-toroq - Triq Sant'Andrija ddur għal Strada San Giorgio, Triq San Ġużepp u tasal lura f'Misraħ il-Knisja. Il-vari kienu jinġabru kollha l-pjazza u jiffurmaw il-figura tan-numru tmienja qabel ma jidħlu l-knisja. Minn Triq San Ġużepp kienu jduru minn quddiem il-persjana tad-dar ta' Tessie, jibqgħu jduru 'l fuq sakemm jaslu quddiem il-każin tal-*Labour*. Kienu jibqgħu telgħin sal-pjazza jduru ħdejn id-dar ta' Mrs Darmenia biex jibqgħu deħlin il-knisja. Mal-purċissjoni kien ikun hemm xi nies li jagħmlu l-wegħda bil-ktajjen marbutin ma' saqajhom. Illum din id-drawa nqatgħet minn mal-purċissjoni, għalkemm is-slaleb tal-wegħda għadhom jintrefgħu sal-lum.



*Kristu fl-Ort waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira*

Tessie tgħid ukoll li l-vari ma kienux jintrefgħu fil-maħżen fejn jinżammu llum. Uħud minnhom kienu jiġu merfugħa f'xi remissa. Fil-fatt fl-antik il-maħżen preżenti kien iservi ta' teatrin fejn kienu jsiru reċti tal-Milied. Saħansitra kien hemm palk minn fejn ikunu jistgħu jittelgħu r-reċti.

## Purċissjonijiet Oħrajn

Iż-żmien jinbidel u miegħu jinbidlu l-ħsibijiet u t-tradizzjonijiet. Is-soċjetà Maltija bdiet tesperjenza tibdiliet ukoll, frott l-influwenza ta' dinja li kulma jmur dejjem bdiet issir globalizzata. Mal-progress inqatgħu diversi affarijiet fosthom xi festi u purċissjonijiet li kienu jsiru fir-raħal. Semmitli kif fl-imgħoddi kienet issir il-purċissjoni tat-*Terza Domenica*. Il-purċissjoni kienet issir fit-tielet Ħadd tax-xahar fejn fiha kienet issir purċissjoni żgħira bis-sagrament, il-qassisin u xi fratelli. Xħin kienu jagħtu l-benedizzjoni kienu jisparaw il-maskli minn ħdejn il-kamra tal-maskli, illum insibu l-garaxx tal-kappillan. Ko-inċidentalment, Ġakbu Ciappara kien kiteb artiklu fuq *Il-Kamra tal-Maskli* fil-ħarġa ta' *Leħen il-Parroċċa tal-1981*. Fost l-oħrajn isemmi, kif żmien ilu minn din l-kamra kienu jikkargaw il-maskli għall-festi.[26]

Ma jistax jonqos li waqt l-intervista s-sinjura Farrugia ssemmi l-purċissjoni ta' Corpus. "*Kienet tintrama Tribuna quddiemna, u ssir purċissjoni filgħodu ddur dawra tond. Kienet tgħaddi minn ħdejn it-tribuna u terġa' tispiċċa l-knisja. Filgħaxija kienet*



Purċissjoni tat-Terza Domenica

*issir funzjoni fil-pjazza"*. It-tfal kienu jieqfu kollha ħdejn it-tribuna. Kien ikun hemm prietka ċkejkna u tingħata l-benedizzjoni. Mill-kamra tad-dar ta' Tessie, kien jindaqq l-armonju u t-tfajliet kienu jkantaw l-innijiet. Iżda l-isfortuna riedet li din it-tribuna tinħaraq għalkemm tajjeb li nsemmu li għad fadal diversi partijiet minnha li għadhom tajbin u hemm il-ħsieb li xi darba terġa' tiġi rrestawrata.

Fin-nuqqas ta' din tribuna, Tessie bdiet tarma d-damask quddiem il-bieb. Kien hemm żminijiet fejn kienet tarma l-bankina, l-artal, u kienet tingħata l-benedizzjoni minn ħdejn id-dar. Fl-antik kienet tingħata l-benedizzjoni minn ħdejn il-kappella li kien hemm fi Triq San Ġużepp, imbagħad wara jibqgħu ġejjin il-knisja. Għal din il-festa kienet toħroġ il-qsari biex iżżejjen. Illum il-ġurnata ssir biss purċissjoni bit-tfal tal-praċett wara nofsinhar.



*It-Tribuna armata f'misraħ il-knisja nhar il-festa ta' Corpus*



*Grupp ta' tfal ħdejn it-tribuna armata għall-festa ta' Corpus*

## Għeluq

Dawn ir-rakkonti ta' Tessie Farrugia huma wirt l-esperjenzi sbieħ u koroħ li għaddiet tul ħajjietha. Għexet tfulitha fis-semplicità minkejja t-tbatijiet u nuqqas ta' kumditajiet. Ġarrbet tassew l-effetti ta' wara l-gwerra, taf ta' bilħaqq x'distruzzjoni ġġib il-gwerra magħha. Kibret u rabbiet familja, filwaqt li dejjem baqgħet leali lejn il-prinċipji reliġjuż tagħha. It-tradizzjonijiet u drawwiet reliġjuzi huma minquxa f'ħajjietha, mhux ta' b'xejn kliema mimli passjoni għal użanzi u drawwiet li kienu u għadhom isiru ġewwa raħalna, Ħal Luqa.

Hija bniedma li taf tgħaraf tgħin u tħenn għal proxxmu. Kienet preżenti fiż-żminijiet diffiċli mal-għeżież tagħha li llum ma għadhomx magħna fosthom il-ġenituri, Ġakbu u Filomena, oħta Rose u r-raġel Emanuel. Żgur li kull wieħed u waħda minnhom kellhom x'jirrakkontaw mill-passat, iżda jekk rakkonti bħal dawn ma jinkitbux, jintilfu mat-tmiem tal-ħajja. Rakkont bħal dan ta' Tessie u oħrajn huma ta' bilħaq kontribut lejn il-kontinwità tal-istorja tar-raħal. L-istorja hija xi ħaġa ħajja, ma nistgħu qatt nikkuntentaw b'dak li nkiteb biss fil-passat, irridu nkunu aħna li nindukrawha.



*L-artal armat għall-festa ta' Corpus, quddiem id-dar ta' Tessie qalb id-damask u l-qsari*

*N.B: L-intervista saret id-dar tagħha f'Misraħ il-knisja nhar ta' 16 Mejju 2017. Saru ukoll xi punti ta' klarifikazzjoni nhar it-3 Ġunju 2017.*

**Referenzi:**

[1] Programm tal-Festa 2015. Soċjetà Filarmonika l-Unjoni A.D. 1880, paġna 133
[2] Programm tal-Festa 2015. Soċjetà Filarmonika l-Unjoni A.D. 1880, paġna 133
[3] Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni paġna 189
[4] Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni paġna 197
[5] Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni paġna 201
[6] Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni paġna 200
[7] Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni paġna 357
[8] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, paġna Dun Ġużepp Micallef
[9] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, paġna 238 Dun Ġużepp Micallef
[10] Fl- 2015 il-kunsill parrokkjali qabel mal-proposta tal-kappillan Dun Gordon Refalo li l-quddies tas-sitta ta' filgħodu tinqata' mill-parroċċa minħabba nuqqas ta' qassisin u nuqqas ta' konkorrenza għal din il-quddies.
[11] Il-franella kienet tkun drapp tas-suf biex jixrob l-għaraq.
[12] 60 year ago: Lancaster crashes into Luqa Village, Richard Caruana, The Sunday Times of Malta
[13] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, paġna 287, Dun Ġużepp Micallef
[14] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, paġna 313, Dun Ġużepp Micallef
[15] Leli l-*barbier* kellu wkoll ħanut tal-armi quddiem il-każin tal-ajkla.
[16] Raħal Fi Gwerra, paġna 108, Dun Ġużepp Micallef
[17] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, paġna 307, Dun Ġużepp Micallef
[18] Raħal Fi Gwerra, paġna 62, Dun Ġużepp Micallef
[19] In-navi fejn hemm San Duminku u l-qalb ta' Ġesu`
[20] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, paġna 287, Dun Ġużepp Micallef
[21] L-organista Azzopardi huwa missier patri Timotju Azzopardi.
[22] Ħal Luqa u l-banda tagħha l-Unjoni paġna 292, Frans Galea
[23] Ħal Luqa u l-banda tagħha l-Unjoni paġna 296, Frans Galea
[24] Iz-*Zokkru* kont ssibu jddoqq il-kastanjoli fil-marċijiet tal-festa.
[25] Ħal Luqa u l-banda tagħha l-Unjoni paġna 264, Frans Galea
[26] *Il-Kamra tal-Maskli,* James Ciappara, Leħen il-Parroċċa Ġunju/Lulju 1981 paġna 9








# 10 Snin
# mir-Rebħ tal-Ewwel Festival tan-Nar tal-Art 2007 – 2017




# Għaxar Snin mir-Rebħ tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art

**Neil Zammit**

Din is-sena jaħbat għeluq l-għaxar anniversarju mir-rebħ tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art li sar fuq il-Fosos tal-Floriana nhar is-Sibt 21 t'April, 2007. F'dan il-festival kienu ħadu sehem erbatax-il kamra tan-nar, fosthom dik tas-Soċjetà tagħna u l-ġurija kienet magħmula minn pirotekniċi internazzjonali mill-Ingilterra, Spanja u l-Isvezja.

Kienet tassew ferħa kbira u mhux mistennija meta ġriet l-aħbar li l-Ewwel Edizzjoni tal-Festival tan-Nar tal-Art ġiet mirbuħa mill-Kamra tan-Nar Sant'Andrija fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ta' Ħal Luqa. Ir-riżultat tħabbar il-Ħadd 22 ta' April mill-organizzaturi tal-festival fil-preżenza tas-Sindku tal-Furjana u l-ġurija kollha li ħadet sehem. Fil-fatt, il-Kamra tan-Nar Sant'Andrija rebħet il-kategorija għall-aħjar mekkaniżmu u dik għall-aħjar prodotti, kif ukoll ġiet iddikjarata bħala rebbieħa assoluta ta' dan il-festival. Dan kien ta' sodisfazzjon kbir għall-membri u l-partitarji tas-Soċjetà għaliex b'hekk, inkitbet paġna oħra tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà tagħna.



Għal ġimgħat sħaħ, il-membri tal-Kamra tan-Nar ħadmu lkoll id f'id sabiex jirrapprżentaw lis-Soċjetà bl-aħjar mod possibbli. Dan ix-xogħol sar kollu volontarjament b'dedikazzjoni liema bħalha. L-imħuħ prinċipali wara dan is-suċċess miksub kienu Kevin Camilleri u Lino Ciappara, li flimkien ma' Karmnu Spiteri (dak iż-żmien *Licencee*) u l-membri l-oħra tal-Kamra tan-Nar ħadmu għal dan is-suċċess kbir miksub għall-ewwel darba f'pajjiżna. Żgur li għandna nħossuna kburin b'dak kollu li twettaq għaliex b'hekk għollejna dejjem aktar isem is-Soċjetà tagħna, isem raħalna u l-manifattura tal-piroteknika f'pajjiżna.

Iċ-ċelebrazzjoni li saret f'Ħal Luqa wara dan ir-riżultat miksub kienet waħda li tibqa'

memorabbli. Il-Kumitat tas-Soċjetà ħa ħsieb jorganizza marċ brijuż nhar il-Ħadd 29 t'April bis-sehem tal-Banda L-Unjoni. Il-marċ beda għall-ħabta tad-9:30am u għadda minn diversi toroq tal-lokal sakemm spiċċa quddiem il-Każin tas-Soċjetà fi Triq Sant'Andrija. Ftit tal-jiem wara, ġiet organizzata ikla kbira fi Triq Sant'Andrija mill-membri tal-Kamra tan-Nar, fejn għaliha attendew diversi membri u partitarji tas-Soċjetà.



Bix-xieraq li f'għeluq l-għaxar snin minn din ir-rebħa, nifirħu mill-ġdid lill-membri tal-Kamra tan-Nar li rnexxielhom jiksbu dan l-unur prestiġjuż għall-ewwel darba f'pajjiżna. Żgur li huma kburin b'dak li għamlu għas-soċjetà, u aħna bħala membri tal-istess Soċjetà fid-dmir li pubblikament ngħidulhom prosit u grazzi. Dan is-suċċess jagħmel unur lis-Soċjetà L-Unjoni u l-Kamra tan-Nar Sant'Andrija, waqt li tkompli timla lill-membri fi ħdanha bil-kuraġġ sabiex inkomplu nkabbru isem is-Soċjetà tant għażiża għalina.




# L-Innu Marċ *Sant'Andrea Apostolo* jagħlaq 125 sena



Kien proprju fis-sena 1892, mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, meta s-Surmast Direttur tal-Filarmonika *L'Unione*, Prof. Gaetano Grech ikkompona l-Innu Marċ *Sant'Andrea Apostolo* li għadu ta' kull sena jindaqq fil-festa ta' Sant'Andrija mill-Banda tagħna. Dan l-innu jqajjem ferħ u entużjażmu liema bħalu hekk kif jinstemgħu l-ewwel noti minn tiegħu, u jindaqq diversi drabi matul il-ġimgħa tal-festa.

Fl-arkivji tas-Soċjetà tagħna għadna nsibu xogħlijiet oħra tas-Surmast Gaetano Grech, fosthom *Inno di Gloria* ddedikat lil Sant'Andrija, xogħol għall-banda, tenur u kor tat-tfal, xogħlijiet sagri fosthom *Stabat Mater*, li ta' min jgħid li ndaqqet din is-sena fil-Kunċert ta' Mużika Sagra ġewwa l-Knisja, quddiesa miktuba għall-Prima Messa ta' Dun Rosario Cremona, numru ta' responsorji u għadd ta' marċi brijużi u funebri.

Il-Prof. Gaetano Grech serva wkoll bħala surmast ta' baned oħra lokali, fosthom *Sant'Andrija* ta' Ħal Luqa, *San Giorgio* ta' Bormla, *L'Unione* tal-Birgu u *La Vincetrice* tal-Isla.



*Il-partitura oriġinali tal-Inno Marcia Sant'Andrea Apostolo*

# 40
# Sena ilu...





*Bozzetti tal-kwadri laterali tal-Kappellun tal-Agunija, xogħol il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi (1967)*




# L-Orgni tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa jagħlaq Ħamsin Sena

**Neil Zammit**

Din is-sena jaħbat għeluq il-ħamsin sena minn meta instema' għall-ewwel darba l-orgni maestuż tal-Knisja Parrokkjali tagħna. Dan l-orgni huwa opra mill-aqwa li saret bit-tħabrik tal-Kappillan Mons. Innoċenz Borg mid-ditta *Mascioni* tal-Italja. Tajjeb li qabel xejn ngħidu li d-ditta *Mascioni* diġà kellha reputazzjoni tajba f'pajjiżna minħabba l-fatt illi diġà kienet ħadmet xi orgnijiet għal diversi knejjes madwar Malta u Għawdex. Fost dawn insibu dak ta' Ħal Safi (1923) li kien l-ewwel orgni f'pajjiżna ta' din id-ditta, tar-Rabat (1948), tal-Marsa (1949), tal-Birgu (1960), tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann (1960), tar-Rabat Għawdex - Agostinjani (1965), ta' San Ġiljan (1966) u fl-aħħar nett dak ta' Ħal Luqa li sar fl-1967. Però, qabel ma nitkellmu dwar l-orgni tagħna, tajjeb li nidħlu ftit fil-familja *Mascioni* u l-istorja tagħha.

### Id-ditta Mascioni

Fil-fatt l-istorja tad-ditta *Mascioni* tmur lura sal-1829, meta Giacomo Mascioni (1811-1896) fetaħ ħanut tat-tiswijiet tal-orgni ġewwa Commacchio. Wara ftit taż-żmien, il-fama tiegħu bdiet tikber sewwa u b'hekk insibu lil Giuseppe Antonio u Pasquale Antonio, li kienu patrijiet, jipperswadu lil ħuhom Giacomo sabiex jiftaħ fabbrika għall-manifattura tal-orgnijiet. Wara perjodu ta' studju, kemm mużikali taħt il-kompożitur Pietro Della Valle (1782-1858), kif ukoll fix-xogħol manwali, Giacomo ingħaqad ma' Gaspare Chiesa fil-manifattura tal-orgnijiet. Għall-bidu Giacomo sab dan ix-xogħol ftit iebes, sakemm aktar ma beda jgħaddi ż-żmien irnexxielu jaħtaf diversi opportunitajiet. Fil-fatt, flimkien ma' wliedu Anacleto (1837-1893), Bernardo (1844 -1890) u Gaspare (1848 - 1893), Giacomo ħadem l-ewwel orgnijiet taħt l-isem *Mascioni*, fosthom dawk ta' Germignaga (1835), Arona (1842) u Gravedona (1850). Ix-xogħol kien imfaħħar ħafna, u dan wassal lid-ditta *Mascioni* sabiex taħdem ukoll



għall-Barnese Jura fl-Isvizzera. Sadanittant, diversi klijenti Taljani bdew jordnaw l-orgni tagħhom mingħand din id-ditta u dawn bdew ilaħħqu għal tnejn fis-sena.

Wieħed mill-ulied ta' Bernardo, Vincenzo (1871-1953) għamel isem kbir f'dan il-qasam u ġab id-ditta *Mascioni* bħala waħda mill-ewlenin madwar id-dinja. Fil-fatt, Vincenzo beda jaħdem bħala apprentista fil-fabbrika fis-sena 1883 fl-età ta' tnax-il sena. Wara l-mewt ta' missieru, Vincenzo ħa t-tmexxija tal-fabbrika f'idejh, filwaqt li ħuh Enrico (1869-1946) daħal fil-fabbrika bħala disinjatur, wara li kien studja fl-Accademia di Brera ta' Milan. B'hekk id-ditta Mascioni kienet qed tibni orgnijiet kemm b'ħoss mill-isbaħ kif ukoll b'disinn li jiġbed l-għajn u li jipproġetta l-ħoss tal-orgni nnifsu aħjar.

Minkejja s-suċċess li kien qed jintlaħaq, kien hemm xi tilwim bejn Giacomo, il-fundatur tad-ditta, u Vincenzo rigward il-proċess tar-riforma fl-orgni. Giacomo ma ried bl-ebda mod jaċċetta din ir-riforma, filwaqt li Vincenzo kien ċert li jekk ma jaġġornax, il-fabbrika kienet ser taffaċċja problemi serji. B'hekk Vincenzo ma kellux triq oħra għajr li jitlaq mill-fabbrika mwaqqfa minn Giacomo u jiftaħ il-fabbrika tiegħu ġewwa Azzio. Vincenzo kompla javvanza fit-teknika tal-manifattura. M'għandniex xi ngħidu, l-ordnijiet komplew jiżdiedu u dan wassal sabiex diversi knejjes madwar l-Italja kollha akkwistaw l-orgni tagħhom mingħand id-ditta *Mascioni*. Fost dawn insibu l-knejjes ta' Luino, Vercelli, Busto u oħrajn. Insibu wkoll orgnijiet f'diversi akkademji mużikali fosthom ta' Napli, Venezja, Bergamo, Bologna u Como.

Wara li ntemmet l-Ewwel Gwerra Dinjija, it-tfal ta' Vincenzo daħlu wkoll fil-fabbrika ta' missierhom. Fost dawn insibu lil Giacomo (1897-1975), Angelo (1907-1969), Vincenzino (1910-1975) u Tullio (1914-1999). Insibu li wara li ntemmet il-gwerra, l-ordnijiet għall-manifattura ta' orgnijiet ġodda kienu ftit, sakemm dawn reġgħu ħadu spinta qawwija fl-1920. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll ix-xogħol ta' restawr li d-ditta *Mascioni* wettqet fuq diversi orgnijiet matul is-snin. Wieħed irid jiftakar li sa dan iż-żmien, l-orgni kien jaħdem permezz tal-minfaħ, u kien għalhekk li f'din l-epoka l-aħwa Mascioni bdew jaħsbu għall-orgni elettriku.

Wieħed mill-aktar orgnijiet importanti li bniet id-ditta *Mascioni* kien dak għall-Istitut Pontifiċju tal-Mużika Sagra ġewwa Ruma. Dan il-fatt tlesta fl-1932, fuq disinn ta' Raffaele Manari. Fl-1934, il-Kardinal Gaetano Bisleti u d-Dekan tal-Istitut Pontifiċju Rev. Paolo Ferretti talbu lill-Papa Piju XI sabiex jonora lil Vincenzo Mascioni bit-titlu ta' Kavallier tal-Ordni ta' San Girgor il-Kbir għax-xogħol mill-aqwa li kien qed jagħmel. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Kardinal Pacelli u d-digriet ġie iffirmat nhar il-11 ta' April tal-istess sena. Tul il-medda tas-snin, aktar orgnijiet ġew manifatturati fosthom dak li jinsab fis-sala prinċipali tal-udjenzi tal-Papa fil-Vatikan, kif ukoll dak tal-Katidral ta' Milan, li huwa meqjus bħala wieħed mill-akbar li qatt ħadmet din id-ditta. Ta' min jinnota li f'Ruma biss, id-ditta *Mascioni* ħadmet madwar ħamsa u sebgħin orgni.

Waslet it-Tieni Gwerra Dinjija, u minkejja li dan iż-żmien kien wieħed diffiċli, il-fabbrika baqgħet dejjem miftuħa. Wara li ntemmet il-gwerra, Vincenzo Mascioni kompla fit-tmexxija tal-fabbrika, fejn il-manifattura issa bdiet tlaħħaq għal madwar 15-il orgni fis-sena. Fit-12 t'Awwissu 1950, il-fabbrika ġiet maħkuma min-nirien qawwija u kważi nqerdet għalkollox. Ix-xogħol ta' rikostruzzjoni fuq il-fabbrika kien lest sa Ottubru tal-istess sena. Kien il-21 ta' Lulju 1953 meta Vincenzo Mascioni ħalla din id-dinja waqt li d-ditta kienet għaddejja fuq ir-restawr tal-Orgni tal-Knisja ta' Santa Maria Maggiore fi Trento. Wara l-mewt ta' missierhom, it-tmexxija tal-fabbrika għaddiet f'idejn uliedu.

Kull wieħed minnhom kellu kapaċitajiet differenti u b'hekk id-ditta setgħet tkompli tikber u tissaħħaħ. Insibu li l-fabbrika bidlet isima għal *'Famiglia Artigian V. Mascioni.'*. Ġenerazzjoni oħra ingħaqdet mad-ditta Mascioni meta daħlu jaħdmu l-ulied ta' Ernesto: Eugenio, Enrico u Mario u iben Tullio, Giovanni. Kien proprju f'dan ix-xenarju li nbenda l-orgni tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa fis-sena 1967.

## L-orgni ta' Ħal Luqa

Kif semmejna aktar 'il quddiem, id-ditta *Mascioni* kienet diġà ħadmet xi orgnijiet għal diversi knejjes f'Malta u Għawdex. Fil-fatt nistgħu ngħidu illi l-ewwel idea għall-orgni tal-knisja tagħna nibtet meta f'Malta kien hawn preżenti rappreżentant mid-ditta *Mascioni* waqt ix-xogħol fuq l-orgni tal-Knisja ta' San Ġiljan. Dan kellem lill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Mons. Innocenz Borg u tah stima għal orgni li jixbah ħafna lil dak ta' San Ġiljan. Għall-ewwel, il-Kappillan m'aċċettax il-proġett minħabba li l-Knisja kienet għadha qed tiżżejjen wara li nbniet mill-ġdid. Wara xi ftit taż-żmien, Mons. Borg tħajjar għal dan il-proġett ambizzjuż, u reġa' kellem lil dak ir-rappreżentant tad-ditta *Mascioni*. Dan tal-aħħar reġa' ippreżenta stima, din id-darba għal orgni ta' 7,000 lira sterlina. Il-Kappillan rah għoli wisq, u għalhekk talab li jsir proġett ieħor b'inqas flus. Min-naħa tiegħu, ir-rappreżentant tad-ditta hejja stima oħra, din id-darba għal orgni ta' 4,000 lira sterlina. Meta l-Kappillan ra din l-istima l-ġdida, huwa ħass li dan l-orgni kien ser ikun żgħir għall-knisja tagħna u għalhekk, wara ħafna konsultazzjoni, sar qbil li jinħadem orgni għall-prezz ta' 5,000 lira sterlina u b'hekk jitkabbar ftit ieħor. L-ispiża ta' 5,000 lira sterlina kienet waħda sostanzjali għal dak iż-żmien, u għelhekk kienet saret skema ta' ġbir mingħand kull familja. Kienu jiltaqgħu grupp ta' xebbiet u jiġbru *6 pence* (2c5) fil-ġimgħa. Bit-tmexxija għaqlija tal-Kappillan u bil-ġenerożità kbira tal-poplu, l-orgni kien inxtara u ġie mżanżan nhar il-festa ta' Sant'Andrija tal-1967. L-orgni fih żewġ tastieri u pedaliera, 15-il reġistru reali, 12-il reġistru mekkaniku u 1100 suffara.

Għaddew ħamsin sena, u llum għadna nistgħu ngawdu l-ħoss mill-isbaħ ta' dan l-orgni waqt il-funzjonijiet reliġjużi li jsiru bl-akbar solennità fil-Knisja Parrokkjali tagħna, kif ukoll waqt xi kunċerti li jingħataw fil-knisja tagħna f'xi okkażjonijiet partikolari. Għalhekk huwa xieraq u dmir tagħna lkoll li napprezzaw din l-opra mill-aqwa li ħallewlna missirijietna sabiex b'hekk ngħadduha lil dawn ta' warajna. Hemm ukoll il-ħsieb li xi darba dan l-orgni jiġi restawrat ukoll biex jerġa' jikseb il-ħsejjes oriġinali li kellu ħamsin sena ilu. Kollox isir f'ħinu u f'waqtu... żgur li mhux ser jitħalla għal riħu! Xieraq li nroddu ħajr lil qatt minsi Mons. Innocenz Borg għall-inizjattiva li kien ħa sabiex seta' jsir dan il-proġett ambizzjuż kif ukoll lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom sabiex din il-ħolma setgħet titwettaq.

**Referenzi**
Sit uffiċjali tad-Ditta *Mascioni (2006)*
Dokumenti oriġinali pprovduti mid-Ditta *Mascioni (2017)*
Testimonjanzi bil-miktub ta' Mons. Innocenz Borg (eks Kappillan)




# Id-Dfin f'Ħal Luqa

**Eman Bonnici**

Raħal qadim bħal dak ta' Ħal Luqa ma jistax jonqos milli jkollu huwa wkoll storja twila b'rabta mad-dfin. Ġaladarda kull bidu għandu t-tmiem, u għaldaqstant il-bniedem seħħlu, ikun fejn ikun, jidfen lil niesu, hekk ukoll dan ir-raħal, kellu oqsma u żviluppi diversi fejn jidħol il-kunċett ta' tmiem il-bniedem fuq din l-art. Antikament, in-nies ta' Ħal Luqa kienet tindifen Bir Miftuħ, li lejha kienet suġġetta qabel it-twaqqif tal-parroċċa fl-1634. Mat-tlugħ tal-knisja l-qadima ta' Sant'Andrija, li sorġiet fir-raħal lejn nofs is-seklu sittax, il-Ħalluqin bdew jidfnu l-mejtin tagħhom f'daqsxejn ta' ċimiterju li twaqqaf biswitha, li fih kellu fost l-oħrajn tliet kappelli ddedikati lil San Ġiljan, San Anton Abbati u l-Viżitazzjoni tal-Madonna, li eventwalment tneħħew flimkien mal-kumplament tal-midfen sabiex jinħoloq spazju għal knisja parrokkjali ġdida. Mat-tlugħ tagħha, id-dfin tal-parruċċani beda jsir minflok direttament fiha, bil-paviment tal-knisja ffurmat miċ-ċangatura u l-kaptelli tal-oqbra nfushom, imferrxa tul il-korsija u fil-kappelluni, waqt li l-kleru kellu oqbra riservati għalih fil-kor. Meta sforz tar-regolament tas-Sinodu Djoċesan tal-1723, matul l-episkopat ta' Mons. Gaspare Gori Mancini, ġie ordnat li l-oqbra tal-kor u dawk ta' taħt l-artali ma jintużawx aktar, tħaffret minflok l-oqbra tal-kor, kripta taħtu, riservata naturalment għall-użu tal-kleru, li tlestiet fl-1731 u kellha taraġ jagħti għaliha minn ġos-sagristija.

Għas-sena 1740, l-oqbra tal-korsija u tal-kappelluni ġew irranġati, waqt li saru wkoll oħrajn ġodda. B'kollox kien hemm fil-knisja wieħed u tmenin qabar. Id-dfin fiha dam għaddej fiha sal-1933, meta mal-ftuħ taċ-ċimiterju parrokkjali, wara li l-fdal ta' dawk midfuna hawnhekk ġie trasferit lejn il-kampusant il-ġdid,



*Il-Knisja Parrokkjali bil-kapitelli fejn kien isir id-dfin*




*Waħda mil-lapidi tal-irħam*

id-dfin beda jsir direttament ġo fih. Il-lapidi li kien hemm fuq l-oqbra ttieħdu fil-kappella ta' Santa Marija tal-Ftajjar, fejn għadna nsibuhom sal-lum. Il-kripta msemmija tal-kleru, wara li fid-9 ta' April 1942 il-knisja ġarrbet ħsarat kbar wara attakk mill-ajru, mat-tlugħ tal-knisja preżenti, intradmet u ntilfet.

La semmejna ċ-ċimiterju parrokkjali, tajjeb insemmu li dawn l-inħawi intgħażlu l-ewwel darba għad-dfin lura fl-1676, meta wara li l-flaġell qerriedi tal-pesta wasal Ħal Luqa, il-katavri tal-vittmi ndifnu f'għalqa kkonsagrata fi Triq il-Gudja, magħrufa bħala 'l-Għalqa l-Kbira'. Dan wassal sabiex l-inħawi jibdew jissejħu eventwalment bħala 'l-Għelieqi tal-Mejtin'. L-ewwel vittma kien Mikiel Azzopardi li miet fid-9 ta' April waqt li l-aħħar waħda kienet Grazzja De Tommaso fis-17 ta' Lulju. B'kollox fir-raħal mietu sitta u sittin ruħ. Ma' tmiem l-epidemija, l-għalqa ddawret b'ħajt u hekk ħadet il-qagħda ta' ċimiterju. Biswit dan l-istess post, illum hemm iċ-ċimiterju parrokkjali li jidher li ttella' sewwasew maġenb is-sit li fih indifnu l-impestati, li minfloku llum hemm mgħoddija t-triq, għax kif kien soltu jiġri, l-oqbra tagħhom ma ntmessux minħabba l-biża' ta' tixrid ta' mard. Fil-pesta tal-1813, iċ-ċimiterju laqa' mill-ġdid numru ta' vittmi, bit-total ilaħħaq mal-ħamsin ruħ, iżda minħabba nuqqas ta' spazju, il-kumplament tal-vittmi, li b'kollox kienu sebgħa u sittin wieħed, indifnu fil-kappella tal-Ftajjar. Aktar tard, meta fi żmien il-kappillan Dun Lorenzo Frendo Rossi, l-arluġġar Mikelanġ Sapiano, bħala prokuratur tal-erwieħ, kellu taħt il-ħarsien tiegħu ċ-ċimiterji kollha tar-raħal, peress li sa dik il-ħabta ma kien hemm l-ebda sinjal li jindika li l-post kien midfen, Sapiano ġietu l-idea li jibni niċċa bi xbieha tal-Madonna tad-Duluri biex'hekk jindika li f'dan il-post hemm xi ħaġa qaddisa u jnissel ċerta devozzjoni min-nies li jgħaddu minn hemm. Meta mbagħad prokuratur minfloku sar Dun Pietru Demicoli, dan mhux biss irrestawra n-niċċa, imma wkoll iċ-ċimiterju nnifsu. Billi sa dak iż-żmien fiċ-ċimiterju ma kienx hemm oqbra u l-mejtin kienu jinsabu midfuna fil-ħamrija, saru forma ta' passaġġi u nżergħu siġar taż-żebbuġ u xtieli oħra biex ikunu jistgħu jintużaw għall-festi tal-parroċċa. Fil-ġnub tal-passaġġi tqiegħdu balavostri li darba kienu jdawru z-zuntier tal-knisja parrokkjali meta dawn inqalgħu waqt il-bini tan-navi fl-1901.

Aktar tard, matul il-parrokat ta' Dun Salvatore Pavia, sewwasew fit-8 ta' Marzu 1933, ingħata permess mill-gvernatur biex iċ-ċimiterju l-qadim jitkabbar u hekk jinqata' darba għal dejjem id-dfin fil-knisja parrokkjali. F'Awwissu tas-sena ta' wara, l-Arċisqof Mauro Caruana OSB., ta b'xejn lill-parroċċa ta' Ħal Luqa tliet tomniet raba' proprjetà tal-Kurja annessi maċ-ċimiterju sabiex jintlaħaq dan l-iskop. Il-perit Indrì Micallef għamel il-pjanta, filwaqt li ħaddiema Ħalluqin ħadmu x-xogħol ta' kostruzzjoni b'xejn. Ix-xogħol dam sejjer erba' snin u ntemm matul il-parrokat ta' Dun Ġużepp Debono minn



Il-bini taċ-Ċimiterju Parrokkjali fil-bidu tas-snin tletin



It-tberik taċ-Ċimiterju Parrokkjali

Bormla, li ħadem sabiex jitlesta dan is-sit u hekk eventwalment jinqata' għalkollox id-dfin mill-knisja. Iċ-ċimiterju tbierek fil-5 ta' Marzu 1939 mill-Vigarju Ġenerali Mons. Paolo Galea. Matul is-snin iċ-ċimiterju ġie estiż darbtejn oħra: l-ewwel fi żmien il-parrokat ta' Dun Ġużepp Vella (1986-92) u aktar tard matul dak ta' Dun Karm Camilleri (2003-11).

Id-dfin f'Ħal Luqa ma kienx madankollu limitat biss għall-knisja parrokkjali u għal dak li llum huwa ċ-ċimiterju tar-raħal. Il-kappella msemmija ta' Santa Marija tal-Ftajjar fi Triq il-Karmnu, ukoll laqgħet fiha bosta katavri. Fost l-ewwel nies li ndifnu fiha kien hemm il-Kanonku Dun Luca Bonnici, kantur tal-Katidral, li miet fit-22 ta' April 1619, li beda jieħu ħsieb il-kappella mar-riżenja ta' ħuh, il-Kanonku Dun Simone. Fil-parti l-kbira, l-użu tagħha fejn jidħol id-dfin kien riservat għal dawk li jmutu b'mard jittieħed. Bejn l-1799 u l-1800 infatti ndifnu fiha tmienja u għoxrin ruħ li mietu bit-tifu u l-malarja, waqt li numru ta' vittmi tal-pesta tal-1813 ukoll sabu rwieħhom fiha, fosthom żewġ Qriema, peress li dawn ma setgħux jindifnu fil-parroċċa tagħhom ta' San Ġorġ sforz tal-marda infettiva li mietu biha.





Iċ-Ċimiterju ta' Wied il-Knejjes, fejn tinsab ħafna skultura mill-knisja parrokkjali l-antika



*Dehra taċ-Ċimiterju ta' San Tumas fil-bidu tas-seklu għoxrin*

Dak li huwa magħruf bħala 'ċ-ċimiterju ta' Wied il-Knejjes' sorġa mbagħad bejn l-1592 u l-1593, mill-ġdid għall-vittmi tal-pesta, f'għalqa mogħtija għan dan il-għan minn ċertu Mariano Taliana. Mons. Gargallo fil-viżta tiegħu fl-1600 isemmi dwaru li "fih hemm midfunin ħafna iġsma tal-mejtin li ntilfu fil-pesta".

Int u sejjer Ħal Farruġ, kienet teżisti darba daqsxejn ta' knisja ddedikata lil San Tumas Appostlu. Ipprofanata minħabba l-istat ta' abbandun li kienet tinsab fih minn Mons. Balaguer Camarasa fl-1656, l-Isqof Giovanni Carmine Pellerano ordna li tinħatt għalkollox fl-1771. Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, l-imsemmi Dun Pietru Demicoli u ċertu Indrì Spiteri ħadu interess f'dan il-post u waqt li kienu qed inaddfuh, sabu kwantità kbira ta' għadam. Dan kien il-fdal ta' dawk li ndifnu fiċ-ċimiterju li darba kien hemm biswit il-kappella. Għaldaqstant, wara li ddeċidew li jħallu l-post bħala ċimiterju, ħadu ħsieb jagħmlu urna tal-ġebel fin-nofs u fiha poġġew l-għadam kollu li nstab.

Ftit 'il bogħod mill-Knisja ta' Sant'Andrija antikament kienet teżisti kappella ddedikata lil San Nikola li llum m'għadhiex aktar. Din kellha madwarha ċimiterju magħluq b'ħajt tal-ġebel li naturalment illum spiċċa. Il-kappelli ta' San Nikola u t-Twelid tal-Madonna, li kienu jinsabu f'għalqa ta' ċertu Vincenzo Farrugia, kienu mdawrin ukoll b'ċimiterju, li kien magħluq b'ħajt tas-sejjieħ. Bħal ta' qabilhom, dawn il-kappelli flimkien maċ-ċimiterju, illum m'għadhomx jeżistu.

Fl-aħħar nett, meta mbagħad fl-1850 il-kolera reġgħet feġġet f'pajjiżna, f'Ħal Luqa mietu tlettax-il ruħ, bl-ewwel vittma tkun mara fit-23 ta' Lulju, segwita minn tnax oħra, li sebgħa minnhom kienu tfal taħt l-għaxar snin. Lil dawn difnuhom f'ċimiterju ġdid li għadna naraw sal-lum fi Triq Valletta. Dan kien wieħed miċ-ċimiterji li kien għadu kemm għamel il-gvern bil-għan li jaqta' mill-knejjes id-dfin ta' dawk li jmutu b'mard infettiv.

Ritratti meħuda mis-sit tal-parroċċa – www.luqaparish.com




# Il-Verżjoni bil-Malti tal-*Acta Andreae*

*L-Ewwel Parti*

**Kan. Dr Jonathan Farrugia**
*S.Th.D. (Inst. Pat. Aug., Romae)*

## Daħla

It-Testment il-Ġdid jagħti l-aktar episodji importanti mill-ħajja ta' Kristu, u jintroduċi persunaġġi oħrajn li wkoll kellhom rwol importanti fil-ħidma tiegħu, fosthom Marija, l-appostli u l-Madalena. Jiġri, iżda, li ħafna minn dawn ma jerġgħux jissemmew fil-Bibbja wara l-evanġelji, bil-konsegwenza li ma nafux kif tkompli l-ġrajja tagħhom wara li Kristu tela' s-sema. Dwar uħud mill-appostli għandna xi dettalji fl-*Atti tal-Appostli*, imma mhux wisq, għax dawn aktar jiffukaw fuq Barnaba u Pawlu. X'ġara, għalhekk mill-appostli l-oħra, mill-Madalena u minn Marija? Din kienet mistoqsija li staqsew ħafna nsara fl-ewwel sekli, u kien għalhekk li ġew komposti rakkonti oħra – li ntlaqgħux fil-Bibbja minħabba li nkitbu ħafna wara l-mewt tal-appostli – li permezz tagħhom il-kittieba ppruvaw 'jimlew il-vojt'. Huwa minn dawn il-kitbiet li nafu dwar il-martirji ta' wħud mill-appostli, u anke dwar xi vjaġġi li għamlu qabal tmiem ħajjithom; huwa wkoll minn dawn il-kitbiet li joħoġru aspetti mill-fidi li l-Knisja laqgħet fil-maġisteru tagħha, fosthom l-assunzjoni tal-Madonna.



Fil-każ ta' Indrì, ħu Xmun Pietru, l-eqdem manuskritti li għanda, magħrufa bħala l-*Atti ta' Indr*ì (*Acta Andreae*), huma frammet bil-Kopt ġej mir-raba' seklu u kopji aktar sħaħ (imma xorta b'partijiet neqsin) bil-Latin u bil-Grieg li ġejjin mis-seklu għaxra. Mill-istudji li saru fuq dawn it-testi, l-esperti tal-aġjografija waslu għall-konlużjoni li l-oriġinal inkiteb kmieni fit-tielet seklu, u li fih elementi aktar qodma, probabilment ġejjin mit-tieni seklu.

Hemm diversi fatturi li jsostnu din l-ipoteżi. L-ewwel nett kitba fuq l-atti tal-appostlu Indrì tissemma fis-*Salterju* tal-Manikej, li ġie kompost fis-seklu tlieta. Apparti minn dan, in-nuqqas ta' referenzi għal tagħlim eretiku dwar il-persuna ta' Kristu ukoll itina indikazzjoni taż-żmien meta nkiteb: kien żgur qabel ma feġġew l-ereżiji qliel li ħarbtu l-Knisja fis-seklu IV, u żgur wara li ġew megħluba l-ereżiji primittivi tal-ewwel żewġ sekli. Ewsebju ta' Ċesarija wkoll isemmih fl-istorja tal-Knisja li kiteb tul is-seklu IV u din ir-referenza tixhed li f'dan is-seklu l-ktieb kien magħruf minn bosta[1].

Bħalma għedna, verżjoni sħiħa ta' dawn l-atti ma waslitilniex, imma nafu xi ftit jew wisq kif kienet, għax fost il-kitbiet li ħallielna San Girgor ta' Tours (AD 538-594) insibu *abstract* ta' dawn l-atti. Kien grazzi għal din il-kitba li l-manuskritti setgħu jiġu ri-interpretati biex tinbena l-aktar verżjoni sħiħa u kronoloġikament korretta possibbli f'nofs is-seklu dsatax minn Constantin von Tischendorf[2]. Din li ġejja hija traduzzjoni, l-ewwel waħda bil-Malti, ta' dawn l-atti hekk kif miġbura minn dan il-biblista. Bħala bażi għal dan ix-xogħol Tischendorf uża primarjament żewġ manuskritti, wieħed tas-seklu X u ieħor tas-seklu XIV.

Qabel nibdew il-qari tajjeb inżommu f'moħħna li l-istil bikri tal-kitba nisranija fuq il-qaddisin kien differenti minn kif jinkitbu l-kotba llum. Spiss insibu djalogi u diskorsi twal u referenzi għal vjaġġi mingħajr wisq dettalji. Biex din it-tip ta' letteratura ma narawhiex tedjanti hemm bżonn nifhmu li l-għan tal-kittieba kien ikun dejjem wieħed moraleġġjanti, jiġifieri li l-ħsieb aħħari kien li jgħaddi tagħlim ikkunsidrat bħala tajjeb u li jista' jedifika lil min jaqrah. Din il-kitba li se nippreżentaw din is-sena ssegwi l-forma stilistika tal-*Acta*, li oriġinarjament kienu jkunu r-reġistrazzjonijiet magħmulha minn skrivana tal-gvernaturi tal-proċess legali li kien isir kontra l-akkużati. Kienu jkunu qishom *script* ta' xi xena fejn ikun hemm biss xi linja jew tnejn ta' introduzzjoni bla dettalji u mbagħad jibda d-djalogu bejn l-akkużat u l-gvernatur. L-eqdem fosthom huwa awtentiċi[3], imbagħad oħrajn ta' qaddisin li għexu qabel (bħall-każ tal-appostli) inkitbu wara fuq l-istess stil skont it-tradizzjonijiet li kienu għadhom ħajjin fost l-insara. Il-parti mill-*Atti ta' Indrì* li qed tiġi ppubblikata għall-ewwel darba bil-Malti hawn taħt hija proprju din ix-xena tal-proċess verbali li tinkorpora il-kapitli 1-6, sakemm il-qaddis jiġi arrestat (fil-bidu tal-kapitlu 7). Sen'oħra nkomplu bil-ġrajja u bir-rakkont tal-martirju.



## L-Atti ta' Indrì

1. Dak li aħna lkoll, kemm presbiteri kif ukoll djakni tal-knejjes tal-Akaja[4], rajna b'għajnejna ktibnih lill-knejjes kollha mwaqqfin f'isem Kristu, kemm dawk fil-lvant kif ukoll dawk fil-punent, kemm fit-tramuntana u kemm fin-nofsinhar. Sliem lilkom u

lil dawk kollha li jemmnu f'Alla wieħed, Trinità perfetta, Missier veru bla bidu, Iben veru waħdieni mnissel minnu, Spirtu Qaddis veru li ġej mill-Missier u li jgħix fl-Iben, sabiex b'hekk nistqarru Spirtu qaddis wieħed li jgħix fil-Missier u fl-Iben fid-Divinità għażiża. Din il-fidi tgħallimniha mill-imbierek Indrì, l-appostlu tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li tax-xhieda tiegħu, li aħna rajna b'għajneja, ma bżajniex nagħtu rendikont skont il-kapaċitajiet tagħna.

2. Meta l-prokonslu Eġeate[5] ġie fil-belt ta' Patras, dan beda jġiegħel lil dawk li kienu jemmnu fi Kristu biex iqimu l-idoli. Indrì l-imbierek ħaffef għal għandu u qallu, "Kien jixraq li kieku int, li int imħallef tal-bnedmin, tagħraf l-Imħallef tiegħek li jinsab fis-smewwiet, u meta tagħrfu, tagħtih qima; u meta tkun qed tqim lilu li hu Alla veru, iddawwar ħsiebek 'il bogħod minn dawk li mhumiex allat veri."

Eġeate wieġbu, "Int Indrì, li qridt it-tempji tal-allat, u dawwart in-nies għal twemmin li deher dan l-aħħar u li l-imperaturi Rumani ornaw li għandu jinqered?"

L-imbierek Indrì qallu, "L-imperaturi tar-Rumani qatt ma għarfu l-verità. U din hi dik li jgħallem bla ħabi l-Iben ta' Alla, li ġie fostna biex isalva l-bnedmin – u dawn l-idoli mhux biss mhumiex allat, imma huma spirti ħżiena li jġibu l-għajb, għedewwa tar-razza tal-bnedmin, li jgħallmuhom joffendu lil Alla sabiex Hu jagħti dahru lill-bnedmin u ma jismax talbhom minħabba li jkun offiż; u hekk, ladarba Hu jdur minnhom u ma jismagħhomx, huma jibqgħu mxekkla mix-xitan; u dawn l-ispirti tant jaħkmu lill-bnedmin, li meta joħorġu minn ġisimhom dawn jinsabu abbandunati u għarwenin, u fuqhom ma jkollhom xejn għajr dnubiethom."

3. Eġeate qal, "Dan kollu kliem żejjed u vojt; kulma għandi xi ngħid fuq dan Ġesù tiegħek hu li talli xandar dawn l-affarijiet lil-Lhud, dawn sammruh mas-siġra tas-salib."

Waqt li wieġeb, Indrì l-hieni qal, "Deh, mhux li kien tagħraf il-misteru tas-salib, b'liema mħabba ma titwemminx l-Awtur tal-ħajja u tal-ġens uman sofra fuq din is-siġra, mhux kontra qalbu imma għax ried, biex iġeddidna!"

Eġeate wieġbu, "Ladarba ġie ttradut minn dixxiplu tiegħu stess, ġie maqbud mil-Lhud, ġabuh quddiem il-gvernatur, u ladarba ġie msallab mis-suldati tal-gvernatur taħt ordni tiegħu stess, kif tiġi tgħidli li hu laqa' s-siġra tas-salib minn rajh?"

L-imqaddes Indrì qal, "Għal din ir-raġuni ngħidlek li hu laqa' kollox minn rajh, għax jien kont miegħu meta hu ġie ttradut minn dak id-dixxiplu. Qabel ma ġie ttradut hu kien ġa kellimna fuq li kellu jiġi mogħti f'idejn l-għedewwa u msallab għas-salvazzjoni tal-bnedmin, u qalilna minn qabel ukoll li kellu jqum mill-ġdid wara t-tielet jum. Għal dan il-kliem ħija Pietru qal, 'Ma jkun qatt Mulej, dan m'għandux iseħħ!'[6] U hekk b'rabja wieġeb lil Pietru, 'Itlaq minn quddiemi, Satana, għax int m'intix lest tilqa' l-ħwejjeġ ta' Alla.' U biex ikun jista' jurina bl-aħjar mod li hu kien se jilqa' l-passjoni minn rajh, qalilna, 'Għandi l-qawwa nagħti ħajti, u għandi l-qawwa nerġa' noħodha.'[7] U fl-aħħar, waqt li kien qiegħed jiekol magħna, qalilna, 'Wieħed minnkom se jittradini.'[8] Għal dan il-kliem ilkoll kemm aħna tnikkitna, u biex ħadd ma jiddubita minn dak li qal, qalilna, 'Lil dak li jien se ntih biċċa ħobż minn idi, dan hu li se jittradini.' U meta, allura, ta din il-biċċa ħobż lil wieħed minna, u tkellem fuq l-affarijiet li kellhom jiġru daqs li kieku kienu ġa ġraw, uriena li hu kien se jiġi ttradut minn rajh. Ma ħarabx biex iħalli lil dak li tradih jidher ikrah; imma baqa' jistennih fil-post fejn kien jaf li se jiġi għalih."

4. Eġeate qallu, "Niskanta kif int, raġel b'moħħok f'loku, tibqa' twebbes rasek li trid tiddefendih akkost ta' kollox; għax, sew jekk minn rajh u sew jekk le, xorta waħda

qiegħed tammetti li kien marbut mas-salib."

Indrì l-imbierek qallu, "Forsi issa qiegħed tifhem għalfejn ftit ilu għedtlek li l-misteru tas-salib huwa wieħed kbir. Jekk trid, u jekk int lest li tisma' dwar, agħtini widen."

Wieġeb Eġeate, "Misteru żgur li ma tistax issejjaħlu; dak kien kastig."

Il-hieni Indrì qal, "Il-kastig huwa l-misteru tat-tiġdid tal-bniedem. Jekk tixtarr sewwa dak li nixtieq ngħidlek, int ukoll tasal biex temmenu dan."

Eġeate qallu, "Se nieħu paċenzja u nisimgħek; imma int, jekk ma tiċċekkinx u tobdini, hemm il-misteru tas-salib lest għalik!"

Wieġeb l-imbierek Indrì, "Li kieku jien kont nibża' mis-siġra tas-salib żgur li ma kontx se nxandar il-glorja tiegħu."

Qallu Eġeate, "Kliemek hu kliem ta' miġnun, għax int tħabbar li s-salib mhux kastig, u fil-ġenn tiegħek u l-ebusija ta' rasek m'intix qed tibża' mill-kastig tal-mewt."

Il-qaddis Indrì qallu, "Mhux il-ġenn li jwaqqafni milli nibża mill-mewt, imma l-fidi; għax il-mewt hija iebsa għal min jinsab fid-dnub. Hu għal din ir-raġuni li nixtieqek tismagħni nitkellem fuq il-misteru tas-salib, biex forsi jekk int tagħrfu dan, temmen, u bil-fidi tasal biex b'xi mod jew ieħor iġġedded 'il ruħek."

Wieġbu Eġeate, "Jiġġedded dak li huwa mejjet. Trid tgħid li ruħi hija mejta, u li int se twassalni biex inġeddidha permezz ta' din il-fidi li qed titkellem dwarha u li jien ma nafhiex?"



5. Indrì l-imbierek wieġbu, "Dan hu li xtaqt nitgħallem, u li se ngħallem u nuri: li minkejja li l-erwieħ tal-bnedmin jinqerdu [minħabba d-dnub], xorta waħda se jkunu mġedda permezz tal-misteru tas-salib. L-ewwel bniedem daħħal il-mewt fil-ħolqien permezz tal-ħtija marbuta mas-siġra; kien jeħtieġ għalhekk għall-ġens uman li l-mewt, li kienet daħlet fid-dinja, terġa' titkeċċa permezz tat-tbatija fuq is-siġra. U ladarba l-ewwel bniedem – li kien daħħal il-mewt fid-dinja permezz tal-ħtija marbuta mas-siġra – kien inħoloq mill-art għadha mhux mimsusa, hekk ukoll kien hemm bżonn li l-Iben ta' Alla jiġi fid-dinja bħala bniedem perfett minn verġni bla mittiefsa, sabiex hu jagħti mill-ġdid il-ħajja ta' dejjem, li l-bnedmin kienu tilfu minħabba Adam, u kellu jaħsad is-siġra tal-ġibdiet tal-ġisem[9] permezz tas-siġra tas-salib. Meta kien imdendel mas-salib, Hu fetaħ l-idejn bla ħtija tiegħu għall-fejda ta' dawk li kienu nfetħu għall-kilba; għall-ikel ħelu li offriet is-siġra projbita Hu rċieva l-ħall bħala ikel; u meta ħa fuqu l-mortalità tagħna, Hu tana bħala rigal l-immortalità tiegħu."

6. Qallu Eġeate, "B'dal-kliem int stess għad tbiegħed lil dawk li għad jemmnuk; issa, jekk int ma tobdinix u toffri s-sagrifċċji lill-allat setgħana, jien se nordna li int, wara li tiġi msawwat, tkun marbut ma' dak l-istess salib li tant tħobb titkellem dwaru."

Il-hieni Indrì qallu, "Lil Alla l-qawwi, li waħdu Hu Alla veru, jien lest li noffri s-sagrifċċji jum wara jum; mhux id-duħħan tal-inċens, lanqas il-laħam tal-barrin, u

lanqas id-demm tal-mogħoż; is-sagrifiċċju li noffrilu kuljum hu ħaruf bla tebgħa mogħti fuq l-altar tas-salib[10]; u minkejja li dawk kollha li jemmnu jieklu minn ġismu u jixorbu demmu, dan il-Ħaruf li kien issagrfikat jibqa' ħaj u sħiħ wara kull sagrifiċċju. Dan jiġi verament offrut, u ġismu hu verament mikul mill-bnedmin, u demmu wkoll huwa mixrub, imma kif għedtlek, xorta waħda jibqa' sħiħ, bla tebgħa u ħaj."

Eġeate saqsa, "Kif jista' jkun?"

L-imbierek Indrì wieġeb, "Jekk tixtieq tkun taf, sir int ukoll dixxiplu, sabiex titgħallem dak li qiegħed issaqsi dwaru."

Eġeate qallu, "Jien għad noħroġ minn ħalqek id-don ta' dan it-tagħlim bit-torturi li se nagħmillek."

L-imbierek Indrì wieġbu, "Niskanta kif int, raġel intelliġenti bħalek, qed taqa' f'daqshekk bluha li temmen li se tkun kapaċi tibdilli fehmti u nurik il-ħwejjeġ imqaddsa ta' Alla bit-torturi. Int smajt dwar il-misteru tas-salib, u smajt ukoll bil-misteru tas-sagrifiċċju. Jekk tistqarr li temmen fi Kristu, l-Iben ta' Alla, li kien imsallab, jien ngħallmek b'liema mod il-Ħaruf li kien maqtul jibqa' ħaj wara li kien sagrifikat u mikul, u kif jibqa' fis-saltna tiegħu sħiħ u bla mittiefes."

Eġeate qallu, "U kif il-ħaruf jibqa' fis-saltna tiegħu wara li kien maqtul u mikul minn dawk li jemmnu, kif għedt int?"

Indrì l-hieni wieġbu, "Jekk temmen b'qalbek kollha għad tkun kapaċi tifhem; imma jekk ma temminx, m'hemmx mod kif int tista' toqrob lejn l-għarfien ta' din il-verità."

7. Wara dal-kliem, Eġeate, mimli qilla, ordna li jiġi magħluq fil-ħabs, minnfejn, wara li sakkruh, ġemgħa kbira ta' nies inġabru flimkien kważi minn kull provinċja bix-xewqa li joqtlu lil Eġeate; dawn kissru l-bibien tal-ħabs u hekk ħelsu lill-Indrì, l-appostlu imbierek.

**Referenzi**

[1] Ewsebju ta' Cesarija, *Storja tal-Knisja* III, 25, 6-7. Hawn Ewsebju qiegħed jitkellem fuq il-kotba dwar l-appostli li ma ntlaqgħux fit-Testment il-Ġdid, u flimkien mal-Atti ta' Indrì isemmi wkoll l-Atti ta' Ġwanni u ta' appostli oħra, u l-vanġeli ta' Pietru, ta' Tumas u ta' Mattija. Ewsebju kien tal-idea li l-istil ta' kitba f'dawn it-testi tant huwa differenti minn dak li nsibu fil-Bibbja li probabilment huma kitbiet li jafu l-oriġini tagħhom f'setet eretiċi, u għalhekk mhux posthom fost il-Kotba Mqaddsa.

[2] Constantin von Tischendorf, *De Actis Andreae*, in *Acta Apostolorum Apocrypha*, Leipzig 1851, 105-131.

[3] Fosthom insemmu l-atti ta' Ġustinu (ġejjin mis-sena 165) u l-atti ta' martri ta' Scillium (ġejjin mis-sena 180).

[4] L-Akaja hija reġjun fil-Greċja fil-parti tal-fuq tal-peniżola tal-Peloponneso. Il-kapitali ta' dar-reġjun għadha sal-lum il-belt ta' Patras.

[5] Storikament Eġeate vera kien prokonslu (gvernatur) tal-Akaja fis-snin Sebgħin tal-ewwel seklu.

[6] cfr Mt 16, 22.

[7] cfr Ġw 10, 18.

[8] cfr Mt 26, 1.

[9] Il-ġibdiet tal-ġisem ma jirreferux biss għall-ġibdiet sesswali, imma għal kull forma ta' ġibda barra minn lokha li jista' jkollu l-bniedem: għall-gula, għall-poter eċċ.

[10] Din hija referenza għall-Ewkaristija.




# Mat-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija…

**Joe Bezzina**

Inkiteb ħafna, anke f'edizzjonijiet passati ta' dan il-ktieb, dwar l-istorja tat-Tieni Gwerra Dinjija. Kulħadd jaf u qara dwar kif Adolf Hitler, f'temp ta' ftit snin, irnexxilu jittrasforma lill-partit Nażista Ġermaniż minn partit żgħir medjokri għall-forza politika li f'temp ta' madwar tnax-il sena, mill-1933 sal-1945 bidel il-kors tal-istorja tad-dinja. Mit-trankwilità li ħafna xtaqu wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, fi ftit snin id-dinja reġgħet għaddiet minn episodji li kexkxu lil kulħadd minħabba l-atroċitajiet li twettqu. Fl-1945 Hitler u n-Nażisti kellhom iċedu għall-forzi alleati u hekk intemmet it-Tieni Gwerra Dinjija. L-aħħar assedju mill-alleati sar fuq il-belt ta' Berlin li kienet iċ-ċentru tal-ħidma Nażista u l-post minn fejn Hitler u sħabu kienu jikkordinaw il-manuvri tagħhom.

L-iskop ta' dan l-artiklu hu li jagħti informazzjoni u jitfa' dawl, mingħajr ma jkun analitiku, fuq l-istorja dinjija hekk kif intemmet it-Tieni Gwerra. Forsi aħna l-Maltin konna affetwati ftit jew xejn mill-avvenimenti li ġraw wara. Iżda ftit 'il bogħod minn artna, uħud mill-Ewropej reġgħu għaddew minn episodji oħra li ħallew id-dinja tistaqsi kif seta' jkun li wara l-esperjenza tat-Tieni Gwerra l-mexxejja dinjin ma kellhomx il-ħila jmexxu lill-popli tagħhom fil-prosperità u l-paċi.

L-aħħar battalja tat-Tieni Gwerra Dinjija bdiet fis-16 t'April 1945 meta l-offensiva Sovjetika bdiet l-aħħar assedju fuq Berlin. Fit-2 ta' Mejju tal-istess sena l-Ġermanja kellha ċċedi u hekk intemmet it-Tieni Gwerra Dinjija. Hekk kif intemmet il-Gwerra, il-forzi alleati, jiġifieri r-Renju Unit, l-Istati Uniti, il-Franċiżi u s-Sovjetiċi ta' Joseph Stalin qablu li l-Ġermanja tinqasam f'erba' partijiet, kull parti mmexxija minn wieħed min-Nazzjonijiet alleati. Hekk twieldu ż-żewġ stati Ġermaniżi, jiġifieri l-Ġermanja tal-Punent maqsuma bejn l-ewwel tliet alleati u l-Ġermanja tal-Lvant, b'din tal-aħħar tkun il-parti




*Berlin hekk kif maqsum bejn l-erba' alleati. Il-linja s-safra turi fejn kien jgħaddi l-Ħajt ta' Berlin.*

kkontrollata mis-Sovjetiċi u allura ssir parti mill-blokk Komunista.


*Joseph Stalin (1878 - 1953)*

L-unika nuqqas ta' qbil jidher li kien dwar il-Belt ta' Berlin. Billi Berlin kienet il-Belt Kapitali Ġermaniża, il-kunsill tal-alleati li issa kienu ser imexxu lill-Ġermanja kellu l-kwartieri tiegħu f'din il-belt. Għalkemm Berlin kien interament fil-parti kontrollata mis-Sovjetiċi, l-alleati l-oħra dehrilhom li din il-belt ukoll kellha tinqasam u kull alleat ikollu l-parti tiegħu. Stalin kellu kontra qalbu jaċċetta din il-kundizzjoni u allura issa kellna sitwazzjoni fejn il-Ġermanja tal-Lvant kellek lil Berlin li prattikament nofsu kien kontrollat mill-Ġermanja tal-Punent u n-nofs l-ieħor mill-Ġermanja tal-Lvant.

Bejn iż-żewġ stati Ġermaniżi ffurmati wara t-Tieni Gwerra Dinjija kien hemm baħar ideoloġiku kbir li fired għal snin sħaħ liż-żewġ partijiet. Fuq naħa kellek il-Ġermanja tal-Punent immexxija fuq ideoloġija kapitalista fejn l-ekonomija tas-suq tikkontrolla l-progress tal-pajjiż. Ekonomija miftuħa għall-investiment u bbażata fuq suq liberu. Fuq in-naħa l-oħra, b'kuntrast enormi, kellek il-Ġermanja tal-Lvant immexxija b'politika Komunista fejn l-Istat kellu kontroll ta' kollox inkluż it-tmexxija u l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż. Il-Ġermanja tal-Punent progressat biex fi ftit snin, minn ekonomija għarkubbtejha wara l-ġrieħi tal-gwerra li kienet għadha kif intemmet, beda jidher fiha progress sostanzjali. Min-naħa l-oħra l-Ġermanja tal-Lvant dan il-progress ekonomiku ma seta' jsir qatt minħabba s-sistema magħluqa li kienet addottata mit-tmexxija Sovjetika Komunista.

In-nies fil-Ġermanja tal-Lvant kienet konxja minn din id-differenza. Il-ħaddiema u l-professjonisti kienu konxji li l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż is-salarji, fil-Ġermanja tal-Punent kien jinħass sens ta' libertà, fil-Ġermanja tal-Lvant kont tħossok li qed tkun segwit u nnutat ma' kull pass li tagħmel. Kif wieħed jistenna ħafna mill-Ġermaniżi tal-Lvant, u anki minn stati komunisti oħra li jmissu mal-Ġermanja tal-Lvant bdew iħallu kollox warajhom biex jibdew ħajja aħjar fil-Ġermanja u l-kumplament tal-Ewropa tal-Punent. Għall-bidu din it-tranżizzjoni kienet relattivament faċli. Kulma kienet tinvolvi kien li jirnexxilek tidħol fil-parti ta' Berlin kontrollat mill-Punent u kont issir ċittadin tal-Ġermanja tal-Punent. Dawn in-nies 'maħruba' kienu meqjusa bħala essenzjali għall-Ġermanja tal-Punent li kellha ekonomija qed tikber u allura kien hemm bżonn ta' ħafna ħaddiema li jsostnu x-xogħol li kien qed jinħoloq. Saħansitra sar ftehim ġdid mal-Istati Uniti biex tieħu aktar immigranti mill-pajjiżi komunisti minħabba li Berlin tal-Punent kien qed isir żgħir wisq għall-kwantità ta' nies li bdew jaslu. Biss, aktar ma beda jgħaddi ż-żmien u din l-immigrazzjoni kompliet tiżdied, il-Ġermanja tal-Lvant bdiet titlef ħafna mill-aqwa mħuħ li kellha. Bdiet titlef ħafna professjonisti u nies tas-sengħa. Dan it-telf ta' riżorsi umani kien ser ikun ta' detriment serju għall-ekonomija u l-iżvilupp tal-pajjiż li diġà, bis-sistema komunista, kien qata' lura ferm mill-Ġermanja tal-punent.

Biex wieħed ikollu perspettiva aħjar taż-żmien ngħidu li qed nitkellmu fuq is-snin ta' qabel l-1961. Sa dan iż-żmien din l-immigrazzjoni kienet possibbli minħabba l-faċilità li kien hemm biex wieħed jidħol f'Berlin tal-Punent. Saħansitra kien hemm ċittadini

*Dehra grafika ta' dik li kienet is-sistema ta' sigurtà tal-Ħajt ta' Berlin. Il-parti tan-nofs kienet magħrufa bħala 'Death Strip'*




minn Berlin tal-Lvant li kellhom il-post tax-xogħol tagħhom fin-naħa tal-Punent. Biex wieħed jieħu idea b'liema rata kienet qed issir din il-migrazzjoni nistgħu nsemmu li mill-Ġermanja tal-Lvant lejn Berlin tal-Punent biss għaddew madwar 199,000 persuna fl-1960 u sal-ewwel seba' xhur tal-1961 kienu għaddew lejn Berlin tal-Punent 207,000 persuna! Il-Ġermanja tal-Lvant kienet litteralment f'sitwazzjoni fejn hemm bliet u rħula li ma kellhomx tabib u spiżjar jew saħansitra bdiewa biex jieħdu ħsieb l-uċuħ tar-raba'! B'din ir-rata l-ekonomija fil-Ġermanja tal-Lvant kienet f'xifer ta' kolass.

Għall-mexxejja komunisti tal-Ġermanja tal-Lvant is-soluzzjoni kienet li twaqqaf din l-immigrazzjoni. Bl-approvazzjoni tat-tmexxija Sovjetika li issa kienet f'idejn Nikita Khrushchev, il-mexxej tal-Ġermanja tal-Lvant, Walter Ulbricht, u sħabu ddeċidew, bil-moħbi tal-poplu, li kellu jitla' ħajt mad-dawra kollha ta' Berlin tal-Punent. Hekk, fil-15 ta' Awwissu 1961 beda jinbena l-Ħajt ta' Berlin li kellu litteralment jifred lil Berlin tal-Punent mill-kumplament tal-Ġermanja komunista. Dan kollu seħħ biex Berlin tal-Lvant ma jibqax ikun passaġġ faċli li jħalli aktar nies ikomplu jħallu l-istat komunista b'konsegwenzi serji fuq l-ekonomija, digà batuta, tal-pajjiż.

Wieħed irid jifhem li meta nirreferu għall-ħajt ta' Berlin ma nkunux qed nirreferu għall-ħajt singolu. Kienet sistema, żviluppata fuq ammont ta' snin, ta' żewġ ħitan li bejniethom kien hemm spazju wiesa' magħruf bħala 'Death Strip'. F'dan l-ispazju wieħed seta' jsib kull xorta ta' ostakli perikolużi li kienu jagħmluha prattikament impossibbli li wieħed jaqsam mil-Lvant għall-Punent ta' Berlin. Fost dawn l-ostakli nistgħu nsemmu *sensors* li jattivaw *alarms* midfuna taħt l-art, klieb imħarrġa biex jattakkaw u sistema ta' torrijiet tal-għassa fejn is-suldati stazzjonati kellhom struzzjonijiet ċari biex jisparaw u joqtlu lil kull min jipprova jaħrab għan-naħa l-oħra. Hekk, bejn l-1961 u l-1989 il-Ħajt ta' Berlin kien is-simbolu ewlieni li fired u qasam l-Ewropa progressiva tal-Punent mid-dinja magħluqa u oppressiva immexxija mill-komunisti fil-Lvant tal-Ewropa.



*Il-ħarba ta' Conrad Schumann (1961)*

Din is-sistema wasslet biex diversi familji

ġew mifruda. Saħansitra ġenituri nfirdu minn uliedhom. Koppji miżżewġin għamlu snin twal mifruda. Sadanittant, għalkemm l-ekonomija fil-Ġermanja tal-Lvant bdiet bil-mod il-mod tieħu r-ruħ, l-istil ta' ħajja xorta waħda baqa' oppressiv u l-kundizzjonijiet tax-xogħol baqgħu relattivament ħżiena. Il-ħajja materjali wkoll kienet ikkontrollata mis-sistema fejn biex sempliċiment wieħed ikollu karozza dan kellu jordnaha u tasal wara numru ta' snin. Lanqas l-għażla tal-karozza ma kienet libera. Fil-pajjiż li jimmanifattura ditti bħal Mercedes u BMW, il-Ġermaniżi tal-Lvant kellhom jikkuntettaw b'tip ta' karozza waħda, magħrufa bħala Trabi, magħmula mill-fibre u b'magna 'two stroke' li anke bl-istandards ta' dak iż-żmien kienet tħammeġ l-arja b'mod allarmanti.

Il-nies ma kienux fdati minħabba l-biża' li jippruvaw jaħarbu jew inkella li jitkellmu fl-apert kontra t-tmexxija tal-pajjiż bis-sogru li allura tqum xi rewwixta u xxekkel mill-kontroll li l-istat kellu fuq il-popolazzjoni. Dan wassal biex tinħoloq sistema ta' pulizijia sigrieta, magħrufa bħala Stasi, li x-xogħol primarju tagħhom kien li jispijjaw fuq iċ-ċittadini u jwaqqfu b'kull mod possibbli kull oppożizzjoni li seta' jkun hemm għat-tmexxija komunista tal-pajjiż. Il-ġrajjiet assoċjati ma' dawn il-pulizija sigrieta huma qawwijin ferm. Biex wieħed jipprova jifhem kemm kienu infiltrati fis-soċjetà dawn l-ispijji biżżejjed jaħseb li seta' wieħed ikollu lil ħuh, martu jew sieħbu li, b'mod sigriet, ikunu qed jispijjaw fuqek u f'każ li jinħass il-bżonn stajt tkun rappurtat minn ħuk jew martek stess. Ovvjament dan ma kienx isir b'kapriċċ. L-ispiji infushom kienu jkunu suġġetti għal rikatti u għalhekk minħabba element ta' biża' kienu jispiċċaw f'dan iċ-ċirku li, fin-negattività kollha tiegħu, kien suċċess għall-iskop li għalih twaqqaf.

Il-Ħajt ta' Berlin nistgħu ngħidu li waqqaf l-immigrazzjoni mil-Lvant tal-Ġermanja lejn in-naħa kkontrollata mill-punent, li aktar kemm jgħaddi ż-żmien aktar kienet qed tirkupra b'mod mgħaġġel mid-diżastru li kienet ħalliet il-gwerra. Biss dan ma jfissirx li ma sarux tentattivi biex nies min-naħa tal-Lvant jaħarbu lejn il-Punent. Ħafna mit-tentattivi fallew iżda kien hemm ukoll xi stejjer ta' suċċess. Waħda mill-aktar stejjer magħrufa hija dik ta' Conrad Schumann, pulizija li kien għassa mal-ħajt ta' Berlin hekk kif dan beda jinbena. Fil-fatt il-'ħajt' kien għadu jikkonsisti biss minn 'barbed wire'. Fil-15 ta' Awwissu 1961, l-istess jum li beda l-bini tal-ewwel fażi tal-ħajt, pulizija tal-Punent ta' Berlin inkoraġġixxew b'għajjat lil Schumann biex iħalli kollox u jaqsam għall-Punent. Schumann ħataf l-opportunità u rnexxielu. Il-ħarba nqabdet minn fotografu li nzerta kien fuq il-post.


Trabi: L-unika karozza li seta' jixtri ċittadin fil-Ġermanja tal-Lvant

Tentattivi oħra li kienu suċċess saru permezz ta' karozzi li trasportaw nies fl-ispazju ta' ħdejn il-magra. Metodi oħra li ntużaw jinkludu l-ballun baraxx biex żewġ familji setgħu jtiru minn fuq il-ħajt, tħaffir ta' mini minn taħt il-ħajt u mixi fuq cable tal-elettriku li kien jgħaddi mil-Lvant għall-Punent. Tentattiv ieħor li kważi falla, sar minn Wolfgang Engels, suldat fl-armata tal-Ġermanja tal-Lvant. Il-pjan ma kienx penetrat kompletament

u Engels intlaqat minn xi tiri sparati lejh. B'xorti tajba ġie salvat minn xi ċittadini ta' Berlin tal-Punent. Dan ġara f'April 1963.


Peter Fechter (1944-1962)

Wieħed mit-tentattivi li fallew kien dak ta' Peter Fechter, żagħżugħ ta' 18-il sena, li jibqa' magħruf bħala wieħed mill-ewwel persuni li sfaw maqtula mis-suldati tal-Lvant minħabba li prova jaħrab lejn il-Punent. Fl-1962 Fechter prova jaħrab billi litteralment jixxabbat mal-ħajt u jaqbeż għan-naħa l-oħra. B'xorti ħażina intlaqat minn tiri sparati lejh u waqa' fil-'barbed wire' taħt il-ħajt fin-naħa tal-Lvant. Miet minħabba li ħadd minn dawk tal-Lvant ma tah għajnuna medika għall-ġrieħi li kellu, probabilment minħabba biża'. Ta' min jgħid li f'dan it-tentattiv Fechter ma kienx waħdu iżda prova jaħrab ma' sieħbu Helmut Kulbeik, b'dan tal-aħħar jirnexxielu jagħmilha. B'kollox, bejn l-1961 u l-1989, ħamest elef persuna rnexxielhom jaħarbu mil-Lvant ta' Berlin. Numru żgħir ħafna meta mqabbel mal-figuri li semmejt qabel.

Fl-1989 beda jinħass ir-riħ tal-bidla. Diversi avvenimenti mmarkaw il-bidu tat-tmiem tal-kontroll komunista fuq l-Ewropa tal-Lvant. Fid-19 ta' Awwissu 1989 l-Ungerija neħħiet kull fruntiera li kellha mal-Awstrija u eluf ta' ċittadini tal-Ġermanja tal-Lvant ħatfu l-okkażjoni u ħarbu lejn l-Awstrija billi għaddew minn ġol-Ungerija. Dawn l-avvenimenti kienu biżżejjed biex l-istess manuvri bdew isiru f'pajjiżi komunisti oħra bħaċ-Ċekoslovakkja. Diversi persunaġġi tkellmu kontra t-tmexxija Komunista, fost dawn u b'mod prominenti Papa Ġwanni Pawlu II. Fil-Ġermanja tal-Lvant qamu protesti kbar kontra t-tmexxija komunista u oppressiva li rrenjat sa mill-1945. Dawn il-protesti kienu fl-aqwa tagħhom fl-4 ta' Novembru 1989 meta f'Alexanderplatz, pjazza ewlenija f'Berlin, dak iż-żmien tal-Lvant, in-numru ta' protestanti laħħaq mannofs miljun persuna. Fit-18 ta' Ottubru tal-istess sena Erick Honecker, għal diversi snin mexxej tal-Ġermanja tal-Lvant, irriżenja u floku nħatar Egon Krenz. Mijiet ta' nies kienu qed jivvjaġġaw lejn iċ-Ċekoslokkja u jibqgħu sejrin lejn l-Ungerija li kienet passaġġ lejn l-Awstrija jew inkella jmorru fl-ambaxxata tal-Ġermanja tal-Punent fi Praga. Dan l-eżodu lejn il-punent ħoloq problema liż-żewġ naħat. Kien għalhekk li l-gvern ta' Krenz iddeċieda li jibda jħalli l-passaġġ tan-nies saħansitra mil-Lvant għall-punent ta' Berlin!

Il-waqa' tal-Ħajt ta' Berlin seħħet bla mistenni u forsi bi żball ta' individwu wieħed li waqt konferenza stampa intiża biex tħabbar dettallji u regoli ġodda dwar il-moviment ta' persuni għamel żball minħabba nuqqas ta' kjarifika. Gunter Schabowski, wara li spjega lill-istampa r-regoli ġodda li kienu ser jidħlu fis-seħħ, li allura kienu ser jippermettu li persuni mil-Lvant ta' Berlin jistgħu jivjaġġaw lejn il-Punent tal-belt ġie mistoqsi minn ġurnalist meta kellhom jidħlu fis-seħħ tali regoli. Schabowski wieħeb li sa fejn kien infurmat hu dan kellu jseħħ mill-iktar fis u bla dewmien iżjed. Wara iktar mistoqsijiet mill-ġurnalisti, Schabowski reġa' kkonferma li prattikament persuni setgħu jaqsmu l-Ħajt ta' Berlin. Din l-aħbar kienet imxandra fit-televiżjoni tal-Ġermanja tal-Lvant fejn prattikament semagħha kulħadd.

Dakinhar stess filgħaxija mijiet ta' Ġermaniżi tal-Lvant inġabru mal-fruntieri u talbu lill-għases biex iħalluhom jgħaddu. Is-suldati kienu maħsuda b'dan kollu. Ħadd ma ħa

responsabbiltà biex juża l-forza man-numru kbir ta' nies li kienu nġabbru. Fl-aħħar, fil-22.45 il-kwandant Harald Jager ordna li l-persuni jitħallew jaqsmu. Hekk kienet spiċċat l-era tal-firda u ċ-ċittadini ta' Berlin u l-Ġermaniżi kollha reġgħu ingħaqdu bħala nazzjon wieħed. Il-Ħajt inniffsu ebda jitwaqqa fid-9 ta' Novembru 1989. Sa Awwissu tal-1990 kull triq li kienet tgħaqqad iż-żewġ naħat ta' Berlin reġgħet infetħet. Fit-3 t'Ottubru 1990 il-Ġermanja reġgħet uffiċjalment saret pajjiż wieħed fejn ġie xolt l-istat tal-Ġermanja tal-Lvant biex b'hekk issa reġa' kien hemm Ġermanja waħda mmexxija mill-valuri tal-Punent taħt il-gwida tal-Kanċillier Helmut Kohl.




Illum Berlin hija Belt waħda, bħal kumplament tal-pajjiż Ġermaniż. Il-partijiet li baqa' weqfin mill-ħajt huma attrazzjoni turistika u tifkira taż-żmien ikrah li għaddiet minnu din il-belt hekk kif kienet għadha ħierġa mit-tifrik tat-Tieni Gwerra Dinjija. It-tul kollu tal-ħajt illum għadu muri permezz ta'ċangaturi doppji fl-art mad-dawra kollha minn fejn kien jgħaddi. Diversi monumenti huma mxerrda f'inħawi differenti ta' Berlin biex ifakkru lil kull min jarahom fl-iżbalji tal-umanità u biex jikkommemoraw u jsellmu lil dawk li fi żmien ta' qtiegħ il-qalb u dlam servew u għadhom iservu ta' tama għal dawk li ġġieldu, jew ta' kuljum għadhom jiġġieldu, it-taqbida kontra kull xorta ta' oppressività u jfittxu b'ħeġġa l-libertà mistħoqqa li tagħti d-dinjità lill-bniedem.




# Għeluq il-75 Sena mill-Mewt tas-Surmast Ferdinando Camilleri



Din is-sena qed jitfakkar il-75 anniversarju mill-mewt tas-Surmast Ferdinando Camilleri, isem rinomat fil-qasam tal-mużika sagra Maltija tas-seklu għoxrin, kif ukoll marbut mal-fondazzjoni tal-Filarmonika *L'Unione* ta' Ħal Luqa fl-1880.

Ferdinando Camilleri twieled f'Ħal Luqa fid-29 ta' April 1859, iben Vincenzo Camilleri, mużikant magħruf mill-Belt Valletta u Grazzja neè Fava minn Ħal Luqa. Din il-koppja kellhom tliet ulied oħra: Gavino, Nerico u Emanuele, li lkoll għamlu isem fil-qasam mużikali. Fil-fatt il-Filarmonika *L'Unione* taf il-bidu tagħha lil Vincenzo Camilleri, mgħejjun minn uliedu Gavino u Ferdinando. Iben Ferdinando Camilleri, Giuseppe, li kien ukoll surmast u kompożitur ta' ħila kbira, kien jirreferi għall-Banda *L'Unione* bħala l-'*Banda tal-familja tagħna.'* Din ir-rabta storika baqgħet teżisti, saħansitra sallum il-ġurnata.

Meta fl-1885 il-Filarmonika *L'Unione* daqqet għall-ewwel darba fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, is-Surmast Ferdinando Camilleri kkompona innu lill-Madonna fuq versi tal-Ħalluqi Francesco Azzopardi u dakinhar tal-festa mexxa l-Banda flimkien ma' ħuh Gavino. Fl-arkivju tas-Soċjetà nsibu xogħlijiet oħra tas-Surmast Ferdinando Camilleri fosthom *'Passio Doppio l'Unione', 'Valzer L'Ingeniere'* ddedikat lill-ewwel President tas-Soċjetà Mastru Nikola Sammut, sinfonia *'Regina Vittoria'*, kif ukoll diversi marċi militari u funebri. Din is-sena, fis-sett ta' marċi funebri li l-Banda L-Unjoni irrekordjat insibu marċ funebru mill-isbaħ ta' Ferdinando Camilleri bl-isem *Abbi Pietà!*

Is-Surmast Ferdinando Camilleri kien iddedikat ukoll għall-mużika orkestrali fil-knejjes u nsibuh fundatur u *Maestro* tal-*Cappella Camilleri* f'għadd ġmielu ta' parroċċi madwar Malta, inkluża dik ta' Ħal Luqa. Fost ix-xogħlijiet sagri importanti li ħallielna nsibu l-Antifona ddedikata lil Sant'Andrija Appostlu. L-aħħar darba li mexxa l-orkestra fil-Knisja tar-raħal kien proprju fil-festa ta' Sant'Andrija tas-sena 1939. Ta' min jgħid li dan is-surmast ċelebri kienu ukoll fundatur tal-baned Slimiża, illum magħrufa bħala *Stella Maris*. Ferdinando Camilleri miet f'Tas-Sliema nhar id-9 ta' Marzu tal-1942 fl-età ta' 83 sena.





*It-Tieni Konsagrazzjoni*
*tal-Knisja Parrokkjali*
*mill-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi*
*26 ta' Settembru 1962*




# Tagħrif Storiku dwar Ħal Luqa

*Mill-Kitba ta' Achille Ferres*

**Mario Fenech**

Wieħed mill-kotba li għandna biex minnu nieħdu tant tagħrif storiku interessanti huwa dak li kien ħa ħsieb jikteb Achille Ferres fis-sena 1866 "Descrizione Storica delle chiese di Malta e Gozo".

Fil-kitba tiegħu nsibu dan it-tagħrif dwar ir-Raħal ta' Ħal Luqa fejn jgħid li meta kien għamel il-Vista Pastorali tiegħu f'*Casal Luca* Mons. Pietro Duzzina fis-sena 1575 huwa sab li kien hemm imwaqqfa dawn il-knejjes.

Il-Knisja prinċipali ta' Sant'Andrija, il-Knisja ta' Sant'Anton u l-Knisja tal-Viżitazzjoni tal-Verġni Marija. Dawn iż-żewġ knejjes kienu biswit il-knisja ta' Sant'Andrija. Huwa semma wkoll knejjes żgħar oħrajn li kienu fil-limiti tar-raħal. Dawn kienu l-knisja ta' San Nikola, il-Knisja ta' Marija Assunta, il-Knisja tat-Twelid tal-Madonna magħrufa bħala "ta' Buttigieg" li kellha wkoll knisja oħra tmiss magħha ddedikata lil Marija Assunta, u l-knisja ta' San Ġiljan.

Minn barra dawn jissemmew ukoll diversi knejjes rurali oħrajn mifruxa fil-kampanja bejn l-irħula ta' *Casal Luca*, Gudja u Tarxien. Jissemmew għaxar knejjes oħrajn li wħud minnhom spiċċaw għalkollox u ftit li xejn nafu tagħrif dwarhom.

F'kapitlu ieħor f'dan il-ktieb huwa jagħti deskrizzjoni ddettaljata tal-Knisja prinċipali ta' *Casal Luca*. Dan seta' jagħmlu mill-kitba tar-rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel fil-knisja Monsn. Pietro Duzzina fis-sena 1575.

Huwa jsemmi li t-twaqqif tal-parroċċa meta din inqatet minn mal-Matriċi ta' Bir Miftuħ nhar il-15 ta' Mejju 1634, il-bini tal-knisja mill-ġdid fis-sena 1650 bil-ħidma tal-poplu tar-raħal immexxi mill-Kappillan Agostino Cassia u d-Data tal-Konsagrazzjoni tal-knisja waqt ċerimonja li tmexxiet mill-Isqof Vincenzo Labini nhar is-7 ta' Diċembru 1783.

Jissemmew f'dan ir-rapport l-għaxar artali li kien fiha l-knisja u l-kwadru titulari xogħol tal-artist Mattia Preti. Jissemmew ukoll il-Fratellanza taċ-Ċintura mwaqqfa fis-sena 1719.

Permezz ta' din il-kitba li nsibu f'dan ir-rapport tal-Vista Pastorali ta' Mons. Pietro Duzzina tas-sena 1575 nafu kemm kienet minn dejjem għal qalb il-Ħalluqin din il-Knisja ddedikata lil Patrun tar-raħal Sant'Andrija.




# Sant'Andrija u s-Salib

**Bertram Portelli**
*Superjur – MUSEUM Ħal Luqa*

Il-qaddisin huma nies bħalna li għexu f'din l-istess dinja tagħna u b'ħajjithom urew imħabba kbira lejn Alla, tant li wħud minnhom bħal Sant'Andrija, saħansitra ħallew ħajjithom biex ma jiċħdux l-imħabba tagħhom lejn Ġesù. Il-Knisja tippreżentalna lill-qaddisin biex filwaqt li nfaħħru lil Alla ta' dak kollu li għamel mal-qaddis li nkunu qegħdin infaħħru, fl-istess waqt inħarsu lejn il-qaddis u nħalluh iħeġġiġna biex aħna wkoll inħobb lil Ġesù kemm nistgħu.



F'kull xbieha li nilmħu tal-qaddis patrun Sant'Andrija, nagħrfuh mid-distintiv tiegħu: is-salib f'forma ta' X. U allura nistħajjel lil Sant'Andrija, huwa u jżomm is-salib - filwaqt li ħarstu hija mitfugħa lejn is-sema pajjiżna - jitlob lil Alla biex aħna jkollna l-qawwa u l-kuraġġ li bħalu nerfgħu s-slaleb li jkollna f'ħajjitna. Min f'ħajtu għandu kollox ward u żahar? Ħadd. Kulħadd ikollu jitħabat biex iġorr is-salib tiegħu. Ħafna drabi wkoll, lanqas mhuwa faċli li ġġib ruħek ta' Nisrani kull fejn tkun u għalhekk ikollok tbati xi ftit biex tibqa' tagħmel it-tajjeb speċjalment meta tara lil dawk ta' madwarek qed jagħmlu għażliet li taf li mhumiex skont dak li jixtieq Ġesù. Il-patrun tagħna Sant'Andrija żgur li jgħinna f'din it-triq.

San Ġorġ Preca, fil-ktieb tiegħu *Is-Sinagoga l-Ġdida*, jistħajjel lil Sant'Andrija qed ikellem lilna llum u jgħidilna hekk: "Aħwa tiegħi, għalxejn iġġibu l-isem ta' Nsara jekk ma timxux wara Ġesù bis-salib fuq spallejkom. Għalxejn tittamaw li jkollkom sehem fil-glorja tiegħu u f'saltnatu jekk ma tgħaddux mit-triq tas-salib. Ma hemm ebda triq oħra li tieħu għas-sema ħlief dik li minnha għadda Kristu. Hu ħalla salibu

b’wirt lill-magħżulin tiegħu. Ħadd ma jista’ jirrifjuta s-salib bla ma jirrifjuta fl-istess ħin is-sema.”



Sant’Andrija wasal fil-glorja tas-sema għax qabel ġarr is-salib. Aħna m’aħniex se nġorru salib tal-injam bħal Sant’Andrija imma dan il-qaddis:

- iħeġġiġna biex bħalu ma nibżgħux mill-piż li jkollna nerfgħu fil-ħajja tagħna;
- jagħmlilna l-kuraġġ biex bħalu ma nibżgħux nibqgħu ngħidu iva għat-tajjeb u le għall-ħażin, anki jekk xi kultant din l-għażla tagħmilna skomdi;
- jinkoraġġina biex lil Ġesù nibqgħu npoġġuh fl-ewwel post f’ħajjitna anki jekk dan ifisser li jkollna niċċaħħdu xi ftit minn affarijiet oħra.

Ejjew f’din il-festa għażiża ta’ Sant’Andrija, nitfgħu ħarsitna lejn Andrija u nitolbuh bil-ħerqa:

Sant’Andrija, inti li tajt ħajtek għal Kristu u kont l-ewwel wieħed li aċċettajt is-sejħa tiegħu biex timxi warajh, kebbes lill-qlub tagħna bl-imħabba lejn l-Imgħallem wieħed tagħna Ġesù. Agħtina l-kuraġġ biex bħalek, ma nistħux nuru li aħna Nsara għax bħalek nixtiequ nħobbu lil Ġesù u ngħixu ħajjitna skont kif jixtieqna hu. Andrija, kun mal-morda u ma’ dawk kollha li jinsabu għaddejjin minn mumenti ta’ tbatija. Fakkarhom li wara l-martirju u t-tbatija tas-salib hemm dejjem il-glorja tal-Ġenna għal dawk li jqiegħdu t-tama tagħhom f’Alla. Sant’Andrija Appostlu, itlob għalina.




# L-Arti Sagra fil-Knisja Parrokkjali Tagħna

**Patrick Muxi**

Dan l-artiklu se jitratta ftit fuq l-arti sagra li nsibu fil-knisja parrokkjali tagħna, dik li hi ddedikata lill-Ewwel Appostlu u Dixxiplu ta' Sidna Ġesù Kristu, Sant'Andrija. Hekk malli tirfes l-għatba ta' dan il-maqdes, l-imkejjen siekta jkellmuk. Biex ikellmuk? It-tweġiba hija sempliċi – ikellmuk b'espressjonijiet, bil-kuluri, bis-sbuħija u bl-istorja. Dawn juru kemm missirijietna kienu jgħożżu u jħobbu t-tempju tagħna.

Wieħed malajr jinfluwenza ruħu bil-pittura ta' Giuseppe Calì. Min kien dan Calì? X'għamel? X'ħadem għall-knisja ta' Ħal Luqa? Giuseppe Calì twieled il-Belt Valletta fl-14 t'Awwissu 1895, iben Raffaele, artist u mużiċista u Giovanna née Padiglione. Ġie mgħammed fil-Knisja Bażilika tal-Portu Salvu l-Belt Valletta. Fis-sena 1872 iżżewweġ lil Perennia née Pace mill-Isla u kellhom għaxart itfal. Fl-età tenera ta' 17-il sena, bi spejjeż ta' Guliem Eynaud, mar jistudja l-arti fl-Akkademja di Belli Arti ġewwa Napli. Studja n-neoklassiku ma' Giuseppe Macinicelli.

L-ewwel xogħol kbir ta' Calì kien *Il-Mewt ta' Dragut*, li llum jinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti. Calì kien inċiżur, minjaturista, u ritrattista. Giuseppe miet fid-dar tiegħu Numru 9, Triq Sant'Andrija, il-Belt Valletta u huwa midfun fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Il-pitturi ta' Calì fil-knisja parrokkjali tagħna jinkludu l-kwadru kbir tal-Madonna tar-Rużarju li tpitter fis-sena 1916. Xogħol ieħor interessanti u romantiku huwa dak tal-altar tan-Natività. Dan l-altar oriġinarjament kien magħruf bħala ta' San Ġużepp. F'dan l-inkwadru nsibu x-xena tan-natività. Interessanti wkoll li f'dan l-inkwadru li tpitter fis-sena 1908 insibu it-tifla tal-pittur li kien jisimha Margaret.




Jekk nibqgħu taħt l-istess navi nsibu pittura oħra, dik ta' San Mikiel Arkanġlu. Din saret fis-sena 1906. Hawn naraw l-Arkanġlu jissielet kontra l-qawwa tal-ħażen. Hawnhekk il-Calì b'inkejja niżżel l-ismijiet tal-għedewwa tiegħu fuq denb ix-xitan. Dawn kienu nies ta' skola li ma ħamlux lill-pittur –

Mons. Pullicino, in-Nutar Zammit u Dott. Muscat. Tant hu hekk li Calì kien jirreferi għall-Monsinjur bħala '*il mio nemico Pullicino*'. Repplika ta' dan l-inkwadru, tal-istess artist jinsab fil-Fontana, Għawdex, fil-knisja ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù u Sant'Andrija.

Jekk naqsmu ġon-navi l-oħra nsibu issa l-inkwadru ta' San Duminku. Qabel dan kien hemm ieħor ta' Mattia Preti, li ma nafux x'sar minnu. Fuq dan l-inkwadru kien hemm il-Missier Etern ta' Preti wkoll, li llum narawh fil-glorja tiegħu wara intervent f'waqtu u li jinsab espost fis-Sagristija. Dan l-inkwadru ta' Calì tpitter fis-sena 1908. Naraw li San Duminku qed jeqred il-kotba tal-Albigizi, filwaqt dak tal-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu merfugħ fuq fjamma tan-nar. Fl-istess navata nsibu l-inkwadru tal-Qalb tal-Ġesù, iżda llum ma narawx ta' Calì, għax dan kien iċċarrat dakinhar tal-attakk tad-9 ta' April tal-1942. Ix-xogħol ta' Calì kien tpitter fis-sena 1908.



Barra minn hekk, Calì pitter ukoll għadd ta' kwadretti ovali li huma: San Spiridjun, San Franġisk t'Assisi, Santa Katarina u San Pawl.

Pittur ieħor li nsibu fil-knisja tagħna huwa Enrico Regnaud li twieled fis-sena 1692 u miet fl-1764, iżda ma tantx għandna tagħrif dwaru. Dan il-pittur kompla d-dekorazzjoni tas-saqaf tal-Knisja tal-Vitorja l-Belt, fejn kien kompla wara li bdieh Alessio Erardi (1669-1727). Fis-sena 1730 iżżewweġ lil Grazuilla Azzopardi, mara sinjura Żebbuġija. Sas-sena 1754 insibuh jgħix fil-limiti tal-Parroċċa tal-Portu Salvu l-Belt. Huwa miet fis-sena 1764. Fil-knisja ta' Ħal Luqa nsibu x-xogħol tiegħu f'wieħed mill-kappelluni, propjament fuq l-altar tal-Madonna taċ-Ċintura. Fis-sena 1712 kien hemm il-kwadru l-antik ta' Dun Ġwann Luqa Tonna, li kien ħallas l-ispejjeż tal-inkwadru, u li kien tal-Ispirtu Santu. Meta sar il-ġdid, dan sar bil-patt li jdaħħlulu fih ix-xbieha tat-Trinità, Santu Rokku u San Franġisk de Paula.

Resqin lejn is-seklu għoxrin, hawn tfaċċa l-pittur u restawratur Oscar Tesa. Oscar twieled fl-10 ta' Lulju 1909. Barra li kien pittur, kien ukoll inċiżur u restawratur. Kien magħruf kemm Malta kif ukoll barra. Studja l-arti f'Reggia Accademia di Belle Arte f'Ruma taħt Coromaldi, Battiglia, Anile, D'Acciardi u Rottella. Wara erba' snin sar magħruf mill-klassi soċjali ta' Ruma. Aktar tard huwa żżewweġ lil Mercedes D'Eltore Scavali Vecchia, li kienet in-neputija tal-Papa Piju XIII. Għallem l-istorja tal-arti fil-kulleġġ San Leone Mango. F'qasam f'Germano hemm triq imsemmija għalih. Oscar ħalla t-timbru tiegħu fuq l-inkwadru titulari fis-sena 1955, kif ukoll fuq l-inkwatri ta' Calì, dawk tat-Twelid, ta' San Mikiel u San Duminku.

Pittur ieħor huwa Emvin Cremona. Emvin twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' Mejju 1919. Cremona studja fl-iskola tal-arti tal-gvern, l-Imsida, Regia Accademia di Belle Arte f'Ruma, f'Londra u fl-Ecole Superieur des Beaux Artas ta' Parigi. Kien għalliem fl-iskola tal-arti tal-gvern. Fis-sena 1970 il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa ta' Malta ippreżenta biċċa xogħol ta' Cremona lir-Reġina Eliżabetta II, u f'dik is-sena ddisinja l-padiljun ta' Malta għall-Expo 70 Fonsaka fil-Ġappun. Inħatar kavallier tal-Ordni Pontifiċju ta'

San Silvestru, u ingħata midalja tad-deheb mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ għall-mertu artistiku tiegħu. Kien disinjatur tal-bolli postali bejn is-snin 1957-1979. Emvin miet fid-29 ta' Jannar 1987. Emvin beda x-xogħol tiegħu fil-knisja ta' Ħal Luqa fis-sena 1955, meta beda jaħdem fuq żewġ inkwadri fil-kor. Wieħed juri l-Adorazzjoni tas-Salib tal-Martirju u l-ieħor juri d-Difna ta' Sant'Andrija. Dawn kienu żżanżnu fis-sena 1970, u tħallsu mill-benefattur Ġużeppi Galea. Nibqgħu fil-kor u naraw ukoll lill-Appostli Pietru u Pawlu, li ħallsu għalihom il-benefatturi Karmnu Azzopardi u Salvina Mamo.

Ix-xogħol li jmiss nitkellmu fuqu huwa dak tal-Qalb ta' Ġesù li kif diġa għidt kien xogħol ta' Calì. Sfortunatament din il-pittura ċċartet minn nofs f'attakki tad-9 t'April 1942. Ix-xogħol il-ġdid sar mill-pittur Ruman Silvio Galimberti fl-1948. Il-benefattur kien is-Sur Andrea Micallef. Tajjeb li ngħidu wkoll li l-inkwadri tal-altari ta' Sant'Andrija, l-Agunija u tar-Rużarju kienu ttieħdu fil-kunvent tad-Dumnikan ir-Rabat. Dawn it-tlett inkwatri nġabu lura fil-parroċċa fl-24 ta' Ġunju 1945. L-awtur tal-pittura tal-Agunija ma nafux min hu, però din il-pittura fil-fehma tiegħi hija waħda mill-isbaħ li għandna fil-knisja ta' Ħal Luqa. Huwa dnub kbir li ma nafux min pittirha.



Pittur ta' dan iż-żmien, mill-Belt Victoria, li kellu missieru statwarju magħruf, huwa Pawlu Camilleri Cauchi. Pawlu twieled fil-Belt Rabtija ġo Għawdex nhar 2 ta' Diċembru 1940. Iben Augustino Camilleri u Francesca. Pawlu beda l-istudji tiegħu taħt Ġann Battista Conti, Ġużeppi Briffa u Ġużeppi Caruana. Kienet is-sena importanti għal Pawlu, dik tal-1950 meta rċieva d-diploma mill-Press Art School of London. Studja Firenze, f'Perugia, u anke Ruma. Fis-sena 1968 inħatar Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann. Fis-sittinijiet iffokha fuq l-arti sagra u fis-sena 1965 rebaħ il-premju organizzat mill-Kavallieri ta' Malta bit-titlu "L-Assedju l-Kbir 1565" Hu miżżewweġ lil Mary Rose née Bezzina. Illum Pawlu għadu jagħtina xogħlijiet sagri, u anke m'humiex, bħal pajsaġġi u *portraits* li ħafna minnhom qegħdin ġo każini u djar privati. L-ewwel xogħlijiet tiegħu ġol-knisja ta' Ħal Luqa huma San Alwiġi Gonzaga u Sant'Anjeze. Kienu l-fjamma tal-karriera tiegħu meta fis-snin ta' wara tagħna xogħlijiet oħra; it-Tħabbira tal-Anġlu, il-Viżitazzjoni, il-Magħmudija ta' Ġesù u Kristu Rxoxt jiltaqa' mal-Maddalena. Fis-sena 1989 tpittru l-lunetti ta' taħt il-koppla u riċentament Pawlu Camilleri Cauchi pitter il-koppla fis-snin 2010. Bħalissa huwa qiegħed ipitter l-apside tal-kor u s-saqaf tal-kor, xogħol ta' sfida kbira għal dan l-artist.

Biex nagħlaq, filwaqt li nirringrazzja lil min tani dan l-ispazju biex nikteb, għandna napprezzaw u ngħożżu dak li ħallewlna ta' qabilna - lil dan it-tempju – ħalli nkomplu nżejnuh għall-glorja, l-ewwel t'Alla u ta' Sant'Andrija, l-ewwel dixxiplu, predikatur u patrun ta' Ħal Luqa.




# Andrija L-Ewwel Appostlu

**Charles Galea**

Fuq dgħajsa ma' ħuk Pietru,
tlesti x-xbiek għas-sajda kont.
Ġie l-imgħallem ikellimkom,
u miegĦu tlaqtu fil-pront.

Raġel twajjeb u bil-għaqal,
tistad int kont tqatta' l-ħin.
Imxi warajja, qallek Kristu,
Nagħmlek sajjied tal-bnedmin.

Minn hemm inti qattajt ħajtek,
tipprietka l-kelma ta' Ġesù;
Xandarta mad-dinja kollha,
wettaqt dak li qallek hu.

Mill-Prokonslu l-kbir Egea,
għall-mewt ġejt ikkundannat.
Bqajt sal-aħħar nifs ta' ħajtek,
B'fidi soda daqs il-blat.

Greċja, Ċipru, Ukrajna, Russja,
Patras, Amalfi, Rumanija, Prussja.
Int Patrun ta' dal pajjiżi;
Sqallija u Skozja tal-Iskoċċiżi!

Dan għalik ma kienx biżżejjed,
fittixt post fostna l-Maltin.
Mill-ibliet u rħula ta' Malta kollha,
għażilt Ħal Luqa u l-Ħalluqin!

Hekk kif toħroġ minn ġon-niċċa,
aħna niġu nsellmulek,
u flimkien mal-BANDA L-UNJONI,
l-Innu tiegħek indoqqulek.

Kbir Appostlu Sant'Andrija,
aħna lilek hekk nafuk.
Ħares fuqna u berikna,
għax int taf kemm inħobbuk.








***Il-Filarmonika L-Unjoni tingħaqad u tifraħ mal-Luqa St Andrew's FC hekk kif ġew promossi għat-Tieni Diviżjoni***











# Luqa Saint Andrew’s FC

## *Promossi għat-Tieni Diviżjoni*

L-istaġun 2016/17 jista’ jitqies bħala staġun memorabbli mhux għall-klabb kollu, nursery u kbar, imma wkoll għar-raħal kollu ta’ Ħal Luqa u għal dawk kollha li b’xi mod involuti mal-klabb maħbub tagħna. U dan ngħiduh għax kienet sena sabiħa fejn rajna għaqda sħiħa bejn kulħadd involut. Meta kulħadd jiġbed ħabel wieħed, is-suċċessi ma jonqsux!

### Tim tal-kbar

L-ewwel żewġ logħbiet tal-istaġun bdew bi draw ma’ Sta Luċija u telfa mal-Kalkara u mal-ewwel deher li t-taqtiha għall-promozzjoni kellha tkun bejn dawn it-tliet timijiet. Wara t-telfa mal-Kalkara, it-tim tagħna kien messu logħba mal-Imdina li fiha bħal infetħu l-bibien tas-sema b’riżultat impressjonanti ta’ 7-0. Minn hemm rebħa waħda wara l-oħra inkluż rebħa ta’ 4-0 kontra Sta Luċija fit-tieni rawnd sakemm fl-aħħar żewġ logħbiet, rebħa ta’ 2-0 fuq Żurrieq għamlitna matematikament promossi u rebħa ta’ 3-0 fuq Dingli tagħtna t-tieni post. Fl-aħħar logħba tal-istaġun iżżanżan ir-*retro kit*, magħmul għal tal-apposta f’ġieħ il-plejers fil-passat tas-Saints Ħal Luqin.

Nirringrazzjaw liż-żewġ baned Ħalluqin li dejjem sibnihom ta’ għajnuna meta kien hemm bżonn. B’mod partikolari kienet wisq sabiħa l-għodwa tat-30 t’April li għadda li fiha sar marċ ta’ ċelebrazzjoni u daqqew bandisti miż-żewġ baned flimkien.

### Nursery 2016/17

*Under 17’s champions ta’ Sezzjoni D*

In-Nursery ukoll kellha sena ta’ suċċess fejn rajna l-under 17’s tagħna jirbħu s-section f’league li fiha ġejna fl-ewwel post propju fl-aħħar logħba tal-istaġun. Avvanzi notevoli kienu l-ħolqien din is-sena tal-Kategorija ABC (*agility, balance, coordination*) għal tfal ta’ taħt 5 snin u x-xiri tal-apparat għat-training tal-iSmart Goals mill-Olanda, kif użat minn Ajax FC. Novelità oħra din is-sena kienet l-isticker album li fiha inkludejna l-klabb kollu, kemm Nursery u anke tal-kbar. Dan l-album kien suċċess kbir fejn anke ġabuna fuq l-aħbarijiet peress li qatt ma saret f’Malta li l-klabb KOLLU jkun fl-isticker album.

Bl-għajnuna ta’ kulħadd, il-klabb tagħna jkompli jikber u jferraħ lil kull min jipparteċipa magħna.

Viva Sant’Andrija Kbir Appostlu, u nirringrazzjaw lil Sidna Ġesù Kristu ta’ kull ferħ jew tbatija li jogħġbu jqiegħed fuqna!




# Sptar San Vinċenz

*125 sena mill-Inawgurazzjoni Tiegħu*

**Patrick Muxi**

Din is-sena l-Isptar San Vinċenz de Paule qed jiċċelebra 125 sena mill-ftuħ tiegħu. Għaldaqstant f'dan l-artiklu se naraw it-twaqqif tiegħu, l-għan warajh, kemm sewa u l-fatturi għaliex inbena.

Fl-inħawi jgħidulhom *tal-Ingieret* kien hemm xi djar tax-xjuħ. Dan l-isem inbidel fis-sena 1940 u ngħata l-isem għall-qaddis tal-karità, San Vinċenz de Paule. Dan il-post kien jilqa' fih dawk l-anzjani li għal xi raġuni jew oħra ma kienx ikollhom min idur bihom, ikunu invalidi jew inkurabbli.



Kienet is-sena 1862, meta Sir Gaspar LeMerchant kien proġetta dan il-bini, imma il-proġett dam snin biex jara l-bidu tiegħu. Il-pjanta li ntagħżlet kienet dik tal-arkitett Ingliż T. H. Wyatt, minn Londra, u saru bosta pjanti u konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet konċernati. Fost dawn kien hemm Florence Nightingale, infermiera li għexet f'dawn iż-żminijiet. Sir J. A. Linton Simmons alloka l-ewwel somma ta' flus biex jibda x-xogħol minnufih. Fis-sena 1885 tqiegħdet l-ewwel ġebla. L-inġiniera kienu Emanuel Galizia u wara l-arkitetti tal-gvern - Pauson, Schinas u Vassallo. Imma l-aktar bniedem li tħabat għal dan il-proġett kien il-kontrollur tal-karità, Ferdinand Inglott. L-isptar ġie mibni 'l fuq minn Wied Cawsli. Dak iż-żmien ġew imħaddma 1,500 ħaddiem biex inbena dan l-isptar, u l-ispiża laħqet is-somma ta' madwar 60,000 lira. Il-medda tal-art b'għelieqi madwarha ġġib 133,730 jarda kwadra. L-isptar San Vinċenz de Paule kien fih għaxar taqsimiet, kull waħda b'żewġ sulari, dik maskili fuq il-lemin u dik femminili fuq ix-xellug. Fil-parti ċentrali hemm il-parti amministrattiva. Dan l-isptar infetaħ nhar it-3 t'Ottubru 1892, eżattament 125 sena ilu.



Is-sena 1977 kienet importanti, għax f'Ottubru kienu inawgurati erba' swali li ġew irranġati u nfetħu partijiet oħra minn dan l-isptar tal-anzjani. 'Il fuq ta' dan l-isptar insibu sezzjoni speċjali, dik li għandha x'taqsam mal-mard tal-lebbra. Sas-sena 1893, għaddiet liġi biex il-pazjenti milquta jinżammu iżolati. Saċerdot mill-parroċċa ta' Ħal Luqa kien dejjem jassisti lil dawn il-pazjenti fl-aħħar ħinijiet ta' ħajjithom.

It-taqsima tal-irġiel ta' din is-sezzjoni tlestiet fl-1899, filwaqt dik femminili bdiet tintuża fis-sena 1912. Illum din is-sezzjoni għadha l-istess u anke ġiet magħmra b'kappella għal użu tal-infermieri u l-pazjenti. Illum il-ġurnata f'dan il-kumpless insibu ukoll il-grawnd tal-futbol li jagħmel użu minnu t-tim tar-raħal tagħna Luqa St. Andrews FC.

Nhar is-7 ta' Lulju 1910 tbierket il-Knisja ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, mill-Isqof Awżilarju ta' dak iż-żmien. Il-Kappella hija mmexxija mill-patrijiet Kapuċċini u dawn jaqdu dmirhom bil-quddiesa ta' kuljum lill-ħaddiema u l-pazjenti u anke tqarbin fis-swali. Matul is-sena jiġu organizzati għadd ta' festi, fosthom dik tal-Qalb ta' Ġesù, San Bartilmew u l-festi prinċipali tal-Knisja.

Dan l-isptar illum huwa mgħammar bi spiżerija, kċina, *laundry room*, teatru għar-rikreazzjoni, sezzjoni għat-terapija u riċentament infetħet sala ġdida iddedikata lill-Papa Ġwann Pawlu II. Din is-sala hija partikulari għal dawk l-anzjani li jbatu mid-*dimentia*.



*Il-Katidral ta' Sant'Andrija – Vassilyevsky, St Petersburg*




# Sant'Andrija u L-Anġlu

**Gertrude Gerada**

Waslet il-festa tagħna
ta' Sant'Andrija l-Patrun.
aħna bih imkabbrin
u għall-festa magħrufin.

Aħna l-Ħal Luqin
inħobbuk bi mħabba kbira.
għax tagħna l-mexxej
Sant'Andrija tagħna l-feddej.

Għandna wkoll l-Anġlu tagħna
tal-ħolqien imkabbrin bih.
it-tnejn minna maħbubin u ferħanin
Festa nagħmlulhom il-Ħal Luqin.

Lil Sant'Andrija npoġġuh fil-pjazza
fejn il-planċier tagħna
minn hemm jarah kulħadd.
insellmulu bl-innu tagħna.
"Ejjew Ħal Luqin" għax aħna ferħanin
u bih imkabbrin.

Għandna l-anġlu f'nofs il-pjazza
biex żgur jidher minn kullimkien.
intellgħuh fil-għoli nett
u żgur jidher perfett.

Kemm Sant'Andrija u anki l-anġlu
għalihom nagħmlu festa.
nirsistu u nieħdu gost
u wara l-festa nadif inħallu l-post.

L-anġlu għandna sabiħ
iż-żgħażagħ itellgħuh 'il fuq.
Ċapċip kbir ikun hemm.
u bl-innu tagħna tintemm.

Il-każin tagħna m'hawnx bħalu
aħna bih imkabbrin.
fil-festa l-faċċata tixgħel kollha
u ħafna tkun il-folla.

Meta tiġi fil-festa tagħna
ngħidu mhux bi ftaħir.
festa sabiħa nagħmlu lkoll
u dejjem inżommu l-kontroll.

Bl-innu tagħna mkabbrin
indoqquh meta joħroġ il-qaddis fil-ħin.
u nagħmlu briju kbir
ferħ u ċapċip kbir kullimkien.

Il-pjazza bin-nies mimlija
jiġu anke barranin.
kull min jiġi jieħu gost
ma jixtiequx iħallu l-post.

Il-purċissjoni ddur mar-raħal
minn fejn jgħaddi jżejjen triq.
Sant'Andrija qaddis kbir
jixraqlu kbir unur u kull tifħir.

Il-każin dejjem mimli bin-nies
tieħu gost tmur ġo fih.
meraviljuż u famuż
il-każin tal-ajkla nsibuh.

Mela viva l-każin tagħna
planċier mill-isbaħ għandna wkoll.
marċi sbieħ u brijużi bihom imkabbrin
ejjew Ħal Luqin għax ilkoll ferħanin.




# Tislima lil Tusè Mallia

## *Edukatur, Gentlom u Benefattur*

**Raoul Briffa**




Mal-mewt ta' Tusè Mallia, magħruf bħala *santi tal-mużew*, Ħal Luqa tilfet iben dehen tagħha. Kważi kull raġel Ħalluqi għadda minn taħt idejn Tusè Mallia fil-formazzjoni reliġjuża tiegħu. Jgħaddi kemm jgħaddi żmien, kulħadd jibqa' stampat f'moħħu t-tagħlim kreattiv kif kien jgħallem Tusè Mallia. Huwa kien involut kważi tul ħajtu kollha fis-Soċjetà tal-*MUSEUM*. Għal numru ta' snin huwa kien Superjur tal-qasam ta' Ħal Luqa. Wara s-Soċjetà tal-*MUSEUM*, Santi kellu għal qalbu ħafna t-Tempju Andrean. Tusè jitqies bħala wieħed mill-benefatturi u voluntiera kbar li kellu l-maqdes tagħna. Għal numru ta' snin, ta' kull figħodu kien jiftaħ il-knisja, idoqq il-*Pater Noster* u janima l-quddiesa *tal-ewwel*. Il-famuża *Ave Maria* li kien ikanta fl-aħħar tal-Quddiesa tul ix-xahar ta' Ottubru kienet tnissel tbissima fuq il-miġemgħa preżenti għal Quddiesa. Fir-ritornell tal-*Ave Maria* kien idoqq il-qanpiena tas-*Sanctus* li normalment tindaqq mill-abbati, iżda għal Tusè din il-qanpiena kienet issib użu ukoll fl-animazzjoni. Għal numru ta' snin li kont nagħti s-servizz ta' abbati fil-quddiesa tas-sitta ta' filgħodu, sakemm isir il-ħin biex tibda' l-quddiesa kont dejjem nisma' lil Tusè jirrakkonta esperjenzi varji li għadda minnhom tul ħajtu. Fost dawn l-esperjenzi wieħed ma jistax ma jsemmix in-numru ta' snin li dam jaħdem id-*dockyard*. Ta' sittax-il sena għamel l-eżami għal *pipe welder*. Mallia kien jaħdem ġewwa *Dock No. 4* f'Bormla. Iktar tard ipperfezzjona fuq sena importanti ħafna, dik tat-tiswija tal-*propellers* tal-vapuri. Tusè dam jaħdem id-*dockyard* għal erbgħin sena sħaħ sakemm spiċċa bil-penzjoni.

Bħala tifel Tusè esperjenza l-wasla tal-qniepen li għandna fil-kampnari tat-Tempju tagħna. Tusè kellu biss tmien snin. Fil-fatt hu kien iħobb jirrakkonta li mal-wasla tal-qanpiena l-kbira, is-surmast tal-iskola ħareġ lill-istudenti tal-iskola biex jassistu għal din l-okkażjoni hekk speċjali. Meta din il-qanpiena waslet biex tidħol fil-kampnar, kellhom jitnaġru xi knatan malajr għax ma setgħetx tgħaddi!

Fuq esperjenza personali, għadni niftakar meta fis-sajf tal-2006, ġejt magħżul mill-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Karm Camilleri biex nagħmel il-Prietka tal-Milied. Jien



ta’ tifel li kont tgħidx kemm fraħt u l-kappillan kien qalli issa jkelmek Tusè biex tibdew tagħmlu tħejjijiet u l-provi ħalli fil-Milied toħroġ tajba ħafna. Eżatt ġimgħa wara bdejna bil-provi u għall-bidu konna nagħmluhom fil-Mużew tas-Subien fil-klassi ta’ Tusè, jien bilwieqfa fuq bank u hu hemm lest biex jismagħni. Nista’ ngħid li tul dawn l-erba’ xhur li domt nitgħallem il-prietka taħt id-direzzjoni ta’ Tusè kien l-aktar żmien li ħdimt mill-qrib ma’ dan ir-raġel ġentlom u maħbub minn kulħadd.




Tul dawn l-aħħar snin li Tusè naqqas milli jidher fit-toroq Luqin, għamilt mezz li kultant żmien inżuru fir-residenza privata tiegħu u hemmhekk ngħidu kelmtejn. L-aħħar darba li ltqajt miegħu kien fiż-żmien li tant kien għal qalbu, żmien il-Milied. Hemmhekk tkellimna dwar iċ-ċelebrazzjonijiet li kienu ser isiru fil-Parroċċa.

Nhar it-8 ta’ Frar li għadda Tusè Mallia ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Il-komunità Luqija waqgħet f’luttu hekk kif kienet tilfet wieħed mill-pilastri li ħadmu għar-raħal tagħna għal numru kbir ta’ snin. Kien propju nhar il-festa ta’ San Pawl tal-10 ta’ Frar, meta fil-Knisja Parrokkjali tagħna Tusè ingħata tislima mill-isbaħ b’quddiesa *presente catavere*. Il-Funzjoni ġiet immexxija mill-Wisq. Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo, li fl-omelija tiegħu niseġ kliem ta’ tifħir lil dan ir-raġel ta’ eżempju għal ħafna. Membri tas-Soċjetà L-Unjoni ingħaqdu mal-miġemgħa biex jagħtu l-aħħar tislima lil Tusè, waqt li l-arkivista u bandist tal-Filarmonika *L’Unione* Neil Zammit ikkompona marċ funebru b’dedika lil Tusè Mallia u li ndaqq din is-sena mill-Banda tas-Soċjetà tagħna waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

It-tagħlim tant sabiħ li ta lir-raħal tagħna Tusè jibqa’ mnaqqqax fil-qlub tal-Luqin kollha.

Grazzi ta’ kollox *Santi* …is-sliem.




# Obitwarju

## *Membri u Familjari li Ħallewna mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn*



Michelina Zammit
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-13 ta' Lulju 2015
fl-età ta' 89 sena.



Josianne Galea
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fl-1 ta' Ottubru 2015
fl-età ta' 53 sena.



Theresa Cutajar Penza
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-28 ta' Lulju 2016
fl-età ta' 72 sena



Grezz Mamo
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fl-20 t'Awwissu 2016
fl-età ta' 92 sena



Fr Andrew Camilleri
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-8 ta' Settembru 2016
fl-età ta' 69 sena



Nina Sammut
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-13 ta' Settembru
2016
fl-età ta' 70 sena.



Angela Scerri
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-13 t'Ottubru 2016
fl-età ta' 61 sena.



Mary Ann Cassar
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-22 ta' Novembru
2016
fl-età ta' 52 sena



Dorianne Briffa
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-7 ta' Diċembru 2016
fl-età ta' 33.



Maria Saliba Conte
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-18 ta' Diċembru
2016.



Tusè Mallia
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-8 ta' Frar 2017
fl-età ta' 96 sena.



Anthony Pisani
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fl-20 ta' Frar 2017
fl-età ta' 76 sena.



Melita Muscat
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-7 ta' Marzu 2017
fl-età ta' 79 sena.



Saver Darmanin
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fl-14 ta' Mejju 2017
fl-età ta' 77 sena.


Lawrence Cassar ltd.
we specialize in:
Feast lighting and church decorations
Christmas decorations for streets, shops, hotels and more
Lighting and cabling contracts
''Kuntakita'' Angelo Mangion Str, Tarxien
Tel:27891217 Mob:77774673
E-mail:lawrencecassar1@hotmail.com
Now also hiring cherry pickers

Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
90, Palazz Sant'Andrija
Triq Sant'Andrija, Luqa - Malta
Tel: 21 676 583 • www.unionbandmalta.org